



Dokument ta' sessjoni

A9-0221/2022

26.7.2022

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għall-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-
effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
(COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Niels Fuglsang (Riformulazzjoni – Artikolu 110 tar-Regoli ta'
Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirtigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	144
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	149
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S- SIKUREZZA TAL-IKEL	151
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	262
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI	321
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	365
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	366

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)

(COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0558),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0330/2021),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mis-Senat Ċek, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2021¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2022²,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali³,
- wara li kkunsidra l-ittra ta' ... tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 110(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 110 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0221/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-

¹ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 134.

² ĠU C ... / Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu **■**.

⁴ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 134.

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (1) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ ġiet emendata b'mod sostanzjali kemm-il darba⁷. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess ta' ċarezza.
- (2) Permezz tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika⁸, il-Kummissjoni pproponiet li żżid l-ambizzjoni tal-Unjoni billi żżid il-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ("GHG") għal mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Din hija żieda sostanzjali meta mqabbla mal-mira eżistenti ta' 40 %. Il-proposta wettqet l-impenn tal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁹ li jiġi ppreżentat pjan komprensiv biex il-mira tal-Unjoni għall-2030 tiżdied għal 55 % b'mod responsabbli. Hi konformi wkoll mal-oġettivi tal-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi") li ż-żieda fit-temperatura dinjija tinżamm ferm inqas minn 2 °C u jissoktaw l-isforzi biex tinżamm f'1,5 °C.
- (3) F'Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew approva mira vinkolanti tal-Unjoni ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990.¹⁰ Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-ambizzjoni klimatika jeħtieġ tiżdied b'mod li jixpruna tkabbir ekonomiku sostenibbli, joħloq l-impjiegi, jipprovdi benefiċċji tas-saħħa u tal-ambjent għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u jikkontribwixxi għall-kompetittività dinjija fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni billi jippromwovi l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi.
- (4) Biex jimplimenta dawn l-oġettivi, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021¹¹ ħabbar pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030, u tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050. Dan il-pakkett ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, fosthom l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-użu tal-art, il-bidla fl-art u l-forestrija, it-tassazzjoni fuq l-enerġija, il-kondiviżjoni tal-isforzi u l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.
- (4a) *Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" għandu jissalvagwardja u joħloq l-impjiegi fl-Unjoni u jippermetti lill-Unjoni jkollha pożizzjoni dominanti fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa fit-tranżizzjoni enerġetika globali, b'enfasi partikolari fuq soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.***
- (5) Il-projezzjonijiet jindikaw li, jekk issir implimentazzjoni sħiħa tal-politiki attwali, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 ikun madwar 45 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990, jekk jiġu esklużi l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-użu tal-art, u madwar 47 %, jekk dawn jiġu inklużi. Għaldaqstant, il-Pjan dwar il-Mira Klimatika

⁶ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

⁷ Ara l-Anness XV, il-Parti A.

⁸ KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM/2020/562 final.

⁹ KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

¹⁰ <https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf>.

¹¹ KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021 – Unjoni ta' vitalità f'dinja ta' fraġilità, COM/2020/690 final.

għall-2030 jipprevedi sett ta' azzjonijiet meħtieġa fis-setturi kollha tal-ekonomija u reviżjonijiet tal-istrumenti leġislattivi ewlenin biex tintlaħaq din iż-żieda fl-ambizzjoni.

- (6) L-effiċjenza enerġetika hija qasam ewlieni ta' azzjoni, li mingħajru ma tistax tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni sħiħa tal-ekonomija tal-Unjoni¹². Il-ħtieġa li jinħatfu opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv wasslet għall-politika attwali tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika. F'Diċembru 2018, iddaħħlet mira ewlenija ġdida tal-Unjoni tal-effiċjenza enerġetika sal-2030 ta' mill-inqas 32,5 % (meta mqabbla mal-użu tal-enerġija previst fl-2030) bħala parti mill-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha.
- (7) Biex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, il-valutazzjoni tal-impatt meħmuża mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jiżdied b'mod sinifikanti mil-livell attwali ta' ambizzjoni ta' 32,5 %. ***Żieda fl-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 tista' tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija u tkun kruċjali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, akkumpanjata minn żieda u adożzjoni tal-elettrifikazzjoni, l-idroġenu, l-e-fjuwils u teknoloġiji rilevanti oħra meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-settur tat-trasport. Anke bi tkabbir rapidu fil-ġenerazzjoni tal-elettriku ekoloġiku, l-effiċjenza enerġetika tista' tnaqqas il-ħtieġa ta' kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni tal-enerġija. Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika hija importanti ferm ukoll għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni bi tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-fjuwils mill-pajjiżi terzi. L-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-aktar miżuri nodfa u kosteffiċjenti li biha tiġi indirizzata dik id-dipendenza.***
- (8) It-total tal-kontributi nazzjonali kkomunikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) ma jilħaqx il-livell ta' ambizzjoni tal-Unjoni ta' 32,5 %. F'daqqa, il-kontributi jwasslu għal tnaqqis ta' 29,4 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta' 29,7 % għall-konsum tal-enerġija primarja, meta mqabbla mal-projezzjonijiet mix-xenarju ta' referenza tal-2007 għall-2030. Dan jissarraf f'diskrepanza kollettiva ta' 2,8 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija primarja u ta' 3,1 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija finali għall-EU27. ***Fir-rigward taċ-ċifri tal-konsum tal-enerġija primarja u finali għall-2020 u l-kisba tal-mira tal-Unjoni, dawn għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-effetti temporanji tal-miżuri tal-pandemija tal-COVID-19 meħuda fl-2020 li naqqsu b'mod konsiderevoli l-attività ekonomika u t-trasport b'mod partikolari. Il-livelli rrappurtati ta' konsum tal-enerġija primarja u finali għall-2020 jirrikjedu analiżi bir-reqqa.***
- (9) Filwaqt li l-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija għadu qawwi fis-setturi kollha, hemm sfida partikolari relatata mat-trasport għax dan hu responsabbli għal aktar minn 30 % tal-konsum tal-enerġija finali, u relatata mal-bini għax 75 % tal-bini fl-Unjoni għandhom rendiment baxx fl-użu tal-enerġija. Settur li l-importanza tiegħu qed tiżdied maż-żmien hu s-settur tal-ICT (it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni), li hu responsabbli għal 5-9 % tal-użu totali tal-elettriku fid-dinja u għal aktar minn 2 % tal-emissjonijiet kollha. Fl-2018, iċ-ċentri tad-data ammontaw għal 2,7 % tad-domanda

¹² Il-Komunikazzjoni Pjaneta Nadifa għal kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM/2018/773 final), tivvaluta r-rwol tal-effiċjenza enerġetika bħala kundizzjoni *sine qua non* għax-xenarji kollha tad-dekarbonizzazzjoni.

għall-elettriku fl-EU28.¹³ F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni¹⁴ saħqet fuq il-ħtieġa ta' ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, u ta' miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fir-rigward tal-impronta ambjentali tagħhom. Barra minn hekk, għandha titqies ukoll iż-żieda possibbli fid-domanda għall-enerġija tal-industrija li tista' tirriżulta mid-dekarbonizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari għall-proċessi intensivi fl-enerġija.

- (10) Il-livell oġġla ta' ambizzjoni jirrikjedi promozzjoni aktar soda tal-miżuri kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika fl-oqsma kollha tas-sistema tal-enerġija u fis-setturi rilevanti kollha, meta l-attività tkun taffettwa d-domanda għall-enerġija, bħas-setturi tat-trasport, tal-ilma u tal-agrikoltura. Bit-titjib fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-enerġija, inkluż il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, se jgawdi l-ambjent, jitjiebu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija ***bit-tnaqqis tal-ħtieġa tal-importazzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari tal-fjuwils fossili***, jonqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, jitwieżnu l-persuni fil-faqar enerġetiku, u tingħata spinta lill-kompetittività, lill-impjiegi u lill-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk titjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dan jikkonforma mal-impenji tal-Unjoni li saru fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-aġenda dinjija dwar il-klima stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015.
- (10a) ***It-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' diversi setturi, inklużi t-trasport u l-akkomodazzjoni, għandu l-potenzjal li jrawwem ir-riġenerazzjoni urbana, l-impjiegi, it-titjib tal-bini u l-bidliet fix-xejriet tal-mobilità u tal-aċċessibbiltà. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu promossi għażliet aktar effiċjenti, sostenibbli u affordabbli.***
- (11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li għandu jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż fis-settur finanzjarju. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment, ***sakemm dan ma jkunx iwassal għal żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn ukoll ma għandhom ixekklu l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons fin-naħa tad-domanda jkun jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak għandu jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika għandha tkun prijorità wkoll biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

¹³ Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, Final study report, Energy-efficient Cloud Computing Technologies and Policies for an Eco-friendly Cloud Market (Rapport ta' Studju Finali, Teknoloġiji u Politiki ta' Cloud Computing Effiċjenti fl-użu tal-Enerġija għal Suq Cloud Favur l-Ambjent), <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020) 67 final).

- (12) L-effiċjenza enerġetika għandha tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ta' prijorità fid-deċiżjonijiet futuri tal-investment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi applikat filwaqt li jitqiesu qabelxejn l-approċċ tal-effiċjenza tas-sistema u l-perspettiva soċjetali ***u tas-saħħa, filwaqt li tingħata attenzjoni għas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.*** Għaldaqstant, dan għandu jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tas-setturi individwali tal-użu finali u tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. L-applikazzjoni tal-prinċipju għandha tappoġġa wkoll l-investimenti f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali elenkati fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵.
- (13) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ġie definit fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ u jinsab fil-qalba tal-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija¹⁷. Filwaqt li l-prinċipju hu bbażat fuq il-kosteffettività, l-applikazzjoni tiegħu għandha implikazzjonijiet usa' ***mill-perspettiva tas-soċjetà, li għandhom jiġu evalwati bir-reqqa permezz ta' metodoloġiji robusti ta' valutazzjoni tal-kostbenefiċċji li jqisu l-benefiċċji multipli tal-effiċjenza enerġetika.*** Il-Kummissjoni ħejjiet linji gwida apposta għall-operazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju, billi pproponiet għodod speċifiċi u eżempji ta' applikazzjoni f'diversi setturi. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll rakkomandazzjoni lill-Istati Membri li tibni fuq ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u titlob azzjonijiet speċifiċi b'rabta mal-applikazzjoni tal-prinċipju. ***L-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ dik ir-rakkomandazzjoni u jkunu ggwidati minnha fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika fil-prattika.***
- (13a) ***Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jimplika l-adozzjoni ta' approċċ olistiku, li jqis l-effiċjenza kumplessiva tas-sistema tal-enerġija integrata, is-sigurtà tal-provvista u l-kosteffettività u jipromwovi l-aktar soluzzjonijiet effiċjenti għan-newtralità klimatika fil-katina totali tal-valur, mill-produzzjoni tal-enerġija u t-trasport tan-network sal-konsum tal-enerġija finali, sabiex jinkisbu effiċjenzi kemm fil-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll f'dik finali. Dak l-approċċ għandu jqis il-prestazzjoni tas-sistema u l-użu dinamiku tal-enerġija, fejn ir-riżorsi orjentati lejn id-domanda u l-flessibilità tas-sistema huma kkunsidrati bħala soluzzjonijiet ta' effiċjenza. Fl-istess ħin, il-prinċipju jista' jiġi applikat ukoll f'livell aktar baxx ta' assi meta għandha tiġi identifikata l-prestazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' soluzzjonijiet speċifiċi u s-soluzzjonijiet jiġu adattati biex jiffavorixxu dawk b'effiċjenza ogħla fejn jirrappreżentaw ukoll perkors ta' dekarbonizzazzjoni kosteffettiv.***
- (14) Biex jitħalla impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ***nazzjonali, reġjonali, lokali u settorjali fix-xenarji u d-deċiżjonijiet*** ta' politika, tal-ippjanar u ta' investment

¹⁵ ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill PE/55/2018/REV/1, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1-77.

¹⁷ Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija, COM(2020) 299 final.

ewlenin **rilevanti kollha** – jiġifieri l-investimenti fuq skala kbira b'valur aktar minn EUR 50 miljun kull wieħed jew EUR 75 miljun għall-proġetti infrastrutturali tat-trasport – li jaffettwaw il-konsum, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin jew il-provvista tal-enerġija. Għal applikazzjoni tajba tal-prinċipju jeħtieġ tintuża l-metodoloġija korretta tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, u jsir monitoraġġ xieraq. **L-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha dejjem tkun ibbażata fuq l-aktar informazzjoni aġġornata dwar il-prezzijiet tal-enerġija u tinkludi xenarji għal prezzijiet li qed jogħlew, bħal minħabba tnaqqis fil-kwoti tal-ETS, sabiex jiġi pprovdut inċentiv biex jiġu applikati miżuri tal-effiċjenza enerġetika, u għandhom ikunu żviluppati, imwettqa u magħmula disponibbli għall-pubbliku b'mod sistematiku. Għandha tingħata prijorità lis-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda fejn ikunu aktar kosteffettivi mill-investimenti fl-infrastruttura tal-provvista tal-enerġija biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika.** Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tista' ġġib benefiċċji **usa' fil-qasam ekonomiku, ambjentali u soċjetali** għall-konsumaturi u **għall-komunitajiet lokali**, u tista' żżid l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija, pereżempju billi tnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-sistema biex jorħsu t-tariffi għall-konsumaturi kollha. L-Istati Membri għandhom iqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u meta rilevanti jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda **kemm fil-livell ċentralizzat kif ukoll deċentralizzat**, il-ħżin tal-enerġija, u soluzzjonijiet intelliġenti bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

- (15) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi applikat dejjem b'mod proporzjonali, u r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma għandhomx jinvolvu obbligi sovrapposti jew kunfliġġenti fuq l-Istati Membri, meta l-applikazzjoni tal-prinċipju tkun żgurata direttament b'leġiżlazzjoni oħra. Dan jaf ikun il-każ għall-proġetti ta' interess komuni inklużi fil-lista tal-Unjoni skont ***l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹⁸, li jintroduċi r-rekwiżiti biex il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jitqies qabelxejn fl-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' dawk il-proġetti.
- (16) Tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-faqar enerġetiku hu kunċett ewlieni konsolidat fil-pakkett leġiżlattiv intitolat "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha", li tfassal biex jiffaċilita tranżizzjoni enerġetika ġusta. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, il-Kummissjoni pprovdiet gwida indikattiva dwar indikaturi xierqa għall-kejl tal-faqar enerġetiku u li jiddefinixxu x'inhu "għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku".²⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/944 u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ jirrikjedu li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku kull meta dan jiġi identifikat, inkluż miżuri li jindirizzaw il-kuntest usa' tal-

¹⁸ ***Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).***

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

²⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku C(2020) 9600 final.

²¹ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

faqar. *Dan huwa partikolarment rilevanti f'kuntest ta' prezizzjiet tal-enerġija li qed jogħlew u pressjoni inflazzjonarja, fejn għandhom jiġu implimentati miżuri kemm għal żmien qasir kif ukoll fit-tul biex jindirizzaw sfidi sistemiċi għas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.*

- (17) L-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, *kif ukoll l-SMEs u l-mikrointrapriżi*, għandhom jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi, *u* jew biex jittaffa l-faqar enerġetiku *u ma għandhomx jinkoraġġixxu kwalunkwe żieda sproporzjonata fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni, tal-mobilità jew tal-enerġija*. Għal approċċ ħolistiku fit-fassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.
- (18) Din id-Direttiva hi parti minn qafas ta' politika usa' tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jindirizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika f'oqsma ta' politika speċifiċi, fosthom il-bini (id-Direttiva 2010/31/KE²²), il-prodotti (id-Direttiva 2009/125/KE, ir-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740²³) u l-mekkaniżmu ta' governanza (ir-Regolament (UE) 2018/1999). Dawn il-politiki jaqdu rwol importanti ħafna fil-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meta l-prodotti jiġu sostitwiti jew meta l-bini jinbena jew jiġi rinnovat²⁴.
- (19) Biex tintlaħaq mira ambizzjuża tal-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jitneħħew l-ostakli biex jiġi ffaċilitat l-investment fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Is-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa se jalloka finanzjament biex jappoġġa l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi Ewropej fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika b'mod li jindirizza l-ostakli komportamentali, tas-suq u regulatorji għall-effiċjenza enerġetika.
- (20) Il-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014 appoġġa l-mira ta' 27 % tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 fil-livell tal-Unjoni, li riedet tiġi riveduta sal-2020 b'kunsiderazzjoni tal-mira ta' 30 % fil-livell tal-Unjoni. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija", il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta, addizzjonalment, il-vijabbiltà ta' mira ta' 40 % tal-effiċjenza enerġetika għall-istess perjodu taż-żmien.
- (21) Hu previst li l-mira ta' 32,5 % tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 u l-istrumenti ta' politika l-oħra tal-qafas eżistenti jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' madwar 45 % sal-2030.²⁵ Għal żieda fl-ambizzjoni klimatika oġġla ta'

²² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

²³ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija; ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija; u r-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra rispettivament.

²⁴ Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-rieżamijiet tal-prodotti skont il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2020-2024 u l-Pjan ta' Azzjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni", flimkien mar-rieżami tal-EPBD, se jagħtu kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tal-iffrankar tal-enerġija għall-2030.

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u

tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 ivvalutat liema livell ta' sforzi jkun meħtieġ fl-oqsma ta' politika differenti. Din tikkonkludi li, fir-rigward tax-xenarju bażi, għal kiswa kostottimali tal-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konsum tal-enerġija finali u primarja jrid jonqos b'mill-inqas 36-37 % u 39-41 % rispettivament.

- (22) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 bħala xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika . Il-mod ġdid kif jiġi espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ .
- (23) Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija finali u primarja hija allinjata mal-metodoloġija l-ġdida tal-Eurostat, iżda l-indikaturi użati għall-fini ta' din id-Direttiva għandhom kamp ta' applikazzjoni differenti – jiġifieri jeskludu s-sħana ambjentali u jinkludu l-konsum tal-enerġija fl-avjazzjoni internazzjonali għall-mira fil-konsum tal-enerġija finali. L-użu tal-indikaturi l-ġodda jimplika wkoll li kull bidla fil-konsum tal-enerġija tal-kalkari tal-blast issa hi riflessa biss fil-konsum tal-enerġija primarja.
- (24) Il-ħtieġa li l-Unjoni żżid l-effiċjenza enerġetika tagħha għandha tiġi espressa fil-konsum tal-enerġija primarja u finali, li jrid jinkiseb fl-2030, b'indikazzjoni tal-livell ta' sforzi addizzjonali meħtieġ meta mqabbel mal-miżuri fis-seħħ jew ippjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Ix-Xenarju ta' Referenza tal-2020 jipprojetta 864 Mtoe ta' konsum tal-enerġija finali u 1124 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja li jrid jintlaħaq fl-2030 (minbarra s-sħana ambjentali u inkluż l-avjazzjoni internazzjonali). Tnaqqis addizzjonali ta' **14,5 %** jwassal għal **740 Mtoe** u **960 Mtoe** fl-2030 rispettivament. **Dan jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 40 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta' 42,5 % għall-konsum tal-enerġija primarja rispettivament, meta mqabbla mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030.** Ma hemm l-ebda mira vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri **biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika** għall-2020. **Għall-mira tal-2030, il-kontributi nazzjonali għandhom ikunu vinkolanti**, u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kontributi tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni **skont il-formula** prevista f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jistabbilixxu l-oġettivi nazzjonali tagħhom abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew finali jew tal-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew abbażi tal-intensità tal-enerġija. Din id-Direttiva temenda l-mod kif l-Istati Membri għandhom jesprimu l-kontributi nazzjonali **vinkolanti** tagħhom għall-mira **vinkolanti** tal-Unjoni. Il-kontributi **vinkolanti** tal-Istati Membri għall-mira tal-Unjoni għandhom jiġu espressi fil-konsum tal-enerġija finali u primarja biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-monitoraġġ tal-progress. Evalwazzjoni

Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment – Pjaneta Nadifa għal Kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018) 773 final).

regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija meħtieġ u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999.

- (25) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika għandha tintlaħaq bħala riżultat tal-implimentazzjoni kumulattiva ta' miżuri **lokali, reġjonali**, nazzjonali u Ewropej speċifiċi li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika f'oqsma differenti. L-Istati Membri għandhom jintalbu jistabbilixxu politiki u miżuri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika. Dawn il-politiki u l-miżuri u l-isforzi individwali ta' kull Stat Membru għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni, flimkien ma' data dwar il-progress li jkun sar, biex tkun ivvalutata l-probabbiltà li tintlaħaq il-mira kumplessiva tal-Unjoni u sa fejn l-isforzi individwali huma biżżejjed biex tintlaħaq il-mira komuni.
- (26) Is-settur pubbliku hu responsabbli għal madwar 5 sa 10 % tal-konsum tal-enerġija finali totali tal-Unjoni. L-awtoritajiet pubbliċi jonfqu madwar EUR 1,8 triljun fis-sena. Dan jirrappreżenta madwar 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, is-settur pubbliku huwa xprunatur importanti biex tiġi stimolata t-trasformazzjoni tas-swieq lejn prodotti, bini u servizzi aktar effiċjenti, kif ukoll biex jingħata bidu għal bidliet komportamentali fil-konsum tal-enerġija miċ-ċittadini u mill-intrapriżi. Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika jistgħu jagħmlu disponibbli riżorsi pubbliċi għal finijiet oħra. Il-korpi pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jaqdu rwol eżemplari fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika.
- (27) Biex imexxi bl-eżempju, is-settur pubbliku għandu jistabbilixxi l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika tiegħu stess. It-tiġib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku għandu jirrifletti l-isforzi meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. ■ Obbligu li jinkiseb tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija fis-settur pubbliku b'mill-inqas 2 % għandu jiżgura li s-settur pubbliku jaqdi r-rwol eżemplari tiegħu. L-Istati Membri jibqqa' jkollhom flessibbiltà sħiħa rigward l-għażla tal-miżuri biex itejbju l-effiċjenza enerġetika ħalli jiksibu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali. Ir-rekwiżit ta' tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija finali għandu piż amministrattiv iżgħar mill-istabbiliment ta' metodi tal-kejl għall-iffrankar tal-enerġija.
- (28) Biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri għall-konsum tal-enerġija finali tas-servizzi pubbliċi u l-installazzjonijiet kollha tal-korpi pubbliċi. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-destinatarji, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-definizzjoni ta' awtoritajiet kontraenti prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶. L-obbligu jista' jiġi ssodisfat bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali fi kwalunkwe qasam tas-settur pubbliku, inkluż it-trasport, il-bini pubbliku, il-kura tas-saħħa, l-ippjanar spazjali, il-ġestjoni tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, it-tiħin u t-tkessiħ distrettwali, id-distribuzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-ħżin, it-tidwil pubbliku, l-ippjanar tal-infrastruttura. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-korpi pubbliċi, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjattaformi diġitali jew għodod biex jiġbru d-data tal-konsum aggregat mingħand il-korpi pubbliċi, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, u jirrapportaw id-data lill-Kummissjoni.
- (29) L-Istati Membri għandhom jaqdu rwol eżemplari billi jiżguraw li l-kuntratti kollha tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, ***l-awditjar tal-enerġija*** u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija

²⁶ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94 28.3.2014, p. 65.

jittwettqu fis-settur pubbliku f'konformità mal-istandards Ewropej jew internazzjonali, jew li l-awditjar tal-enerġija jintuża fil-biċċa l-kbira fil-partijiet intensivi fl-enerġija tas-settur pubbliku. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu gwida u proċeduri ċari għall-użu ta' dawk l-istrumenti.***

- (30) L-awtoritajiet pubbliċi huma mħeġġa jiksbu l-appoġġ ta' entitajiet bħal aġenziji tal-enerġija sostenibbli, meta applikabbli stabbiliti fil-livell reġjonali jew lokali. L-organizzazzjoni ta' dawk l-aġenziji normalment tkun tirrifletti l-ħtiġijiet individwali tal-awtoritajiet pubbliċi f'ċertu reġjun jew li joperaw f'ċertu qasam tas-settur pubbliku. L-aġenziji ċentralizzati jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet aħjar u jaħdmu b'mod aktar effettiv f'aspetti oħra, bħal pereżempju, fi Stati Membri iżgħar jew ċentralizzati jew fir-rigward ta' aspetti kumplessi jew transreġjonali bħat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli jistgħu jservu bħala punti uniċi ta' servizz skont l-Artikolu 21. Dawk l-aġenziji spiss ikunu responsabbli għall-iżvilupp ta' pjanijiet lokali jew reġjonali tad-dekarbonizzazzjoni, li jistgħu jinkludu wkoll miżuri oħra tad-dekarbonizzazzjoni, bħall-iskambju ta' bojlers tal-fjuwils fossili, u biex jappoġġaw lill-awtoritajiet pubbliċi fl-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-enerġija. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli jew entitajiet oħra li jassistu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jaf ikollhom kompetenzi, objettivi u riżorsi ċari fil-qasam tal-enerġija sostenibbli. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli jistgħu jitħeġġu jikkunsidraw inizjattivi meħuda fil-qafas tal-Patt tas-Sindki, li jiġbor flimkien il-gvernijiet lokali impenjati b'mod volontarju fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, u inizjattivi eżistenti oħra għal dan il-għan. Il-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni għandhom ikunu marbuta ma' pjanijiet tal-iżvilupp territorjali u jqisu l-valutazzjoni komprensiva li għandhom iwettqu l-Istati Membri.
- (31) L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-korpi pubbliċi fl-ippjanar u fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi jipprovdu ***appoġġ finanzjarju u tekniku u jissottomettu pjanijiet li jindirizzaw in-nuqqas tal-forza tax-xogħol u professjonisti kwalifikati meħtieġa għall-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi nies tas-sengħa kif ukoll esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta' ħilet, xjenzati applikati u innovaturi. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-korpi pubbliċi jqisu l-benefiċċji usa' lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħall-kwalità mtejba tal-arja ta' ġewwa u ambjent ta' ġewwa aktar b'saħħtu kif ukoll it-tiġib tal-kwalità tal-ħajja tan-nies, b'mod partikolari għall-iskejjel, iċ-ċentri għall-kura ta' matul il-jum, id-djar tal-kura, l-akkomodazzjoni protetta u l-isptarijiet. L-Istati Membri għandhom jipprovdu linji gwida li jippromwovu l-bini tal-kompetenzi u l-opportunitajiet tat-taħriġ u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ċentri ta' kompetenza nazzjonali u reġjonali*** dwar kwistjonijiet kumplessi, bħall-konsulenza lill-aġenziji lokali jew reġjonali tal-enerġija dwar it-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali.
- (31a) ***F'sitwazzjoni ta' kriżi tas-sigurtà tal-enerġija u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jiġu pprovvuti b'inċentivi biex jintroduċu investimenti minn qabel fl-iffrankar tal-enerġija. Għal dak il-għan, l-Istati Membri li jirrinovaw aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tagħhom fi kwalunkwe sena partikolari matul il-perjodu 2024-2026 għandhom jingħataw il-possibbiltà li jgħoddu s-surplus mar-rata ta' rinnovazzjoni annwali ta' kwalunkwe waħda mit-tliet snin ta' wara. Stat Membru li jirrinova aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tiegħu mill-1 ta' Jannar 2027 jista' jgħodd is-surplus mar-rata ta' rinnovazzjoni annwali tas-***

sentejn ta' wara. Dik il-possibbiltà ma għandhiex tintuża għal skopijiet li mhumiex konformi mal-objettivi ġenerali u l-livell ta' ambizzjoni ta' din id-Direttiva.

- (32) Il-bini u t-trasport huma, flimkien mal-industrija, l-utenti ewlenin tal-enerġija u s-sors ewlieni tal-emissjonijiet.²⁷ Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u għal 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha mill-enerġija.²⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Mewġa ta' Rinnovazzjoni"²⁹ tindirizza l-isfida doppja tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u l-affordabbiltà fis-settur tal-bini u għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni. Din tiffoka fuq il-bini bl-aġġar rendiment fl-użu tal-enerġija, fuq il-faqar enerġetiku u fuq il-bini pubbliku. Barra minn hekk, il-bini huwa kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi, **u l-bini li jipprovdi servizzi ta' interess ġenerali, bħall-edukazzjoni (bħal ċentri għall-kura ta' matul il-jum, skejjel u universitajiet), is-saħħa (bħal sptarjiet u djar tal-kura għall-anzjani) u s-servizzi soċjali (bħal ċentri komunitarji li jaqdu liż-żgħażaġh, l-anzjani u l-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx), jew l-akkomodazzjoni soċjali**, jammonta għal sehem konsiderevoli mill-istokk tal-bini u għandu viżibbiltà kbira fil-ħajja pubblika. Għalhekk jixraq tiġi f'fissata rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi **u bini għal skopijiet soċjali** fit-territorju ta' Stat Membru biex jiġi aġġornat ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu **u jiġi trasformat f'Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) jew bini b'emissjonijiet żero**. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rata oġġla ta' rinnovazzjoni, meta dik tkun kosteffettiva skont il-qafas tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom f'konformità mal-Istrateġija tar-Rinnovazzjoni fit-tul tagħhom jew mal-programmi nazzjonali tar-rinnovazzjoni. Dik ir-rata ta' rinnovazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁰ **L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rekwiżiti inqas stretti għal xi bini, bħal bini b'mertu arkitettoniku jew storiku speċjali**. Waqt ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li kisbu l-Istati Membri b'rabta mar-rinnovazzjoni tal-bini tal-korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tippreżenta proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tar-rata ta' rinnovazzjoni, filwaqt li tqis il-progress miksub mill-Istati Membri, żviluppi ekonomiċi jew tekniċi sostanzjali, jew meta meħtieġ, l-impenji tal-Unjoni b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis żero. L-obbligu f'din id-Direttiva li l-bini tal-korpi pubbliċi jiġi rinnovat jikkumplimenta dik id-Direttiva, li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li meta l-bini eżistenti jiġi rinnovat drastikament, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu jiġi aġġornat biex dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-NZEBS. **Għandha tiġi pprovduta gwida addizzjonali mill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar ir-rinnovazzjoni profonda ta' bini b'valur storiku.**
- (33) Biex jistabbilixxu r-rata ta' rinnovazzjonijiet, l-Istati Membri jeħtieġ ikollhom ħarsa ġenerali tal-bini li ma jissodisfax il-livell tal-NZEB. Għalhekk, l-Istati Membri

²⁷ COM/2020/562 final.

²⁸ Ara IRP, Resource Efficiency and Climate Change (L-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi u t-Tibdil fil-Klima), 2020, u l-UN Environment Emissions Gap Report (Ir-Rapport tan-NU dwar id-Diskrepanzi fl-Emissjonijiet Ambjentali), 2019. Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-użu u l-operazzjoni tal-bini, inkluż l-emissjonijiet indiretti fis-settur tal-enerġija u tas-sħana, u mhux għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu. Il-karbonju inkorporat fil-kostruzzjoni hu stmat li jammonta għal madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra annwali globali totali.

²⁹ COM/2020/662 final.

³⁰ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

għandhom jippubblikaw u jżommu aġġornat inventarju tal-bini pubbliku **inkluża l-akkomodazzjoni soċjali** bħala parti minn bażi tad-data ġenerali taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. B'dak l-inventarju, l-atturi privati inkluż il-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija (**ESCOs**), għandhom ikunu jistgħu wkoll jipproponu soluzzjonijiet ta' rinnovazzjoni u jkunu jistgħu jiġu aggregati mill-Osservatorju tal-Unjoni tal-Istokk Immobiliari.

- (34) Fl-2020, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja kienet tgħix f'żoni urbani. Dik iċ-ċifra mistennija tilħaq it-68 % sal-2050³¹. Barra minn hekk, nofs l-infrastrutturi urbani sal-2050 għad iridu jinbnew³². Il-bliet u ż-żoni metropolitani huma ċentri ta' attività ekonomika, ta' ġenerazzjoni tal-għarfien, ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu jew jaħdmu fihom. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-muniċipalitajiet b'mod tekniku u finanzjarju. Għadd ta' muniċipalitajiet u korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri diġà stabbilew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija u għall-provvista tal-enerġija, **u għall-mobilità sostenibbli**, pereżempju bi pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli **u pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli**, bħal dawk li tfasslu bl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi individwali fil-bini jew fil-mezzi tat-trasport. ***Huma meħtieġa aktar sforzi fil-qasam tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-mobilità urbana, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija, peress li din tuża madwar 40 % tal-enerġija kollha tat-trasport bit-triq. Regolament ... [fir-Regolament rivedut TEN-T – COD 2021/420] għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiġi indirizzata l-effiċjenza enerġetika tat-trasport urban b'approċċ konsistenti, integrat u multimodali permezz tar-rekwiżit li jiġu adottati Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) kif definit f'dak ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu bil-qawwa kemm jista' jkun awtoritajiet lokali jadottaw SUMP sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u jevitaw trasport bla bżonn fejn possibbli, f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".***
- (35) Fir-rigward tax-xiri ta' ċerti prodotti u servizzi u fir-rigward tax-xiri u l-kiri tal-bini, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jikkonkludu kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, ta' provvista jew ta' servizz għandhom imexxu bl-eżempju u jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri effiċjenti fl-użu tal-enerġija u japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", inkluż għal dawk il-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet li għalihom ma ġew previsti l-ebda rekwiżiti speċifiċi fl-Anness IV. Dan għandu japplika għad-dipartimenti amministrattivi li l-kompetenza tagħhom hija estiża fuq it-territorju kollu ta' Stat Membru. Meta fi Stat Membri partikolari u minħabba kompetenza partikolari ma jkun jeżisti l-ebda dipartiment amministrattiv rilevanti bħal dan li jkopri t-territorji kollu, l-obbligu għandu japplika għal dawk id-dipartimenti amministrattivi li l-kompetenzi tagħhom ikopru b'mod kollettiv it-territorju kollu. Id-dispożizzjonijiet tad-direttivi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku madankollu ma għandhomx ikunu affettwati. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-akkwist pubbliku konġunt fi ħdan l-Istati Membri jew bejn il-fruntieri, jekk dawk ikunu jistgħu jnaqqsu l-kostijiet u jtejbu l-benefiċċji tas-suq intern billi joħolqu opportunitajiet tan-negozju għall-fornituri u għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija.

³¹ <https://www.unfpa.org/world-population-trends>

³² https://www.un.org/en/ecosoc/integration/pdf/fact_sheet.pdf

- (36) L-entitajiet pubbliċi kollha li jinvestu riżorsi pubbliċi permezz tal-akkwist għandhom imexxu bl-eżempju meta jagħtu kuntratti u konċessjonijiet billi jagħżlu prodotti, servizzi, xogħlijiet u bini bl-aqwa rendiment fl-effiċjenza enerġetika, anke fir-rigward ta' dawk l-akkwisti li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi skont id-Direttiva 2009/30/KE. F'dak il-kuntest, il-proċeduri kollha tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet b'valur li jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³, fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴, u fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jeħtieġ iqisu r-rendiment fl-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tas-servizzi stabbilit mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, billi bħala prijorità jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom.
- (37) Hu importanti wkoll li l-Istati Membri jimmonitorjaw kif ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti fl-akkwist ta' prodotti, bini, xogħlijiet u servizzi, billi jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq l-effiċjenza enerġetika ta' dawk l-offerenti rebbieħa li jaqbeż l-limiti msemmija fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, tkun disponibbli għall-pubbliku. B'hekk, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw ir-rwol tas-settur pubbliku biex ikun żgurat li l-effiċjenza enerġetika tkun l-ewwel fl-akkwist pubbliku b'mod trasparenti.
- (38) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikonoxxi r-rwol tal-ekonomija ċirkolari fil-kontribut għall-oġġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Is-settur pubbliku **għandu** jikkontribwixxi għal dawk l-oġġettivi billi juża l-kapaċità tal-akkwist tiegħu biex, meta xieraq, jagħżel prodotti, bini, servizzi u xogħlijiet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bl-għodod disponibbli għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, u b'hekk jagħti kontribut importanti biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-impatti ambjentali.
- (39) Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku u fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, billi jipprovdu linji gwida u metodoloġiji meħtieġa dwar it-twertiq tal-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, u l-impatti u l-kostijiet ambjentali. Għodod imfassla tajjeb, b'mod partikolari l-għodod diġitali, mistennija jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi speċjalment fi Stati Membri iżgħar li jaf ma jkollhomx kapaċità biżżejjed biex iħejju l-offerti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jipromwovu b'mod attiv l-użu tal-għodod diġitali u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri għall-fini tal-iskambju tal-aqwa prattika.
- (40) Peress li l-bini jikkawża emissjonijiet tal-gassijiet serra qabel u wara l-ħajja operazzjonali tiegħu, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-bini. Dan iseħħ fil-kuntest tal-isforzi biex tiżdied l-attenzjoni għar-rendiment taċ-ċiklu tal-ħajja kollu, aspetti tal-ekonomija ċirkolari u l-impatti ambjentali, bħala parti mir-rwol eżemplari tas-settur pubbliku. Għalhekk, l-akkwist pubbliku jista' jkun opportunità biex jiġi indirizzat il-karbonju inkorporat fil-bini tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kontraenti huma atturi

³³ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.

³⁴ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94 28.3.2014, p. 65).

importanti li **għandhom** jieħdu azzjoni bħala parti mill-proċeduri tal-akkwist billi jixtru bini ġdid li jindirizza l-potenzjal tat-tiġin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu.

- (41) Il-potenzjal tat-tiġin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu jkejjel l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-bini fi stadji differenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Għalhekk, dan ikejjel il-kontribut kumplessiv tal-bini għall-emissjonijiet li jwasslu għat-tibdil fil-klima. Xi drabi, dan jissejjaħ ukoll valutazzjoni tal-impronta tal-karbonju jew kejl tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Dan jiġbor flimkien l-emissjonijiet tal-karbonju inkorporati fil-materjali tal-bini b'emissjonijiet tal-karbonju diretti u indiretti mill-istadju tal-użu. Il-bini hu bank materjali sinifikanti, u hu repożitorju għal riżorsi intensivi fil-karbonju għal ħafna deċennji, u għalhekk hu importanti li jiġu esplorati disinji li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ fil-futur fi tmiem il-ħajja operazzjonali ***f'konformità mal-pjan ta' azzjoni l-ġdid tal-ekonomija ċirkolari. L-Istati Membri għandhom jipromwovu l-ċirkolarità, id-durabbiltà u l-adattabbiltà tal-materjali tal-bini sabiex jindirizzaw il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-kostruzzjoni filwaqt li jistabbilixxu kost kompetittiv u attraenti, billi jużaw l-istrumenti finanzjarji kollha disponibbli biex jipprovdu inċentivi għall-użu ta' materjali ċirkolari.***
- (42) Il-potenzjal tat-tiġin dinji hu espress bħala indikatur numeriku f'kgCO₂e/m² (ta' erja utli tal-art interna) għal kull stadju ta' iċ-ċiklu tal-ħajja fuq medja ta' sena ta' perjodu ta' studju ta' referenza ta' 50 sena. L-għażla tad-data, id-definizzjoni tax-xenarju u l-kalkoli jsiru f'konformità mal-istandard EN 15978. L-ambitu tal-elementi tal-bini u tat-tagħmir tekniku hu stabbilit fl-indikatur 1,2 tal-qafas komuni tal-Unjoni tal-Livell(i). Meta jkun hemm għodda nazzjonali tal-kalkolu, jew tkun meħtieġa biex isiru divulgazzjonijiet jew biex jinkisbu permessi għall-bini, għandu jkun possibbli li dik l-għodda nazzjonali tintuża biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa. Għandu jkun possibbli li jintużaw għodod oħra tal-kalkolu, dment li dawn jissodisfaw il-kriterji minimi stabbiliti fil-qafas komuni tal-Unjoni tal-Livell(i).
- (43) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ tirregola l-installazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-enerġija jew li jużaw l-enerġija għal skopijiet ta' produzzjoni, u l-informazzjoni dwar l-enerġija użata fl-installazzjoni jew iġġenerata minnha trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għal permessi integrati (l-Artikolu 12(1)(b)). Barra minn hekk, dik id-Direttiva tispjefika fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva li l-użu effiċjenti tal-enerġija hu wieħed mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-obbligi bażiċi tal-operatur u wieħed mill-kriterji biex jiġu ddeterminati l-aqwa tekniki disponibbli skont l-Anness III tad-Direttiva 2010/75/UE. L-effiċjenza operazzjonali tas-sistemi tal-enerġija f'xi mument partikolari hija influwenzata mill-abbiltà li jalimentaw enerġija ġġenerata minn sorsi differenti – bi gradi differenti ta' inerzja u b'ħinijiet differenti tal-istartjar – fil-grilja, mingħajr intoppi u b'mod flessibbli. Bit-titjib fl-effiċjenza, ikun jista' jsir użu aħjar tal-enerġija rinnovabbli.
- (44) It-titjib fl-effiċjenza enerġetika jista' jikkontribwixxi għal output ekonomiku akbar. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimmiraw li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija irrispettivament mil-livelli ta' tkabbir ekonomiku.
- (45) L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit minn din id-Direttiva għandu jiżdied u għandu japplika wkoll wara l-2030. Din tiżgura l-istabbiltà għall-investituri u b'hekk

³⁵ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

tħeġġeġ investimenti fit-tul u miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-objettiv fit-tul li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'NZEBs. ***Ir-rinnovazzjonijiet estensivi li jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija b'mill-inqas 60 % bħalissa jitwettqu kull sena biss f'0,2 % tal-istokk tal-bini, u l-effiċjenza enerġetika titjeb b'mod sinifikanti f'ħamsa biss tal-każijiet.*** L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jaqdi rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir lokali, impjiegi, kompetittività u biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Dan għandu jiżgura li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi tal-enerġija u l-klima tagħha billi toħloq aktar opportunitajiet u tħoll ir-rabta bejn il-konsum tal-enerġija u t-tkabbir. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jiġi sfruttat l-investment privat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' dħul għal innovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

- (46) Il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jħallu wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-arja, hekk kif aktar bini effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxi biex tonqos id-domanda għall-fjuwils tat-tisħin, inkluż il-fjuwils solidi tat-tisħin. Għalhekk, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu biex titjeb il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra u jgħinu, b'mod kosteffettiv, biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, kif stabbilit b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.
- (47) L-Istati Membri jeħtieġ jilhq u ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali għall-perjodu kollu tal-obbligu sal-2030, ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0,8 % tal-konsum tal-enerġija finali sal-31 ta' Diċembru 2023 u ta' mill-anqas 2 % mill-1 ta' Jannar 2024. Dak ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat b'miżuri ġodda ta' politika li jiġu adottati fil-perjodu tal-obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 jew b'azzjonijiet individwali ġodda permezz ta' miżuri ta' politika adottati tul jew qabel il-perjodu preċedenti, dment li l-azzjonijiet individwali li jattivaw l-iffrankar tal-enerġija jiddaħħlu tul il-perjodu ta' wara. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi jew it-tnejn li huma.
- (48) Għall-perjodu mill-2021 sal-31 ta' Diċembru 2023, Ċipru u Malta għandhom ikunu meħtieġa jiksbu iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali ekwivalenti għall-iffrankar il-ġdid ta' 0,24 % tal-konsum tal-enerġija finali biss għall-perjodu mill-2021 sal-2030. Dik ir-rata ta' ffrankar individwali ma għandhiex tibqa' tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.
- (49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw partijiet obligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ***l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni***, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjiġġa bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Id-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiġġa bl-imnut ma għandhomx jinftehm u bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ***operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni***, distributuri jew bejjiġġa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obligati. Biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-klijenti

³⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-naqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

vulnerabbli **u lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx**, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplementaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obligati biex jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obligati jistgħu jilhqqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' insular u tisħin, **u billi jappoġġaw inizjattivi ta' ffrankar tal-enerġija minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu partikolarment ta' benefiċċju għal klijenti vulnerabbli, persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, peress li dawn il-persuni għandhom it-tendenza li jgħixu f'bini ta' prestazzjoni agħar u għalhekk jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn tjiġb fl-effiċjenza enerġetika.**

- (50) Huma u jfasslu miżuri ta' politika biex jissodisfaw l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiki u ambjentali tal-Unjoni u jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852³⁷. L-Istati Membri ma għandhomx jippromwovu attivitajiet li mhumiex ambjentalment sostenibbli bħall-użu ta' █ fjuwils fossili. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi jippromwovi inċentivi lill-Istati Membri biex jimplementaw taħlita ta' politiki sostenibbli u nodfa li tkun reżiljenti u timmitiga t-tibdil fil-klima. Għalhekk, l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika dwar l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili **jista' jkun eliġġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija taħt ċerti kundizzjonijiet u għal ċertu perjodu wara t-traspożizzjoni** ta' din id-Direttiva **f'konformità mal-Anness V**. B'hekk, l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jkun jista' jiġi allinjat mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika, tal-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, u jirrifletti l-ħtieġa ta' azzjoni kif identifikat l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) fir-rapport tagħha ta' zero netti³⁸. Ir-restrizzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Istati Membri jonfqu l-fondi pubbliċi fuq teknoloġiji sostenibbli u validi għall-futur biss. Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu qafas ta' politika ċar u ċertezza tal-investment lill-atturi tas-suq. L-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandha tippermetti lill-atturi kollha tas-suq jadattaw it-teknoloġiji tagħhom fi żmien raġonevoli. Meta l-Istati Membri jappoġġaw l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti tal-fjuwils fossili jew is-sostituzzjoni bikrija ta' tali teknoloġiji, pereżempju bi skemi ta' sussidju jew bi skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija jaf ma jibqax eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija. Filwaqt li l-iffrankar tal-enerġija miksub, pereżempju, mill-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq il-gass naturali mhuwiex eliġibbli, ir-restrizzjoni ma tapplikax għall-użu indirett tal-fjuwils fossili, pereżempju meta l-produzzjoni tal-elettriku tinkludi l-ġenerazzjoni tal-fjuwils fossili. Il-miżuri ta' politika mmirati lejn bidliet komportamentali biex jonqos il-konsum tal-fjuwils fossili,

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43.

³⁸ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) (2021), Net Zero by 2050 A Roadmap for the Global Energy Sector, (Newtralità Klimatika sal-2050 – Pjan Direzzjonali għas-Settur tal-Enerġija Globali), <https://www.iea.org/reports/net-zero-by-2050>.

pereżempju b'kampanji informattivi, bl-ekosewqan, għandhom jibqgħu eliġibbli. L-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika mmirati lejn ir-rinnovazzjonijiet tal-bini jista' jkunu jinkludu miżuri bħal pereżempju s-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tiżhin tal-fjuwils fossili u titjib fit-tessut tal-bini, li għandhom ikunu limitati għal dawk it-teknoloġiji li jippermettu l-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-kodiċijiet nazzjonali tal-bini stabbiliti fi Stat Membru partikolari. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jippromwovu t-titjib tas-sistemi tat-tiżhin bħala parti minn rinnovazzjonijiet profondi bi qbil mal-objettiv fit-tul tan-newtralità tal-karbonju, jiġifieri biex tonqos id-domanda għat-tiżhin filwaqt li l-bqija tad-domanda għat-tiżhin tinqeda b'sors tal-enerġija mingħajr karbonju. **Meta jitqies l-iffrankar meħtieġ biex jinkiseb sehem mill-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-kundizzjonijiet klimatiki tagħhom.**

- (51) Il-miżuri tal-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika fit-trasport huma eliġibbli biex jitqiesu għall-kisba tal-obbligu tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali. Dawn il-miżuri jinkludu politika li tkun, fost l-oħrajn, maħsuba biex tippromwovi vetturi aktar effiċjenti, **inklużi modi ta' trasport li jgħidmu bil-batteriji**, bidla fil-mezzi għar-roti, il-mixi u t-trasport kollettiv, jew pjani ta' mobilità u żvilupp urban li jnaqqas id-domanda għat-trasport. Barra minn hekk, anke l-iskemi li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi ġodda u aktar effiċjenti jew ta' politiki li jrawmu bidla lejn fjuwils b'livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet **tal-gassijiet serra**, għajr il-miżuri ta' politika dwar l-użu ta' kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, li jnaqqsu l-użu tal-enerġija għal kull kilometru, jistgħu jkunu eliġibbli, soġġetti għall-konformità mar-regoli dwar il-materjalità u l-addizzjonalità stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Direttiva. Il-miżuri ta' politika li jippromwovu l-użu ta' vetturi ġodda tal-fjuwils fossili ma għandhomx ikunu jikkwalifikaw bħala miżuri eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija.
- (52) Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ u li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika li jista' jiġi verifikat, u mkejje l-jew stmat, jistgħu jitqiesu bħala mod kosteffettiv kif l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija skont din id-Direttiva.
- (53) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li l-partijiet obligati jiksbu l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-Direttiva, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi tal-obbligi tagħhom, li jippermettu jew jirrikjedu li l-partijiet obligati jikkontribwixxu għal Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li jkun jista' jintuża għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.
- (54) L-Istati Membri u l-partijiet obligati għandhom jużaw il-mezzi u t-teknoloġiji disponibbli kollha, għajr dawk dwar l-użu ta' teknoloġiji bbażati fuq il-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali, inkluż billi jippromwovu teknoloġiji **intelliġenti u** sostenibbli f'sistemi effiċjenti tat-tiżhin u tat-tkessiħ distrettwali, infrastruttura effiċjenti tat-tiżhin u tat-tkessiħ, **bini effiċjenti u intelliġenti, vetturi u industrij elettriki** u awditjar tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni ekwivalenti, dment li l-iffrankar tal-enerġija ddikjarat ikun jikkonforma mar-

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 u l-Anness V ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jimmiraw għal grad għoli ta' flessibilità fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika alternattivi. L-Istati Membri għandhom iħeġġu azzjonijiet li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija tul *iċ-ċiklu tal-ħajja kollu*.

- (55) Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul se jibqgħu jwasslu għal iffrankar tal-enerġija wara l-2020 iżda, biex dawn jikkontribwixxu għall-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030, daww il-miżuri għandhom iwasslu għal iffrankar ġdid wara l-2020. Min-naħa l-oħra, l-iffirankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 ma għandux jingħadd mal-iffirankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (56) L-iffirankar ġdid għandu jkun addizzjonali għal dak li jsir is-soltu, biex l-iffirankar li jaf isir f'xi eventwalità, ma jingħaddx mal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-iffirankar tal-enerġija. Biex jiġi kkalkulat l-impatt tal-miżuri introdotti, għandu jingħadd biss l-iffirankar nett, imkejjejl bħala l-bidla fil-konsum tal-enerġija li tista' tiġi attribwita direttament għall-miżura tal-effiċjenza enerġetika inkwistjoni implimentata għall-finijiet tal-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva. Biex jiġi kkalkulat l-iffirankar nett, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu xenarju bażi ta' kif is-sitwazzjoni tevolvi fin-nuqqas tal-miżura inkwistjoni. Il-miżura ta' politika inkwistjoni għandha tiġi evalwata f'paragun ma' dak ix-xenarju bażi. L-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti minimi previsti mill-qafas leġislativ rilevanti fil-livell tal-Unjoni, u għandhom iqisu l-fatt li jistgħu jittieħdu miżuri oħra ta' politika fl-istess perjodu taż-żmien li wkoll jistgħu jħallu impatt fuq l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija, biex mhux il-bidliet kollha osservati sa mill-introduzzjoni tal-miżura ta' politika partikolari li qed tiġi evalwata jiġu attribwiti għal dik il-miżura ta' politika waħedha. L-azzjonijiet tal-parti parteċipanti jew inkarigata, obligata għandhom fil-fatt jikkontribwixxu għall-kisba tal-iffirankar tal-enerġija ddikjarat biex ikun żgurat li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tal-materjalità.
- (57) Hu importanti li, meta rilevanti, l-istadji kollha tal-katina tal-enerġija jitqiesu fil-kalkolu tal-iffirankar tal-enerġija biex jiżdied il-potenzjal tal-iffirankar tal-enerġija fit-trażmissjoni u fid-distribuzzjoni tal-elettriku. L-istudji mwettqa u l-konsultazzjonijiet li saru mal-partijiet ikkonċernati haġġu fid-dieher potenzjal sinifikanti. Madankollu, il-kundizzjonijiet fiżiċi u ekonomiċi huma pjuttost differenti fost l-Istati Membri, u ħafna drabi fi ħdan bosta Stati Membri, u hemm għadd kbir ta' operaturi tas-sistema. Daww iċ-ċirkostanzi jindikaw approċċ deċentralizzat, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom l-għarfien meħtieġ, il-kompetenzi legali u l-kapaċità amministrattiva biex jipromwovu l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku effiċjenti fl-enerġija. Entitajiet bħan-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E) u l-Entità Ewropea għall-Operaturi tas-Sistemi tad-Distribuzzjoni (l-Entità tal-UE għad-DSO) jistgħu jipprovdu wkoll kontributi utli u għandhom jappoġġaw lill-membri tagħhom fl-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika.
- (58) Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw għall-għadd kbir ħafna ta' operaturi tas-sistema tal-gass naturali. Ir-rwol tal-gass naturali u r-rata tal-provvista u l-kopertura tat-territorju jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimmonitorjaw u jidderieġu l-evoluzzjoni tas-sistema lejn effiċjenza akbar, u entitajiet bħan-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSO-G) jistgħu jipprovdu kontributi utli u

għandhom jappoġġaw lill-membri tagħhom fl-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika.

- (58a) *L-ESCOs huma importanti biex jiżviluppaw, ifasslu, jibnu u jorganizzaw il-finanzjament għal proġetti li jiffrankaw l-enerġija, inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, u jnaqqsu l-kostijiet tal-operazzjonijiet u l-manutenzjoni f'setturi bħall-bini, l-industrija u t-transport.*
- (59) *Il-kunsiderazzjoni tar-rabta bejn l-ilma u l-enerġija hija partikolarment importanti biex jiġi indirizzat l-użu interdependenti tal-enerġija u tal-ilma u l-pressjoni dejjem akbar fuq iż-żewġ riżorsi.* Il-ġestjoni effikaċi tal-ilma tista' tagħti kontribut sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija *u toħloq mhux benefiċċi klimatiċi biss, iżda wkoll benefiċċi ekonomiċi u soċjali.* Is-setturi tal-ilma u tal-ilma mormi jammontaw għal 3,5 % tal-użu tal-elettriku fl-Unjoni u dak is-sehem mistenni jikber. Fl-istess ħin, it-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni u s-settur tal-enerġija huwa l-akbar konsumatur tal-ilma, b'44 % tal-konsum. Il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija bl-użu ta' teknoloġiji u proċessi intelliġenti *fiċ-ċikli u l-applikazzjonijiet tal-ilma industrijali, residenzjali u kummerċjali kollha* għandu jiġi esplorat bis-sħiħ u applikat kull meta jkun kosteffettiv, filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi kkunsidrat. Min-naħa l-oħra, it-teknoloġiji avvanzati tat-tisqija, *il-ħsad tal-ilma tax-xita u t-teknoloġiji tal-użu mill-ġdid tal-ilma* jistgħu jnaqqsu sostanzjalment il-konsum tal-ilma fl-agrikoltura, *il-bini u l-industrija* u l-enerġija użata għat-trattament u l-ġarr tiegħu.
- (60) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu inklużivi u għalhekk dawn għandhom jiżguraw aċċess ekwu għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-konsumaturi kollha affettwati mill-faqar enerġetiku. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika għandu jiġi implimentat bħala prijorità fost il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u fost l-unitajiet domestiċi *b'introjtu baxx*, b'introjtu medju u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali u mbiegħda *u fir-reġjuni ultraperiferiċi.* F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni speċifika lil ċerti gruppi partikolari li jinsabu friskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-partijiet obligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà diġà ġiet estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u għall-Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Dik għandha tissarraf f'obbligu li jiġu protetti u tingħata s-setgħa lill-klijenti u lill-utenti finali vulnerabbli u biex jittaffa l-faqar enerġetiku, filwaqt li l-Istati Membri jkun jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mat-tip ta' miżura ta' politika, u, mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħha. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika ma tkunx tippermetti miżuri relatati ma' konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-faqar enerġetiku permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi biss. Fi ħdan it-taħlita ta' politiki, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri l-oħra ta' politika ma jkollhomx effett negattiv fuq il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-investimenti ta' finanzjament pubbliku għal miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, inkluż finanzjament u faċilitajiet finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

- (61) Din id-Direttiva tirreferi għall-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li l-Istati Membri jridu jistabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/944. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, il-kunċett ta' "utenti finali" flimkien mal-kunċett ta' "klijent finali" jiċċaraw li d-drittijiet għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum japplikaw ukoll għall-konsumaturi mingħajr kuntratti individwali jew diretti mal-fornitur tal-enerġija użata għas-sistemi tal-produzzjoni kollettivi tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku f'bini b'ħafna okkupanti. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli mhux bilfors jiżgura li jimmira wkoll għall-utenti finali. Għaldaqstant, biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jilhqg lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi kollha f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, l-Istati Membri għandhom jinkludu mhux biss lill-klijenti, fis-sens strett tagħha, iżda anke lill-utenti finali, meta jiġu biex jistabbilixxu d-definizzjoni tagħhom ta' klijenti vulnerabbli.
- (62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom sħan kif xieraq fl-2019⁴⁰. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u jaf tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu kumplimentari għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, għandhom jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprietarji u għall-inkwilini, u għandu jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. ***Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-partijiet obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u jinvolvu ruħhom mas-servizzi soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (bħal organizzazzjonijiet tal-konsumatur, NGOs soċjali u assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni) biex jistabbilixxu pjattaforma ta' involviment iddedikata biex jittaffa l-faqar enerġetiku.*** Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ jiġi trasformat f'NZEBs f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.
- (63) Biex jinħataf il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija, f'ċerti segmenti tas-suq li ġeneralment ma jiġux offruti awditjar tal-enerġija b'mod kummerċjali (bħall-intrapriżi

⁴⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku, C(2020) 9600 final.

żgħar u ta' daqs medju (SMEs)), l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi li jħeġġu **u jappoġġaw** lill-SMEs biex iwettqu awditjar tal-enerġija **u biex jimplimentaw rakkomandazzjonijiet mill-awditjar tal-enerġija, pereżempju billi jiġu stabbiliti skemi ta' appoġġ, bħal ċentri tal-awditjar tal-enerġija għall-SMEs u l-mikrointrapriżi biex ikopru l-kostijiet ta' awditjar tal-enerġija. Ċentri bħal dawn jistgħu jkunu bbażati f'universitajiet, b'bażi tad-data ċentrali għall-ġbir u l-komunikazzjoni tar-riżultati tal-awditjar.** L-awditjar tal-enerġija għandu jkun obligatorju u regolari għall-intrapriżi kbar, għax l-iffrankar tal-enerġija jista' jkun sinifikanti. L-awditjar tal-enerġija għandu jqis l-Istandards Ewropej jew internazzjonali, bħall-EN ISO 50001 (Sistemi ta' Ġestjoni tal-Enerġija), **l-EN ISO 50005 (Sistemi ta' Ġestjoni tal-Enerġija)**, l-EN 16247-1 (Awditjar tal-enerġija), **l-ISO 50002 (Awditjar tal-Enerġija)** jew jekk ikunu jinkludu awditjar tal-enerġija, l-EN ISO 14000 (Sistemi tal-Ġestjoni Ambjentali) u għaldaqstant ikunu wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness VI ta' din id-Direttiva għax dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti ta' dawn l-istandards rilevanti. Bħalissa qed jiġi żviluppat standard Ewropew speċifiku dwar l-awditjar tal-enerġija. L-awditjar tal-enerġija jista' jsir b'mod awtonomu jew inkella jista' jkun parti minn sistema usa' ta' ġestjoni ambjentali jew kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. F'dawn il-każijiet kollha, daww is-sistemi għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi tal-Anness VI. Barra minn hekk, mekkaniżmi u skemi speċifiċi stabbiliti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-konsum tal-fjuwil minn ċerti operaturi tat-trasport, pereżempju l-ETS tal-UE skont il-liġi tal-UE, jistgħu jitqiesu kompatibbli mal-awditjar tal-enerġija, inkluż fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, jekk dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness VI.

- (63a) **L-Istati Membri għandhom jiżguraw in-natura obligatorja tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-enerġija mill-intrapriżi. In-nuqqas tal-obbligu li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar hija raġuni ewlenija għaliex daww ir-rakkomandazzjonijiet mhumiex ikkunsidrati b'mod adegwat mill-intrapriżi.**
- (64) Il-konsum medju tal-intrapriża għandu jkun il-kriterju li jiddefinixxi l-applikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u tal-awditjar tal-enerġija biex tiżdied is-sensittività ta' daww il-mekkaniżmi fl-identifikazzjoni tal-opportunitajiet rilevanti tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv. L-intrapriżi li jinsabu flivelli inqas mil-limiti tal-konsum definiti għas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u l-awditjar tal-enerġija għandhom jitħeġġu **u jingħataw appoġġ tekniku biex** jagħmlu awditjar tal-enerġija u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dak l-awditjar.
- (65) Meta l-awditjar tal-enerġija jsir minn esperti interni, l-indipendenza meħtieġa titlob li dawn l-esperti ma jkunux involuti direttament fl-attività awditjata.
- (66) Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huwa settur importanti ieħor li jikseb attenzjoni dejjem akbar. Fl-2018, il-konsum tal-enerġija taċ-ċentri tad-data fl-Unjoni kien 76,8 TWh. Dan mistenni jżdied bi 28% għal 98,5 TWh sal-2030. Din iż-żieda f'termini assoluti tidher ukoll f'termini relattivi: fl-UE, iċ-ċentri tad-data kienu responsabbli għal 2,7 % tad-domanda għall-elettriku fl-2018 u jekk l-iżvilupp jibqa' għaddej kif inhu, sal-2030 id-domanda tagħhom se tiżdied għal 3,21 %⁴¹. L-Istrateġija Diġitali tal-Ewropa diġà enfazizzat il-ħtieġa ta' ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, u tappella għal miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fejn tidħol l-impronta ambjentali tagħhom. Biex

⁴¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>

jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fis-settur tal-ICT, b'mod partikolari taċ-ċentri tad-data, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jipubblikaw data rilevanti għar-rendiment fl-użu tal-enerġija, għall-impronta tal-ilma **u għall-flessibilità min-naħa tad-domanda taċ-ċentri tad-data, abbażi ta' mudell komuni tal-Unjoni**. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipubblikaw data biss dwar iċ-ċentri tad-data **b'domanda installata għall-potenza tal-IT ta' mill-inqas 100 kW**, li għalihom interventi xierqa ta' disinn jew ta' effiċjenza, għal installazzjonijiet ġodda jew eżistenti rispettivament, jistgħu jwasslu għal tnaqqis konsiderevoli tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma, **żieda fl-effiċjenza tas-sistemi li tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-grilja** jew fl-użu mill-ġdid tas-sħana mormija f'faċilitajiet u networks tas-sħana fil-qrib. **L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandhom jiġu stabbiliti** abbażi ta' dik id-data miġbura, **filwaqt li jitqiesu wkoll inizjattivi diġà eżistenti fis-settur. Bil-ħsieb li tiffaċilita l-iżvelar, il-Kummissjoni għandha theggi linji gwida dwar il-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija taċ-ċentri tad-data, wara li twettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u tikkunsidra metriċi standardizzati eżistenti. Huwa imperattiv li jkun hemm approċċ armonizzat madwar l-Istati Membri, sabiex jiġu evitati skemi ta' rappurtar differenti u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni bejn l-Istati Membri.**

- (67) L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data **għandhom** jintużaw biex ikejlu erba' dimensjonijiet bażiċi ta' ċentru tad-data sostenibbli, jiġifieri l-effiċjenza enerġetika użata, kemm minn dik l-enerġija tiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-użu mill-ġdid tas-sħana prodotta mormija, **l-effettività tat-tkessiħ, l-effettività tal-użu tal-karbonju** u l-użu tal-ilma ħelu. L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandhom joħolqu sensibilizzazzjoni fost **l-operaturi tan-networks**, is-sidien u l-operaturi taċ-ċentri tad-data, il-manifatturi tat-tagħmir, l-iżviluppaturi tas-software u tas-servizzi, l-utenti tas-servizzi taċ-ċentri tad-data fil-livelli kollha kif ukoll l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jintroduċu, jużaw jew jakkwistaw servizzi tal-cloud u taċ-ċentri tad-data. Għandhom ukoll jagħtu fiduċja dwar it-titjib reali wara sforzi u miżuri biex tiżdied is-sostenibbiltà fiċ-ċentri tad-data ġodda jew eżistenti. Fl-aħħar nett, għandhom jintużaw bħala bażi għal ippjanar u teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti u bbażati fuq l-evidenza. L-użu tal-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandu jkun **obbligatorju** għall-Istati Membri. L-użu tal-indikatur tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandu jkun fakultattiv għall-Istati Membri. **Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effiċjenza taċ-ċentri tad-data abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri.**
- (67a) **Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², tistabbilixxi sħubijiet għall-effiċjenza enerġetika speċifiċi għas-settur billi tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati, inklużi l-NGOs u s-sħab soċjali, f'setturi bħal dawk tal-ICT, it-trasport, is-setturi finanzjarji u tal-bini b'mod inklużiv u rappreżentattiv.**
- (68) Għandu jinkiseb aktar tnaqqis fl-infiq tal-konsumaturi fuq l-enerġija billi jingħataw għajnuna biex inaqqsu l-użu tal-enerġija tagħhom billi jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini u jtejbu l-effiċjenza tal-apparati domestiċi, u dan għandu jiġi kkombinat mad-disponibbiltà ta' modi tat-trasport li jużaw inqas enerġija integrati mat-trasport pubbliku,

⁴² **Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).**

il-mobilità kondiviża u l-użu tar-rotta. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll li jtejbju l-konnettività fiż-żoni rurali u mbiegħda.

- (69) Is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni dwar il-benefiċċji ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika hija kruċjali, u li dawn jingħataw informazzjoni preċiża dwar modi kif din tista' tinkiseb. Iċ-ċittadini ta' kull età għandhom ikunu involuti wkoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija permezz tal-Patt Klimatiku Ewropew u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika hija importanti ferm ukoll għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni bi tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-fjuwils mill-pajjiżi terzi.
- (70) Il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri kollha meħuda tal-effiċjenza enerġetika, inkluż il-perjodi ta' rkupru, għandhom isiru trasparenti għalkollox għall-konsumaturi.
- (71) Meta jimplimentaw din id-Direttiva u jieħdu miżuri oħra fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sinerġiji bejn il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali skont il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.
- (72) L-Istati Membri, filwaqt li jieħdu vantaġġ minn mudelli u teknoloġiji ġodda tan-negozju, għandhom jistinkaw biex jipromwovu u jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż b'servizzi tal-enerġija innovattivi għal klijenti kbar u żgħar.
- (73) Hu meħtieġ li jingħata rispons frekwenti u mtejjeb dwar il-konsum tal-enerġija, meta dan ikun fattibbli teknikament u kosteffiċjenti b'rabta mal-apparati tal-kejl użati. Din id-Direttiva tiċċara li jekk is-submetraġġ hux kosteffiċjenti jew le jiddependi fuq jekk il-kostijiet relatati humiex proporzjonati mal-iffrankar tal-enerġija potenzjali. Il-valutazzjoni dwar jekk il-kejl separat hux kosteffiċjenti jew le tista' tqis l-effett ta' miżuri konkreti oħra ppjanati f'bini partikolari, bħal pereżempju xi rinnovazzjoni li tkun se ssir. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn hu teknikament possibbli, finanzjarjament raġonevoli, u proporzjonat għall-iffrankar tal-enerġija potenzjali, fir-rigward tal-gass naturali, it-tisħin, it-tkessiħ u l-miżun domestiku, il-klijenti finali jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu eżatt il-konsum reali tal-enerġija tal-klijent finali u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.***
- (74) Din id-Direttiva tiċċara wkoll li għandhom jiġu applikati drittijiet relatati mal-kontijiet, u mal-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum, għall-konsumaturi tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-miżun domestiku fornut minn sors ċentrali anke meta dawn ma jkollhomx relazzjoni kuntrattwali individwali diretta ma' fornitur tal-enerġija.
- (75) Biex tinkiseb it-trasparenza fil-kontabbiltà tal-konsum individwali tal-enerġija termali u b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tas-submetraġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u disponibbli għall-pubbliku dwar l-allokazzjoni tal-kost tal-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-miżun domestiku f'bini b'aktar minn appartament jew użu wieħed. Minbarra t-trasparenza, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jieħdu miżuri li jsaħħu l-kompetizzjoni fil-provvista tas-servizzi tas-submetraġġ u b'hekk jgħinu biex ikun żgurat li l-kostijiet kollha mġarrba mill-utenti finali jkunu raġonevoli.
- (76) L-arloġġi tat-tisħin u l-allokaturi tal-kost tat-tisħin installati ġodda għandhom ikunu jistgħu jinqraw mill-bogħod biex ikun żgurat l-għoti kosteffettiv u frekwenti ta' informazzjoni dwar il-konsum ***u biex ikunu jistgħu jwasslu informazzjoni bħal temperaturi dettaljati u tagħbija tal-fażi. Id-data kollha għandha tkun disponibbli faċilment fil-ħin reali u tkun tista' tiġi kondiviża lill-konsumatur finali tal-enerġija.***

L-arloġġi u l-arloġġi separati għandhom juru l-konsum tal-enerġija f'forma aċċessibbli u faċli għall-utent. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-metraġġ tal-konsum tat-tisħin, tat-tkessiġ u tal-miżhun domestiku; is-submetraġġ u l-allokazzjoni tal-kost għat-tisħin, it-tkessiġ u l-miżhun domestiku; ir-rekwiżit ta' qari mill-bogħod; informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiġ u tal-miżhun domestiku; il-kost tal-aċċess għall-metraġġ u għall-informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiġ u tal-miżhun domestiku; u r-rekwiżiti minimi għall-informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiġ u tal-miżhun domestiku huma maħsuba biex japplikaw biss għat-tisħin, it-tkessiġ u l-miżhun domestiku fornut minn sors ċentrali. L-Istati Membri huma liberi biex jiddeċiedu jekk it-teknoloġiji li jinqraw waqt il-mixi (walk-by) jew waqt is-sewqan (drive-by) għandhomx jitqiesu li jinqraw mill-bogħod jew le. L-apparati li jinqraw mill-bogħod ma jirrikjedux aċċess għal appartamenti jew unitajiet individwali biex jinqraw.

- (77) L-Istati Membri għandhom iqisu l-fatt li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji ġodda għall-kejl tal-konsum tal-enerġija tirrikjedi t-tisħin tal-investment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet għall-utenti u anke għall-fornituri tal-enerġija.
- (78) L-informazzjoni dwar il-kontijiet u r-rendikonti annwali huma mezz importanti biex il-klijenti jibqgħu informati dwar il-konsum tagħhom tal-enerġija. Id-data dwar il-konsum u l-kostijiet tista' wkoll tagħti informazzjoni oħra li tgħin lill-konsumaturi jqabblu l-kuntratt attwali tagħhom ma' offeriti oħra u jużaw mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li t-tilwim relatat mal-kontijiet hu sors komuni ta' lmenti tal-konsumaturi u fattur li jikkontribwixxi għal livelli persistentement baxxi ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi u ta' kwistjonijiet mal-provdituri tal-enerġija tagħhom, hu meħtieġ li jsiru kontijiet aktar sempliċi, aktar ċari u eħfef biex jinftieħu, filwaqt li jkun żgurat li l-istrumenti separati, pereżempju informazzjoni dwar il-kontijiet, għodod tal-informazzjoni u dikjarazzjonijiet annwali, ikunu jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tal-enerġija tagħhom, iqabblu l-offerti u jaqilbu minn fornitur għal ieħor.
- (79) Meta jfasslu miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jiżguraw il-funzjonament korrett tas-suq intern u l-implimentazzjoni koerenti tal-*acquis*, skont it-TFUE.
- (80) Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, u tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti għandhom potenzjal sinifikanti li jiffrankaw l-enerġija primarja fl-Unjoni. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti. Dawk il-valutazzjonijiet għandhom **ikunu bbażati fuq xenarju bażi li jwassal għal settur tat-tisħin u t-tkessiġ nazzjonali bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli fi żmien kompatibbli mal-ksib tal-objettiv tan-newtralità klimatika** u jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u mal-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni. Soġġett għal analiżi tal-kostbenefiċċji li turi surplus tal-kostbenefiċċji, l-installazzjonijiet ġodda tal-koġenerazzjoni tal-elettriku u l-installazzjonijiet eżistenti li jiġu rinnovati sostanzjalment jew li l-permess jew il-liċenzja tagħhom jiġu aġġornati, għandhom jiġu attrezzati b'unitajiet tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja biex tiġi rkuprata s-sħana mormija waqt il-produzzjoni tal-elettriku. Bl-istess mod, faċilitajiet oħra b'input tal-enerġija medju annwali sostanzjali għandhom jiġu attrezzati b'soluzzjonijiet tekniċi ħalli tintuża s-sħana mormija mill-faċilità, meta l-analiżi tal-kostbenefiċċji turi surplus tal-

kostbenefiċċji. Din is-sħana mormija tista' tiġi ttrasportata skont il-ħtieġa minn networks tat-tisħin distrettwali. L-avvenimenti li jwasslu biex jiġi applikat rekwiżit għal kriterji ta' awtorizzazzjoni ġeneralment ikunu avvenimenti li jwasslu wkoll għal rekwiżiti għal permessi skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁴³ u għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/944.

- (80a) ***Meta jivvalutaw il-potenzjal għal tisħin u tkessiħ effiċjenti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aspetti ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza usa'. Peress li l-pompi tas-sħana huma għodda indispensabbli għat-twettiq tal-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ, kwalunkwe impatt ambjentali potenzjali mir-refriġeranti għandu jiġi vvalutat u eliminat bis-sħiħ.***
- (81) Jista' jkun xieraq li l-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li huma maħsubin biex jużaw ħżin ġeoloġiku kif permess skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁴⁴, jitqiegħdu f'postijiet fejn l-irkupru tas-sħana mormija minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja jew minn provvista ta' network tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali ma jkunx kosteffettiv. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lil dawk l-installazzjonijiet mill-obbligu li jwettqu analiżi tal-kostbenefiċċji biex jipprovdu lill-installazzjoni b'taġħmir li jippermetti l-irkupru tas-sħana mormija permezz ta' unità tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. Għandu jkun ukoll possibbli li jiġu eżentati installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku peak-load u back-up li huma ppjanati li joperaw għal anqas minn 1500 siegħa ta' operazzjoni kull sena bħala medja inizjali fuq perjodu ta' ħames snin mir-rekwiżit li jipprovdu wkoll is-sħana.
- (82) Jixraq li l-Istati Membri jħeġġu l-introduzzjoni ta' miżuri u proċeduri li jipromwovu l-installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni b'input termali kklassifikat totali ta' inqas minn 5 MW biex iħeġġu l-ġenerazzjoni ta' enerġija distribwita.
- (83) Biex jiġu implimentati valutazzjonijiet komprensivi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-valutazzjonijiet tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, ***il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sħana mormija għall-awtokonsum*** u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fil-livell reġjonali u lokali. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jipromwovu u jiffaċilitaw l-użu tal-potenzjal kosteffiċjenti identifikat tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti.
- (84) Ir-rekwiżiti għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' politika klimatiċi fit-tul, u mal-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u għandhom jikkonformaw mal-prinċipju "la taġħmilx h̄sara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/85. Is-sistemi kollha tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali għandhom jimmiraw li jtejbju l-abbiltà ta' interazzjoni ma' partijiet oħra tas-sistema tal-enerġija biex jiġi ottimizzat l-użu tal-enerġija u jkun evitat l-iskart tal-enerġija billi jinħataf il-potenzjal kollu tal-bini li jaħżen is-sħana jew il-kesħa, inkluż is-sħana żejda minn faċilitajiet ta' servizz u minn ċentri tad-data fil-qrib. Għal dik ir-raġuni, sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandha tiżgura ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika primarja u integrazzjoni progressiva tal-enerġija rinnovabbli u tas-sħana jew il-kesħa mormijin ***kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament***

⁴³ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁴⁴ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

*Ewropew u tal-Kunsill*⁴⁵. Għaldaqstant, din id-Direttiva tintroduċi progressivament rekwiżiti aktar stretti b'rabta mal-provvista tat-tisħin u tat-tkessiġ, li għandhom ikunu applikabbli tul perjodi taż-żmien speċifiċi stabbiliti, u għandhom ikunu applikabbli b'mod permanenti mill-1 ta' Jannar 2050 'il quddiem.

- (85) Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ġiet definita bl-iffrankar tal-enerġija miksub minn produzzjoni kkombinata minflok minn produzzjoni separata ta' sħana u elettriku. Ir-rekwiżiti għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' politika klimatika fit-tul. Id-definizzjonijiet ta' koġenerazzjoni u ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja użati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-użu ta' definizzjonijiet differenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal finijiet oħra għajr dawk tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni. Biex jiġi massimizzat l-iffrankar tal-enerġija u jkun evitat it-telf tal-opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija, għandha tingħata l-akbar attenzjoni lill-kundizzjonijiet operazzjonali tal-unitajiet ta' koġenerazzjoni.
- (86) Biex tiżgura t-trasparenza u tippermetti lill-klijent finali jagħżel bejn elettriku ta' koġenerazzjoni u elettriku ġġenerat b'tekniki oħra, l-oriġini tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandha tiġi ggarantita abbażi ta' valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza. L-iskemi tal-garanziji tal-oriġini minnhom innifishom ma jimplikawx dritt ta' benefiċċju minn mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali. Huwa importanti li kull forma ta' elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja tkun tista' tiġi koperta b'garanziji tal-oriġini. Għandha ssir distinzjoni bejn il-garanziji tal-oriġini u ċ-ċertifikati skambjabbli.
- (87) L-istruttura speċifika tas-setturi tal-koġenerazzjoni u tat-tisħin u t-tkessiġ distrettwali, li tinkludi bosta produttori żgħar u medji, għandha titqies b'mod speċjali meta jkun qed jiġu eżaminati l-proċeduri amministrattivi għall-kisba ta' permess biex tinbena kapaċità ta' koġenerazzjoni jew networks assoċjati, b'applikazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir".
- (88) Ħafna min-negozji tal-Unjoni huma SMEs. Dawn jirrappreżentaw potenzjal enormi ta' ffrankar tal-enerġija għall-Unjoni. Biex jgħinuhom jadottaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas favorevoli bil-għan li l-SMEs jingħataw assistenza teknika u informazzjoni mmirata.
- (89) L-Istati Membri għandhom, abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, jistabbilixxu regoli li jikkontrollaw is-sostenn u l-kondiviżjoni tal-kostijiet tal-konnessjonijiet mal-grilja u tat-tishiġ tal-grilja, u għall-adattamenti tekniċi meħtieġa għall-integrazzjoni tal-produtturi ġodda tal-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, filwaqt li jqisu linji gwida u kodiċijiet żviluppatti skont ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶ u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Il-produtturi tal-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom jitħallew joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-konnessjoni. L-aċċess għas-sistema tal-grilja għall-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, speċjalment għal unitajiet

⁴⁵ *Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).*

⁴⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

⁴⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

ta' skala żgħira u ta' mikrokoġenerazzjoni, għandu jiġi ffaċilitat. F'konformità mal-Artikolu 99(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż b'rabta mal-effiċjenza enerġetika, fuq l-impriżi li jaħdmu fis-setturi tal-elettriku u tal-gass.

- (90) Jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mal-kontijiet, punt ta' kuntatt uniku, ir-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, il-faqar enerġetiku u d-drittijiet kuntrattwali bażiċi, bil-għan li jiġu allinjati, meta xieraq, mad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-elettriku skont id-Direttiva (UE) 2019/944, biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u biex il-klijenti finali jkunu jistgħu ***jkollhom aċċess dirett għal informazzjoni dettaljata***, ċara u aġġornata dwar il-konsum ***tal-elettriku***, tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku tagħhom u biex jirregolaw l-użu tal-enerġija tagħhom, ***u b'hekk jagħmlu l-konsum tal-enerġija kompletament trasparenti għall-konsumaturi***.
- (91) Bid-disponibbiltà ta' mekkaniżmi effettivi u indipendenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għall-konsumaturi kollha, bħal ombudsman tal-enerġija, korp tal-konsumaturi jew awtorità regolatorja, għandha tkun żgurata b'aktar protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jintroduċu proċeduri rapidi u effettivi għat-trattament tal-ilmenti.
- (92) Għandhom jiġi rikonoxxuti ***u appoġġati b'mod attiv*** il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 ***■***, u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 favur l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawn il-komunitajiet jistgħu jgħinu lill-Istati Membri ***jimplimentaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-livell lokali*** billi javvanzaw l-effiċjenza enerġetika fil-livell lokali jew tal-unitajiet domestiċi, ***kif ukoll fil-bini pubbliku b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali***. Dawn jistgħu jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu li ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi, inkluż fiż-żoni rurali u mbiegħda ***u fir-reġjuni ultraperiferiċi*** jipparteċipaw fi proġetti u interventi tal-effiċjenza enerġetika, ***ħafna drabi billi jgħaqqdu tali azzjonijiet ma' investiment fl-enerġija rinnovabbli. Il-komunitajiet tal-enerġija għandhom ukoll rwol b'saħħtu x'jaqdu fl-edukazzjoni u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-miżuri li jistgħu jieħdu biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija***. Jekk appoġġati sew mill-Istati Membri, il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku billi jiffaċilitaw proġetti tal-effiċjenza enerġetika, b'inqas konsum tal-enerġija u b'tariffi aktar baxxi tal-provvista. ***L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli mhux meħtieġa biex jiżguraw li jkun attraenti li jinbnew komunitajiet tal-enerġija. L-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha għandhom ikunu mħarrġa kif suppost f'dan il-qasam***.
- (92a) ***Il-bidliet fl-imġiba fil-konsum tal-enerġija fuq perjodu twil jistgħu jinkisbu permezz tal-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini. Il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu biex ikun hemm iffrankar tal-enerġija fuq perjodu twil, b'mod partikolari fost l-unitajiet domestiċi, u żieda fl-investimenti sostenibbli miċ-ċittadini u n-negozji ż-żgħar. L-Istati Membri għandhom jawtonomizzaw dawn l-azzjonijiet miċ-ċittadini permezz ta' appoġġ għal proġetti u organizzazzjonijiet tal-enerġija tal-komunità***.
- (93) Għandu jiġi rikonoxxut il-kontribut ta' punti uniċi ta' servizz jew ta' strutturi simili bħala mekkaniżmi li jistgħu jippermettu li diversi gruppi fil-mira, inkluż iċ-ċittadini, l-SMEs

u l-awtoritajiet pubbliċi, ifasslu u jimplimentaw proġetti u miżuri relatati mat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. ***Il-kontribut ta' punti uniċi ta' servizz jista' jkun importanti ħafna għall-klijenti l-aktar vulnerabbli, inklużi n-nisa fid-diversità kollha tagħhom u l-ġenituri waħedhom, peress li dawn jistgħu jirrappreżentaw sors ta' informazzjoni aktar faċli, affidabbli u aċċessibbli dwar it-titjib fl-effiċjenza enerġetika.*** Dak il-kontribut jista' jinkludi l-għoti ta' konsulenza u assistenza tekniċi, amministrattivi u finanzjarji, l-iffaċilitar tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa jew tal-aċċess għas-swieq finanzjarji, jew gwida mal-qafas legali nazzjonali u Ewropew, inkluż regoli u kriterji tal-akkwist pubbliku, u t-Tassonomija tal-UE.

- (94) Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-impatt tal-miżuri tagħha li jappoġġaw l-iżvilupp ta' pjattaformi li jinvolvu, fost l-oħrajn, lill-korpi tad-djalogu soċjali Ewropew fit-tfassil ta' programmi ta' taħriġ għall-effiċjenza enerġetika, u għandha tressaq aktar miżuri jekk ikun xieraq. Il-Kummissjoni għandha tteġġeg ukoll lis-sħab soċjali Ewropej fid-diskussjonijiet tagħhom dwar l-effiċjenza enerġetika, speċjalment b'rabta mal-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, inkluż dawk fil-faqar enerġetiku.
- (95) Tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, proklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, jinkludi l-enerġija fost is-servizzi essenzjali li kulħadd għandu d-dritt jaċċessa. Għandu jkun hemm disponibbli appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għall-persuni fil-bżonn⁴⁸, ***partikolarment f'kuntest ta' pressjoni inflazzjonarja u żidiet sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija.***
- (96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplimentaw l-Istati Membri. ***Għandhom jiġu żviluppati kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex juru l-benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll biex jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli.***
- (97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għandu jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jieħdu vantaġġ minn kull kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁴⁹, u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplimentaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

⁴⁸ L-EPSR, il-Prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali": https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_mt

⁴⁹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima, COM 2021 568 final.

- (98) L-iskemi ta' finanzjament nazzjonali għandhom jiġu kkumplimentati bi skemi adegwati ta' informazzjoni aħjar, assistenza teknika u amministrattiva, aċċess aktar faċli għall-finanzjament li jippermetti l-aħjar użu tal-fondi disponibbli speċjalment minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, minn klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, minn persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.
- (99) L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni kollha b'mod ugwali, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, u jiżguraw li l-aktar persuni affettwati jew li għandhom riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku, jew li huma l-aktar esposti għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, ikunu protetti kif xieraq. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika ma jaggravawx l-inugwaljanzi eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-faqar enerġetiku.
- (100) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija jħaddmu approċċ integrat li jinkludi l-iffrankar potenzjali fil-provvista tal-enerġija u s-setturi tal-użu finali. Mingħajr preġudizzju għas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq u l-investimenti antiċipatorji fi grilji offshore għall-użu tal-enerġija rinnovabbli offshore, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom jiżguraw li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jiġi applikat fil-proċessi tal-ippjanar u tat-teħid tad-deċiżjonijiet u li t-tariffi tan-network u r-regolamentazzjoni jinċentivaw titjib fl-effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Dan jgħin lill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu soluzzjonijiet aħjar tal-effiċjenza enerġetika u kostijiet inkrementali mġarrba għall-akkwist ta' riżorsi min-naħa tad-domanda, kif ukoll l-impatti ambjentali u soċjoekonomiċi ta' investimenti u pjanijiet operazzjonali differenti tan-network. Approċċ bħal dan jirrikjedi bidla minn perspettiva dejqa tal-effiċjenza ekonomika għal benesseri soċjali massimizzati. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu b'mod partikolari jiġi applikat fil-kuntest tat-tiswir ta' xenarji għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-enerġija meta s-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda jistgħu jitqiesu bħala alternattivi vijabbli u jeħtieġ jiġu vvalutati kif xieraq, u għandu jsir parti intrinsika mill-valutazzjoni tal-proġetti tal-ippjanar tan-network. L-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi skrutinizzata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.
- (101) Għandu jkun disponibbli għadd biżżejjed ta' professjonisti affidabbli u kompetenti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u fil-ħin ta' din id-Direttiva, pereżempju rigward il-konformità mar-rekwiżiti tal-awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' ċertifikazzjoni u/jew kwalifika ekwivalenti u t-taħriġ xieraq għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija, awditjar tal-enerġija u miżuri oħra li jtejbju l-effiċjenza enerġetika b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, il-fornituri tat-taħriġ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. L-iskemi għandhom jiġu vvalutati kull erba' snin minn Diċembru 2024 u jekk ikun meħtieġ jiġu aġġornati biex ikun żgurat il-livell meħtieġ ta' kompetenzi għall-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, l-awdituri tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija u l-installaturi ta' elementi tal-bini.
- (102) Jeħtieġ jissokta l-iżvilupp tas-suq għas-servizzi tal-enerġija biex tkun żgurata d-disponibbiltà tad-domanda u tal-provvista tas-servizzi tal-enerġija. It-trasparenza,

pereżempju permezz ta' listi ta' fornituri ta' servizzi tal-enerġija ċertifikati u bid-disponibbiltà ta' kuntratti mudell, l-iskambju tal-aqwa prattiċi u linji gwida jikkontribwixxu għall-użu tas-servizzi tal-enerġija u għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u jistgħu wkoll jgħinu biex jingħata stimolu lid-domanda u tiżdied il-fiduċja fil-fornituri ta' servizzi tal-enerġija. B'kuntratt għar-rendiment fl-użu tal-enerġija, il-benefiċjarju tas-servizz tal-enerġija jevita l-kostijiet tal-investment billi juża parti mill-valur finanzjarju tal-iffrankar tal-enerġija biex iħallas lura l-investment totali jew parzjali li tkun għamlet parti terza. Dan jista' jgħin biex jattira kapital privat li hu fundamentali biex jiżdedu r-rati tar-rinnovazzjoni tal-bini fl-Unjoni, jitwassal għarfien espert fis-suq u jinħolqu mudelli tan-negozju innovattivi. Għalhekk, il-bini mhux residenzjali **u l-bini residenzjali pubbliku** b'erja utli tal-art ta' aktar minn **500 m² u l-bini għal skopijiet soċjali** għandhom ikunu meħtieġa jivvalutaw il-fattibbiltà li jsir ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għar-rinnovazzjoni. Dan ikun pass 'il quddiem biex tiżdied il-fiduċja fil-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija u titwitta t-triq għal aktar proġetti bħal dawn fil-futur.

- (103) Minħabba l-oġettivi ambizzjużi tar-rinnovazzjoni tul id-deċennju li ġej fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Mewġa ta' Rinnovazzjoni", jeħtieġ jiżdied ir-rwol tal-intermedjarji indipendenti tas-suq inkluż tal-punt uniku ta' servizz jew ta' mekkaniżmi ta' appoġġ simili biex jiġi stimulat l-iżvilupp tas-suq fuq in-naħat tad-domanda u tal-provvista u jiġi promoss ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjoni tal-bini privat u pubbliku. L-aġenziji tal-enerġija lokali jistgħu jaqdu rwol ewlieni f'dan ir-rigward, u biex jidentifikaw u jappoġġaw l-istabbiliment ta' faċilitaturi potenzjali jew punti uniċi ta' servizz. ***Din id-Direttiva għandha tgħin fit-titjib tad-disponibbiltà ta' prodotti, servizzi u pariri disponibbli fl-Unjoni u fis-swieq lokali, inkluż billi tipromwovi l-potenzjal għall-impredituri nisa li jimlew il-lakuni fis-suq u jipprovdu modi innovattivi biex tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika.***
- (104) L-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għadu jġarrab ostakli importanti f'diversi Stati Membri minħabba l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji pendenti. Għaldaqstant, jeħtieġ jiġu indirizzati l-ambigwitajiet tal-oqfsa leġislattivi nazzjonali, in-nuqqas ta' għarfien espert, speċjalment b'rabta mal-proċeduri tal-offerti, u self u għotjiet kompetittivi.
- (105) L-Istati Membri għandhom jibqgħu jappoġġaw lis-settur pubbliku fl-adozzjoni ta' kkontrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija billi jipprovdu mudelli ta' kuntratti li jqisu l-istandards Ewropej jew internazzjonali disponibbli, il-linji gwida għas-sejħiet għall-offerti u l-Gwida għat-Trattament Statistiku tal-Kuntratti għar-Rendiment tal-Enerġija⁵⁰ ppubblikata f'Mejju 2018 mill-Eurostat u mill-Bank Ewropew tal-Investment dwar it-trattament tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-kontijiet tal-gvern, li jkunu taw opportunitajiet biex jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji pendenti għal dawn il-kuntratti fl-Istati Membri.
- (106) L-Istati Membri hađu miżuri biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji. Madankollu, hemm bżonn jiżdedu l-isforzi biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-użu ta' kkontrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u ta' arranġamenti ta' finanzjament ma' partijiet terzi li jgħinu biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija. Dawn l-ostakli jinkludu regoli u prattika tal-kontabbiltà li jxekklu l-investimenti kapitali u l-iffrankar finanzjarju annwali li jinkiseb minn miżuri li jtejbu l-

⁵⁰ https://ec.europa.eu/eurostat/documents/1015035/8885635/guide_to_statistical_treatment_of_epcs_en.pdf/f74b474b-8778-41a9-9978-8f4fe8548ab1

effiċjenza enerġetika milli jiġu riflessi kif xieraq fil-kontabbiltà għall-perjodu taż-żmien kollu tal-investment.

- (107) L-Istati Membri użaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija (NEEAPs) tal-2014 u tal-2017 biex jirrapportaw il-progress fit-tneħħija tal-ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-effiċjenza enerġetika, b'rabta mal-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-inkwilini jew fost is-sidien ta' binja jew ta' unitajiet tal-bini. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jaħdmu f'dik id-direzzjoni u jaħtfu l-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika fil-kuntest tal-istatistika tal-Eurostat tal-2016, irrappreżentata mill-fatt li aktar minn erbgħa minn kull għaxar Ewropej jgħixu f'appartamenti u li aktar minn tlieta minn kull għaxar Ewropej huma inkwilini.
- (108) L-Istati Membri, u r-regġuni **reġjonali u lokali** għandhom jitħeġġu jużaw bis-sħiħ il-fondi Ewropej disponibbli fil-QFP u f'NextGenerationEU, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji u l-assistenza teknika disponibbli permezz ta' InvestEU, biex jixprunaw investimenti privati u pubbliċi f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. L-investment fl-effiċjenza enerġetika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi, għall-innovazzjoni u biex jonqos il-faqar enerġetiku tal-unitajiet domestiċi u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għal irkupru ekoloġiku. L-oqsma potenzjali għal finanzjament jinkludu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-akkomodazzjoni pubbliċi, u ***t-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-tiġib tal-ħiliet tal-ħaddiema, b'mod partikolari f'impjiegi relatati mar-rinnovazzjoni tal-bini***, biex ikunu promossi l-impjiegi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Il-Kummissjoni se tiżgura sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-fondi b'ġestjoni konġunta u b'ġestjoni diretta (bħall-programmi b'ġestjoni ċentrali: Orizzont Ewropa jew LIFE), kif ukoll bejn għotjiet, self u assistenza teknika biex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tagħhom fuq il-finanzjament privat u l-impatt tagħhom fuq il-kisba tal-oġettivi tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika.
- (109) L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' faċilitajiet ta' finanzjament biex jilħqu l-oġettivi ta' din id-Direttiva. Dawn il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji u multi meta ma jitwettqux ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva; ir-riżorsi allokat i għall-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹; ir-riżorsi allokat i għall-effiċjenza enerġetika fil-fondi u l-programmi Ewropej, u strumenti finanzjarji Ewropej iddedikat i, bħall-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika. L-Istati Membri għandhom jaħdmu fuq pjattaformi ta' bini li jkunu mmirati lejn l-aggregazzjoni ta' proġetti żgħar u ta' daqs medju bil-ħsieb li jinħolqu ġabriet ta' proġetti adatti għal skopijiet ta' finanzjament.
- (110) Dawn il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu jiġu bbażati, meta applikabbli, fuq ir-riżorsi allokat i għall-effiċjenza enerġetika mill-bonds tal-proġetti tal-Unjoni; ir-riżorsi allokat i għall-effiċjenza enerġetika mill-Bank Ewropew tal-Investment u minn istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, b'mod partikolari l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa; ir-riżorsi ingranati fl-istituzzjonijiet finanzjarji; ir-riżorsi naturali, inkluż bil-ħolqien ta' oqfsa regolatorji u

⁵¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

fiskali li jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' inizjattivi u programmi tal-effiċjenza enerġetika; id-dħul mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵².

- (111) Il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu b'mod partikolari jużaw dawn il-kontributi, ir-riżorsi u d-dħul li jippermettu u jħeġġu l-investment kapitali privat, b'mod partikolari permezz ta' investituri istituzzjonali, filwaqt li jintużaw kriterji li jiżguraw il-kisba tal-objettivi ambjentali u soċjali għall-ġhotti tal-fondi; jużaw mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament (pereżempju garanziji fuq is-self għall-kapital privat, garanziji fuq is-self għat-trawwim ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, għotjiet, self sussidjat u linji ta' kreditu dedikati, sistemi ta' finanzjament minn partijiet terzi) li jnaqqsu r-riskji tal-proġetti tal-effiċjenza enerġetika u jippermettu rinnovazzjonijiet kosteffettivi anke fost l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju; ikunu marbutin ma' programmi jew aġenziji li jaggregaw u jivvalutaw il-kwalità tal-proġetti tal-iffrankar tal-enerġija, jipprovdu assistenza teknika, jippromwovu s-suq tas-servizzi tal-enerġija u jgħinu fil-ġenerazzjoni tad-domanda tal-konsumaturi għal servizzi tal-enerġija.
- (112) Il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu jipprovdu wkoll riżorsi xierqa biex jappoġġaw il-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni li jtejbu u jakkreditaw il-ħiliet għall-effiċjenza enerġetika; jipprovdu r-riżorsi għal riċerka dwar teknoloġiji fuq skala żgħira u mikro tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, u għat-turija u l-adozzjoni malajr tagħhom, u għall-ottimizzazzjoni tal-konnessjonijiet ta' dawn il-ġeneraturi mal-grilja; ikunu marbutin ma' programmi li jieħdu azzjoni biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fid-djar kollha biex ikun evitat il-faqar enerġetiku u biex is-sidien li jikru l-proprjetà tagħhom jitħeġġu jagħmluhom effiċjenti fl-użu tal-enerġija kemm jista' jkun; jipprovdu r-riżorsi xierqa biex jappoġġaw id-djalogu soċjali u jinħolqu standards biex itejbu l-effiċjenza enerġetika u jiżguraw kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol u s-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.
- (113) Il-programmi ta' finanzjament, l-istrumenti finanzjarji u l-mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament disponibbli fl-Unjoni għandhom jintużaw għal twettiq fil-prattika tal-objettiv li jitjieb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-bini tal-korpi pubbliċi. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul tagħhom mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE fl-iżvilupp ta' mekkaniżmi bħal dawn b'mod volontarju u filwaqt li jqisu r-regoli baġitarji nazzjonali. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali b'informazzjoni adegwata dwar tali programmi. Pereżempju, l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki tista' tkun waħda mill-għodod għall-ġhotti ta' informazzjoni adegwata.***
- (114) Fl-implimentazzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-impatt tal-miżuri rilevanti fuq id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) biex iżżomm l-inċentivi fis-sistema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet li jippremjaw l-investimenti b'livelli baxxi tal-karbonju u tipprepara lis-setturi tal-ETS għall-innovazzjonijiet meħtieġa fil-futur. Din jeħtieġ timmonitorja l-impatt fuq daww is-setturi industrijali li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-karbonju kif determinat fid-Deċiżjoni tal-

⁵² Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

Kummissjoni 2014/746/UE⁵³ , biex ikun żgurat li din id-Direttiva tippromwovi l-iżvilupp ta' dawn is-setturi u mhux tfixkilhom.

- (115) Il-miżuri tal-Istati Membri għandhom jiġu appoġġati bi strumenti finanzjarji tal-Unjoni mfassla sew u effettivi skont il-programm InvestEU, u bil-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li għandhom jappoġġaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-istadji kollha tal-katina tal-enerġija u jużaw analiżi komprensiva tal-kostbenefiċċji b'mudell ta' rati ta' skonti differenzjati. L-appoġġ finanzjarju għandu jiffoka fuq metodi kosteffettivi li jżidu l-effiċjenza enerġetika u li jwasslu biex jonqos il-konsum tal-enerġija. Il-BEI u l-BERŻ, flimkien mal-banek promozzjonali nazzjonali, għandhom ifasslu, jiġġeneraw u jiffinanzjaw programmi u proġetti ddedikati għas-settur tal-effiċjenza, inkluż għall-unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku.
- (116) Il-liġi transettoralji tipprevedi bażi soda għall-protezzjoni tal-konsumaturi għal firxa wiesgħa ta' servizzi tal-enerġija attwali, u din aktarx tevolvi. Madankollu, ċerti drittijiet kuntrattwali bażiċi tal-konsumaturi għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar. Il-konsumaturi għandhom ikollhom disponibbli informazzjoni sempliċi u mhux ambigwa dwar id-drittijiet tagħhom b'rabta mas-settur tal-enerġija.
- (117) Id-disponibbiltà ta' mekkaniżmi effettivi u indipendenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għall-konsumaturi kollha, bħal ombudsman tal-enerġija, korp tal-konsumaturi jew awtorità regolatorja, hija żgurata b'aktar protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jintroduċu proċeduri rapidi u effettivi għat-trattament tal-ilmenti.
- (118) Biex tkun tista' tiġi evalwata l-effettività ta' din id-Direttiva, għandu jiġi stabbilit rekwiżit ta' rieżami ġenerali ta' din id-Direttiva u li jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Frar 2027. Dak ir-rieżami għandu jippermetti l-allinjamenti meħtieġa, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-iżviluppi ekonomiċi u fl-innovazzjoni.
- (119) L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jingħataw rwol ewlieni fl-iżvilupp u t-fassil, fl-eżekuzzjoni u fil-valutazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva, biex ikunu jistgħu jindirizzaw sew il-karatteristiċi speċifiċi tal-klima, tal-kultura u tas-soċjetà tagħhom.
- (119a) *Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tal-konnessjoni tal-enerġija, il-produzzjoni, il-provvista u l-konsum, u r-riskju akbar ta' faqar enerġetiku, għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi u lill-abitanti tagħhom meta jfasslu, jimplementaw u jevalwaw il-miżuri previsti f'din id-Direttiva.***
- (120) Biex jirrifletti l-progress teknoloġiku u s-sehem dejjem akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-koeffiċjent awtomatiku għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku, għandu jiġi rivedut biex jirrifletti t-tibdil fil-fattur tal-enerġija primarja (PEF) għall-elettriku u għal vetturi oħra tal-enerġija. Il-kalkoli li jirriflettu t-taħlita tal-enerġija tal-PEF għall-elettriku huma bbażati fuq valuri medji annwali. Il-metodu tal-kontabbiltà tal-"kontenut tal-enerġija fiżika" jintuża għall-

⁵³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE tas-27 ta' Ottubru 2014 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu mill-2015 sal-2019 (ĠU L 308, 29.10.2014, p. 114).

ġenerazzjoni nukleari tal-elettriku u tas-sħana, u l-metodu tal-"effiċjenza tal-konverżjoni teknika" jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana minn fjuwils fossili u mill-bijomassa. Għall-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, il-metodu hu l-ekwivalenti dirett abbażi tal-approċċ tal-"enerġija primarja totali". Biex jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija primarja għall-elettriku fil-koġenerazzjoni, jiġi applikat il-metodu stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva. Tintuża pożizzjoni medja tas-suq aktar milli waħda marġinali. L-effiċjenzi tal-konverżjoni huma preżunti li huma 100 % għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, 10 % għall-impjanti ġeotermali u 33 % għall-impjanti tal-enerġija nukleari. Il-kalkolu tal-effiċjenza totali għall-koġenerazzjoni hu bbażat fuq l-aktar data riċenti tal-Eurostat. Fir-rigward tal-konfini tas-sistema, il-PEF hu 1 għas-sorsi kollha tal-enerġija. Il-valur tal-PEF jirrifere għall-2018 u hu bbażat fuq data interpolata mill-aktar verżjoni riċenti ta' Referenza PRIMES għall-2015 u għall-2020 u aġġustat b'data tal-Eurostat sal-2016. L-analiżi tkopri l-Istati Membri u n-Norveġja. Is-sett tad-data għan-Norveġja hu bbażat fuq id-data tal-ENTSO-E.

- (121) L-iffrankar tal-enerġija miksub bl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni ma għandux jiġi dikjarat sakemm ma jinkisibx minn miżura li tmur lil hinn mill-minimu meħtieġ mill-att legali tal-Unjoni inkwistjoni, kemm bl-istabbiliment ta' rekwiżiti aktar ambizzjużi tal-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-Istat Membru u kemm biż-żieda fl-adozzjoni tal-miżura. Il-bini jippreżenta potenzjal sostanzjali għal aktar żidiet fl-effiċjenza enerġetika, u r-rinnovazzjoni tal-bini hi element essenzjali u fit-tul, flimkien mal-ekonomiji ta' skala biex jiżdied l-iffrankar tal-enerġija. Għalhekk għandu jiġi ċċarat li jista' jiġi dikjarat l-iffrankar tal-enerġija kollu miksub minn miżuri li jippromwovu r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti, dment li dan jaqbeż l-iffrankar li kien jinkiseb bin-nuqqas tal-miżura ta' politika u dment li l-Istat Membru juri li l-parti parteċipanti jew inkarigata obligata fil-fatt ikkontribwiet għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat.
- (122) F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, għandha tingħata aktar prominenza lir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-verifika għall-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi, inkluż ir-rekwiżit ta' verifika ta' kampjun statistikament rappreżentattiv tal-miżuri. F'din id-Direttiva, proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika għandhom jinftehem li jirrikjedu l-istabbiliment ta' subsett ta' popolazzjoni statistika tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija inkwistjoni, b'tali mod li dan ikun jirrifletti b'mod preċiż il-popolazzjoni kollha tal-miżuri kollha tal-iffrankar tal-enerġija, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru konklużjonijiet raġonevolment affidabbli rigward il-fiduċja fit-totalità tal-miżuri.
- (123) L-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini minn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tnaqqas l-ammont ta' enerġija fornuta mill-fjuwils fossili. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini huma miżuri importanti biex jonqsu d-dipendenza enerġetika u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, b'mod speċjali fid-dawl tal-oġettivi ambizzjużi marbutin mal-klima u l-enerġija stabbiliti għall-2030 kif ukoll tal-impenn dinji li sar fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. Għall-finijiet tal-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu iqisu l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika li jippromwovu t-teknoloġiji rinnovabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija skont il-metodoloġija tal-kalkolu prevista f'din id-Direttiva. L-iffrankar tal-enerġija b'miżuri ta' politika dwar l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili ma għandux jingħadd.

- (124) Uħud mill-bidliet introdotti b'din id-Direttiva jistgħu jirrikjedu emenda sussegwenti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex tkun żgurata l-koerenza bejn iż-żewġ atti legali. Id-dispożizzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dawk relatati mal-istabbiliment tal-kontributi nazzjonali *vinkolanti, it-trajettorji u l-istadji importanti*, il-mekkaniżmi li jikkumpensaw għad-diskrepanzi u l-obbligi tar-rappurtar, għandhom jiġu simplifikati u trasferiti f'dak ir-Regolament, ladarba jiġi emendat. Fid-dawl tal-bidliet proposti f'din id-Direttiva, jaf ikun hemm bżonn ukoll valutazzjoni mill-ġdid ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtar u ta' monitoraġġ ma għandhomx joħolqu sistemi ġodda ta' rappurtar iżda jkunu soġġetti għall-qafas eżistenti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar skont ir-Regolament (EU) 2018/1999.
- (125) Biex trawwem l-implimentazzjoni prattika ta' din id-Direttiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, il-Kummissjoni għandha tibqa' tappoġġa l-iskambju ta' esperjenzi dwar il-prattiki, valutazzjoni komparattiva, attivitajiet ta' networking, u prattiki innovattivi bi pjattaforma online.
- (126) Peress li l-oġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni u li titwitta t-triq lejn aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika u lejn in-newtralità klimatika, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġettivi.
- (127) Biex ikun jista' jsir adattament għall-progress tekniku u jkunu jistgħu jsiru bidliet fid-distribuzzjoni tas-sorsi tal-enerġija, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza stabbiliti abbażi ta' din id-Direttiva u fir-rigward tal-valuri, il-metodi tal-kalkolu, il-koeffiċjent prestabbilit tal-enerġija primarja, u r-rekwiżiti fl-Annessi ta' din id-Direttiva.
- (128) Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁵⁴. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin kif jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.
- (129) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat tal-implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵.
- (130) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-

⁵⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Direttiva ta' qabel. L-obbligu ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta' qabel.

- (131) Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XV,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET U MIRI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fl-Unjoni biex ikun żgurat li l-mira **vinkolanti** tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni tintlaħaq u tkun tippermetti aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika, **filwaqt li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u għas-sigurtà tal-Unjoni tal-provvista tal-enerġija permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, inklużi l-fjuwils fossili, filwaqt li tittrasforma r-relazzjonijiet tal-Unjoni dwar l-enerġija ma' sħab ta' pajjiżi terzi lejn il-kisba tan-newtralità klimatika.**

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli mfassla biex jimplimentaw l-effiċjenza enerġetika bħala prijorità fost is-setturi kollha, ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u jxejnu l-fallimenti tas-suq li jxekklu l-effiċjenza fil-provvista, **fit-trażmissjoni, fil-ħżin** u fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, din tipprevedi li jiġu stabbiliti kontributi nazzjonali **vinkolanti** tal-effiċjenza enerġetika għall-2030.

Din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", u b'hekk tikkontribwixxi għall-Unjoni bħala soċjetà inklużiva, ġusta u prospera b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma rekwiżiti minimi u ma għandhom ixekklu lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew idaħħal miżuri aktar stretti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi miżuri aktar stretti, l-Istat Membru għandu jinnotifika din il-leġiżlazzjoni lill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "enerġija" tfisser kull forma ta' prodotti tal-enerġija, fjuwils kombustibbli, sħana, enerġija rinnovabbli, elettriku, jew kwalunkwe forma oħra ta' enerġija, kif definit fl-

Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁵⁶;

- (2) "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tfisser il-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
- (3) "sistema tal-enerġija" tfisser sistema ddisinjata primarjament biex tipprovdi servizzi tal-enerġija biex tissodisfa d-domanda tas-setturi tal-użu finali għall-enerġija fil-forma ta' sħana, fjuwils u elettriku.
- (3a) "effiċjenza tas-sistema" tfisser l-għażla ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija fejn dawn jippermettu wkoll perkors ta' dekarbonizzazzjoni kosteffettiv, flessibbiltà addizzjonali u l-użu effiċjenti tar-riżorsi;**
- (4) "konsum tal-enerġija primarja" tfisser l-enerġija disponibbli grossa, esklużi l-bunkers marittimi internazzjonali, il-konsum finali mhux tal-enerġija, is-sħana ambjentali **u l-enerġija ġeotermali użata fil-pompi tas-sħana**;
- (5) "konsum tal-enerġija finali" tfisser kull enerġija fornuta lill-industrija, lit-trasport (inkluż il-konsum tal-enerġija fl-avjazzjoni internazzjonali), lill-unitajiet domestiċi, lis-servizzi pubbliċi u privati, lill-agrikoltura, lill-forestrija u s-sajd, u lil utenti finali oħra (il-konsumaturi finali tal-enerġija). Din teskludi l-konsum tal-enerġija fil-bunkers marittimi internazzjonali, is-sħana ambjentali **u l-enerġija ġeotermali użata fil-pompi tas-sħana u** l-konsenji lis-settur tat-trasformazzjoni, u s-settur tal-enerġija u t-telf minħabba t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni (japplikaw id-definizzjonijiet fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008);
- (6) "effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon tal-output ta' rendiment, servizz, oġġett jew enerġija, għall-input tal-enerġija;
- (7) "iffrankar tal-enerġija" tfisser ammont ta' enerġija ffrankata u ddeterminata b'kejl u/jew stima tal-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tkun żgurata n-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija;
- (8) "titjib fl-effiċjenza enerġetika" tfisser żieda fl-effiċjenza enerġetika permezz ta' bidliet teknoloġiċi, komportamentali u/jew ekonomiċi;
- (9) "servizz tal-enerġija" tfisser il-benefiċċju fiżiku, l-utilità jew il-vantaġġ miksubin minn kombinament ta' enerġija ma' teknoloġija jew azzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li tista' tinkludi l-operazzjonijiet, il-manutenzjoni u l-kontroll meħtieġa biex jitwassal is-servizz, li jitwassal abbażi ta' kuntratt u li f'ċirkostanzi normali wriet li tikseb titjib fl-effiċjenza enerġetika jew iffrankar tal-enerġija primarja li jista' jiġi verifikat u mkejjejl jew stmat;
- (10) "korpi pubbliċi" tfisser "awtoritajiet kontraenti" kif definit fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷ ;
- (10a) "bini għal skopijiet soċjali" tfisser bini okkupat biss minn korpi li mhumiex korpi pubbliċi, li huma ffinanzjati pubblikament u li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali jew l-akkomodazzjoni**

⁵⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

⁵⁷ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94 28.3.2014, p. 65).

soċjali;

- (11) "erja tal-art utli totali" tfisser l-erja tal-art ta' binja jew ta' parti minn binja, fejn l-enerġija tintuża biex tikkondizzjona l-klima interna;
- (12) "awtoritajiet kontraenti" tfisser awtoritajiet kontraenti kif definit fl-Artikoli 6(1), 2(1) u 3(1) tad-Direttivi 2014/23/UE, id-Direttiva 2014/24/UE u d-Direttiva 2014/25/UE rispettivament;
- (13) "entitajiet kontraenti" tfisser entitajiet kontraenti kif definit fid-Direttivi 2014/23/UE u 2014/25/UE rispettivament;
- (14) "sistema ta' ġestjoni tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi interrelatati jew interattivi ta' pjan li jstabbilixxi objettiv tal-effiċjenza enerġetika u strateġija biex jinkiseb dak l-objettiv, inkluż il-monitoraġġ tal-konsum reali tal-enerġija, l-azzjonijiet meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-kejl tal-progress;
- (15) "standard Ewropew" tfisser standard adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika jew mill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni u magħmul disponibbli għall-użu pubbliku;
- (16) "standard internazzjonali" tfisser standard adottat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u magħmul disponibbli għall-pubbliku;
- (17) "parti obligata" tfisser distributtur tal-enerġija jew kumpanija tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut jew operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li huma marbuta bl-iskema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 9;
- (18) "parti inkarigata" tfisser entità legali b'setgħa delegata minn gvern jew minn korp pubbliku ieħor biex tiżviluppa, tmexxi jew tħaddem skema ta' finanzjament f'isem il-gvern jew il-korp pubbliku l-ieħor;
- (19) "parti parteċipanti" tfisser intrapriża jew korp pubbliku li impenjaw ruħhom li jilhqqu ċerti objettivi bħala parti minn ftehim volontarju, jew li huma koperti bi strument ta' politika regolatorju nazzjonali;
- (20) "awtorità pubblika ta' implimentazzjoni" tfisser korp regolat minn liġi pubblika li hu responsabbli għat-twettiq jew il-monitoraġġ ta' tassazzjoni fuq l-enerġija jew il-karbonju, skemi u strumenti finanzjarji, inċentivi fiskali, standards u normi, skemi tat-tikkettar tal-enerġija, taħriġ jew edukazzjoni;
- (21) "miżura ta' politika" tfisser strument regolatorju, finanzjarju, fiskali, volontarju jew tal-għoti tal-informazzjoni stabbilit u implimentat formalment fi Stat Membru biex jinħoloq qafas ta' appoġġ, rekwiżit jew inċentiv għall-atturi tas-suq biex jipprovdu u jixtru servizzi tal-enerġija u biex jieħdu miżuri oħra li jtejbju l-effiċjenza enerġetika;
- (22) "azzjoni individwali" tfisser azzjoni li twassal għal titjib fl-effiċjenza enerġetika li jista' jiġi verifikat, u mkejjeġ jew stmat, u li sar bis-saħħa ta' miżura ta' politika;
- (23) "distributtur tal-enerġija" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inkluż operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni, li hi responsabbli għat-twassil tal-enerġija bil-għan li titwassal għand klijenti finali jew għand stazzjonijiet tad-distribuzzjoni li jbigħu l-enerġija lil klijenti finali;
- (24) "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" tfisser "operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni" kif definit fl-Artikolu 2(29) tad-Direttiva (UE) 2019/944 fir-rigward

tal-elettriku, u fl-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2009/73/KE, fir-rigward tal-gass rispettivament;

- (25) "kumpanija tal-bejgħ tal-enerġija bl-immnut" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tbiġh l-enerġija lil klijenti finali;
- (26) "klijent finali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-enerġija għall-użu finali tagħha stess;
- (27) "fornitur ta' servizz tal-enerġija" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twassal servizzi ta' enerġija jew miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika f'faċilità jew f'bini tal-klijent finali;
- (27a) ***"intrapriża żgħira jew ta' daqs medju" jew "SME" tfisser intrapriża kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE⁵⁸;***
- (27b) ***"mikrointrapriża" tfisser intrapriża kif definit fl-Artikolu 2(3) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;***
- (28) "awditjar tal-enerġija" tfisser proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil tal-konsum tal-enerġija ***u l-ġestjoni*** ta' binja jew ta' grupp ta' bini, ta' operazzjoni jew ta' installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' servizz privat jew pubbliku, li jiġu identifikati u kwantifikati opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettivi, jiġi identifikat il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, u jiġu rrapportati s-sejbiet;
- (29) "ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija" tfisser arranġament kuntrattwali bejn il-benefiċjarju u l-provditur ta' miżura li tejjeb l-effiċjenza enerġetika, ivverifikata u monitorjata tul it-terminu kollu tal-kuntratt, fejn ix-xogħol, il-provvista jew is-servizz f'dik il-miżura jiġihallu b'mod relattiv ma' livell ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika miftiehem kuntrattwalment jew ma' kriterju ieħor miftiehem tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, bħall-iffrankar finanzjarju;
- (30) "sistema ta' metraġġ intelliġenti" tfisser "sistema ta' arloġġi intelliġenti" kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/944;
- (30a) ***"punt tal-irriċarġjar" tfisser punt tal-irriċarġjar kif definit fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva ... [AFIR – 2021/0223(COD)];***
- (31) "operatur tas-sistema tat-trażmissjoni" tfisser "operatur ta' sistema tat-trażmissjoni" kif definit fl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u fid-Direttiva 2009/73/KE, għall-elettriku u għall-gass, rispettivament;
- (32) "koġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta' enerġija termali u ta' enerġija elettrika jew mekkanika;
- (33) "domanda ġustifikabbli ekonomikament" tfisser domanda li ma taqbiżx il-ħtiġijiet tat-tisħin jew tat-tkessiħ u li kieku tiġi ssodisfata f'kundizzjonijiet tas-suq bi proċessi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija, għajr il-koġenerazzjoni;
- (34) "sħana utli" tfisser sħana ġġenerata bi proċess ta' koġenerazzjoni biex tissodisfa domanda ġustifikabbli ekonomikament għal tisħin jew tkessiħ;

⁵⁸ ***Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).***

- (35) "elettriku minn koġenerazzjoni" tfisser elettriku ġġenerat bi proċess marbut mal-produzzjoni ta' sħana utli u kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness II;
- (36) "koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja" tfisser koġenerazzjoni li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness III;
- (37) "effiċjenza kumplessiva" tfisser it-total annwali tal-produzzjoni tal-elettriku u tal-enerġija mekkanika u tal-output tas-sħana utli diviża bl-input tal-fjuwil użat għas-sħana ġġenerata bi proċess ta' koġenerazzjoni u bil-produzzjoni grossa tal-elettriku u tal-enerġija mekkanika;
- (38) "proporzjon tal-enerġija għas-sħana" tfisser il-proporzjon tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għas-sħana utli waqt operazzjoni fil-modalità ta' koġenerazzjoni sħiħa bl-użu ta' data operazzjonali tal-unità speċifika;
- (39) "unità ta' koġenerazzjoni" tfisser unità li tista' topera f'modalità ta' koġenerazzjoni;
- (40) "unità ta' koġenerazzjoni ta' skala żgħira" tfisser unità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità installata inqas minn 1 MW_e;
- (41) "unità ta' mikrokoġenerazzjoni" tfisser unità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità massima inqas minn 50 kW_e;
- (42) "tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti" tfisser sistema ta' tisħin jew tkessiġ distrettwali li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 24;
- (43) "tisħin u tkessiġ effiċjenti" tfisser alternattiva ta' tisħin u tkessiġ li, meta mqabbla ma' xenarju bażiku li jirrifletti s-sitwazzjoni attwali, tnaqqas b'mod miżurabbli l-input tal-enerġija primarja meħtieġa biex tiġi fornuta unità waħda tal-enerġija mwassla fi ħdan konfini ta' sistema rilevanti b'mod kosteffettiv, kif ivvalutata fl-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija f'din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni, il-konverżjoni, il-ġarr u d-distribuzzjoni;
- (44) "tisħin u tkessiġ individwali effiċjenti" tfisser alternattiva ta' provvista ta' tisħin u tkessiġ individwali li, meta mqabbla ma' tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti, tnaqqas b'mod miżurabbli l-input tal-enerġija primarja mhux rinnovabbli meħtieġa biex tiġi fornuta unità waħda tal-enerġija mwassla fi ħdan konfini ta' sistema rilevanti, jew tirrikjedi l-istess input ta' enerġija primarja mhux rinnovabbli iżda b'inqas kost, b'kunsiderazzjoni tal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni, il-konverżjoni, il-ġarr u d-distribuzzjoni;
- (45) "ċentru tad-data" tfisser struttura, jew grupp ta' strutturi ***użati għaż-żamma, il-konnessjoni u t-tħaddim ta' sistema/servers tal-kompjuter*** u tagħmir ***assoċjat għall-ħżin, l-ipproċessar u/jew id-distribuzzjoni tad-data, kif ukoll attivitajiet relatati kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132***⁵⁹;
- (46) "rinnovazzjoni sostanzjali" tfisser rinnovazzjoni li l-kost tagħha jaqbeż il-50 % tal-kost tal-investment għal unità ġdida komparabbli;
- (47) "aggregatur" għandha t-tifsira attribwita lil "aggregatur indipendenti" kif definit fl-Artikolu 2(19) tad-Direttiva (UE) 2019/944;

⁵⁹ *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132 tat-28 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, l-istatistika ta' kull xahar u l-istatistika ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija (ĠU L 20, 31.1.2019, p. 208).*

- (48) "faqar enerġetiku" tfisser *l-inabbiltà, relatata man-nuqqas ta' affordabbiltà*, ta' unità domestika *li tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tal-provvista tal-enerġija tagħha u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija biex jiġu żgurati livelli bażiċi ta' kundità u saħħa*, standard tal-ġhajxien u tas-saħħa deċenti, inklużi *tisħin, misħun*, tkessiġ, tidwil, u enerġija adegwati biex jitħaddmu l-apparati, fil-kuntest nazzjonali rilevanti, u fil-politika soċjali eżistenti u f'politiki rilevanti oħra, *ikkawżati minn fattur wieħed jew minn kombinazzjoni tal-fatturi li ġejjin: introjtu disponibbli insuffiċjenti, infiq għoli għall-enerġija u effiċjenza enerġetika fqira tad-djar*;
- (49) "utent finali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri t-tisħin, it-tkessiġ jew il-misħun domestiku għall-użu finali tagħha stess, jew persuna fiżika jew ġuridika li tokkupa binja jew unità individwali f'binja b'diversi appartamenti jew b'diversi użi, fornuta b'tisħin, tkessiġ jew misħun domestiku minn sors ċentrali li ma jkollha l-ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija;
- (50) "inċentivi maqsuma" tfisser in-nuqqas ta' distribuzzjoni ġusta u raġonevoli ta' obbligi finanzjarji u premjijiet relatati ma' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fost l-atturi kkonċernati, pereżempju s-sidien u l-inkwilini jew is-sidien differenti tal-unitajiet tal-bini, jew is-sidien u l-inkwilini jew is-sidien differenti ta' bini b'diversi appartamenti jew b'diversi użi.
- (50a) "*strateġija ta' involviment*" tfisser *strateġija li tistabbilixxi objettivi, tiżviluppa tekniki u tistabbilixxi l-proċess li bih jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u lokali, inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bħall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, fil-proċess tat-tfassil tal-politika, bil-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni, jinkiseb feedback dwar tali politiki u tittejjeb l-aċċettazzjoni pubblika tagħhom*;
- (50b) "*punt uniku ta' servizz*" tfisser *punt uniku għall-għoti ta' pariri, gwida u informazzjoni*.

Artikolu 3

Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"

1. F'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, *inklużi r-riżorsi orjentati lejn id-domanda u l-flessibbiltajiet tas-sistema, jiġu vvalutati fit-tfassil u l-ippjanar ta' deċiżjonijiet* ta' politika *kif ukoll ta' deċiżjonijiet* ta' investment ewlenin relatati mas-setturi li ġejjin:

- (a) sistemi tal-enerġija, u
- (b) setturi mhux tal-enerġija, meta dawk is-setturi jkunu jħallu impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, *inklużi l-bini, it-trasport, l-ilma, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), is-setturi tal-agrikoltura u finanzjarji*.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", *inkluż, fejn xieraq, l-integrazzjoni tas-setturi u l-impatti transsettorjali*, tiġi vverifikata mill-entitajiet rilevanti meta d-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' approvazzjoni u ta' monitoraġġ.

2a. Fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu r-Rakkomandazzjoni

tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749⁶⁰.

3. Fl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-Istati Membri għandhom:

- (a) *jiżviluppaw, japplikaw u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku metodoloġija tal-kostbenefiċċji li tippermetti l-valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika filwaqt li jqisu ċ-ċiklu tal-ħajja kollu u l-iżviluppi prevedibbli, l-effiċjenza tas-sistema u l-kosteffiċjenza, is-sigurtà tal-provvista u l-kwantifikazzjoni mill-perspettiva tas-soċjetà, tas-saħħa, ekonomika u tan-newtralità klimatika;*
 - (aa) *jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ikollha impatt pożittiv fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku;*
 - (b) *jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" tal-oqfsa regolatorji, inklużi r-regolamenti finanzjarji, u ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika u s-sistemi tal-enerġija;*
 - (ba) *jiżguraw li l-investimenti li jsiru jkunu ambjentalment sostenibbli fl-istadji kollha tal-katina tal-valur tal-enerġija u japplikaw l-prinċipji taċ-ċirkolarità fi tranżizzjoni għan-newtralità klimatika;*
 - (c) *jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar kif il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" tqies fl-ippjanar nazzjonali, reġjonali u lokali, fil-politika u fid-deċiżjonijiet ta' investiment ewlenin relatati mas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali u mas-setturi mhux tal-enerġija, meta daww is-setturi jkollhom impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, inklużi, iżda mhux limitati għal dawn li ġejjin:*
 - (i) *valutazzjoni tal-applikazzjoni sistematika u l-benefiċċji tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fis-sistemi tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsum tal-enerġija;*
 - (ii) *lista ta' azzjonijiet meħuda biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu regolatorju jew mhux regolatorju mhux meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u tas-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni u miżuri nazzjonali li jmorru kontra l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel";*
- 3a. *Minn ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jissupplimenta din id-Direttiva billi jistabbilixxi qafas ġenerali komuni inklużi s-superviżjoni, il-proċedura ta' monitoraġġ u rappurtar li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex ifasslu l-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà filwaqt li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jadattaw għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u lokali.*

⁶⁰ *Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika – Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu.*

Miri tal-effiċjenza enerġetika

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas **40 %** fl-2030 **fil-konsum tal-enerġija finali u 42,5 % fil-konsum tal-enerġija primarja** meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza **tal-2007** biex il-konsum tal-enerġija finali tal-Unjoni jammonta għal mhux aktar minn **740 Mtoe** u l-konsum tal-enerġija primarja tal-Unjoni jammonta għal mhux aktar minn **960 Mtoe** fl-2030.⁶¹

2. Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi kontributi nazzjonali **vinkolanti** tal-effiċjenza enerġetika għall-konsum tal-enerġija finali u primarja biex kollettivament l-Istati Membri jissodisfaw il-mira vinkolanti tal-Unjoni stabbilita fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-kontributi flimkien ma' trajettorja **b'żewġ punti ta' referenza (stadji importanti) fl-2025 u 2027** għal dawk il-kontributi, lill-Kummissjoni bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, stabbilita fl-Artikolu 3 u fl-Artikoli 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. **Meta jstabbilixxu l-kontributi nazzjonali vinkolanti tagħhom**, l-Istati Membri għandhom **japplikaw** il-formula definita fl-Anness I ta' din id-Direttiva u jispjegaw kif, u abbażi ta' liema data, ġew ikkalkulati l-kontributi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll is-sehem tal-konsum tal-enerġija tas-setturi tal-użu finali tal-enerġija, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija, inkluż tal-industrija, residenzjali, tas-servizzi u tat-trasport, fil-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Għandhom jiġu indikati wkoll il-projezzjonijiet għall-konsum tal-enerġija **■ fl-ICT ■**.

Meta jstabbilixxu dawk il-kontributi, l-Istati Membri għandhom iqisu:

- (a) li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ma jridx ikun aktar minn **740 Mtoe** tal-konsum tal-enerġija finali jew ma jridx ikun aktar minn **960 Mtoe** tal-konsum tal-enerġija primarja;
- (b) il-miżuri previsti f'din id-Direttiva;
- (c) miżuri oħra li jipromwovu l-effiċjenza enerġetika fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni;
- (d) il-fatturi rilevanti **li ġejjin** li jaffettwaw l-isforzi tal-effiċjenza **inklużi fil-formula stabbilita fl-Anness I**:
 - i. il-livell kollettiv ta' ambizzjoni meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi;
 - ii. id-distribuzzjoni ekwa tal-isforzi madwar l-Unjoni;

⁶¹ Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 bħala xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika b'mill-inqas 9 % fl-2030 meta mqabbla mal-livell tal-isforzi fix-Xenarju ta' Referenza tal-2020. Il-mod ġdid kif jiġi espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ.

- iii. l-intensità tal-enerġija tal-ekonomija;
 - (iv) il-potenzjal pendenti tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv;
 - (e) **fatturi** nazzjonali oħra li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija, b'mod partikolari:
 - (i) l-evoluzzjoni u l-previżjoni tal-PDG;
 - (ii) bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija, żviluppi fit-taħlita tal-enerġija, u l-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli ġodda;
 - (iii) l-iżvilupp tas-sorsi kollha tal-enerġiji rinnovabbli, l-enerġija nukleari, il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;
 - (iv) id-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija.
- (iv a) il-livell ta' ambizzjoni fil-pjanijiet nazzjonali ta' dekarbonizzazzjoni/newtralità klimatika.**

Meta l-Istati Membri jqisu l-fatturi nazzjonali msemmija fil-punt (e) tat-tielet subparagrafu, dan ma għandux iwassal biex ma tintlaħaqx il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kontribut kollettiv tal-Istati Membri huwiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni u tivvaluta jekk il-kontributi humiex konformi mal-kisba tal-istadji importanti. Meta tikkonkludi li dan ma jkunx biżżejjed, hija għandha, fi żmien xahrejn min-notifika tal-Istati Membri dwar il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika, tipproponi lil kull Stat Membru kontribut nazzjonali kkoreġut tal-effiċjenza enerġetika filwaqt li tiżgura li l-kontribut kollettiv tal-Istati Membri jilħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Meta tapplika dak il-mekkaniżmu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda differenza fil-konsum tal-enerġija primarja u finali bejn is-somma tal-kontributi nazzjonali tal-Istati Membri u l-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, **tivvaluta l-progress tal-Istati Membri fil-kisba tal-kontributi nazzjonali vinkolanti u l-istadji importanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha,** li ma sarx biżżejjed progress biex jintlaħqu l-kontributi tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri li jaqbzū **■** t-trajettorji **u l-istadji importanti** tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li jiġu implimentati miżuri addizzjonali fi żmien sena mid-data tal-wasla tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex ikun żgurat li jissokta l-perkors it-tajjeb biex jiksbu l-kontributi tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Għalkemm ma għandhomx ikunu limitati għalihom, daww il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu l-miżuri li ġejjin:

- a. il-miżuri nazzjonali li jipprovdu iffirankar tal-enerġija addizzjonali, inkluż b'assistenza aktar b'saħħitha għall-iżvilupp tal-proġetti li jimplimentaw miżuri ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika;
- b. iż-żieda tal-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija stabbilit fl-Artikolu 8;
- c. l-aġġustament tal-obbligu għas-settur pubbliku;
- d. l-ġħoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja volontarja lill-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika msemmi fl-Artikolu 28 jew strument ta' finanzjament ieħor maħsub għall-effiċjenza enerġetika, meta l-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali għandhom ikunu daqs l-investimenti meħtieġa biex tintlaħaq **■** it-trajettorja.

Meta Stat Membru jkun 'il fuq **■** mit-trajettorja tiegħu msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-

Artikolu, dan għandu jinkludi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, spjegazzjoni **dwar il-miżuri li se jiehbi biex ikopri** d-diskrepanza biex jiżgura li jilħaq il-kontributi nazzjonali tiegħu tal-effiċjenza enerġetika **u l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li kull miżura hija mistennija tikseb**.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri nazzjonali msemmija f'dan il-paragrafu humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura, b'mod partikolari, li jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull bidla metodoloġika fid-data rrapportata skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija u fil-mudelli tal-enerġija għall-użu Ewropew tal-enerġija u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi aġġustamenti tekniċi fil-kalkolu tal-miri tal-Unjoni għall-2030 bil-ħsieb li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU II

IR-RWOL EŻEMPLARI TAS-SETTUR PUBBLIKU

Artikolu 5

Is-settur pubbliku fuq quddiem nett fl-effiċjenza enerġetika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsum totali finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi kollha flimkien jitnaqqas b'mill-inqas 2 % kull sena, meta mqabbel mas-sena X-2 (X hija is-sena meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ).

Meta jikkalkulaw il-konsum tal-enerġija finali tal-korpi pubbliċi tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-varjazzjonijiet klimatiċi fl-Istat Membru.

2. Fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jinkludu ***l-lista tal-korpi*** pubbliċi ***kollha*** li għandhom jikkontribwixxu biex jiġi ssodisfat l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ammont ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ***u l-iffrankar tal-enerġija*** li ***jridu jinkisbu*** minn kull wieħed minnhom, u l-miżuri ppjanati biex ***jinkisbu dawn***. Bħala parti mir-rapporti nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali miksub kull sena.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ***rilevanti, mal-aġenziji tal-enerġija tagħhom, fejn rilevanti***, u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu ***abbażi tal-introjt, il-ġeneru, id-demografija, il-kundizzjoni tas-saħħa jew is-sħubija tagħhom fi grupp minoritarju***, bħal persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li, meta jfasslu u jimplementaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jevitaw impatti***

negattivi diretti jew indiretti tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fuq dawk f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jew gruppi vulnerabbli.

4. L-Istati Membri għandhom *jipprovdu appoġġ finanzjarju u tekniku* lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika *u jħeġġuhom iqisu l-benefiċċji usa' lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħall-kwalità tal-arja ta' ġewwa u tal-ambjent kif ukoll titjib tal-livell tal-kwalità tal-ħajja tan-nies u l-kumdità ta' bini pubbliku rinnovat, b'mod partikolari għall-iskejjel, iċ-ċentri għall-kura ta' matul il-jum, id-djar tal-kura, l-akkomodazzjoni protetta, l-isptarijiet, u l-akkomodazzjoni soċjali*, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali. *L-Istati Membri għandhom jipprovdu* linji gwida, *jipromwovu* l-bini ta' kompetenzi u opportunitajiet tat-taħriġ, *inkluż dwar ir-rinnovazzjoni tal-enerġija permezz ta' Kuntratti tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija u sħubijiet pubbliċi privati u jħeġġu* l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji. *L-Istati Membri għandhom jappoġġaw korpi pubbliċi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' riżorsi umani, li huma meħtieġa fl-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-ħaddiema tas-sengħa kif ukoll esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta' ħiliet, xjenzjati u innovaturi applikati.*

5. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-korpi pubbliċi biex jikkunsidraw l-emissjonijiet tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja *kif ukoll il-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tas-sigurtà tal-enerġija* tal-attivitajiet ta' investment u ta' politika tal-korpi pubbliċi tagħhom *u għandhom jipprovdu gwida speċifika f'dak ir-rigward.*

5a. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi pubbliċi biex jieħdu miżuri adegwati biex jindirizzaw id-dimensjoni tat-tisħin tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jew okkupat minnhom, b'mod partikolari permezz tas-sostituzzjoni ta' ħiters qodma u ineffiċjenti u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili.

5b. L-Istati Membri għandhom jipromwovu l-użu tat-trasport pubbliku u mezzi oħra ta' mobilità li jniġġsu inqas u huma aktar effiċjenti fl-enerġija, bħall-ferrovija, l-użu tar-rotta, il-mixi jew il-mobilità kondiviża, billi jġeddu u jiddekarbonizzaw il-flotot, iħeġġu bidla modali u jinkludu dawk il-mezzi fl-ippjanar tal-mobilità urbana.

Artikolu 6

Ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE **■**, kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi *tal-kategoriji li ġejjin u ta' bini għal skopijiet soċjali* biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) *jew bini b'emissjonijiet żero* f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE *b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kosteffettività u tal-fattibbiltà teknika:*

- (a) *bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi;*
- (b) *bini li għadu kif ġie okkupat minn korpi pubbliċi, minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva];*
- (c) *bini okkupat minn korpi pubbliċi meta jilħqu punt ta' attivazzjoni (tiġdid tal-kiri, bejgħ, bidla fl-użu, tiswija sinifikanti jew xogħol ta' manutenzjoni).*

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-akkomodazzjoni soċjali mill-obbligu ta' rinnovazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu fejn tali rinnovazzjonijiet ma jkunux newtrali f'termini ta' kostijiet jew iwasslu għal żidiet fil-kera għall-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali li bl-ebda mod ma tista' tkun limitata għall-ekwivalenti tal-iffrankar ekonomiku fuq il-kont tal-

enerġija.

Meta l-korpi pubbliċi jokkupaw binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom jeżerċitaw id-drittijiet kuntrattwali tagħhom sa fejn ikun possibbli u jħeġġu lil sid il-binja biex jirrinovaha f'Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEB) f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE **jew jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija jew kuntratt tar-*rendiment fl-użu tal-enerġija biex jinżamm u jittejjeb ir-*rendiment fl-użu tal-enerġija maż-*żmien.***** Meta l-korpi pubbliċi jikkonkludu kuntratt ġdid għall-okkupanza ta' binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom **jżguraw li l-binja tidħol fl-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika fuq iċ-ċertifikat tar-*rendiment fl-użu tal-enerġija jew jistabbilixxu klawżoli kuntrattwali li jimpenjaw lis-sid tal-bini biex jirrinova l-bini għal Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEB) qabel ma jkun okkupat mill-korp pubbliku.***

Ir-rata ta' mill-anqas 3 % għandha tiġi kkalkulata fuq l-erja totali tal-art tal-bini li jkollu erja tal-art utli totali ta' aktar minn 250 m² li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi u **tal-bini għal skopijiet soċjali** li, fl-1 ta' Jannar 2024, ma tkunx Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBs).

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti biex jżguraw li, fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, il-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jew okkupat minnhom kif imsemmi fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi ta' dan il-paragrafu u l-bini għal skopijiet soċjali ta' aktar minn 250 m² ikun mgħammar b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini jew soluzzjonijiet oħra għall-ġestjoni attiva tal-flussi tal-enerġija, f'konformità mal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2010/31/UE.

Fejn ikun teknikament fattibbli u kosteffettiv, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jinstallaw għadd ta' punti tal-irriċarġjar fil-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jew okkupat minnhom li jaqbżu r-rekwiżiti minimi previsti fl-Artikolu [12] tad-Direttiva... [riformulazzjoni tal-EPBD – 2021/0426 (COD)].

1a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rekwiżiti inqas stretti li jistabbilixxu rekwiżiti differenti tal-effiċjenza enerġetika għall-kategoriji ta' bini li ġejjin:

- (a) **bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat, jew minħabba l-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu, sa fejn il-konformità ma' ċerti rekwiżiti minimi tar-*rendiment fl-użu tal-enerġija tiddel b'mod inaċċettabli l-karattru jew l-apparenza tiegħu;***
- (b) **bini li jkun il-proprjetà tal-forzi armati jew il-gvern ċentrali u li qed jintuża għal finijiet ta' difiża nazzjonali, iżda li mhux postijiet ta' għajxien singoli jew bini tal-uffiċċji tal-forzi armati u persunal ieħor impjegat mill-awtoritajiet tad-difiża nazzjonali;**
- (c) **bini użat bħala post ta' qima u għal attivitajiet reliġjużi.**

1b. Sabiex l-iffrankar tal-enerġija jiġi antiċipat u biex jiġi pprovdut inċentiv għal azzjoni bikrija, Stat Membru li jirrinova aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tiegħu f'konformità mal-paragrafu 1 fi kwalunkwe sena sal-31 ta' Diċembru 2026 jista' jgħodd is-surplus mar-rata annwali ta' rinnovazzjoni ta' kwalunkwe waħda mit-tliet snin ta' wara. Stat Membru li jirrinova aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tiegħu mill-1 ta' Jannar 2027 jista' jgħodd is-surplus mar-rata ta' rinnovazzjoni annwali tas-sentejn ta' wara.

2. F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jgħoddu mar-rata tar-rinnovazzjoni annwali ta' bini ġdid proprjetà bħala sostitut għal bini speċifiku ta' korpi pubbliċi mwaqqa' f'waħda mis-sentejn preċedenti. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom japplikaw biss meta jkunu aktar

kosteffettivi u sostenibbli f'termini ta' enerġija u tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ tul iċ-ċiklu tal-ħajja miksubin meta mqabbla mar-rinnovazzjonijiet ta' dan il-bini. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u l-proċeduri biex jiġu identifikati dawn il-każijiet eċċezzjonali għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati minn kull Stat Membru.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku inventarju ta' bini msaħħan u/jew imkessaħ **li huwa proprjetà tal-korpi pubbliċi jew okkupat minnhom kif imsemmi fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi tal-paragrafu 1 u bini għal skopijiet soċjali** b'erja tal-art utli totali ta' aktar minn 250 m². Dan l-inventarju għandu jiġi **stabbilit sat-30 ta' Ġunju 2024, u għandu jiġi aġġornat mill-anqas darba fis-sena. Dan għandu jinġabar f'bażi tad-data faċli għall-utent u jkun marbut mal-ħarsa ġenerali tal-istokk tal-bini li ssir fil-qafas tal-istrateġiji nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul f'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE u mal-bażijiet tad-data stabbiliti skont l-Artikolu [19] ta' dik id-Direttiva [riformulazzjoni tal-EPBD – 2021/0426 (COD)].**

Meta tali inventarji jkunu diġà jeżistu fil-livelli lokali jew reġjonali, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiffaċilita l-ġbir tad-data u l-attivitajiet tal-ipproċessar relatati mal-inventarju tiegħu. L-inventarju għandu jippermetti wkoll lill-atturi privati inklużi l-ESCOs biex jieħdu sehem f'soluzzjonijiet ta' rinnovazzjoni. Id-data dwar il-karatteristiċi tal-istokk tal-bini, il-prestazzjoni tal-qoxra tal-bini, is-sistemi tekniċi tal-bini, ir-rinnovazzjoni tal-bini u r-rendiment fl-użu tal-enerġija tista' tiġi aggregata mill-Osservatorju Ewropew tal-Istokk Immobiliari biex jiġi żgurat fehim aħjar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-settur tal-bini permezz ta' data komparabbli.

L-inventarju għandu jkun fih mill-anqas id-data li ġejja:

- (a) l-erja tal-art f'm²;
- (ab) **il-konsum annwali tal-enerġija tas-sħana, it-tkessiħ, l-elettriku u l-misħun meta dik id-data tkun disponibbli;**
- (b) iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' kull binja maħruġ f'konformità **mal-Artikolu 16 tad-Direttiva ... [riformulazzjoni tal-EPBD – 2021/0426 (COD)] jew, fejn ma jeżisti l-ebda ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-sors tas-sħana tal-bini, l-intensità tal-enerġija tal-bini mogħtija f'kWh/(m²*y), installazzjonijiet tal-ventilazzjoni u tat-tkessiħ u installazzjonijiet tekniċi oħra;**
- (ba) **l-iffrankar tal-enerġija mkejjel li jirriżulta mir-rinnovazzjoni ta' bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jew okkupat minnhom u ta' bini għal skopijiet soċjali u azzjonijiet oħra ta' effiċjenza enerġetika fuq dak il-bini;**
- (bb) **l-età, it-tip ta' użu, it-tipoloġija u l-post (urban jew rurali) tal-bini.**

Minbarra d-data msemmija fit-tielet subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jinkludu aspetti kwalitattivi fl-inventarji tagħhom. B'mod partikolari, huma jistgħu jehmżu mal-inventarji tagħhom deskrizzjoni tal-miżuri relatati mal-istrateġiji ta' involviment tagħhom sabiex jiżguraw li s-sidien u l-okkupanti tal-bini jadattaw l-imġiba tagħhom għall-iffrankar tal-enerġija u għar-rekwiżiti operazzjonali tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero (NZEBs) Tali annessi għandhom ikunu disponibbli fil-forma ta' ċentri ta' riżorsi preeżistenti ġestiti minn awtoritajiet lokali, jew miżjuda magħhom, li għandhom ikunu aċċessibbli għal partijiet ikkonċernati, inklużi dawk li jfasslu l-politika, sidien il-kera soċjali privati u assoċjazzjonijiet tal-kerrejja, u manijers ta' ufficiji privati.

L-akkwist pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, meta jikkonkludu kuntratti pubbliċi u konċessjonijiet ta' valur daqs jew aktar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE, jixtru biss prodotti, servizzi, bini u xogħlijiet b'rendiment għoli tal-effiċjenza enerġetika, ***filwaqt li titqies kif xieraq il-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji***, f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li meta jikkonkludu l-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet ta' valur daqs jew aktar mil-limiti msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva, inkluż għal dawk il-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet li għalihom m'hemm previst l-ebda rekwiżit speċifiku fl-Anness IV.

2. L-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-kuntratti tal-forzi armati biss safejn l-applikazzjoni tiegħu ma toħloqx kunflitt man-natura u mal-għan primarju tal-attivitajiet tal-forzi armati. L-obbligu ma għandux japplika għall-kuntratti tat-tagħmir militari kif definit fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁶².

3. Minkejja l-paragrafu 4 tal-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jivvalutaw il-fattibbiltà li jiġu konklużi kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-tul li jipprovdu ffrankar tal-enerġija fit-tul meta jiffirmaw kuntratti ta' servizzi b'kontenut sinifikanti ta' enerġija.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, meta jinxtara pakkett ta' prodotti kopert għalkollox minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶³, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-effiċjenza enerġetika aggregata tiegħu prijorità fuq l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti individwali f'dak il-pakkett, billi jinxtara l-pakkett ta' prodotti li jkun konformi mal-kriterju li jappartjeni għall-ogħla klassi ta' effiċjenza enerġetika ***disponibbli***.

5. L-Istati Membri ***għandhom*** jirrikjedu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, meta xieraq, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist, ***b'mod partikolari għas-settur tat-trasport***, biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. Meta xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Biex tkun żgurata t-trasparenza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fil-proċess tal-akkwist, l-Istati Membri għandhom jagħmlu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar l-impatt tal-effiċjenza enerġetika ta' kuntratti b'valur daqs jew aktar mil-limiti msemmija fil-paragrafu 1. L-awtoritajiet kontraenti ***għandhom*** jirrikjedu li l-offerenti jiżvelaw informazzjoni dwar il-potenzjal ta' tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini ġdid ***u bini li jrid jiġi rinnovat, inkluż l-użu ta' materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ċ-ċirkolarità tal-materjali użati, u għandhom*** jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-

⁶² Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 7).

⁶³ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

kuntratti, b'mod partikolari għal bini ġdid b'erja tal-art akbar minn 2000 metru kwadru.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, billi jipprovdu regoli u linji gwida ċari, inkluż metodoloġiji, dwar il-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-impatti u l-kostijiet ambjentali, jistabbilixxu ċentri ta' appoġġ għall-kompetenzi, iħeġġu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri, u jużaw l-akkwist aggregat u l-akkwist diġitali meta possibbli.

5a. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tipprovi aktar gwida u għodod lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-uffiċjali tal-akkwist fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fil-proċess tal-akkwist. Tali appoġġ jista' jsaħħaħ il-fora ta' appoġġ eżistenti (eż. azzjoni miftiehma) għall-Istati Membri u jgħinjom iqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet legali u regolatorji, u l-prattiki amministrattivi, fir-rigward tax-xiri pubbliku u tal-ibbaġitjar u tal-kontabbiltà annwali, li huma meħtieġa biex ikun żgurat li awtoritajiet kontraenti individwali ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti li jtejbju l-effiċjenza enerġetika u milli jużaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u mekkaniżmi ta' finanzjament oħra ta' partijiet terzi fuq bażi kuntrattwali fit-tul.

7. L-Istati Membri għandhom ineħħu kwalunkwe ostaklu regolatorju u mhux regolatorju għall-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet legali u regolatorji, u l-prattiki amministrattivi, fir-rigward tax-xiri pubbliku u tal-ibbaġitjar u tal-kontabbiltà annwali, biex ikun żgurat li l-korpi pubbliċi individwali ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti li jtejbju l-effiċjenza enerġetika u milli jużaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u mekkaniżmi ta' finanzjament ta' partijiet terzi fuq bażi kuntrattwali fit-tul.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex jindirizzaw l-ostakli għall-adozzjoni tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

KAPITOLU III

L-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Artikolu 8

Obbligu tal-iffrankar tal-enerġija

-1. Bil-ħsieb li jiġi żgurat kontribut stabbli u prevedibbli lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, l-Istati Membri għandhom jiksbu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fil-perjodi ta' obbligu. L-ewwel perjodu ta' obbligu, li huwa msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), kien mill-2014 sal-2020. It-tieni perjodu ta' obbligu, li huwa msemmi fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandu jibda mill-2021 sal-2030.

1. L-Istati Membri għandhom jiksbu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali ekwivalenti mill-anqas għal:

- (a) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 ta' 1,5 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lil klijenti finali skont il-volum, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2013. Il-bejgħ tal-enerġija, bil-volum, użata fit-trasport jista' jiġi eskluż parzjalment jew għalkollox minn dak il-kalkolu;
- (b) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 ta' 0,8 % tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019. B'deroga minn dak ir-rekwiżit, Ċipru u Malta għandhom jiksibu ffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 ekwivalenti għal 0,24 % tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;
- (c) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030 ta' 2 % tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2020.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif iqassmu f'fajziet il-kwantità kkalkolata ta' ffrankar ġdid tul kull perjodu msemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, dment li l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv totali meħtieġ fl-użu finali jkun intlaħaq sal-aħħar ta' kull perjodu ta' obbligu.

L-Istati Membri għandhom ikomplu jiksibu ffrankar annwali ġdid, skont ir-rata tal-iffrankar prevista fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għal perjodi ta' għaxar snin wara l-2030.

2. L-Istati Membri għandhom jiksibu l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jistabbilixxu skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika kif imsemmi fl-Artikolu 9 jew billi jadottaw miżuri ta' politika alternattivi kif imsemmi fl-Artikolu 10. L-Istati Membri jistgħu jikkombinaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika ma' miżuri ta' politika alternattivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-miżuri ta' politika msemmijin fl-Artikoli 9 u 10 u l-Artikolu 28(11) jiġi kkalkulat skont l-Anness V.

3. L-Istati Membri għandhom jimplementaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi b'introjt baxx***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawk il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) biex jitneħħew l-effetti negattivi u tkun żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u inklużiva.

Sabiex jinkiseb l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fil-kontribut għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' politika.

L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu u*** jiksibu sehem ***minimu*** tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi b'introjt baxx***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan is-sehem għandu tal-anqas ikun daqs il-proporzjon tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament 2018/1999 dwar il-

Governanza. *L-Istati Membri għandhom, fil-valutazzjoni tagħhom tas-sehem tal-faqar enerġetiku fil-Pjanijiet Nazżjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima, jikkunsidraw l-indikaturi msemmija fil-punti (a) sa (bb) ta' dan is-subparagrafu.* Jekk Stat Membru ma jkunx innotifika s-sehem ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-Pjan Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima tiegħu, is-sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, għandu tal-anqas ikun daqs is-sehem medju aritmetiku tal-indikaturi li ġejjin għas-sena 2019 jew, jekk mhux disponibbli għall-2019, għall-estrapolazzjoni lineari tal-valuri tagħhom għall-aħħar tliet snin disponibbli:

- a) Inabbiltà li d-dar tinżamm sħuna kif xieraq (Eurostat, SILC [ilc_mdcs01]);
- b) Arretrati fuq il-kontijiet tal-utilità (Eurostat, SILC, [ilc_mdcs07]); u
- (ba) il-popolazzjoni totali ta' nies li jgħixu f'abitazzjoni b'saqaf iqattar, ħitan, art jew pedamenti umdi jew tmermir fl-oqfsa tat-twieqi jew fl-art (Eurostat, SILC [ilc_mdho01]);***
- (bb) ir-rata tar-riskju ta' faqar (stħarriġ ta' Eurostat, SILC u ECHP [ilc_li02]) (punt ta' limitu: 60 % tal-introjtu medjan ekwivalizzat wara t-trasferimenti soċjali.***

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-indikaturi applikati, is-sehem medju aritmetiku u l-eżitu tal-miżuri ta' politika stabbiliti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-aġġornamenti tal-pjanijiet nazżjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, fil-pjanijiet nazżjonali integrati sussegwenti tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u fir-rapporti ta' progress rispettivi f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

5. L-Istati Membri jistgħu jgħoddu l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-miżuri ta' politika, kemm dawk introdotti sal-31 ta' Diċembru 2020 u anke dawk introdotti wara dik id-data, dment li dawk il-miżuri jwasslu għal azzjonijiet individwali ġodda mwettqa wara l-31 ta' Diċembru 2020. L-iffrankar tal-enerġija miksub tul kwalunkwe perjodu ta' obbligu ma jgħoddx għall-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija għall-perjodi ta' obbligu preċedenti stabbiliti fil-paragrafu 1.

6. Dment li l-Istati Membri jwettqu mill-inqas l-obbligu tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1), dawn jistgħu jikkalkulaw l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 b'wieħed jew aktar mill-mezzi li ġejjin:

- (a) japplikaw rata ta' ffrankar annwali fuq il-bejgħ tal-enerġija lil klijenti finali jew fuq il-konsum tal-enerġija finali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;
- (b) jeskludu, għalkollox jew parzjalment, l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu;
- (c) jużaw xi waħda mill-alternattivi msemmijin fil-paragrafu 8.

7. Meta l-Istati Membri jużaw xi wieħed mill-possibiltajiet previsti fil-paragrafu 6 rigward l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dawn għandhom jistabbilixxu:

- (a) ir-rata ta' ffrankar annwali tagħhom li se tiġi applikata fil-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, li għandha tiżgura li l-ammont finali tal-iffrankar tal-

enerġija nett tagħhom ma jkunx anqas minn dak meħtieġ skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;

- (b) ix-xenarju bażi tal-kalkolu tagħhom stess, li jista' jeskludi, parzjalment jew għalkollox, l-enerġija użata fit-trasport.

8. Soġġett għall-paragrafu 9, kull Stat Membru jista':

- (a) jagħmel il-kalkolu meħtieġ skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 bil-valuri ta' 1 % fl-2014 u fl-2015; 1,25 % fl-2016 u fl-2017; u 1,5 % fl-2018, fl-2019 u fl-2020;
- (b) jeskludi mill-kalkolu l-bejgħ kollu jew parti mill-bejgħ tal-enerġija użata, bil-volum, rigward il-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jew l-enerġija finali kkunsmata, rigward il-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu, mill-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE;
- (c) jgħodd, mal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-iffrankar tal-enerġija miksub fis-setturi tat-trasformazzjoni, tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-enerġija, inkluż l-infrastruttura tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti, bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 23(4), il-punt (a) tal-Artikolu 24(4), u l-Artikolu 25(1), (5) sa (9) u (11). L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' politika maħsuba tagħhom skont dan il-punt għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 u sal-31 ta' Diċembru 2030 bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima. L-impatt ta' dawk il-miżuri għandu jiġi kkalkulat skont l-Anness V u jiġi inkluż f'dawk il-pjanijiet;
- (d) jgħodd mal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija, l-iffrankar tal-enerġija miksub minn azzjonijiet individwali ġodda li jkunu ġew implimentati mill-31 ta' Diċembru 2008 u li baqa' jkollhom impatt fl-2020 rigward il-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u wara l-2020 rigward il-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, u li jista' jiġi mkejjeż u verifikat;
- (e) jgħodd, mal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija, l-iffrankar tal-enerġija miksub minn miżuri ta' politika, dment li jkun jista' jintwera li dawk il-miżuri jwasslu għal azzjonijiet individwali mwettqa mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 u li jiksbu ffrankar wara l-31 ta' Diċembru 2020;
- (f) jeskludi mill-kalkolu tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija skont il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, 30 % tal-ammont verifikabbli ta' enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini għal użu proprju permezz ta' miżuri ta' politika li jippromwovu installazzjonijiet ġodda ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli;
- (g) jgħodd mal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija skont il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-iffrankar tal-enerġija li jaqbeż l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu ta' obbligu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, dment li dak l-iffrankar jinkiseb minn azzjonijiet individwali mwettqa skont il-miżuri ta' politika msemmijin fl-Artikoli 9 u 10, notifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Effiċjenza fl-Enerġija u rrapportati fir-rapporti ta' progress tagħhom f'konformità mal-Artikolu 24.

9. L-Istati Membri għandhom japplikaw u jikkalkulaw l-effett tal-għażliet li saru skont il-

paragrafu 8 għall-perjodu msemmi fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 separatament:

- (a) għall-kalkolu tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija għall-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 8. L-għażliet kollha li jsiru skont il-paragrafu 8 meħudin flimkien għandhom jammontaw għal mhux aktar minn 25 % tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;
- (b) għall-kalkolu tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija għall-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (b) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punti (b) sa (g) tal-paragrafu 8, dment li l-azzjonijiet individwali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 8 jibqa' jkollhom impatt li jista' jiġi verifikat u mkejjeġ wara l-31 ta' Diċembru 2020. L-għażliet kollha li jsiru skont il-paragrafu 8 meħudin flimkien ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis ta' aktar minn 35 % tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija kkalkulat skont il-paragrafi 6 u 7.

Irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jeskludux għalkollox jew parzjalment l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu tagħhom jew jużaw xi alternattiva minn fost dawk elenkati fil-paragrafu 8, dawn għandhom jiżguraw li l-ammont nett ikkalkulat ta' ffrankar ġdid jinkiseb fil-konsum tal-enerġija finali tul il-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 ma jkunx inqas mill-ammont miksub mill-applikazzjoni tar-rata ta' ffrankar annwali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

10. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fl-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f'konformità mal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1999, u fir-rapporti ta' progress rispettivi, il-kalkolu tal-ammont tal-ifffrankar tal-enerġija li jrid jinkiseb tul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 u għandhom, jekk ikun rilevanti, jispjegaw kif ġew stabbiliti r-rata ta' ffrankar annwali u x-xenarju bażi tal-kalkolu u kif, u sa liema punt, l-għażliet imsemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu ġew applikati.

11. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammont tal-ifffrankar tal-enerġija meħtieġ imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, deskrizzjoni tal-miżuri ta' politika li jridu jiġu implimentati biex jinkiseb l-ammont totali meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, u l-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom skont l-Anness V ta' din id-Direttiva, bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell tar-rappurtar mogħti lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

12. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1999, jew tal-abbozz jew l-aġġornament finali tal-aħħar pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima notifikat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, jew tal-valutazzjoni tal-abbozz u tal-verżjoni finali sussegwenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' politika tagħhom ma jiżgurawx il-kisba tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu

finali sa tmiem il-perjodu ta' obbligu, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 għall-Istati Membri li l-miżuri ta' politika tagħhom jidhrilha li mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom.

13. Meta Stat Membru ma jkunx kiseb l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali sa tmiem kull perjodu ta' obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan għandu jkiseb l-iffrankar tal-enerġija pendenti flimkien mal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali meħtieġ sa tmiem il-perjodu ta' obbligu ta' wara.

14. Bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħhom u tar-rapporti ta' progress rispettivi tagħhom, u tal-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti għall-enerġija u l-klima tagħhom, innotifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 l-Istati Membri, inkluż meta xieraq b'evidenza u b'kalkoli, għandhom juru:

- (a) li meta kien hemm duplikazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' politika jew ta' azzjonijiet individwali, dan l-iffrankar tal-enerġija ma ngħaddx darbtejn;
- (b) kif l-iffrankar tal-enerġija miksub skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 jikkontribwixxi għall-kisba tal-kontribut nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 4;
- (c) li l-miżuri ta' politika huma stabbiliti biex jissodisfaw l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom, imfassla skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, u li dawk il-miżuri ta' politika huma eliġibbli u xierqa biex jiżguraw il-kisba tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali sa tmiem kull perjodu ta' obbligu.

Artikolu 9

Skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiksibu l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) permezz ta' skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, dawn għandhom jiżguraw li l-partijiet obligati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jissodisfaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(8) u (9), ir-rekwiżit tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali stabbilit fl-Artikolu 8(1).

Meta applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-partijiet obligati jwettqu dak l-iffrankar, kollu jew parti minnu, bħala kontribuzzjoni għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika f'konformità mal-Artikolu 28(11).

2. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, partijiet obligati minn fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ***l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni***, id-distributori tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut u d-distributori tal-fjuwil tat-trasport jew il-bejgiegħa bl-imnut tal-fjuwil tat-trasport li joperaw fit-territorju tagħhom. L-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija biex jiġi ssodisfat l-obbligu għandhom jiksibu il-partijiet obligati fost il-klijenti finali, deżinjati mill-Istat Membru, indipendentement mill-kalkolu li sar skont l-Artikolu 8(1) jew, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, bi ffrankar iċċertifikat miksub minn partijiet oħra kif deskritt fil-punt (a) tal-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut jiġu deżinjati bħala partijiet obligati skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt li jkunu qed jissodisfaw l-obbligu tagħhom, il-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut ma jgħolqu l-ebda ostaklu li jxekkel lill-

konsumaturi milli jaqilbu minn fornitur għal ieħor.

4. L-Istati Membri **għandhom jinkoraġġixxu** lill-partijiet obbligati jiksbu sehem tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli **u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll li l-partijiet obbligati jilhq miri ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu ffrankar tal-enerġija billi jippromwovu miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri ta' appoġġ finanzjarju li jtaffu l-effetti tal-prezz tal-karbonju fuq l-SMEs u **l-mikrointrapriżi**.

5. L-Istati Membri **għandhom** jirrikjedu lill-partijiet obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet **reġjonali u lokali** jew mal-muniċipalitajiet, **u jinvolvu ruħhom mas-servizzi soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jistabilixxu pjattaforma ta' impenn dedikata għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku**, biex jippromwovu miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli **u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-partijiet obbligati jirrapportaw annwalment dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet obbligati bl-azzjonijiet promossi fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u għandhom jirrikjedu informazzjoni statistika aggregata dwar il-klijenti finali tagħhom (li tidentifika l-bidliet fl-iffrankar tal-enerġija f'informazzjoni sottomessa qabel) u dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju mogħti.

7. L-Istati Membri għandhom jesprimu l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija minn kull parti obbligata f'termini ta' konsum tal-enerġija finali jew primarja. Il-metodu magħżul biex jiġi espress l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija għandu jintuża wkoll għall-kalkolu tal-iffrankar dikjarat mill-partijiet obbligati. Waqt il-konverżjoni tal-iffrankar tal-enerġija, għandhom japplikaw il-valuri kalorifiċi netti stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066⁶⁴ u l-fattur tal-enerġija primarja skont l-Artikolu 29 sakemm ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat l-użu ta' fatturi tal-konverżjoni oħrajn.

8. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li permezz tagħhom issir verifika dokumentata ta' mill-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika implimentati mill-partijiet obbligati. Il-kejl, il-kontroll u l-verifika għandhom isiru indipendentement mill-partijiet obbligati. Meta entità tkun parti obbligata skont skema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9 u skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)⁶⁵], is-

⁶⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1-93).

⁶⁵ Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-

sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju mgħoddi waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum [f'konformità mal-Artikolu 1(21) ta' COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)] għandu jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija tal-entità.

9. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar is-sistemi ta' kejl, kontroll u verifika stabbiliti inkluż, iżda mhux biss, il-metodi użati, il-kwistjonijiet identifikati u kif dawn ġew indirizzati.

10. Fl-iskema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-partijiet obligati biex iwettqu dan li ġej:

- (a) jgħoddu mal-obbligu tagħhom l-iffrankar tal-enerġija ċċertifikat miksub minn fornituri ta' servizzi tal-enerġija jew minn partijiet terzi oħra, inkluż meta l-partijiet obligati jippromwovu miżuri permezz ta' korpi oħra approvati mill-Istat jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jinvolvu sħubijiet formali u jistgħu jkunu kkombinati ma' sorsi oħra ta' finanzjament. Meta l-Istati Membri jippermettu dan, dawn għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija timxi skont proċess ta' approvazzjoni mħaddem fl-Istati Membri, li jkun ċar, trasparenti, u miftuħ għall-partiċipanti kollha tas-suq, u li jkollu l-għan li jnaqqas kemm jista' jkun il-kostijiet ta-ċċertifikazzjoni;
- (b) jgħoddu l-iffrankar tal-enerġija miksub f'sena partikolari bħallikieku nkiseb f'xi waħda mill-erba' snin preċedenti jew mit-tliet snin sussegwenti, dment li dan il-perjodu ma jaqbiżx it-tmien tal-perjodi ta' obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(1).

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u, jekk xieraq, jieħdu miżuri biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt tal-kostijiet diretti u indiretti tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika fuq il-kompetittività tal-industriji intensivi fl-enerġija li huma esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali.

11. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-iffrankar tal-enerġija miksub minn kull parti obligata, jew minn kull subkategorija ta' parti obligata, u bħala total permezz tal-iskema.

Artikolu 10

Miżuri ta' politika alternattivi

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jiksbu l-iffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi, dawn għandhom jiżguraw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(8) u (9), li l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) jinkiseb fost il-klijenti finali.

2. Għall-miżuri kollha għajr dawk relatati mat-tassazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li permezz tagħhom issir verifika dokumentata ta' mill-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika implimentati mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati. Il-kejl, il-kontroll u l-verifika għandhom isiru indipendentement mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament

iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757, (Test b'relevanza għaż-ŻEE){SEC(2021) 551 final} - {SWD(2021) 557 final} - {SWD(2021) 601 final} - {SWD(2021) 602 final}.

(UE) 2018/1999, dwar is-sistemi ta' kejl, kontroll u verifika stabbiliti inkluż, iżda mhux biss, il-metodi użati, il-kwistjonijiet identifikati u kif dawn ġew indirizzati.

4. Meta jirrapportaw miżura ta' tassazzjoni, **inklużi tariffi u imposti parafiskali**, l-Istati Membri għandhom juru **li huma ġew imfassla bl-iskop li jiġġeneraw iffrankar tal-enerġija** u kif fit-fassil tal-miżura ta' tassazzjoni għet żgurata l-effikaċja tas-sinjali tal-prezz, bħal pereżempju r-rata tat-taxxa u l-viżibbiltà maż-żmien. Meta jkun hemm tnaqqis fir-rata tat-taxxa, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw kif il-miżuri ta' tassazzjoni għandhom iwasslu għal iffrankar tal-enerġija għdid.

Artikolu 11

Sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u awditjar tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi **jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, meta l-konsum annwali medju tagħhom tal-enerġija matul it-tliet snin ta' qabel, filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, ikun:**

(a) **ogħla minn 100 TJ, mill-1 ta' Jannar 2024;**

(b) **ogħla minn 70 TJ, mill-1 ta' Jannar 2027.**

Is-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija għandha tiġi ċertifikata minn korp indipendenti skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi **li ma jimplimentawx sistema ta' ġestjoni tal-enerġija jkunu soġġetti għal awditjar tal-enerġija, meta l-konsum annwali medju tagħhom tal-enerġija matul it-tliet snin ta' qabel, filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, ikun:**

(a) **ogħla minn 10 TJ, mill-1 ta' Jannar 2024;**

(b) **ogħla minn 6 TJ, mill-1 ta' Jannar 2027.**

L-awditjar tal-enerġija għandu jsir **skont l-istandards rilevanti Ewropej jew internazzjonali** b'mod indipendenti u kosteffettiv minn esperti **speċifiċi għas-settur** kwalifikati jew akkreditati **jew minn korpi indipendenti akkreditati** skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26 jew implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġislazzjoni nazzjonali. L-awditjar tal-enerġija għandu jsir mill-inqas kull erba' snin mid-data tal-awditjar tal-enerġija preċedenti.

Ir-riżultati tal-awditjar tal-enerġija, inklużi r-rakkomandazzjonijiet minn dan l-awditjar għandhom **jirriżultaw fi pjanijiet konkreti u fattibbli ta' implimentazzjoni li jindikaw il-kost u l-perjodu tal-ħlas lura għal kull azzjoni tal-effiċjenza enerġetika rakkomandata u għandhom jiġu trażmessi lill-maniġment tal-intrapriża. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tkun obbligatorja, bl-eċċezzjoni ta' dawk fejn il-perjodu tal-ħlas lura jkun itwal minn tliet snin.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet implimentati jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tal-intrapriża, **u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, ħliet informazzjoni soġġetta għal liġijiet nazzjonali li jiproteġu s-sigrietijiet kummerċjali u tan-negożju u l-kunfidenzjalità.**

2a. L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-kumpaniji eliġibbli kollha jipprovdu l-informazzjoni li ġejja fir-rapport annwali tagħhom:

(a) **informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija annwali f'kWh;**

- (b) *informazzjoni dwar il-volum ta' ilma użat annwalment f'metri kubi;*
- (c) *tqabbil tal-konsum annwali tal-enerġija u tal-ilma tal-istess faċilità mas-snin preċedenti.*

3. L-Istati Membri għandhom jipromwovu d-disponibbiltà lill-klijenti finali kollha ta' awditjar tal-enerġija ta' kwalità għolja, kosteffettiv u:

- (a) imwettaq b'mod indipendenti minn esperti kwalifikati u/jew akkreditati skont il-kriterji ta' kwalifikazzjoni; jew
- (b) implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

L-awditjar tal-enerġija msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir minn esperti interni jew awdituri tal-enerġija dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa *salvagwardji biex jiżgura l-kapaċità tiegħu li jwettaq awditi b'mod indipendenti kif ukoll* skema li tiżgura u tivverifika l-kwalità tagħhom inkluż, meta xieraq, għażla aleatorja annwali ta' mill-inqas persentaġġ statistikament sinifikanti tal-awditjar kollu tal-enerġija li jagħmlu.

Biex tkun garantita l-kwalità għolja tal-awditjar tal-enerġija u tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji minimi trasparenti u nondiskriminatorji għall-awditjar tal-enerġija abbażi tal-Anness VI *u speċifikat fi standards Ewropej u internazzjonali*. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-verifiki tal-kwalità jsiru biex ikunu żgurati l-validità u l-eżattezza tal-awditi tal-enerġija.

L-awditjar tal-enerġija ma għandux jinkludi klawżoli li jwaqqfu s-sejbiet tal-awditjar milli jiġu trasferiti lil xi fornitur ta' servizzi tal-enerġija kwalifikat/akkreditat, bil-kundizzjoni li l-klijent ma joġġezzjonax.

4. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi *bil-għan* li jħeġġu *u jipprovdu appoġġ tekniku* lill-SMEs li mhumiex soġġetti għall-paragrafi 1 jew 2 biex iwettqu awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni sussegwenti tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditjar *skont il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI*.

Abbażi ta' kriterji trasparenti u nondiskriminatorji u mingħajr preġudizzju għal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat tal-UE, l-Istati Membri *għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi bħal ċentri tal-awditu tal-enerġija għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, fejn dawn ma jkunux f'kompetizzjoni ma' awdituri privati, biex jiprovdu awditi tal-enerġija sussidjati, kif ukoll* skemi ta' appoġġ oħra għall-SMEs, inkluż jekk dawn ikunu kkonkludew ftehimiet volontarji, biex ikopru l-ispejjeż ta' verifika tal-enerġija u tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet kosteffettivi ħafna mill-verifiki tal-enerġija, jekk il-miżuri proposti jkunu implimentati.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jipprovdu inċentivi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet permezz ta' appoġġ tekniku u finanzjarju, li ma għandux jitqies bħala parti mill-ammont massimu ta' għajnuna de minimis lill-intrapriżi, aċċess aktar faċli għall-finanzjament, b'attenzjoni speċjali għall-SMEs u daww il-kumpaniji li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet bl-ogħla impatt ta' dekarbonizzazzjoni f'termini ta' effiċjenza enerġetika.

L-Istati Membri għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-SMEs, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet intermedjarji rappreżentattivi rispettivi tagħhom, għal eżempji konkreti ta' kif is-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jistgħu jgħinu lin-negożji tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri billi tappoġġa l-iskambji tal-aqwa prattiki f'dan il-qasam.

4a. Għall-fini tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jinkludu:

- (a) *l-integrazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija li jinvolvu l-maniġment tal-intrapriża, inklużi inċentivi finanzjarji bl-impenn tal-intrapriża li tadotta l-miżuri ta' effiċjenza enerġetika identifikati;*
- (b) *appoġġ lill-SMEs fil-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji multipli tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fi ħdan l-operazzjonijiet tagħhom;*
- (c) *l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għall-effiċjenza enerġetika speċifiċi għall-kumpaniji żviluppati fi proċess interattiv, bi prijoritizzazzjoni tal-għanijiet, il-miżuri u l-għażliet teknoloġiċi;*
- (d) *l-iżvilupp ta' networks ta' tranżizzjoni tal-enerġija tal-SMEs, iffaċilitati minn faċilitaturi indipendenti;*
- (e) *mekkaniżmi ta' appoġġ għal tali netorks għall-iskjerament ta' awditi tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija.*

5. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi li jħeġġu lill-intrapriżi li mhumiex SMEs u li mhumiex soġġetti għall-paragrafi 1 jew 2 biex iwettqu awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni sussegwenti tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditjar **skont il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI.**

6. L-awditjar tal-enerġija għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 2 meta dan isir b'mod indipendenti, abbażi ta' kriterji minimi bbażati fuq l-Anness VI, u jiġi implimentati skont ftehimiet volontarji konklużi bejn organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u korp maħtur u sorveljat mill-Istat Membru kkonċernat, jew minn korpi oħra ddelegati bir-responsabbiltà kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-Kummissjoni.

L-aċċess għall-parteciċipanti fis-suq li joffru servizzi tal-enerġija għandu jkun ibbażat fuq kriterji trasparenti u nondiskriminatorji.

7. L-intrapriżi li jimplementaw kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom ikunu **meqjusa li jissodisfaw ir-rekwiżiti** tal-paragrafi 1 u 2 dment li l-kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija **jkopri l-elementi neċessarji tas-sistema tal-ġestjoni tal-enerġija** u jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIV.

8. L-intrapriżi li jimplementaw sistema ta' ġestjoni ambjentali – iċċertifikata minn korp indipendenti skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti – għandhom ikunu **meqjusa li jissodisfaw ir-rekwiżiti** tal-paragrafi 1 u 2, dment li s-sistema ta' ġestjoni ambjentali kkonċernata tinkludi awditjar tal-enerġija abbażi tal-kriterji minimi bbażati fuq l-Anness VI.

9. L-awditjar tal-enerġija jista' jkun awtonomu jew parti minn awditjar ambjentali usa'. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li bħala parti mill-awditjar tal-enerġija ssir valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika u ekonomika ta' konnessjoni ma' network ippjanat jew eżistenti tat-tisħin jew tat-tkessiħ distrettwali.

Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jimplementaw skemi ta' inċentiv u ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-enerġija u miżuri simili.

9a. L-Istati Membri għandhom jipromwovu l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u l-awditi tal-enerġija fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

█

Artikolu 11a
Ċentri tad-data

1. *Sal-15 ta' Marzu 2024 u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jitolbu lis-sidien u l-operaturi ta' kull ċentru tad-data fit-territorju tagħhom b'domanda installata għall-enerġija tal-IT ta' mill-inqas 100 kW, partikolarment fis-settur tal-ICT, iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VIa abbażi ta' format armonizzat.*
2. *L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li jkunu għabru skont il-paragrafu 1 mingħajr dewmien. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-qafas ta' bażi tad-data stabbilita u operata mill-Kummissjoni.*
3. *Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida għall-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni tal-prestazzjoni enerġetika taċ-ċentri tad-data f'konformità mal-Anness VIa. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu definizzjonijiet armonizzati għal kull element ta' informazzjoni kif ukoll metodoloġija uniformi tal-kejl, linji gwida tar-rapportar u mudell armonizzat għat-trasferiment tal-informazzjoni biex ikun jista' jsir rapportar konsistenti fl-Istati Membri kollha.*
4. *L-Istati Membri għandhom iħeġġu lis-sidien u l-operaturi ta' kull ċentru tad-data fit-territorju tagħhom b'domanda tal-potenza tal-IT installata ugwali jew akbar minn 1 MW, jikkunsidraw l-aħjar prattiki msemija fl-aħħar verżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika fiċ-Ċentri tad-Data, jew fid-dokument CLC TR50600-99-1 tas-CEN-CENELEC "Faċilitajiet u infrastrutturi ta' ċentri tad-data - Parti 99-1: Prattiki rakkomandati għall-ġestjoni tal-enerġija", sad-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat skont l-Artikolu 31(3) ta' din id-Direttiva.*
5. *Sal-15 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta d-data disponibbli dwar l-effiċjenza enerġetika taċ-ċentri tad-data kkomunikata mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 2 u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta dwar miżuri ulterjuri biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, inkluż dwar l-istabbiliment ta' standards minimi ta' prestazzjoni u valutazzjoni dwar il-fattibbiltà tat-tranżizzjoni lejn ċentri ta' emissjonijiet netti żero, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Proposta bħal din tista' tistabbilixxi perjodu ta' żmien li fih iċ-ċentri tad-data eżistenti għandhom ikunu obbligati jilhqnu l-istandards minimi tal-prestazzjoni.*

Artikolu 12

Metraġġ għall-gass naturali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn hu teknikament possibbli, finanzjarjament raġonevoli, u proporzjonat għall-iffrankar tal-enerġija potenzjali, fir-rigward tal-gass naturali, il-klijenti finali jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu eżatt il-konsum reali tal-enerġija tal-klijent finali u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.

Dawn l-arloġġi individwali bi prezz kompetittiv għandhom jingħataw dejjem meta:

- (a) jinbidel arloġġ eżistenti, sakemm dan ma jkunx teknikament impossibbli jew ma jkunx kosteffettiv meta wieħed jikkunsidra l-iffrankar potenzjali stmat fuq tul ta' żmien;
- (b) issir konnessjoni ġdida f'bini ġdid jew f'bini li fih isiru rinnovazzjonijiet kbar, kif stipulat fid-Direttiva 2010/31/UE.

2. Meta, u sa fejn, l-Istati Membri jimplimentaw sistemi ta' metraġġ intelliġenti u jintroduċu arloġġi intelliġenti għall-gass naturali f'konformità mad-Direttiva 2009/73/KE, dawn għandhom:

- (a) jiżguraw li s-sistemi tal-metraġġ jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu lill-klijenti finali u li l-oġettivi tal-effiċjenza enerġetika u l-benefiċċji tal-klijenti finali jitqiesu bis-sħiħ meta jiġu stabbiliti l-funzjonalitajiet minimi tal-arloġġi u l-obbligi imposti fuq il-parteċipanti fis-suq;
- (b) jiżguraw is-sigurtà tal-arloġġi intelliġenti u l-komunikazzjoni tad-data, u l-privatezza tal-klijenti finali, f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-protezzjoni tad-data u l-privatezza;
- (c) jeżiġu li jingħataw pariri u informazzjoni xierqa lill-klijenti waqt l-installazzjoni tal-arloġġi intelliġenti, b'mod partikolari dwar il-potenzjal kollu tagħhom b'rabta mal-ġestjoni tal-qari tal-arloġġi u mal-monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija.

Artikolu 13

Metraġġ għall-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għat-tisħin distrettwali, għat-tkessiħ distrettwali u għall-misħun domestiku, il-klijenti finali jingħataw arloġġi bi prezz kompetittiv li jirriflettu eżatt il-konsum reali tal-enerġija tagħhom.

2. Meta t-tisħin, it-tkessiħ jew il-misħun domestiku jiġu furnuti lil binja minn sors ċentrali li jaqdi bosta binjiet jew minn sistema tat-tisħin distrettwali jew tat-tkessiħ distrettwali, għandu jiġi installat arloġġ fejn isir l-iskambju tas-sħana jew fil-punt tal-konsenja.

Artikolu 14

Submetraġġ u allokkazzjoni tal-kost għat-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku

1. F'binjiet b'diversi appartamenti u f'binjiet b'diversi użi li għandhom sors ċentrali tat-tisħin jew tat-tkessiħ jew li huma furnuti minn sistema tat-tisħin distrettwali jew tat-tkessiħ distrettwali, għandhom jiġu installati arloġġi individwali biex ikejlu l-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku għal kull unità tal-bini, meta dan ikun teknikament fattibbli u kosteffettiv mil-lat ta' proporzjon għall-iffrankar tal-enerġija potenzjali.

Meta l-użu ta' arloġġi individwali ma jkunx teknikament fattibbli jew meta ma jkunx kosteffiċjenti li jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull unità tal-bini, għandhom jintużaw allokkaturi individwali tal-kost tat-tisħin biex jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull radjatur, sakemm l-Istat Membru inkwistjoni ma jurix li l-installazzjoni ta' dawn l-allokkaturi tal-kost tat-tisħin ma tkunx kosteffiċjenti. F'dawk il-każijiet, jistgħu jitqiesu metodi kosteffiċjenti alternattivi għall-kejl tal-konsum tat-tisħin. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u/jew il-proċeduri biex jiġu ddeterminati n-nuqqas ta' fattibbiltà teknika u n-nuqqas ta' kosteffettività għandhom jiġu stabbiliti u ppubblikati b'mod ċar minn kull Stat Membru.

2. F'bini ġdid b'diversi appartamenti u fil-partijiet residenzjali ta' bini ġdid b'diversi użi li għandhom sors ċentrali tat-tisħin għall-misħun domestiku jew li jiġu furnuti minn sistemi tat-tisħin distrettwali, minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom xorta jingħataw arloġġi individwali għall-misħun domestiku.

3. Meta l-binjiet b'diversi appartamenti jew b'diversi użi jiġu furnuti minn tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, jew meta s-sistemi komuni tagħhom tat-tisħin jew tat-tkessiħ għal dan

il-bini jkunu prevalenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u disponibbli għall-pubbliku dwar l-allokazzjoni tal-kost tal-konsum tat-tisħin, tat-tkessiġ u tal-miżhun domestiku f'dan il-bini biex tkun żgurata t-trasparenza u l-eżattezza tal-kontabbiltà tal-konsum individwali. Meta xieraq, dawn ir-regoli għandhom jinkludu linji gwida dwar il-mod kif issir l-allokazzjoni tal-kost tal-enerġija li tintuża kif ġej:

- (a) il-miżhun domestiku;
- (b) is-sħana rradjata mill-installazzjoni tal-bini u għall-fini tat-tisħin taż-żoni komuni, meta t-tromba tat-taraġ u l-kuritur jkollhom radjaturi;
- (c) għall-fini tat-tisħin jew tat-tkessiġ tal-appartamenti.

Artikolu 15

Rekwiżit ta' qari remot

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 13 u 14, l-arloġġi u l-allokaturi tal-kost tat-tisħin installati ġodda għandhom ikunu apparati li jinqraw mill-bogħod. Il-kundizzjonijiet tal-fattibilità teknika u tal-kosteffettività stipulati fl-Artikolu 14(1) għandhom japplikaw.

2. L-arloġġi u l-allokaturi tal-kost tat-tisħin li ma jistgħux jinqraw mill-bogħod iżda li diġà ġew installati għandhom isiru jinqraw mill-bogħod jew jinbidlu b'apparati li jinqraw mill-bogħod sal-1 ta' Jannar 2027, għajr meta l-Istat Membru inkwistjoni juri li dan mhux kosteffiċjenti.

Artikolu 16

Informazzjoni fil-kontijiet għall-gass naturali

1. Meta l-klijenti finali ma jkollhomx arloġġi intelliġenti kif imsemmi fid-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass naturali tkun affidabbli, eżatta u bbażata fuq il-konsum reali, f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness VII, meta dak ikun possibbli teknikament u ġustifikat ekonomikament.

Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat minn sistema ta' awtoqari regolari mill-klijenti finali, fejn dawn jikkomunikaw il-qari tal-arloġġ tagħhom stess lill-fornitur tal-enerġija. Huwa biss meta l-klijent finali ma jkunx għadda l-qari tal-arloġġ tiegħu għal perjodu partikolari ta' żmien li l-kontijiet għandhom jiġu bbażati fuq il-konsum stmat jew rata fissa.

2. L-arloġġi installati f'konformità mad-Direttiva 2009/73/KE għandhom jippermettu l-ġoti ta' informazzjoni eżatta dwar il-kontijiet li tkun ibbażata fuq il-konsum reali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali għandu jkunu jistgħu jaċċessaw faċilment l-informazzjoni kumplimentari dwar il-konsum storiku biex b'hekk ikunu jistgħu jagħmlu awtokontrolli dettaljati.

L-informazzjoni kumplimentari dwar il-konsum storiku għandha tinkludi:

- (a) data kumulattiva dwar mill-anqas it-tliet snin preċedenti jew il-perjodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar. Id-data għandha tikkorrispondi għall-perjodi li għalihom tkun ġiet prodotta informazzjoni frekwenti dwar il-kontijiet;
- (b) data dettaljata skont il-ħin tal-użu għal kull ġurnata, ġimgħa, xahar u sena. Din id-data għandha ssir disponibbli lill-klijent finali bl-internet jew bl-interfaċċja tal-arloġġ għall-perjodu ta' mill-anqas 24 xahar preċedenti jew għall-perjodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar.

3. Indipendentement minn jekk l-arloġġi intelliġenti jkunux ġew installati jew le, l-Istati Membri:

- (a) għandhom jeżiġu li, sa fejn l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku tal-klijenti finali tkun disponibbli, din issir disponibbli, meta jintalab dan mill-klijenti finali, għall-fornitur ta' servizzi tal-enerġija deżinjat mill-klijent finali;
- (b) għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw l-għażla ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi u li jirċievu, meta jitolbu dan, spjegazzjoni ċara u li tiftiehem ta' kif ġie derivat il-kont tagħhom, speċjalment meta l-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali;
- (c) għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha xierqa tkun disponibbli mal-kont biex il-klijent finali jkollu kont komprensiv tal-kostijiet attwali tal-enerġija, f'konformità mal-Anness VII;
- (d) jistgħu jistipulaw li, meta jintalab mill-klijent finali, l-informazzjoni f'dawn il-kontijiet ma għandhiex titqies li tikkostitwixxi talba għal ħlas. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-sorsi tal-enerġija joffru arranġamenti flessibbli għall-ħlasijiet proprja;
- (e) għandhom jeżiġu li l-informazzjoni u l-estimi għall-kostijiet tal-enerġija jingħataw lill-konsumaturi, meta jintalbu, fil-ħin u b'format li jiftiehem faċilment, biex il-konsumaturi jkollhom offerti paragonabbli.

Artikolu 17

Informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu installati arloġġi jew allokatari tal-kost tat-tisħin, l-informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum tkun affidabbli, eżatta u bbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokatari tal-kost tat-tisħin, f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-Anness VIII għall-utenti finali kollha .

Dan l-obbligu jista', meta Stat Membru jipprevedi dan, għajr fil-każ ta' konsum b'submetraġġ ibbażat fuq allokatari tal-kost tat-tisħin skont l-Artikolu 14, jiġu ssodisfat b'sistema ta' awtoqari regolari mill-klijent finali jew mill-utent finali, fejn dawn jikkomunikaw il-qari tal-arloġġ tagħhom stess. Huwa biss meta l-klijent finali jew l-utent finali ma jkunux għaddew il-qari tal-arloġġ tagħhom għal perjodu partikolari ta' żmien li l-kontijiet għandhom jiġu bbażati fuq il-konsum stmat jew rata fissa.

2. L-Istati Membri għandhom:

- (a) jeżiġu li, jekk l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku jew il-qari tal-allokatari tal-kost tat-tisħin tal-utenti finali tkun disponibbli, din issir disponibbli, meta jintalab dan mill-klijenti finali, għall-fornitur ta' servizzi tal-enerġija deżinjat mill-utent finali;
- (b) jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw l-għażla ta' informazzjoni elettronika dwar il-kontijiet u ta' kontijiet elettroniċi;
- (c) jiżguraw li mal-kont tingħata informazzjoni ċara u li tinftiehem lill-utenti finali kollha skont il-punt 3 tal-Anness VIII;

- (d) jippromwovu ċ-ċibersigurtà u jiżguraw il-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti finali f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, meta jintalab dan mill-klijenti finali, l-għoti tal-informazzjoni dwar il-kontijiet ma għandux jitqies li jikkostitwixxi talba għal ħlas. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu offruti arranġamenti flessibbli għall-ħlas reali.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu min għandu jkun responsabbli għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-utenti finali mingħajr kuntratt dirett jew individwali ma' fornitur tal-enerġija.

Artikolu 18

Spejjeż tal-aċċess għall-metraġġ u għal informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass naturali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-klijenti finali jkollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.

Artikolu 19

Spejjeż tal-aċċess għall-metraġġ u għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti finali jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-utenti finali jkollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-distribuzzjoni tal-kostijiet tal-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-konsum individwali tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku f'bini b'diversi appartamenti u f'bini b'diversi użi skont l-Artikolu 14 għandha ssir mingħajr qligħ. Il-kostijiet imġarrba bl-assenjar ta' dak il-kompitu lil parti terza, bħal lil fornitur ta' servizz jew lill-fornitur lokali tal-enerġija, li jkopru l-kejl, l-allokazzjoni u l-kontabbiltà għall-konsum individwali reali f'bini bħal dan, jistgħu jingħaddu lill-utenti finali, dment li dawn il-kostijiet ikunu raġonevoli.

3. Biex ikunu żgurati kostijiet raġonevoli għas-servizzi ta' submetraġġ kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jstimulaw il-kompetizzjoni f'dak is-settur tas-servizzi billi jieħdu miżuri xierqa, bħal pereżempju billi jirrakkomandaw jew jippromwovu mod ieħor l-użu ta' sejħiet għall-offerti jew l-użu ta' apparati u sistemi interoperabbli li jiffaċilitaw il-bdil bejn il-fornituri tas-servizzi.

KAPITOLU IV

INFORMAZZJONI U GĦOTI TA' SETGĦA LILL-KONSUMATURI

Artikolu 20

Drittijiet kuntrattwali bażiċi għat-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁶ u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE⁶⁷, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali u, meta msemmija b'mod espliċitu, l-utenti finali għandhom jingħataw id-drittijiet previsti fil-paragrafi 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-klijenti finali għandhom id-dritt ta' kuntratt mal-fornitur tagħhom li jispeċifika:

- (a) l-identità u l-indirizz tal-fornitur;
- (b) is-servizzi pprovduti u l-livelli tal-kwalità tas-servizz offruti;
- (c) it-tipi ta' servizzi ta' manutenzjoni offruti;
- (d) il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi applikabbli, dwar it-tariffi għall-manutenzjoni, u dwar il-prodotti jew is-servizzi f'pakkett;
- (e) it-tul tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid u t-terminazzjoni tal-kuntratt u tas-servizzi, inkluż il-prodotti jew is-servizzi f'pakkett ma' dawk is-servizzi, u jekk titħallix issir terminazzjoni mingħajr ħlas tal-kuntratt;
- (f) kwalunkwe kumpens u arranġamenti ta' rifiżjoni li japplikaw jekk ma jintlaħqux il-livelli tal-kwalità tas-servizz ikkuntrattat, inkluż kontijiet mhux eżatti jew li jdumu ma jinħarġu;
- (g) il-metodu biex tinbeda proċedura għal riżoluzzjoni ta' tilwima barra mill-qorti f'konformità mal-Artikolu 21;
- (h) informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, inkluża informazzjoni dwar it-trattament tal-ilmenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-paragrafu, li hija kkomunikata b'mod ċar fuq il-kont jew fuq is-sit web tal-impriża ***u tinkludi d-dettalji ta' kuntatt jew link għas-sit web tal-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 21.***

Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġusti u magħrufa minn qabel. Fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Meta xi kuntratti jiġu konklużi permezz ta' intermedjarji, anki l-informazzjoni relatata mal-kwistjonijiet msemmija f'dan il-paragrafu għandha tingħata qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

Il-klijenti finali u l-utenti finali għandhom jingħataw sommarju tal-kundizzjonijiet kuntrattwali prinċipali b'mod li jinftiehem u konċiż, u b'lingwaġġ sempliċi.

2a. Il-fornituri għandhom jipprovdu lill-klijenti u lill-utenti finali kopja tal-kuntratt, informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet standard, fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi tat-tiġid, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku, u l-użu tagħhom.

3. Il-klijenti finali għandhom jingħataw notifika adegwata dwar kull intenzjoni ta' modifika tal-kundizzjonijiet kuntrattwali. Il-fornituri għandhom jinnotifikaw lill-klijenti finali tagħhom, b'mod trasparenti u li jinftiehem, direttament dwar kull aġġustament fil-prezz tal-provvista u r-raġunijiet u l-prekundizzjonijiet għall-aġġustament u l-ambitu tiegħu, fi żmien xieraq sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn, jew sa mhux aktar tard minn xahar fil-każ tal-klijenti domestiċi,

⁶⁶ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

⁶⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/UE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

qabel jidħol fis-seħħ l-aġġustament. ***Il-klijenti finali għandhom ikunu infurmati bid-dritt tagħhom li jidterminaw il-kuntratt jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet kuntrattwali l-ġodda jew l-aġġustament tal-prezz notifikat lilhom mill-fornitur skont il-kuntratt. Il-klijenti finali għandhom jinfurmaw lill-utenti finali dwar il-bidliet kuntrattwali maħsuba mingħajr dewmien.***

4. Il-fornituri għandhom joffru għażla wiesgħa tal-metodi tal-ħlas lill-klijenti finali. Dawn il-metodi tal-ħlas ma għandhomx jiddiskriminaw b'mod mhux dovut bejn il-klijenti. Kwalunkwe differenza fit-tariffi relatati mal-metodi tal-ħlas jew ma' sistemi tal-ħlas bil-quddiem għandha tkun oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata, u ma għandhiex taqbeż il-kostijiet diretti mġarrba mill-benefiċjarju għall-użu ta' metodu tal-ħlas speċifiku jew ta' sistema tal-ħlas bil-quddiem, f'konformità mal-Artikolu 62 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸.

5. Skont il-paragrafu 6, il-klijenti tal-unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal sistemi tal-ħlas bil-quddiem ma għandhomx jitqiegħdu fi żvantaġġ mis-sistemi tal-ħlas bil-quddiem.

6. Il-fornituri għandhom joffru termini ġenerali u kundizzjonijiet ġusti u trasparenti lill-klijenti u, ***fejn applikabbli***, lill-utenti finali, li għandhom jingħataw b'lingwaġġ sempliċi u mhux ambigwu, u ma għandhomx jinkludu ostakli nonkuntrattwali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-konsumaturi, bħal dokumentazzjoni kuntrattwali eċċessiva. L-utenti finali għandhom jingħataw aċċess għal dawn it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali, meta jintalab dan. Il-klijenti finali u l-utenti finali għandhom jiġu protetti minn metodi inġusti u qarrieqa tal-bejgħ. Il-klijenti finali b'diżabbiltà għandhom jingħataw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kuntratt tagħhom mal-fornitur tagħhom b'formati aċċessibbli.

7. Il-klijenti finali u l-utenti finali għandu jkollhom id-dritt għal standard tajjeb ta' servizz u trattament tal-ilmenti mill-fornituri tagħhom. Il-fornituri għandhom jittrattaw l-ilmenti b'mod sempliċi, ġust u malajr.

7a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-infurzar tal-miżuri tal-protezzjoni tal-konsumatur stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom ikunu indipendenti mill-interessi tas-suq u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi.

Artikolu 21

Informazzjoni lill-konsumaturi u sensibilizzazzjoni

1. L-Istati Membri, ***f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali***, għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, l-azzjonijiet individwali u l-oqfsa finanzjarji u legali tkun trasparenti, ***aċċessibbli*** u disseminata b'mod wiesa' fost l-atturi rilevanti kollha tas-suq, bħall-klijenti finali, l-utenti finali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aġenziji tal-enerġija, il-fornituri tas-servizzi soċjali, il-bennejja, il-periti, l-inġiniera, l-awdituri ambjentali u tal-enerġija, u l-installaturi tal-elementi tal-bini kif definit fl-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2010/31/UE.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu u jiffaċilitaw użu effiċjenti tal-enerġija mill-klijenti finali u mill-utenti finali. Dawn il-miżuri għandhom ikunu

⁶⁸ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127).

parti minn strateġija nazzjonali bħall-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, jew l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul kif definit *fid-Direttiva ... [EPBD riformulata - 2021/0426 (COD)]*.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, dawn il-miżuri għandhom jinkludu firxa ta' strumenti u politiki li jipromwovu bidla fl-imġiba bħal:

- (i) inċentivi fiskali;
- (ii) aċċess għal finanzi, vawċers, għotjiet jew sussidji;
- (iia) id-disponibbiltà ta' awditi appoġġati pubblikament u servizzi ta' konsulenza u appoġġ imfassla apposta għal konsumaturi tal-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari konsumaturi vulnerabbli, persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u fejn japplika, persuni li jgħixu fl-akkomodazzjoni soċjali;**
- (iib) servizzi ta' konsulenza mfassla apposta għall-SMEs u l-mikrointrapriżi;**
- (iii) għoti tal-informazzjoni b'format aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà ;
- (iv) proġetti eżemplari;
- (v) attivitajiet fuq il-post tax-xogħol;
- (vi) attivitajiet tat-taħriġ;
- (vii) għodod diġitali.
- (viii) strateġiji ta' involviment.**

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, dawn il-miżuri għandhom jinkludu wkoll, iżda mhux biss, dawn il-modi u l-mezzi għall-involviment tal-atturi tas-suq bħal daww imsemmija fil-paragrafu 1:

- (i) il-ħolqien ta' one-stop shops jew mekkaniżmi simili għall-għoti ta' pariri tekniċi, amministrattivi u finanzjarji u għal assistenza dwar l-effiċjenza enerġetika, inkluż b'raba ma' **verifiki tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi**, rinnovazzjonijiet tal-enerġija tal-bini, **informazzjoni dwar is-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin antiki u ineffiċjenti b'apparati moderni u aktar effiċjenti** u l-użu tal-enerġija rinnovabbli **u ħżin tal-enerġija** għall-bini, lil klijenti finali u utenti finali, speċjalment daww tal-unitajiet domestiċi u mhux domestiċi żgħar, **inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi;**
- (ia) kooperazzjoni ma' atturi privati li jipprovdu servizzi bħal awditi tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' finanzjament u eżekuzzjoni ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija u l-promozzjoni ta' tali servizzi;**
- (ii) komunikazzjoni ta' bidliet kosteffettivi u li jistgħu jinkisbu faċilment fl-użu tal-enerġija;
- (iii) disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u strumenti ta' finanzjament ;
- (iv) il-forniment ta' punti uniċi ta' kuntatt, biex il-klijenti finali u l-utenti finali jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar id-drittijiet tagħhom, il-liġi applikabbli u l-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim disponibbli għalihom f'każ ta' tilwim. Dawn il-punti uniċi ta' kuntatt jistgħu jkunu parti minn punti ta' informazzjoni ġenerali għall-konsumaturi.

2a. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiddjalogaw mal-awtoritajiet rilevanti u mal-partijiet ikkonċernati privati fl-iżvilupp ta' one-stop shops lokali, reġjonali

jew nazzjonali ddedikati għall-effiċjenza enerġetika. Dawn il-one-stop shops għandhom ikunu transsettorjali u interdixxiplinari u jwasslu għal proġetti żviluppati lokalment billi:

- (a) jagħtu pariri u jipprovdu informazzjoni simplifikata dwar possibiltajiet u soluzzjonijiet tekniċi u finanzjarji lill-familji, l-SMEs, il-mikrointrapriżi u l-korpi pubbliċi;*
- (b) joħlqu konnessjoni bejn proġetti potenzjali mal-atturi tas-suq, b'mod partikolari proġetti fuq skala iżgħar;*
- (c) jagħtu pariri dwar l-imġiba tal-konsum tal-enerġija bil-għan li l-konsumaturi jkunu involuti attivament;*
- (d) jagħtu informazzjoni dwar programmi ta' taħriġ u edukazzjoni biex jiġu żgurati aktar professjonisti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll jiġġeddu u jittejbu l-ħiliet tal-professjonisti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq;*
- (e) jiġbru u jippreżentaw data aggregata dwar it-tipoloġija minn proġetti tal-effiċjenza enerġetika ffaċilitati minn one-stop shops lill-Kummissjoni, li għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'rapport kull sentejn sabiex jiġu kondiviżi l-esperjenzi u tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri u b'hekk jiġu promossi eżempji tal-aħjar Prattika minn tipoloġiji differenti ta' bini, akkomodazzjoni u intrapriżi;*
- (f) jipprovdu appoġġ olistiku lill-unitajiet domestiċi kollha, b'attenzjoni speċjali għall-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u l-bini bl-aġar prestazzjoni, kif ukoll lill-kumpaniji akkreditati u lill-installaturi li jipprovdu servizzi ta' modifika retroattiva, adattati għal tipoloġiji ta' akkomodazzjoni u skop ġeografiku differenti u jipprovdu appoġġ li jkopri l-istadji differenti tal-proġett ta' modifika retroattiva, partikolarment biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva ... [EPBD riformulata - 2021/0426 (COD)];*
- (g) jiżviluppaw servizzi għal konsumaturi foqra fl-enerġija, konsumaturi vulnerabbli u familji bi dħul baxx.*

L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, l-aġenziji tal-enerġija u l-inizjattivi mmexxija mill-komunità u biex jipromwovu, jiżviluppaw u jtejbu l-one-stop shops permezz ta' proċess integrat. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Istati Membri b'linji gwida għall-iżvilupp ta' dawn il-one-stop shops bil-għan li jinholq approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-atturi tas-suq biex jipprovdu informazzjoni adegwata u mmirata u konsulenza lill-konsumaturi finali, inkluż il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali dwar l-effiċjenza enerġetika, *l-SMEs u l-mikrointrapriżi.*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali, l-utenti finali, il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, jkollhom aċċess għal mekkaniżmi barra l-qorti sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim rigward id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, permezz ta' mekkaniżmu indipendenti bħal Ombudsman tal-enerġija jew korp tal-konsumaturi, jew permezz ta' awtorità regolatorja. Meta jkun klijent finali jkun konsumatur kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹, dawn il-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandhom jikkonformaw mar-reqwiziti stabbiliti fiha.

Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet tar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim jikkooperaw biex jipprovdu mekkaniżmi sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti, għal kull tilwima li tinqala' minn prodotti jew servizzi relatati jew magħquda ma' xi prodott jew servizz li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Il-parteċipazzjoni tal-impriżi b'mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għall-klijenti domestiċi għandha tkun obligatorja sakemm l-Istat Membru ma jurix lill-Kummissjoni li hemm mekkaniżmi oħra effettivi daqshom.

5. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji bażiċi tal-liġijiet tagħhom dwar il-proprjetà u dwar il-kiri, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ineħħu ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-effiċjenza enerġetika, rigward il-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-inkwilini jew fost is-sidien ta' binja jew ta' unità tal-bini, biex ikun żgurat li dawn il-partijiet ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti li jtejbju l-effiċjenza minħabba l-fatt li individwalment ma jiksbox benefiċċji sħaħ jew minħabba nuqqas ta' regoli għall-qsim tal-kostijiet u l-benefiċċji bejniethom.

Miżuri li jneħħu dawn l-ostakli jistgħu jinkludu l-għoti ta' inċentivi, ***inkluż dwar il-finanzjament u l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal soluzzjonijiet ta' finanzjament offriti minn terzi***, ir-revoka jew l-emendar ta' dispożizzjonijiet legali jew regolatorji, jew l-adozzjoni ta' linji gwida u ta' komunikazzjonijiet interpretattivi, jew is-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi, inkluż regoli u miżuri nazzjonali li jirregolaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi proprjetajiet b'diversi sidien. Il-miżuri jistgħu jiġu kkombinati mal-għoti ta' edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni u assistenza teknika speċifiċi dwar l-effiċjenza enerġetika lill-atturi tas-suq bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jappoġġaw djalogu multilaterali bil-parteċipazzjoni ***tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti***, sħaħ pubbliċi u soċjali bħall-organizzazzjonijiet tas-sidien u l-inkwilini, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, ***id-distributur tal-enerġija jew il-kumpanija tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut, l-ESCOs***, il-kumpaniji tas-servizz tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-aġenziji, bil-għan li jiġu stabbiliti proposti dwar miżuri, inċentivi u linji gwida aċċettati b'mod konġunt li huma rilevanti għall-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-inkwilini, jew fost is-sidien ta' binja jew ta' unità tal-bini.

Kull Stat Membru għandu jirrapporta dawn l-ostakli u l-miżuri meħuda fl-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu skont l-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE u r-Regolament (UE) 2018/1999.

6. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ l-iskambju u d-distribuzzjoni wiesgħa tal-informazzjoni dwar prattiki tajba ***u metodoloġiji*** ta' effiċjenza enerġetika ***u tipprovdi assistenza teknika biex ittaffi*** l-qsim tal-inċentivi fl-Istati Membri.

⁶⁹ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

Artikolu 21a

Sħubijiet għall-effiċjenza enerġetika

1. Sa ... [12 il-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sħubijiet Ewropej ta' effiċjenza enerġetika speċifiċi għas-settur billi tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi s-sħab soċjali, f'setturi bħall-ICT, it-trasport, is-setturi finanzjarji u tal-bini b'mod inklużiv u rappreżentattiv. Il-Kummissjoni għandha taħtar president għal kull sħubija Ewropea ta' effiċjenza enerġetika speċifika għas-settur.

2. Is-sħubijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiffaċilitaw id-djalogi dwar il-klima u jinkoraġġixxu lis-setturi jfasslu pjanijiet direzzjonali għall-effiċjenza enerġetika sabiex jiġu identifikati l-miżuri u l-għażliet teknoloġiċi disponibbli biex jinkiseb iffrankar fl-effiċjenza enerġetika, issir tħejjija għall-enerġija rinnovabbli u jiġu dekarbonizzati s-setturi. Tali pjanijiet direzzjonali għandhom jagħtu kontribut siewi biex jgħinu lis-setturi fl-ippjanar tal-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din id-Direttiva u r-Regolament (UE) 2021/1119 kif ukoll jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-atturi biex jissaħħaħ is-suq intern tal-Unjoni.

Artikolu 22

Nagħtu s-setgħa u protezzjoni lill-klijenti vulnerabbli u ntaffu l-faqar enerġetiku

1. L-Istati Membri għandhom ***jiżviluppaw strateġija robusta fit-tul u*** jieħdu miżuri xierqa biex jagħtu s-setgħa u jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u ***lill-familji bi dħul baxx u***, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Fid-definizzjoni tal-kunċett ta' klijenti vulnerabbli skont l-Artikoli 28(1) u 29 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom iqisu lill-utenti finali.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 21 fl-Artikolu 8(3), bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli, ***l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u***, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku. ***L-Istati Membri għandhom jintroduċu strumenti xierqa ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku jkunu meħjuna b'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika.***

3. Biex iwieżnu lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u***, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom:

a) jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika biex itaffu l-effetti distribuzzjonali minn politiki u miżuri oħra, bħall-miżuri tat-tassazzjoni implimentati skont l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva, jew l-applikazzjoni tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u t-trasport f'konformità mad-Direttiva tal-ETS [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)];

(aa) ***jiżguraw li l-miżuri biex tiġi promossa u ffaċilitata l-effiċjenza enerġetika, partikolarment dawk li jirrigwardaw il-bini u l-mobilità, ma jwasslux għal żieda sproporzjonata fil-prezz ta' dawn is-servizzi jew għal esklużjoni soċjali akbar;***

- b) jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż meta applikabbli, mill-kontribuzzjoni finanzjarja li l-Istat Membru jkun irċieva mill-Fond Soċjali għall-Klima skont [l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima, COM 2021 568 final], u mid-dħul minn irkanti bl-iskambju tal-kwoti skont l-ETS tal-UE [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)], għal investimenti f'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika bħala azzjonijiet ta' prijorità;
- c) meta applikabbli, iwettqu investimenti bikrija u progressivi f'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, ***bħall-modifika retroattiva ta' sistemi tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni***, qabel ma l-impatti distribuzzjonali minn politiki u miżuri oħra juru l-effett tagħhom;
- d) jibnu assistenza teknika ***li tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar ir-riformi tal-oqfsa regolatorji bħal-liġijiet tal-proprjetà u tal-kerà fir-rigward ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika*** u l-introduzzjoni ta' finanzjament u għodod finanzjarji abilitanti, bħal skemi fuq il-kont, riżerva lokali ta' telf mis-self, fondi ta' garanzija, fondi mmirati lejn rinnovazzjonijiet profondi u rinnovazzjonijiet bi gwadanji minimi fl-enerġija;
- e) irawmu assistenza teknika għall-atturi soċjali biex jippromwovu l-involvement attiv tal-klijenti vulnerabbli fis-suq tal-enerġija, u bidliet pożittivi fl-imġiba tagħhom tal-konsum tal-enerġija;
- f) jiżguraw aċċess għal finanzjament, għotjiet jew sussidji marbuta ma' gwadanji minimi fl-enerġija ***u jiffaċilitaw l-aċċess għal self bankarju affordabbli jew linji ta' kreditu ddedikati***.

3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, lill-klijenti vulnerabbli u, fejn applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali kontra l-iffissar inġust tal-prezzijiet u miż-żidiet fil-prezzijiet fil-provvista tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ta' esperti minn diversi setturi bħas-settur tas-saħħa, ***is-settur tal-enerġija***, is-settur tal-bini, ***is-settur tat-tisħin u t-tkessiħ*** u s-setturi soċjali, ***inklużi l-aġenziji lokali u reġjonali fejn applikabbli***, biex jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u nazzjonali biex jimplimentaw miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-faqar enerġetiku, miżuri li jiġġeneraw soluzzjonijiet sodi fit-tul biex itaffu l-faqar enerġetiku u jiżviluppaw assistenza teknika u għodod finanzjarji xierqa. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw network ta' kompożizzjoni tal-esperti li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u jirrifletti l-perspettivi tan-nies fid-diversità kollha tagħhom.

■ L-istess network ta' esperti ***għandu jgħin lill-Istati Membri:***

- a) jistabbilixxu definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali;
- b) jiżviluppaw jew itejbju l-indikaturi u s-settijiet tad-data rilevanti, pertinenti għall-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, li għandhom jintużaw u jsiru rapporti dwarhom;
- c) jistabbilixxu metodi u miżuri li jiżguraw l-affordabbiltà, il-promozzjoni tan-newtralità tal-kost tal-akkomodazzjoni, jew modi li jiżguraw li l-fondi pubbliċi investiti f'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika jkunu ta' benefiċċju għas-sidien u għall-inkwilini tal-binjiet u tal-unitajiet tal-bini, b'mod partikolari b'rabta mal-klijenti vulnerabbli, mal-

persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u, meta applikabbli, mal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

- d) jivvalutaw, u meta applikabbli, jipproponu miżuri li jevitaw jew jirrimedjaw sitwazzjonijiet meta ċerti gruppi partikolari jkunu affettwati aktar jew f'riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew ikunu aktar suxxettibbli għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju.

KAPITOLU V

L-EFFIĊJENZA FIL-PROVVISTA TAL-ENERĠIJA

Artikolu 23

Valutazzjoni u pjanar tat-tisħin u t-tkessiħ

1. Bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, il-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u r-rapporti ta' progress rispettivi notifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiħ, ***li tinkludi l-immappjar taż-żoni identifikati għal networks tat-tisħin u t-tkessiħ ġodda***. Dik il-valutazzjoni komprensiva għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX u għandha tkun mehmūza mal-valutazzjoni li ssir skont l-Artikolu 15(7) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati***, jingħataw l-opportunità jipparteċipaw fit-tnejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

3. Għall-fini tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tal-kostbenefiċċji li tkopri t-territorju tagħhom u abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiċi, il-fattibbiltà ekonomika jew l-adeqwatezza teknika. Dik l-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha tkun kapaċi tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-aktar soluzzjonijiet effiċjenti fir-riżorsi u kosteffiċjenti biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ, ***filwaqt li titqies l-effiċjenza ġenerali tas-sistema, l-adeqwatezza u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija, kif ukoll il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"***. Dik l-analiżi tal-kostbenefiċċji tista' tkun parti minn valutazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰.

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-tweqqiq tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jipprovdu l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet dettaljati skont l-Anness X u jistabbilixxu u jipubblikaw il-proċeduri għall-analiżi ekonomika.

4. Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw potenzjal għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u/jew għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti ***u/jew il-ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sħana mormija għall-awtokonsum*** li l-benefiċċji tagħhom jisbqu l-kostijiet, l-Istati Membri, ***jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali responsabbli***, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex tiġi żviluppata infrastruttura għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti ***u/jew jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' installazzjonijiet għall-konverżjoni ta' sħana mormija żejda għall-elettriku għall-***

⁷⁰ Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

awtokonsum u/jew biex jiġu akkomodati l-iżvilupp ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u l-użu tat-tiżnin u tat-tkessiġ mis-sħana mormija u minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija f'konformità mal-paragrafu 1 u l-Artikolu 24(4) u (6).

Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 ma jidentifikawx potenzjal li l-benefiċċji tiegħu jisbqu l-kostijiet, inkluż il-kostijiet amministrattivi għat-twettiq tal-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija fl-Artikolu 24(4), l-Istat Membru, ***fimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati***, jista' jeżenta installazzjonijiet mir-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu.

5. L-Istati Membri għandhom jadottaw politiki u miżuri, li jiżguraw li jiġi realizzat il-potenzjal identifikat fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1. Dawn il-politiki u l-miżuri għandhom jinkludu mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness IX. Kull Stat Membru għandu jinnotifika dawn il-politiki u l-miżuri bħala parti mill-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, tal-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u tar-rapporti ta' progress rispettivi notifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

Fit-tnejn tal-politiki u l-miżuri tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar impjanti u unitajiet ta' koġenerazzjoni f'networks eżistenti ta' tiżnin u tkessiġ distrettwali u jwettqu valutazzjoni tal-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija. Dik l-informazzjoni għandu jkun fiha mill-inqas id-data dwar l-effiċjenza tas-sistema, it-telf tas-sistema, id-densità tal-konnessjoni, it-telf tan-network u l-firxa tat-temperatura, l-enerġija primarja u l-konsum finali tal-enerġija, il-fatturi ta' emissjoni u l-ktajjen upstream tas-sorsi tal-enerġija. Dik id-data għandha tiġi ppubblikata u l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dik id-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

6. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-awtoritajiet reġjonali u lokali jħejju pjanijiet lokali tat-tiżnin u t-tkessiġ tal-anqas fil-muniċipalitajiet li għandhom popolazzjoni totali ta' ***mill-inqas 35 000 u jħeġġu lil muniċipalitajiet b'popolazzjoni iżgħar iħejju pjanijiet bħal dawn.*** Dawk il-pjanijiet ***għandhom:***

- (a) ikunu bbażati fuq l-informazzjoni u d-data pprovduti fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1, u jipprovdu stima u mmappjar tal-potenzjal għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, inkluż ***bit-tnejn ta' tiżnin distrettwali b'temperatura baxxa, koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja***, l-irkupru tas-sħana mormija, u l-enerġija rinnovabbli fit-tiżnin u t-tkessiġ f'dik iż-żona partikolari; ***barra minn hekk, għandha titwettaq analiżi tal-apparat tat-tiżnin u t-tkessiġ fl-istokk tal-bini lokali li tqis il-potenzjali speċifiċi taż-żona għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika u li tiżviluppa mudelli ta' pjan direzzjonali tar-rinnovazzjoni għal tipi ta' bini simili bil-għan li jkun hemm trasformazzjoni rapida, kosteffettiva u kkoordinata reċiprokament tal-bini u tal-infrastruttura tal-provvista;***
- (aa) ***ikunu konformi bis-siġħ mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel";***
- (b) jinkludu strateġija għall-użu tal-potenzjal identifikat skont il-paragrafu 6(a);
- (c) jitħejjew bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati reġjonali jew lokali rilevanti kollha u jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-pubbliku ġenerali, ***inklużi l-operaturi tal-infrastruttura tal-enerġija lokali, fi stadju bikri;***
- (ca) ***iqisu l-infrastruttura tal-enerġija eżistenti għall-gass, is-sħana u l-elettriku;***
- (d) jikkunsidraw il-ħtiġijiet komuni tal-komunitajiet lokali u ta' diversi unitajiet amministrattivi lokali jew reġjonali, jew ta' diversi reġjuni;

- (da) *jivvalutaw ir-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija u inizjattivi oħra mmexxija mill-konsumatur li jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' tisħin u tkessiħ fil-livell lokali;*
- (db) *jinkludu strateġija biex tingħata prijorità lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, lill-konsumaturi vulnerabbli u, fejn applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali kif imsemmi fl-Artikolu 22, inkluża analiżi tas-suq biex jiġu identifikati u miġhuma l-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira u jiġu proposti programmi mfassla apposta;*
- (dc) *jivvalutaw il-finanzjament tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri identifikati u jipprovdu mekkaniżmi finanzjarji li jippermettu lill-konsumaturi jaqilbu għal tisħin u tkessiħ rinnovabbli;*
- (dd) *iqisu l-aċċessibilità tal-prezzijiet tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, l-adeqwatezza tas-sistema tal-enerġija u r-reżiljenza;*
- (e) *jinkludu trajettorja biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjanijiet f'konformità man-newtralità klimatika u l-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri identifikati;*
- (ea) *jiżviluppaw strateġija għal pjan ta' sostituzzjoni ta' apparat antik u ineffiċjenti tat-tisħin u t-tkessiħ f'korpi pubbliċi b'alternattivi effiċjenti ħafna, bil-ħsieb li gradwalment jiġu eliminati l-fjuwils fossili;*
- (eb) *jivvalutaw il-possibbiltà ta' sinerġiji mal-pjanijiet ta' awtoritajiet reġjonali u lokali tal-viċinat biex jinkoraġġixxu investimenti konġunti u kosteffiċjenza.*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati*, jingħataw l-opportunità jipparteċipaw fit-tnejjja tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet li jappoġġaw lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jimplimentaw politiki u miżuri ta' tisħin u tkessiħ effiċjenti fl-enerġija u bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli fil-livell reġjonali u lokali bl-użu tal-potenzjal identifikat. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw bl-aktar mod possibbli u b'kull mezz lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, inkluż b'appoġġ finanzjarju u bi skemi ta' appoġġ tekniku. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ ikunu allinjati ma' rekwiżiti lokali oħra f'termini ta' klima, enerġija u ppjanar ambjentali, sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u tiġi mħeġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet.*

6a. Il-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ lokali jistgħu jitwettqu b'mod konġunt minn grupp ta' diversi awtoritajiet lokali tal-viċinat dment li l-kuntest ġeografiku u amministrattiv kif ukoll l-infrastruttura tat-tisħin u tat-tkessiħ ikunu xierqa.

6b. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ lokali għandha tiġi vverifikata u vvalutata minn awtorità kompetenti. Meta l-implimentazzjoni ma titqiesx suffiċjenti, abbażi tat-trajettorja u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 6, punt (e), l-awtorità kompetenti għandha tipproponi miżuri biex tagħlaq id-distakk fl-implimentazzjoni.

Artikolu 24

Provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ

1. Biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika primarja u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista

tat-tisħin u t-tkessiħ, sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti hija sistema li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- a. sal-31 ta' Diċembru **2027**, sistema li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % ta' sħana mormija, 75 % ta' sħana koġenerata jew 50 % ta' taħlita ta' dawn it-tipi ta' enerġija u sħana **li jidħlu fin-network**;
- b. mill-1 ta' Jannar **2028**, sistema li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % ta' sħana mormija, 80 % ta' sħana koġenerata ta' effiċjenza għolja jew mill-anqas kombinament ta' din l-enerġija termali li tidħol fin-network fejn is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 5 % u s-sehem totali ta' enerġija rinnovabbli, ta' sħana mormija jew ta' sħana koġenerata ta' effiċjenza għolja jkun mill-inqas 50 %;
- c. mill-1 ta' Jannar 2035, sistema li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli u ta' sħana mormija, meta s-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 20 %;
- d. mill-1 ta' Jannar 2045, sistema li tuża mill-inqas 75 % ta' enerġija rinnovabbli u ta' sħana mormija, fejn is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 40 %;
- e. mill-1 ta' Jannar 2050, sistema li tuża enerġija rinnovabbli u sħana mormija biss, meta s-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 60 %.
- f. *f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", fejn is-sehem tas-sħana mormija jaqbeż il-kriterji fil-punti (c), (d) u (e), u fejn is-sħana mormija kieku tintilef, is-sħana mormija tista' tissostitwixxi kwalunkwe wieħed mis-sorsi l-oħra tal-enerġija;***
- g. *tkun saret valutazzjoni tat-temperaturi massimi meħtieġa fl-grilja tad-distribuzzjoni.***

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, din tkun tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 applikabbli f'dak iż-żmien meta tibda jew tkompli topera wara r-rinnovazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili għajr il-gass naturali fis-sorsi tas-sħana eżistenti meta mqabbel mal-medja tal-konsum annwali, b'medja tal-aktar tliet snin kalendarji riċenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, u li kull sors ġdid tas-sħana f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jiġu mmappjati u ppubblikati r-rotot ġeografiċi ta' sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali eżistenti.**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2025 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-operaturi tas-sistemi kollha eżistenti tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali b'output totali tal-enerġija li jaqbeż il-5 MW u li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) sa (e), iħejju pjan biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika primarja u l-enerġija rinnovabbli **u biex jiġnaqqas it-telf mid-distribuzzjoni.** Il-pjan għandu jinkludi miżuri biex jintlaħqu l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) sa (e) u għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċentru tad-data b'input tal-enerġija nominali totali li jaqbeż il-100 kW juża s-sħana residwa jew applikazzjonijiet oħra għall-irkupru tas-sħana mormija sakemm ma jkunx f'pożizzjoni li juri li ma jkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli skont il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

4. Biex jivvalutaw il-fattibbiltà ekonomika ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika ta' provvista tas-sħana u tal-kesħa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-livell ta' installazzjoni ssir analiżi tal-kostbenefiċċji skont l-Anness X meta l-installazzjonijiet li ġejjin ikunu ġew ippjanati mill-

ġdid jew rinnovati sostanzjalment *u l-ispejjeż materjali tagħhom ma jkunux għadhom iġġarrbu:*

- (a) tkun ippjanata installazzjoni għall-ġenerazzjoni tal-elettriku termali b'input tal-enerġija totali annwali medju li jaqbeż 5 MW , biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji ta' forniment għall-operazzjoni tal-installazzjoni bħala installazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;
- (b) installazzjoni industrijali b'input tal-enerġija totali annwali medju li jaqbeż il-5 MW biex jiġi vvalutat l-użu tas-sħana mormija fis-sit u barra mis-sit;
- (c) faċilità ta' servizz b'input tal-enerġija totali annwali medju li jaqbeż il-5 MW, bħal faċilitajiet tat-trattament tal-ilma mormi u faċilitajiet tal-LNG biex jiġi vvalutat l-użu tas-sħana mormija fis-sit u barra mis-sit;
- (d) ċentru tad-data b'input tal-enerġija kklassifikat totali li jaqbeż il-livell ta' **100 kW**, biex jiġu vvalutati ***l-fattibbiltà teknika, il-kosteffiċjenza u l-impatt tal-effiċjenza enerġetika u d-domanda lokali għas-sħana, inkluża l-varjazzjoni staġjonali***, tal-użu tas-sħana mormija biex tiġi ssodisfata d-domanda ekonomikament ġustifikata, u tal-konnessjoni ta' dik l-installazzjoni ma' network tat-tiżhin distrettwali jew ma' sistema ta' tkessiġ distrettwali effiċjenti/ibbażata fuq l-RES ***jew applikazzjonijiet oħra ta' rkupru tas-sħana mormija***. L-analiżi għandha tikkunsidra soluzzjonijiet tas-sistema tat-tkessiġ li jippermettu t-tneħħija jew il-ġbir tas-sħana mormija f'livell ta' temperatura utli b'inputs tal-enerġija anċillari minimi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tneħħija tal-ostakli regolatorji għall-użu ta' sħana mormija u l-ġhoti ta' appoġġ suffiċjenti għall-użu tas-sħana mormija meta l-installazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) sa (d) jkunu ppjanati ġodda jew rinnovati. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tas-sħana mormija fis-sit għall-fini tal-punti (b) sa (d), minflok l-analiżi tal-kostbenefiċċji stabbilita f'dan il-paragrafu, jistgħu jsiru awditi tal-enerġija f'konformità mal-Anness VI.

L-attrezzament ta' tagħmir għall-ġbir tad-diossidu tal-karbonju prodott minn installazzjoni tal-kombustjoni bil-ħsieb li jinħażen ġeoloġikament kif previst fid-Direttiva 2009/31/KE ma għandux jitqies bħala rinnovazzjoni għall-finijiet tal-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-analiżi tal-kostbenefiċċji ssir b'kooperazzjoni mal-kumpaniji responsabbli għall-operazzjoni tal-faċilità.

5. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-paragrafu 4:

- (a) lil dawk l-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku peak-load u back-up li huma ppjanati biex joperaw għal anqas minn 1500 siegħa ta' operazzjoni kull sena bħala medja inizjali fuq perjodu ta' ħames snin, abbażi ta' proċedura ta' verifika stabbilita mill-Istati Membri li tiżgura li dan il-kriterju għall-eżenzjoni jiġi ssodisfat;
- (b) lill-installazzjonijiet li jeħtieġ ikunu jinsabu qrib sit tal-ħżin ġeoloġiku approvat skont id-Direttiva 2009/31/KE;
- (c) ċentri tad-data li s-sħana mormija tagħhom tintuża jew tkun se tintuża f'network tat-tiżhin distrettwali jew direttament għat-tiżhin tal-post, għall-preparazzjoni tal-misħun domestiku jew għal użi oħra fil-bini jew fil-grupp ta' binjiet fejn tkun tinsab ***jew użi oħra f'żona rilevanti fl-inħawi taċ-ċentri tad-data.***

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti, espressi f'termini tal-ammont tas-sħana mormija utli disponibbli, id-domanda għas-sħana jew id-distanzi bejn l-installazzjonijiet industrijali u n-

networks tat-tisħin distrettwali, biex jeżentaw lil installazzjonijiet individwali mid-dispożizzjonijiet tal-punti (c) u (d) tal-paragrafu 4.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-eżenzjonijiet adottati skont dan il-paragrafu lill-Kummissjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jadottaw kriterji ta' awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/944, jew kriterji ta' permess ekwivalenti, biex:

- (a) jieħdu kont tal-eżitu tal-valutazzjonijiet komprensivi msemmija fl-Artikolu 23(1);
- (b) jiżguraw li r-reqwiziti tal-paragrafu 4 jiġu ssodisfati;
- (c) iqisu l-eżitu tal-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija fil-paragrafu 4.

7. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil installazzjonijiet individwali milli jkollhom, skont il-kriterji ta' awtorizzazzjoni u ta' permess imsemmija fil-paragrafu 6, jimplimentaw għażliet li l-benefiċċji tagħhom jisbqu l-kostijiet tagħhom, jekk ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' liġi, ta' sjieda jew ta' finanzjament biex jagħmlu dan. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta notifika motivata tad-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data meta ttieħdet. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar in-notifika fi żmien tliet xhur minn meta taslilha.

8. Il-paragrafi 4, 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE mingħajr preġudizzju għar-reqwiziti ta' dik id-Direttiva.

9. L-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-analiżi tal-kostbenefiċċji mwettqa skont il-punti (a), (b), (c) u (d) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dik l-informazzjoni għandu jkun fiha tal-anqas id-data dwar l-ammonti ta' provvista tas-sħana disponibbli u l-parametri tas-sħana, in-numru ta' sigħat ta' operazzjoni pjanati kull sena, u l-pożizzjoni ġeografika tas-siti. Dik id-data għandha tiġi ppubblikata bir-rispett dovut għas-sensittività potenzjali tagħha.

10. Abbażi tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza msemmija fil-punt (f) tal-Anness III, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-orijini tal-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja tista' tiġi ggarantita skont kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji stabbiliti minn kull Stat Membru. Dawn għandhom jiżguraw li din il-garanzija tal-orijini tikkonforma mar-reqwiziti u tkun tinkludi mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XI. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-garanziji tal-orijini tagħhom, esklużivament bħala prova tal-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu. Kwalunkwe rifjut ta' rikonoxximent ta' garanzija tal-orijini bħala prova ta' din ix-xorta, b'mod partikolari għal raġunijiet relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, irid ikun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan ir-rifjut u bil-ġustifikazzjoni tiegħu. Fil-każ ta' rifjut ta' rikonoxximent ta' garanzija tal-orijini, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni biex teżiġi li l-parti rifjutanti tirrikonoxxiha, b'mod partikolari b'rabta ma' kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji li abbażi tagħhom ikun dak ir-rikonoxximent.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tirrieżamina, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 31 ta' din id-Direttiva, l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza kif stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402⁷¹.

⁷¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jirrevedi l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 54).

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull appoġġ disponibbli għall-koġenerazzjoni jkun soġġett għall-fatt li l-elettriku ġġenerat ikun ġej minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u li s-sħana mormija tintuża effettivament biex jinkiseb iffrankar tal-enerġija primarja. L-appoġġ pubbliku għall-koġenerazzjoni, u għall-ġenerazzjoni u n-networks tat-tisħin distrettwali, għandu jkun soġġett għar-regoli dwar l-għajna mill-Istat, meta applikabbli.

Artikolu 25

Trasformazzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija

1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati fid-Direttivi (UE) 2019/944 u 2009/73/KE fir-rigward tad-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, inklużi d-deċiżjonijiet tagħhom dwar it-tariffi tan-network, **mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-kosteffikaċja. Minbarra l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom iqisu l-kosteffiċjenza, l-effiċjenza tas-sistema u s-sigurtà tal-provvista u jadattaw approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja li jissalvagwardja s-sostenibbiltà u l-miri klimatiki tal-Unjoni.**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass u tal-elettriku japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva **u mal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà** fl-ippjanar tan-network, fl-iżvilupp tan-network u fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom. **Il-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda għandha tkun parti ċentrali mill-valutazzjoni tal-ippjanar u l-operat tan-networks.** Filwaqt li jqisu s-sigurtà tal-provvista u l-integrazzjoni tas-suq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni **jinvestu f'assi li jibqgħu validi fil-futur** biex jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali **jistgħu** jipprovdu metodoloġiji u gwida dwar kif iridu jiġu vvalutati l-alternattivi fl-analiżi tal-kostbenefiċċji **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, li jistgħu jikkondividu għarfien tekniku kruċjali,** filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji usa', u kif trid tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni meta jkunu qed japprovaw, jivverifikaw jew jimmonitorjaw il-proġetti ppreżentati mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni **jimmonitorjaw u jikkwantifikaw il-volum ġenerali tat-telf** tan-network **relatat man-network li joperaw** u jieħdu miżuri kosteffettivi biex **iżidu l-effiċjenza** tan-network **u jindirizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-iżvilupp tal-infrastruttura u t-telf li jirriżulta miż-żieda fl-elettrifikazzjoni kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-produzzjoni.** L-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għandhom jirrapportaw lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-enerġija dwar dawk il-miżuri . L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' **network** tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jivalutaw il-miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika b'rabta mas-sistemi eżistenti tagħhom tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni tal-gass jew tal-elettriku u jtejbju l-effiċjenza enerġetika fid-disinn u fl-operazzjoni tal-infrastruttura, **speċjalment f'termini tal-introduzzjoni ta' grilja intelliġenti.** L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi tan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi li jtejbju **l-effiċjenza u s-sostenibbiltà inkluża** l-effiċjenza enerġetika, tas-sistemi

eżistenti **u futuri** permezz ta' regolamenti bbażati fuq l-inċentivi.

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom jinkludu taqsima speċifika dwar il-progress miksub fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika b'rabta mal-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku fir-rapport annwali mfassal skont l-Artikolu 59(1)(i) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73/KE. F'dawn ir-rapporti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom jipprovdu valutazzjoni **tal-effiċjenza globali** fl-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, il-miżuri li hađu l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni u, meta applikabbli, jagħtu rakkomandazzjonijiet biex titjeb l-effiċjenza enerġetika, **inklużi alternattivi kosteffiċjenti li jnaqqsu t-tagħbija fl-eqqel sghat u l-użu tal-elettriku b'mod ġenerali.**

5. Għall-elettriku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regolazzjoni tan-networks u t-tariffi tan-networks jissodisfaw il-kriterji fl-Anness XII, b'kunsiderazzjoni għal-linji gwida u l-kondiċijiet żviluppanti skont ir-Regolament (UE) 2019/943.

6. L-Istati Membri jistgħu jippermettu komponenti ta' skemi u ta' strutturi tariffarji b'għan soċjali għat-trażmissjoni u għad-distribuzzjoni tal-enerġija destinata għan-network, dment li kwalunkwe effett fixkiel għas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jinżamm għall-minimu meħtieġ u ma jkunx sproporzjonat mal-għan soċjali.

7. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw it-tneħħija ta' dawk l-inċentivi fit-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni li jagħmlu ħsara lill-effiċjenza enerġetika **u r-rispons għad-domanda** tal-ġenerazzjoni, tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni u tal-provvista tal-elettriku u tal-gass. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw effiċjenza fit-tfassil tal-infrastruttura u t-tħaddim tal-infrastruttura eżistenti, fil-qafas tad-Direttiva UE 2019/944, li t-tariffi jippermettu lill-fornituri jtejbu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fl-effiċjenza tas-sistema.**

8. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XII.

9. Meta xieraq, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jħeġġu li l-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja titqiegħed f'siti qrib iż-żoni tad-domanda għas-sħana billi jnaqqsu t-tariffi tal-konnessjoni u tal-użu tas-sistema.

10. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-produtturi tal-elettriku minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li jixtiequ jikkollegaw mal-grilja joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-konnessjoni.

11. Fir-rapportar skont id-Direttiva 2010/75/UE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jinkludu informazzjoni dwar il-livelli tal-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet li jwettqu l-kombustjoni tal-fjuwils b'input termali kklassifikat totali ta' 50 MW jew aktar fid-dawl tal-aqwa tekniki disponibbli rilevanti, kif żviluppata skont id-Direttiva 2010/75/UE.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI

Artikolu 26

Disponibbiltà ta' skemi ta' kwalifika, akkreditament u ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-livell xieraq ta' kompetenzi għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq. L-Istati Membri b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u/jew skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi xierqa ta' taħriġ, ikunu disponibbli għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika inkluż il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, il-fornituri tal-awdituri tal-enerġija, il-manigġers tal-enerġija, l-esperti indipendenti u l-installaturi tal-elementi tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE, u li dawn ikunu affidabbli u jikkontribwixxu għall-oġġettivi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika u għall-oġġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE.

Il-fornituri ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u/jew ta' skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi xierqa ta' taħriġ għandhom jiġu akkreditati skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008⁷².

1a. L-Istati Membri għandhom jipromwovu ċ-ċertifikazzjoni, it-taħriġ u programmi edukattivi biex jiżguraw il-livell xieraq ta' kompetenzi għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri biex jipromwovu l-parteċipazzjoni f'tali taħriġ, partikolarment mill-SMEs u l-persuni li jaħdmu għal rashom. Sa ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tibda kampanja fl-Unjoni kollha biex tattira aktar nies lejn professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u tiżgura aċċess ugwali għan-nisa.

1b. Sa ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma bħala punt ta' aċċess uniku li permezz tiegħu tipprovdi appoġġ u kondivżjoni tal-għarfien biex tiżgura l-livell xieraq ta' professjonisti kwalifikati biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. Il-pjattaforma għandha tlaqqa' lill-Istati Membri, is-sħab soċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi, id-dinja akkademika u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn biex trawwem u tippromwovi l-aħjar Prattiki ħalli jiġu żgurati aktar professjonisti fl-effiċjenza enerġetika u jsir tiġdid u titjib tal-ħiliet tal-professjonisti sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-suq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi nazzjonali ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi ta' taħriġ, **ikunu bbażati fuq** l-istandards Ewropej jew internazzjonali eżistenti.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli pubblikament l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, jew l-iskemi ta' kwalifiki ekwivalenti, jew il-programmi xierqa ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jikkooperaw bejniethom u mal-Kummissjoni dwar il-paraguni bejn l-iskemi u għar-rikonossiment tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jagħmlu lill-konsumaturi konxji mid-disponibbiltà tal-iskemi f'konformità mal-Artikolu 27(1).

4. Sal-31 ta' Diċembru 2024, u kull **sentejn** minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk l-iskemi jiżgurawx il-livell meħtieġ ta' kompetenzi **u bilanċ bejn is-sessi** għall-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, l-awdituri tal-enerġija, il-manigġers tal-enerġija, l-esperti indipendenti u l-installaturi tal-elementi tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE. **Għandhom ukoll jivvalutaw id-distakk bejn l-għadd ta' professjonisti disponibbli u dak meħtieġ. Huma** għandhom iqiegħdu l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħha għad-dispożizzjoni tal-

⁷² Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30-47).

pubbliku.

Artikolu 27

Servizzi tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu s-suq tas-servizzi tal-enerġija u l-aċċess tal-SMEs għalih billi jqassmu informazzjoni ċara u aċċessibbli faċilment dwar:

- (a) il-kuntratti tas-servizzi tal-enerġija disponibbli u l-klawsoli li għandhom ikunu inklużi fil-kuntratti ta' din ix-xorta biex ikunu garantiti l-iffrankar tal-enerġija u d-drittijiet tal-klijenti finali;
- (b) l-istrumenti finanzjarji, l-inċentivi, l-għotjiet, il-fondi rotanti, il-garanziji, l-iskemi tal-assigurazzjoni, u s-self biex jingħata appoġġ lill-proġetti ta' servizzi tal-effiċjenza enerġetika;
- (c) il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija disponibbli li huma kkwalifikati u/jew iċċertifikati, u l-kwalifiki u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 26;
- (d) il-metodoloġiji ta' monitoraġġ u ta' verifika disponibbli, u l-iskemi ta' kontroll tal-kwalità.

2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' tikketti tal-kwalità, fost l-oħrajn, minn assoċjazzjonijiet kummerċjali, abbażi ta' standards Ewropej jew internazzjonali meta rilevanti;

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jaġġornaw regolarment lista ta' fornituri disponibbli ta' servizzi tal-enerġija li huma kwalifikati u/jew iċċertifikati, u l-kwalifiki u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26, jew jipprovdu pjattaforma biex il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija jkunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** l-korpi pubbliċi jużaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjonijiet ta' binjiet kbar. Għar-rinnovazzjonijiet ta' binjiet kbar mhux residenzjali ***u binjiet residenzjali pubbliċi*** b'erja ta' art utli ta' aktar minn ***500 m², kif ukoll binjiet li jkollhom skop soċjali***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi pubbliċi jivvalutaw il-fattibbiltà tal-użu tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ***u ta' servizzi oħra tal-enerġija bbażati fuq il-prestazzjoni***.

L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-korpi pubbliċi biex jikkombinaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma' servizzi tal-enerġija estiżi, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin, ***sabiex jiġi żgurat l-iffrankar tal-enerġija u jinżammu r-riżultati miksuba maż-żmien permezz ta' monitoraġġ kontinwu, operat effettiv u manutenzjoni***.

5. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lis-settur pubbliku biex jieħu offerti ta' servizz tal-enerġija, b'mod partikolari għar-rinnovazzjoni tal-bini, billi:

- (a) jipprovdu mudell ta' kuntratti għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jinkludi mill-inqas il-punti elenkati fl-Anness XIII u jqisu l-istandards Ewropej jew internazzjonali eżistenti, il-linji gwida disponibbli għas-sejħiet għall-offerti u l-gwida tal-Eurostat għat-trattament statistiku tal-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-kontijiet tal-gvern;
- (b) jipprovdu informazzjoni dwar l-aqwa prattiki għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, inkluż jekk ikunu disponibbli, analiżi tal-kostbenefiċċji permezz ta' approċċ ta' ċiklu tal-ħajja;

- (c) **il-promozzjoni u** t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' bażi tad-data ta' proġetti tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija implimentati u li qed jiġu implimentati, inkluż l-iffrankar tal-enerġija previst u magħmul.

6. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-funzjonament tajjeb tas-suq tas-servizzi tal-enerġija billi jieħdu dawn il-miżuri li ġejjin:

- (a) jidentifikaw u jipubblicizzaw punt(i) ta' kuntatt biex il-klijenti finali jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;
- (b) ineħħu l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jxekklu l-użu ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u mudelli oħra ta' servizzi tal-effiċjenza enerġetika biex jiġu identifikati u/jew implimentati miżuri tal-iffrankar tal-enerġija;
- (c) jistabilixxu u jipromwovu r-rwol tal-korpi konsultattivi, **l-ESCOs** u intermedjarji indipendenti tas-suq, inklużi one-stop shops jew mekkaniżmi ta' appoġġ simili, biex jistimulaw l-iżvilupp tas-suq fuq in-naħat tad-domanda u tal-provvista, u jagħmlu l-informazzjoni dwar dawk il-mekkaniżmi ta' appoġġ disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli għall-atturi tas-suq.

7. Għall-fini ta' appoġġ għall-funzjonament tajjeb tas-suq tas-servizzi tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jistabilixxu mekkaniżmu individwali jew jiddeżinjaw ombudsperson biex jiżguraw it-trattament effiċjenti tal-ilmenti u r-riżoluzzjoni barra mill-qorti tat-tilwim li jinqala' minn kuntratti ta' servizzi tal-enerġija u ta' rendiment fl-użu tal-enerġija.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri tal-enerġija, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni u l-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut ma jwettqux attivitajiet li jistgħu jxekklu d-domanda għal servizzi tal-enerġija, u t-twassil tagħhom, jew miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, jew li jfikklu l-iżvilupp tas-swieq għal dawn is-servizzi jew il-miżuri, inkluż l-għeluq tas-suq għall-kompetituri jew l-abbuż b'pożizzjonijiet dominanti.

Artikolu 28

Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, Finanzjament u Appoġġ Tekniku

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE , l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-istabiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament, jew l-użu ta' dawk eżistenti, għal miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika biex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-benefiċċji ta' diversi sorsi ta' finanzjament u l-kombinament ta' għotjiet, strumenti finanzjarji u assistenza teknika.

2. Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, direttament jew permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tassisti lill-Istati Membri fl-istabiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament u faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jiżiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'setturi differenti , filwaqt li jiproteġu u jagħtu setgħa lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, inkluż b'integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza biex ħadd ma jinqata' lura.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li l-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, bħal ipoteki ekoloġiċi u self ekoloġiku, garantiti u mhux garantiti, jiġu offruti b'mod wiesa' u nondiskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u, ikunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont u fuq it-taxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jieħdu sehem fil-finanzjament ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika , inkluż il-ħolqien ta' sħubijiet

pubbliċi/privati.

3a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom jadottaw skemi ta' appoġġ finanzjarju biex iżidu l-adozzjoni ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika għal sistemi ta' tisħin u tkessiħ individwali u distrettwali u r-rinnovazzjoni sostanzjali ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ individwali u distrettwali u s-sostituzzjoni ta' apparati tat-tisħin u tat-tkessiħ qodma u ineffiċjenti b'alternattivi effiċjenti ħafna.

L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' għarfien espert lokali u assistenza teknika biex jagħtu pariri dwar l-aħjar Prattiki fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali lokali, bħall-aċċess għal proġetti disponibbli lokalment u appoġġ finanzjarju ddedikat.

4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aqwa Prattiki bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew reġjonali kompetenti, pereżempju permezz ta' laqgħat annwali tal-korpi regolatorji, bażijiet tad-data pubbliċi bl-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri mill-Istati Membri, u paragun bejn il-pajjiżi.

5. Biex jiġi mobilizzat finanzjament privat għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika u rinnovazzjoni tal-enerġija, **b'kontribut għall-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva u l-oġġettivi tad-Direttiva 2010/31/UE**, il-Kummissjoni għandha ttwettaq djalogu ma' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati, **kif ukoll setturi speċifiċi bħal dawk tat-trasport, l-ICT u l-bini**, biex tesplora **l-ħtiġijiet u** l-azzjonijiet possibbli li tista' tieħu.

6. L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5 għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

- (a) jiġi mobilizzat investiment tal-kapital fl-effiċjenza enerġetika billi jitqiesu l-impatti aktar mifruxa tal-iffrankar tal-enerġija;
- (aa) **tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji ddedikati għall-effiċjenza enerġetika u skemi ta' finanzjament fuq skala stabbiliti minn istituzzjonijiet finanzjarji;**
- (b) tiġi żgurata data dwar rendiment aħjar fl-użu tal-enerġija u tal-finanzi billi:
 - (i) jiġi eżaminat aktar kif investimenti fl-effiċjenza enerġetika jtejbju l-valuri tal-assi sottostanti;
 - (ii) jiġu appoġġati studji li jivvalutaw il-monetizzazzjoni tal-benefiċċji mhux tal-enerġija ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

7. Għall-fini tal-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tar-rinnovazzjoni tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom, meta jimplementaw din id-Direttiva:

- (a) jikkunsidraw modi kif jużaw aħjar is-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u l-awditjar tagħha skont l-Artikolu 11 biex jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (b) jagħmlu l-aqwa użu tal-possibiltajiet u tal-għodod disponibbli mill-baġit tal-Unjoni u proposti fl-inizjattiva ta' finanzji intelliġenti għal bini intelliġenti u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni".

8. Sal-31 ta' Diċembru 2024 il-Kummissjoni għandha ttipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq dwar kif jinkiseb l-investiment privat.

Il-gwida għandu jkollha l-għan li tgħin lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq biex jiżviluppaw u jimplementaw l-investimenti tagħhom fl-effiċjenza enerġetika fid-diversi programmi tal-Unjoni, u se ttipponi mekkaniżmi u soluzzjonijiet finanzjarji adegwati, b'taħlita ta' għotjiet,

strumenti finanzjarji u assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti, biex iżżid l-inizjattivi eżistenti u tuża l-finanzjament tal-Unjoni bħala katalista biex tingrana u tistimola l-finanzjament privat.

9. *Sa ... [id-data tat-traspożizzjonij], l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għandu l-għan li jimplimenta miżuri tal-effiċjenza enerġetika b'appoġġ għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2). Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jinħoloq bħala fond iddedikat fil-qafas ta' faċilità nazzjonali diġà eżistenti li tippromwovi l-investimenti kapitali.*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strumenti ta' finanzjament, fosthom garanzji pubbliċi fil-Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika biex iżidu l-użu tal-investimenti pubbliċi fl-effiċjenza enerġetika u tal-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika u skemi innovattivi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Bi qbil mal-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 22, il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dak l-appoġġ għandu jinkludi finanzjament lill-SMEs għal miżuri tal-effiċjenza sabiex jintuża u jiskatta finanzjament privat għall-SMEs, b'hekk jappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika u t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4(2). [Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jiġi ffinanzjat bi dħul mill-irkanti tal-kwoti skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet fis-settur tal-bini u tat-trasport.]

10. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korpi pubbliċi jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) permezz ta' kontribuzzjonijiet annwali lill-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika ekwivalenti għall-ammont ta' investimenti meħtieġa biex jiġu ssodisfati dawk l-obbligi.

11. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-partijiet obligati jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom stipulati fl-Artikolu 8(1) u (4) billi kull sena jikkontribwixxu għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika ammont ekwivalenti għall-investimenti meħtieġa biex jiġu ssodisfati dawk l-obbligi.

12. L-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul tagħhom mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għall-iżvilupp ta' finanzjament innovattiv biex titjieb l-effiċjenza enerġetika.

12a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika implimentati fl-Istati Membri u l-kapaċità tagħhom li jżidu l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet ta' finanzjament pubbliku espressi fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk mekkaniżmu għall-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-Unjoni, bl-objettiv li jipprovdi garanzija tal-UE, assistenza teknika – inklużi one-stop shops – u għotjiet assoċjati li jippermettu l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji kif ukoll skemi ta' finanzjament u appoġġ fil-livell nazzjonali, jistax ikun ta' appoġġ kosteffettiv biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u l-klima u, jekk ikun xieraq, tippromwovi l-ħolqien ta' tali mekkaniżmu.

Għal dak il-għan, sa ... [it-30 ta' Marzu 2024] il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġislattivi.

12b. Sa ... [il-15 ta' Marzu 2025], u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 17 u 21 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni id-data li ġejja:

- (a) stima tal-volum ta' investimenti pubbliċi u privati fl-effiċjenza enerġetika, inklużi investimenti permezz tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-fattur ta' ingranaġġ miksub minn finanzjament pubbliku b'appoġġ għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika;*
- (b) il-volum ta' prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, b'distinzzjoni bejn prodotti ta' self garantiti u mhux garantiti;*
- (c) programmi ta' finanzjament nazzjonali stabbiliti biex jiżiedu l-effiċjenza enerġetika u l-aħjar Prattiki, u skemi ta' finanzjament innovattivi għall-effiċjenza enerġetika.*

Sabiex tiffaċilita t-tnejn tar-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, sa ... [il-15 ta' Marzu 2024] il-Kummissjoni għandha ttiprovdi mudell komuni lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jinkludu anness għar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, imfassal skont dak il-mudell.

Artikolu 29

Fatturi ta' konverżjoni u fatturi tal-enerġija primarja

1. Għall-finijiet tal-paragun tal-iffrankar tal-enerġija u l-konverżjoni tal-enerġija lejn unità paragonabbli, għandhom japplikaw il-valuri kalorifiċi netti fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066⁷³ u l-fatturi tal-enerġija primarja stipulati fil-paragrafu 2 sakemm ma jistax jiġi ġġustifikat l-użu ta' valuri jew fatturi oħrajn.
2. Fattur tal-enerġija primarja għandu jkun applikabbli meta l-iffrankar tal-enerġija jiġi kkalkulat f'termini ta' enerġija primarja u jintuża approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq il-konsum tal-enerġija finali.
3. Għall-iffrankar tal-elettriku f'kWh, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent biex jikkalkulaw akkuratament l-iffrankar miksub fil-konsum tal-enerġija primarja. L-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent prestabbilit ta' 2,1 sakemm ma jużawx id-diskrezzjoni tagħhom biex jiddefinixxu koeffiċjent differenti abbażi ta' ċirkostanzi nazzjonali ġustifikati.
4. Għall-iffrankar ta' vetturi oħra tal-enerġija f'kWh, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent biex jikkalkulaw akkuratament l-iffrankar miksub fil-konsum tal-enerġija primarja.
5. Meta l-Istati Membri jistabbilixxu l-koeffiċjent tagħhom stess għal valur prestabbilit previst skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dan b'metodoloġija trasparenti abbażi ta' ċirkostanzi nazzjonali **jew lokali** li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja. Dawk iċ-ċirkostanzi għandhom ikunu sostanzjali, verifikabbli u bbażati fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.
6. Meta jistabbilixxu koeffiċjent tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu t-taħlita tal-enerġija inkluża fl-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima u fil-pjan nazzjonali integrat sussegwenti għall-enerġija u l-klima li jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Jekk jiddevjaw mill-valur prestabbilit, l-

⁷³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1-93).

Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-koeffiċjent li jużaw lill-Kummissjoni flimkien mal-metodoloġija tal-kalkolu u d-data sottostanti fl-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima u fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti għall-enerġija u l-klima f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

7. Sal-25 ta' Diċembru 2022 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-koeffiċjent prestabbilit abbażi tad-data osservata. Dik ir-reviżjoni għandha ssir billi jitqiesu l-effetti tagħha fuq liġijiet oħra tal-Unjoni bħad-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament (UE) 2017/1369. ***Il-metodoloġija għandha tkun invaluata b'mod regolari biex jiġi żgurat li l-iffrankar tal-enerġija jwassal għall-ogħla livell ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra filwaqt li jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili.***

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 30

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dawk id-dispożizzjonijiet sa [id-data tat-traspożizzjoni] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 31

Atti delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegat skont l-Artikolu 32 dwar ir-rieżami tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(10).
2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 biex temenda jew tissupplimenta din id-Direttiva billi tadatta l-valuri, il-metodi tal-kalkolu, il-koeffiċjenti prestabbiliti tal-enerġija primarja u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 29, l-Annessi II, III, V, VII to XI, and XIII għall-progress tekniku.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda jew tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, skema komuni tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data lokalizzati fit-territorju tagħha ***fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*** L-iskema għandha tistabbilixxi d-definizzjoni ta' indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data u, skont ***l-Artikolu 11a*** ta' din id-Direttiva, tiddefinixxi l-limiti minimi għall-konsum sinifikanti tal-enerġija u tistabbilixxi l-indikaturi ewlenin u l-metodoloġija biex dawn jitkejlu.

Artikolu 32

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-

kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 31 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [*id-data tal-pubblikazzjoni fil-ĠU*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi taż-żmien identiċi, għajr meta l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 31 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li ġie adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġġedded b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 33

Rieżami u monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Fil-kuntest tar-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju skont l-Artikolu 35(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, filwaqt li tqis l-effetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Sal-31 ta' Ottubru 2025 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-miżuri eżistenti biex tinkiseb żieda fl-effiċjenza enerġetika u dekarbonizzazzjoni fit-tiġin u fit-tkessiġ. L-evalwazzjoni għandha tqis:

- (a) l-effiċjenza enerġetika u x-xejriet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fit-tiġin u t-tkessiġ, inkluż fit-tiġin u t-tkessiġ distrettwali;
- (b) interkonnessjonijiet bejn il-miżuri meħuda;
- (c) bidliet fl-effiċjenza enerġetika u fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fit-tiġin u fit-tkessiġ;
- (d) il-politiki u l-miżuri eżistenti u ppjanati dwar l-effiċjenza enerġetika, u l-politiki u l-miżuri għal tnaqqis tal-gassijiet serra fil-livell nazzjonali u tal-UE; u
- (e) il-miżuri li l-Istati Membri jkunu pprovdew fil-valutazzjonijiet komprensivi tagħhom skont l-Artikolu 23(1) ta' din id-Direttiva u nnotifikaw skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Sad-dati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dik l-evalwazzjoni u tipproponi, jekk ikun xieraq, miżuri biex tiżgura li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima.

3. Qabel it-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw statistika lill-Kummissjoni dwar il-produzzjoni nazzjonali tal-elettriku u tas-sħana minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u baxxa, skont il-metodoloġija murija fl-Anness II, b'rabta mal-produzzjoni totali tas-sħana u tal-elettriku. Għandhom jippreżentaw ukoll statistika annwali dwar il-kapaċitajiet tal-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku u l-fjuwils għall-koġenerazzjoni, u dwar il-produzzjoni u l-kapaċitajiet tat-tiżnin u tat-tkessiħ distrettwali, b'rabta mal-produzzjoni u l-kapaċitajiet totali tas-sħana u tal-elettriku. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw statistika dwar l-iffrankar tal-enerġija primarja miksub bl-applikazzjoni tal-koġenerazzjoni skont il-metodoloġija murija fl-Anness III.

4. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-potenzjal għall-effiċjenza enerġetika fil-konverżjoni, it-trasformazzjoni, it-trażmissjoni, it-trasport u l-ħżin tal-enerġija, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu, jekk xieraq, ikun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi.

5. Soġġetta għal bidliet fid-dispożizzjonijiet dwar is-suq bl-imnut fid-Direttiva 2009/73/KE, sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni, u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-metraġġ, il-kontijiet u l-informazzjoni tal-konsumaturi għall-gass naturali, biex dawn jiġu allinjati, meta xieraq, mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-elettriku fid-Direttiva (UE) 2019/944, biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u biex il-klijenti finali jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni aktar frekwenti, ċara u aġġornata dwar il-konsum tagħhom tal-gass naturali u jirregolaw l-użu tagħhom tal-enerġija. Kemm jista' jkun malajr wara l-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tadotta proposti leġiżlattivi.

6. Sal-31 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Unjoni tkunx laħqet il-mira ewlenija tagħha tal-effiċjenza enerġetika għall-2020.

7. Sat-28 ta' Frar 2027 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tevalwa din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi:

- (a) valutazzjoni tal-effikaċja ġenerali ta' din id-Direttiva u tal-ħtieġa li l-politika tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika tiġi aġġustata aktar skont l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 u fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u fl-innovazzjoni;
- (aa) ***valutazzjoni komprensiva tal-impatt makroekonomiku aggregat ta' din id-Direttiva, b'enfasi fuq l-effetti fuq is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-enerġija, il-minimizzazzjoni tal-faqar enerġetiku, it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi, l-ispiża tal-mobbiltà u l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi;***
- (b) il-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika għall-2030 stabbiliti fl-Artikolu 4(1) biex tirrevedi dawk il-miri 'l fuq fil-każ ta' tnaqqis sostanzjali fil-kostijiet miksub permezz ta' żviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi, jew meta meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni għall-2040 jew għall-2050, jew l-impjenji internazzjonali tagħha għad-dekarbonizzazzjoni;

- (c) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu ffrankar annwali ġdid f'konformità mal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8 għall-perjodi ta' għaxar snin wara l-2030;
- (d) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiżguraw li mill-inqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li jkun proprjetà ta' korpi pubbliċi jiġi rinnovat kull sena f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 biex tiġi riveduta r-rata tar-rinnovazzjoni f'dak l-Artikolu;
- (e) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu sehem ta' ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 għall-perjodi ta' għaxar snin wara l-2030;
- (f) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali f'konformità mal-Artikolu 5(1).

Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn *valutazzjoni komprensiva ta' jekk ikunx hemm bżonn issir reviżjoni ta' din id-Direttiva fl-interess tas-simplifikazzjoni regolatorja u*, jekk ikun xieraq, proposti għal aktar miżuri. *Il-Kummissjoni għandha tadatta kontinwament għall-aħjar Prattiki fil-proċeduri amministrattivi u tiegħu l-miżuri kollha biex tissimplifika l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tnaqqas kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi.*

Artikolu 34

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 35

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli [...] u mal-Annessi [...] [Artikoli u Annessi li ġew emendati fis-sustanza meta mqabbla mad-Direttiva revokata] sa [...].

Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li kull referenza fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva revokata b'din id-Direttiva, għandha tinftiehem bħala referenza għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 36

Tħassir

Id-Direttiva 2012/27/UE, kif emendata bl-atti elenkati fil-Parti A tal-Anness XV, hija mħassra b'effett minn [...] [l-għada tad-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(1)] , mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazżjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XV.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-Tabella ta' Korrelazzjoni fl-Anness XVI.

Artikolu 37

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli [...] u l-Annessi [...] [l-Artikoli u l-Annessi li ma jinbidlux meta mqabbla mad-Direttiva revokata] għandhom japplikaw minn [...] [l-għada tad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(1)].

Artikolu 38

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

KONTRIBUTI NAZZJONALI GĦALL-MIRI TAL-UNJONI GĦALL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA FL-2030 FIL-KONSUM TAL-ENERĠIJA FINALI U/JEW PRIMARJA

1. Il-livell tal-kontributi nazzjonali jiġi kkalkulat abbażi tal-formula ■ :

$$FEC_{C_{2030}} = C_{EU}(1 - Target) FEC_{B_{2030}}$$

$$PEC_{C_{2030}} = C_{EU}(1 - Target) PEC_{B_{2030}}$$

Fejn C_{EU} huwa l-fattur ta' korrezzjoni *stabbilit mill-Kummissjoni wara li l-Istati Membri jkun rrapportaw il-mira*, Mira hija l-livell ta' ambizzjoni speċifiku għall-pajjiż, u $FEC_{B_{2030}}$ $PEC_{B_{2030}}$ huwa x-Xenarju ta' Referenza tal-2020 użat bħala xenarju bażi għall-2030.

2. Il-formula ■ li ġejja tirrappreżenta l-kriterji oġġettivi li jirriflettu l-fatturi elenkati fil-punti (d)(i) sa (iv) tal-Artikolu 4(2), kull wieħed użat għad-definizzjoni tal-livell ta' ambizzjoni speċifika nazzjonali bħala % (*Mira*) u bl-istess piż fil-formula (0,25):
- a) kontribut b'rata fissa (" F_{fissa} ");
 - b) kontribut dipendenti fuq il-PDG għal kull ras (" F_{ġid} ");
 - c) kontribut dipendenti fuq l-intensità enerġetika (" $F_{\text{intensità}}$ ");
 - d) kontribut potenzjali tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv (" $F_{\text{potenzjal}}$ ").
3. $L-F_{\text{fissa}}$ tirrappreżenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 li tinkludi l-isforzi addizzjonali meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni fil-FEC u fil-PEC meta mqabbla mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza ***tal-2007*** għall-2030.
4. $L-F_{\text{ġid}}$ għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru abbażi tal-medja tiegħu ta' tliet snin tal-indiċi reali medju ta' tliet snin tal-PDG għal kull ras tal-Eurostat, għall-medja ta' tliet snin tal-Unjoni tul il-perjodu 2017-2019, espressa f'Paritajiet tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPPs).
5. $L-F_{\text{intensità}}$ għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru abbażi tal-indiċi medju ta' tliet snin (FEC jew PEC għal kull PDG reali f'PPPs) tal-intensità enerġetika finali tiegħu, għall-medja ta' tliet snin tal-Unjoni tul il-perjodu 2017-2019.
6. $L-F_{\text{potenzjal}}$ għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru abbażi tal-iffrankar tal-enerġija finali jew primarja skont ix-xenarju PRIMES MIX 55 % għall-2030. L-iffrankar huwa espress b'rabta mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza ***tal-2007*** għall-2030.
7. Għal kull kriterju mogħti fil-punt 2(a) sa (d), għandu jiġi applikat limitu inferjuri u superjuri. Il-livell ta' ambizzjoni għal kull fattur għandu jkun limitat għal 50 % u 150 % tal-livell medju ta' ambizzjoni tal-Unjoni f'xi fattur partikolari.
8. Is-sors tad-data tal-input użat għall-kalkolu tal-fatturi huwa l-Eurostat, sakemm ma jiġix dikjarat mod ieħor.
9. F_{total} għandu jiġi kkalkulat bħala l-għadd totali ponderat tal-erba' fatturi kollha (F_{fissa} , F_{ġid} , $F_{\text{intensità}}$, u $F_{\text{potenzjal}}$). Il-mira għandha mbagħad tiġi kkalkulata bħala l-multiplikazzjoni tal-fattur totali F_{total} u l-mira tal-UE.

10. ***Il-Kummissjoni għandha tiddetermina*** fattur ta' korrezzjoni tal-enerġija primarja u finali C_{EU} , ***li*** għandu jiġi applikat ***għall-allokazzjonijiet fil-mira tal-Istati Membri*** kollha biex jiġi kkalibrat l-għadd totali tal-kontributi nazzjonali kollha għall-miri tal-konsum tal-enerġija primarja u finali tal-Unjoni fl-2030. Il-fattur C_{EU} huwa identiku għall-Istati Membri kollha.
-

ANNEX II

IL-PRINĊIPJI ĠENERALI GĦALL-KALKOLU TAL-ELETTRIKU MILL-KOĠENERAZZJONI

Parti I

Prinċipji ġenerali

Il-valuri użati għall-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-operazzjoni mistennija jew attwali tal-unità waqt kundizzjonijiet tal-użu normali. Għall-unitajiet tal-mikrokoġenerazzjoni, il-kalkolu jista' jkun ibbażat fuq valuri ċċertifikati.

- (a) Il-produzzjoni tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandha titqies ugwali għall-produzzjoni annwali totali tal-elettriku tal-unità mkejla fl-iżbakk tal-ġeneraturi ewlenin; dment li jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin :
- (i) f'unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (b), (d), (e), (f), (g) u (h) imsemmija fil-Parti II b'effiċjenza ġenerali annwali stabbilita mill-Istati Membri f'livell ta' mill-inqas 75 %;
- (ii) f'unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (a) u (c) imsemmija fil-Parti II b'effiċjenza ġenerali annwali stabbilita mill-Istati Membri f'livell ta' mill-inqas 80 %.
- (b) F'unitajiet tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza ġenerali annwali inqas mill-valur imsemmi fil-punt (a)(i) (unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (b), (d), (e), (f), (g), u (h) imsemmija fil-Parti II) jew b'effiċjenza ġenerali annwali inqas mill-valur imsemmi fil-punt (a)(ii) (unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (a) u (c) imsemmija fil-Parti II), l-elettriku mill-koġenerazzjoni jiġi kkalkolat bil-formula li ġejja:

$$E_{\text{CHP}} = H_{\text{CHP}} * C$$

fejn:

E_{CHP} huwa l-ammont ta' elettriċità mill-koġenerazzjoni

C hija l-proporzjon tal-enerġija għas-sħana;

H_{CHP} hija l-ammont ta' sħana utli mill-koġenerazzjoni (ikkalkulat għal dan il-għan bħala l-produzzjoni totali tas-sħana, bit-tnaqqis ta' kull sħana ġġenerata f'bojlers separati jew bl-estrazzjoni ta' fwar taħt pressjoni (live steam) mill-ġeneratur tal-fwar qabel it-turbina).

Il-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni jrid ikun ibbażat fuq il-proporzjon proprja tal-potenza għas-sħana. Jekk il-proporzjon proprja tal-potenza għas-sħana ta' unità tal-koġenerazzjoni mhux magħruf, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti li ġejjin, b'mod partikolari għall-finijiet statistiċi, għall-unitajiet tat-tipi (a), (b), (c), (d) u (e) imsemmija fil-Parti II, dment li l-elettriku mill-koġenerazzjoni kkalkolat ikun daqs jew inqas mill-produzzjoni totali tal-elettriku tal-unità:

Tip ta' unità	Il-proporzjon prestabbilit tal-potenza għas-sħana, C
Turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat bl-irkupru tas-sħana	0,95
Turbina ta' kontroressjoni tal-fwar	0,45
Turbina ta' estrazzjoni bil-kondensazzjoni tal-fwar	0,45
Turbina tal-gass bl-irkupru tas-sħana	0,55
Magna ta' kombustjoni interna	0,75

Jekk l-Istati Membri jintroduċu valuri prestabbiliti għall-proporzjonijiet tal-potenza għas-sħana għall-unitajiet tat-tipi (f), (g), (h), (i), (j) u (k) imsemmija fil-Parti II, dawn il-valuri prestabbiliti għandhom jiġu ppubblikati u notifikati lill-Kummissjoni.

- (c) Jekk sehem mill-kontenut tal-enerġija tal-input tal-fjuwil fil-proċess tal-koġenerazzjoni jiġi rkuprat f'kimiċi u jiġi riċiklat, dan is-sehem jista' jitnaqqas mill-input tal-fjuwil qabel ma tiġi kkalkolata l-effiċjenza ġenerali użata fil-punti (a) u (b).
- (d) L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw il-proporzjon tal-potenza għas-sħana bħala l-proporzjon tal-elettriku għas-sħana utli meta l-operazzjoni ssir fil-modalità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità aktar baxxa li tuża data operazzjonali tal-unità speċifika.
- (e) L-Istati Membri jistgħu jużaw perjodi tar-rappurtar oħrajn minflok ta' sena għall-finijiet tal-kalkoli skont il-punti (a) u (b).

Parti II

Teknoloġiji ta' koġenerazzjoni koperti minn din id-Direttiva

- (a) Turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat bl-irkupru tas-sħana
- (b) Turbina ta' kontroressjoni tal-fwar
- (c) Turbina ta' estrazzjoni bil-kondensazzjoni tal-fwar
- (d) Turbina tal-gass bl-irkupru tas-sħana
- (e) Magna ta' kombustjoni interna
- (f) Mikroturbini
- (g) Magni Stirling
- (h) Ċelloli tal-fjuwil
- (i) Magni tal-fwar
- (j) Ċikli Rankine organiċi
- (k) Kwalunkwe tip ieħor ta' teknoloġija jew kombinazzjoni tagħhom li jaqa' fid-definizzjoni stabbilita fil-punt (32) tal-Artikolu 2.

Meta jimplementaw u japplikaw il-prinċipji ġenerali għall-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni, l-Istati Membri għandhom jużaw il-Linji Gwida dettaljati stabbiliti bid-

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/952/KE⁷⁴.

⁷⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/952/KE tad-19 ta' Novembru 2008 li tistabbilixxi linji gwida dettaljati għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Anness II tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 338, 17.12.2008, p. 55).

ANNEX III

METODOLOĠIJA BIEX TIĠI DDETERMINATA L-EFFIĊJENZA TAL-PROĊESS TAL-KOĠENERAZZJONI

Il-valuri użati għall-kalkolu tal-effiċjenza tal-koġenerazzjoni, u tal-iffrankar tal-enerġija primarja għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-operazzjoni mistennija jew attwali tal-unità waqt kundizzjonijiet tal-użu normali.

(a) Koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja

Għall-fini ta' din id-Direttiva, koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandha tissodisfa dawn il-kriterji li ġejjin:

- il-produzzjoni tal-koġenerazzjoni mill-unitajiet tal-koġenerazzjoni għandhom jipprovdu ffrankar tal-enerġija primarja kkalkolat skont il-punt (b) ta' mill-inqas 10 % meta mqabbla mar-referenzi għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku;
- il-produzzjoni minn unitajiet ta' skala żgħira u tal-mikrokoġenerazzjoni li jipprovdu ffrankar tal-enerġija primarja jistgħu jikkwalifikaw bħala koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;
- l-emissjonijiet diretti tad-diossidu tal-karbonju mill-produzzjoni tal-koġenerazzjoni alimentata bil-fjuwils fossili, huma inqas minn 270 gCO₂ għal kull 1 kWh ta' output ta' enerġija mill-koġenerazzjoni kkombinata (inkluż tisħin/tkessiġ, potenza u enerġija mekkanika).
- Meta unità tal-koġenerazzjoni tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili għajr il-gass naturali f'sorsi tas-sħana eżistenti mqabbla mal-konsum annwali medjat għat-tliet snin kalendarji preċedenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, u li kull sors tas-sħana ġdid f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili għajr il-gass naturali.

(b) Kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija primarja

L-ammont ta' ffrankar tal-enerġija primarja miksub bil-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definit skont l-Anness II għandu jiġi kkalkolat bil-formula li ġejja:

$$PES = \left(1 - \frac{1}{\frac{CHPH\eta}{RefH\eta} + \frac{CHPE\eta}{RefE\eta}} \right) \times 100\%$$

Fejn:

PES huwa l-iffrankar tal-enerġija primarja.

CHP H_η hija l-effiċjenza tas-sħana tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definita bħala l-output tas-sħana utli annwali diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana utli u l-elettriku mill-koġenerazzjoni.

Ref H_η huwa l-valur ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tas-sħana.

CHP E_η hija l-effiċjenza elettrika tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definita bħala l-elettriku annwali mill-koġenerazzjoni diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana utli u l-elettriku mill-koġenerazzjoni. Meta unità tal-koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriku annwali mill-koġenerazzjoni jista' jiżjed b'element addizzjonali li jirrappreżenta l-ammont ta' elettriku li huwa ekwivalenti għal dak tal-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali ma joħloqx dritt ta' ħruġ ta' garanziji tal-orijini f'konformità mal-

Artikolu 24(10).

Ref E η huwa l-valur ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tal-elettriku.

(c) Kalkoli tal-iffrankar tal-enerġija bil-kalkolu alternattiv

L-Istati Membri jistgħu jikkalkolaw l-iffrankar tal-enerġija primarja minn produzzjoni tas-sħana u tal-elettriku u tal-enerġija mekkanika kif indikat hawn taħt mingħajr ma japplikaw l-Anness II biex jeskludu l-partijiet tas-sħana u tal-elettriku nonkoġenerati tal-istess proċess. Produzzjoni bħal din tista' titqies bħala koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja jekk tkun tissodisfa l-kriterji tal-effiċjenza fil-punt (a) ta' dan l-Anness u, għall-unitajiet tal-koġenerazzjoni b'kapaċità elettrika aktar minn 25 MW, l-effiċjenza ġenerali tkun aktar minn 70 %. Madankollu, speċifikazzjoni tal-kwantità tal-elettriku mill-koġenerazzjoni ġġenerat bi produzzjoni bħal din, għall-ħruġ ta' garanzija tal-oriġini u għall-finijiet statistiċi, għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Anness II.

Jekk l-iffrankar tal-enerġija primarja għal proċess jiġi kkalkolat bil-kalkolu alternattiv kif indikat hawn fuq, l-iffrankar tal-enerġija primarja għandu jiġi kkalkolat bil-formula tal-punt (b) ta' dan l-Anness li tissostitwixxi: "CHP H η " bi "H η ", u "CHP E η " bi "E η ", fejn:

H η għandha tfisser l-effiċjenza tas-sħana tal-proċess definita bħala l-output tas-sħana annwali diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana u ta' output tal-elettriku.

E η għandha tfisser l-effiċjenza tal-elettriku tal-proċess definita bħala l-output tal-elettriku annwali diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana u ta' output tal-elettriku. Meta unità tal-koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriku annwali mill-koġenerazzjoni jista' jiżdied b'element addizzjonali li jirrappreżenta l-ammont ta' elettriku li huwa ekwivalenti għal dak tal-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali ma joħloqx dritt ta' ħruġ ta' garanziji tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 24(10).

(d) L-Istati Membri jistgħu jużaw perjodi tar-rappurtar oħrajn minflok ta' sena għall-finijiet tal-kalkoli skont il-punti (b) u (c) ta' dan l-Anness.

(e) Għall-unitajiet tal-mikrokoġenerazzjoni, il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija primarja jista' jkun ibbażat fuq data ċertifikata.

(f) Valuri ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku

Il-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza għandhom jikkonsistu f'matriċi ta' valuri differenzjati skont fatturi rilevanti, inkluż is-sena tal-kostruzzjoni u t-tipi ta' fjuwils, u jridu jkunu bbażati fuq analiżi dokumentata sew li fost l-oħrajn tqis id-data minn użu operazzjonali f'kundizzjonijiet realistiċi, it-taħlita tal-fjuwils u l-kundizzjonijiet klimatiċi, u t-teknoloġiji tal-koġenerazzjoni applikati.

Il-valuri ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku skont il-formula stabbilita fil-punt (b) għandhom jistabbilixxu l-effiċjenza operatorja tal-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku li l-koġenerazzjoni jkun beħsiebha tissostitwixxi.

Il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għandhom jiġu kkalkolati skont il-prinċipji li ġejjin:

- (i) għal unitajiet ta' koġenerazzjoni, il-paragun ma' produzzjoni separata tal-elettriku għandu jsir abbażi tal-prinċipju li jqabbel l-istess kategoriji ta' fjuwils;
- (ii) kull unità ta' koġenerazzjoni għandha titqabbel mal-aqwa teknoloġija disponibbli u ekonomikament ġustifikabbli fis-suq għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku fis-sena tal-kostruzzjoni tal-unità tal-koġenerazzjoni;

- (iii) il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għal unitajiet ta' koġenerazzjoni li għandhom iżjed minn 10 snin għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-valuri ta; referenza tal-unitajiet li għandhom 10 snin;
 - (iv) il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tal-elettriku u tas-sħana għandhom jirriflettu d-differenzi klimatiċi bejn l-Istati Membri.
-

ANNEX IV

REKWIŻITI TAL-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU

Fil-proċeduri tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti li l-jixtru prodotti, servizzi, bini u xogħlijiet, għandhom:

- (a) meta prodott ikun kopert minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 jew b'direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni relatata, dawn għandhom jixtru biss prodotti konformi mal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament;
- (b) meta prodott li ma jkunx kopert mill-punt (a) ikun kopert minn miżura ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE adottata wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, dawn għandhom jixtru biss prodotti konformi mal-parametri referenzjarji tal-effiċjenza enerġija speċifikati f'dik il-miżura ta' implimentazzjoni;
- (c) meta prodott jew servizz ikun kopert mill-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni, b'rilevanza għall-effiċjenza enerġetika tal-prodott jew tas-servizz, dawn għandhom jagħmlu l-aqwa sforzi biex jixtru biss prodotti u servizzi li jirrispettaw mill-inqas l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-livell "ċentrali" fil-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni rilevanti inkluż fost l-oħrajn għaċ-ċentri tad-data, il-kmamar tas-servers u s-servizzi tal-cloud, il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni għat-tidwil tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku, il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni għall-kompjuters, il-monitors, it-tablets u l-smartphones;
- (d) għandhom jixtru biss tajers li jikkonformaw mal-kriterju li jkollhom l-aqwa klassi ta' effiċjenza enerġetika tal-fjuwil, kif definit mir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁵. Dan ir-rekwiżit ma għandux jipprevjeni lill-korpi pubbliċi milli jixtru tajers tal-aqwa klassi tal-qbid fuq l-imxarrab jew tal-istorbju estern tat-tidwir, meta dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet ta' sikurezza jew ta' saħħa pubblika;
- (e) fis-sejthiet għall-offerti tagħhom tal-kuntratti tas-servizzi, għandhom jeżiġu li, għall-finijiet ta' forniment tas-servizzi inkwistjoni, il-fornituri tas-servizzi jużaw biss prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-punti (a) , (b) u (d), meta jipprovdu s-servizzi inkwistjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika biss għal prodotti ġodda mixtrija mill-fornituri tas-servizzi parzjalment jew kompletament għall-finijiet ta' forniment tas-servizz inkwistjoni;
- (f) għandhom jixtru, jew jagħmlu ftehimiet ġodda għall-kiri ta', bini biss li jikkonforma mill-inqas mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/31/UE sakemm il-finijiet tax-xiri ma jkunx:
 - (i) biex isiru rinnovazzjoni kompleta jew twaqqiġ;
 - (ii) fil-każ tal-korpi pubbliċi, biex jerġa' jbigħ il-bini mingħajr ma jużah għall-finijiet tal-korp pubbliku; jew
 - (iii) biex jippreservah bħala bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat, jew minħabba l-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu.

⁷⁵ Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 1).

Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi vverifikata permezz taċ-ċertifikati tar-
rendiment tal-enerġija msemmijin fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/31/UE.

ANNEX V

METODI U PRINĊIPJI KOMUNI GĦALL-KALKOLU TAL-IMPATT TAL-ISKEMI TAL-OBBLIGU TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA JEW TA' MIŻURI OĦRA TA' POLITIKA SKONT L-ARTIKOLI 8, 9 U 10 U TAL-ARTIKOLU 28(11)

1. Il-metodi għall-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għajr dak li jinkiseb b'miżuri tat-tassazzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 8, 9 u 10 u tal-Artikolu 28(11).

Il-partijiet parteċipanti jew inkarigati obbligati, jew l-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni, jistgħu jużaw il-metodi li ġejjin għall-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija:

 - (a) iffrankar meqjus, b'referenza għar-riżultati ta' titjib enerġetiku preċedenti mmonitorjat b'mod indipendenti f'installazzjonijiet simili. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ "*ex ante*";
 - (b) iffrankar imkejjel b'metraġġi, fejn l-iffrankar bl-installazzjoni ta' miżura, jew ta' pakkett ta' miżuri, jiġi ddeterminat bir-reġistrazzjoni tat-tnaqqis reali fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jqis fatturi bħall-addizzjonalità, l-okkupanza, il-livelli tal-produzzjoni u t-temp, li jistgħu jaffettwaw il-konsum. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ "*ex post*";
 - (c) iffrankar skalat li juża stimi tal-inġinerija tal-iffrankar. Dan l-approċċ jista' jintuża biss meta l-istabbiliment ta' data mkejla soda għal installazzjoni speċifika jkun diffiċli jew għali b'mod sproporzjonat, pereżempju s-sostituzzjoni ta' kompressur jew mutur elettriku b'rata ta' kWh differenti minn dik li għaliha tkejjel l-informazzjoni indipendenti dwar l-iffrankar, jew meta dawg l-istimi jsiru b'metodoloġiji u parametri referenzjarji stabbiliti b'mod nazzjonali minn esperti kwalifikati jew akkreditati li jkunu indipendenti mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati obbligati, involuti;
 - (d) iffrankar mistħarreġ, li jiddetermina r-rispons tal-konsumaturi għal pariri, kampanji informattivi, tikkettar jew skemi taċ-ċertifikazzjoni, jew għal metraġġ intelliġenti. Dan l-approċċ jista' jintuża biss għall-iffrankar miksub b'tibdil fl-imġiba tal-konsumaturi. Ma għandux jintuża għall-iffrankar miksub bl-installazzjoni ta' miżuri fiżiċi.
2. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija għal miżura tal-effiċjenza enerġetika għall-finijiet tal-Artikoli 8, 9 u 10 u tal-Artikolu 28(11), għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) l-Istati Membri għandhom juru li l-miżura ta' politika tkun ġiet implimentata biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija u biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1). L-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza u d-dokumentazzjoni tagħhom li l-iffrankar tal-enerġija nkiseb b'miżura ta' politika, inkluż bi ftehimiet volontarji;
 - (b) l-iffrankar għandu jintwera li huwa addizzjonali għal dak li kien se jkun hemm fi kwalunkwe każ mingħajr l-attività tal-partijiet parteċipanti jew inkarigati obbligati, jew tal-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni. Biex jiġi ddeterminat l-iffrankar li jista' jiġi ddikjarat bħala addizzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kif l-użu tal-enerġija u d-domanda għaliha jevolvu fin-nuqqas tal-miżura ta' politika inkwistjoni billi jqisu mill-inqas il-fatturi li ġejjin:

ix-xejriet tal-konsum tal-enerġija, il-bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi, il-progress teknoloġiku u l-bidliet ikkawżati b'miżuri oħra implimentati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;

- (c) l-iffrankar li jinkiseb bl-implimentazzjoni tal-liġi obligatorja tal-Unjoni għandu jitqies bħala ffrankar li kien iseħħ fi kwalunkwe każ, u b'hekk ma għandux jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-finijiet tal-Artikolu 8(1). B'deroga minn dak ir-rekwiżit, l-iffrankar marbut mar-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti jista' jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), dment li jkun żgurat il-kriterju tal-materjalità msemmi fil-punt 3(h) ta' dan l-Anness. Il-miżuri li jippromwovu titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku skont l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6 jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu biex jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija li jeżiġi l-Artikolu 8(1), dment li dawn iwasslu għal ffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;
- (d) il-miżuri meħuda skont ir-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra jistgħu jitqiesu bħala materjali, iżda l-Istati Membri jridu juru li dawn jirriżultaw f'titjib fl-effiċjenza enerġetika li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;
- (e) l-Istati Membri ma jistgħux jgħoddu l-użu mnaqqas tal-enerġija fis-setturi, inkluż fis-settur tat-trasport u tal-bini, li kien isir fi kwalunkwe każ minħabba l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8(1). Jekk entità tkun parti obligata skont skema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva u skont l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE għall-bini u t-trasport bit-triq [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)], is-sistema ta' monitoraġġ u verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju li jingħadda waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum [skont l-Artikolu 1(21) ta' COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)] jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tagħha tal-iffrankar tal-enerġija;
- (f) kreditu jista' jingħata biss għall-iffrankar li jaqbeż il-livelli li ġejjin:
 - (i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni b'rabta mal-emissjonijiet għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁶; L-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza, is-suppożizzjonijiet tagħhom u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom biex juru l-addizzjonalità għar-rekwiżiti tas-CO₂ tal-vetturi l-ġodda tal-Unjoni;
 - (ii) ir-rekwiżiti tal-Unjoni relatati mat-tneħħija mis-suq ta' ċerti prodotti relatati mal-enerġija wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE; l-Istati Membri jridu

⁷⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

jipprovdu evidenza, is-suppożizzjonijiet tagħhom u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom biex juru l-addizzjonalità;

- (g) politiki li jkollhom l-iskop li jħeġġu livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika ta' prodotti, tagħmir, sistemi tat-trasport, vetturi u fjuwils, bini u elementi tal-bini, proċessi jew swieq għandhom ikunu permessi, għajr **għal** dawk il-miżuri ta' politika rigward l-użu ta' teknoloġiji ta' kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, li jiġu implimentati **mill-1 ta' Jannar 2028 u bl-eċċezzjoni tal-miżuri ta' politika li jissussidjaw l-użu ta' kombustjoni diretta ta' teknoloġiji tal-fjuwils fossili fil-bini residenzjali mill-1 ta' Jannar 2024. L-iffrankar tal-enerġija miksub b'miżuri ta' politika rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili jista' jgħodd biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għal ammont massimu ekwivalenti għal kwart tal-iffrankar tal-enerġija mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju 2028;**
- (ga) **azzjonijiet individwali rigward l-użu ta' kombustjoni diretta ta' teknoloġiji tal-fjuwils fossili mhumiex awtorizzati mill-1 ta' Lulju 2028. Azzjonijiet individwali li jippromwovu taħlita ta' teknoloġiji huma awtorizzati. Fil-każ ta' azzjonijiet individwali li jippromwovu taħlita ta' teknoloġiji, is-sehem tal-iffrankar tal-enerġija relatat mat-teknoloġiji tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili ma għandux ikun eliġibbli biex jingħadd mill-1 ta' Lulju 2028;**
- (i) il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fuq il-bini jew fil-bini jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu biex jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija li jeżiġi l-Artikolu 8(1), dment li dan iwassal għal iffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi verifikat, u mkejjeq jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;
- (j) il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji termali solari jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu biex jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija li jeżiġi l-Artikolu 8(1), dment li dan iwassal għal iffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi verifikat, u mkejjeq jew stmat. Is-sħana ambjentali maqbuda mit-teknoloġiji termali solari tista' tiġi eskluża mill-konsum tal-enerġija fl-użu finali tagħhom;
- (k) għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' prodotti u vetturi aktar effiċjenti, għajr dawk rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, tista' ssir dikjarazzjoni għal kreditu sħiħ, dment li jintwera li din l-adozzjoni ssir qabel jgħaddi t-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u dment li l-iffrankar jiġi ddikjarat biss għall-perjodu sa tmiem it-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti;
- (l) fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom, meta rilevanti, jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti meta ma jkunux jeżistu;
- (m) biex jitqiesu l-varjazzjonijiet klimatiċi bejn ir-reġjuni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaġġustaw l-iffrankar għal valur standard jew li jippermettu ffrankar tal-enerġija differenti skont il-varjazzjonijiet fit-temperatura bejn ir-reġjuni;

- (n) il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkoll it-tul tal-ħajja tal-miżuri u r-rata tat-tnaqqis tal-iffrankar maż-żmien. Dak il-kalkolu għandu jgħodd l-iffrankar li tikseb kull azzjoni individwali tul il-perjodu mid-data tal-implimentazzjoni tagħha sa tmiem kull perjodu ta' obbligu . Inkella, l-Istati Membri jistgħu jadottaw metodu ieħor li hu stmat li jkiseb mill-inqas l-istess ammont totali tal-iffrankar. Meta jużaw metodu ieħor, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont totali tal-iffrankar tal-enerġija kkalkulat b'dak il-metodu ma jkunx jaqbeż l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li kien jinkiseb bil-kalkolu tagħhom meta jingħadd l-iffrankar li tikseb kull azzjoni individwali tul il-perjodu mid-data tal-implimentazzjoni tagħha sal-2030 . L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fid-dettall fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, il-metodu l-ieħor u d-dispożizzjonijiet li saru biex ikun żgurat li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit vinkolanti tal-kalkolu.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti li ġejjin għall-miżuri ta' politika li tiegħu skont l-Artikolu 10 u l-Artikolu 28(11):
- (a) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali li jiksbu ffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi verifikat;
 - (b) ir-responsabbiltà ta' kull parti parteċipanti, parti inkarigata jew awtorità pubblika tal-implimentazzjoni, kif rilevanti, tiġi definita b'mod ċar;
 - (c) l-iffrankar tal-enerġija li jinkiseb jew li jrid jinkiseb jiġi ddeterminat b'mod trasparenti;
 - (d) l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ jew li jrid jinkiseb mill-miżura ta' politika jiġi espress fil-konsum tal-enerġija finali jew primarja, bl-użu tal-fatturi ta' valuri kalorifiċi netti jew enerġija primarja imsemmija fl-Artikolu 29 ;
 - (e) għandu jiġi pprovdut u jsir disponibbli għall-pubbliku rapport annwali dwar l-iffrankar tal-enerġija li kisbu l-partijiet inkarigati, il-partijiet parteċipanti u l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni, u anki data dwar ix-xejra annwali tal-iffrankar tal-enerġija;
 - (f) isir monitoraġġ tar-riżultati u jittieħdu l-miżuri xierqa jekk il-progress ma jkunx sodisfaċenti;
 - (g) l-iffrankar tal-enerġija minn azzjoni individwali ma jiġix dikjarat minn aktar minn parti waħda;
 - (h) għandu jintwera li l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni jkunu materjali għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat;
 - (i) l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni ma għandhom l-ebda effett negattiv fuq il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.
4. Għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika relatati mat-tassazzjoni *u imposti parafiskali* introdotti skont l-Artikolu 10, għandhom jiġu applikati l-prinċipji li ġejjin:

- (a) għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar tal-enerġija minn miżuri tat-tassazzjoni li jaqbz u l-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils kif mitlub mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE⁷⁷ jew 2006/112/KE⁷⁸;
- (aa) ***għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar ta' enerġija minn miżuri ta' tassazzjoni u imposti parafiskali mfassla bl-għan li jiġġeneraw iffrankar ta' enerġija kif definit fl-Artikolu 2, punt (7);***
- (b) **█** l-elastiċità tal-prezzijiet ta' żmien qasir għall-kalkolu tal-impatt tal-miżuri tat-tassazzjoni (tal-enerġija) għandha ***tkun speċifika għas-segmenti tal-utent finali, inkluż il-klassijiet tal-introjt, it-tipi u d-daqs tal-kumpaniji, u għalhekk*** tirrappreżenta r-rispons tad-domanda għall-enerġija għall-bidliet fil-prezzijiet, u għandha tiġi stmata abbażi ta' sorsi tad-data uffiċjali riċenti u rappreżentattivi li japplikaw għall-Istat Membru u, meta applikabbli, abbażi ta' studji ta' akkumpanjament minn istitut indipendenti **█** ;
- (c) l-iffrankar tal-enerġija minn strumenti ta' politika tat-tassazzjoni ta' akkumpanjament, inkluż inċentivi fiskali jew pagament għal fond, għandu jitqies b'mod separat;
- (d) ***għandhom*** jintużaw stimi tal-elastiċità ta' żmien qasir biex jiġi vvalutat l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' tassazzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe trikkib fuq il-liġi tal-Unjoni u fuq miżuri oħra ta' politika;
- (e) l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-effetti distribuzzjonali tat-tassazzjoni u miżuri ekwivalenti fuq il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u juru l-effetti tal-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati f'konformità mal-Artikolu 22(1) sa (3);
- (f) l-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza, inkluż metodoloġiji tal-kalkolu, li meta jkun hemm trikkib fl-impatt tal-miżuri tat-tassazzjoni tal-enerġija jew tal-karbonju jew bl-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)], ma jkunx hemm għadd doppju tal-iffrankar tal-enerġija.

5. Notifika tal-metodoloġija

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-metodoloġija dettaljata proposta tagħhom għall-operazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u tal-miżuri alternattivi msemmija fl-Artikoli 9 u 10, u l-Artikolu 28(11). Għajr fil-każ tat-tassazzjoni, din innotifika għandha tinkludi dettalji dwar:

- (a) il-livell tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) jew l-iffrankar li mistenni jinkiseb tul il-perjodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030;

⁷⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

⁷⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

- (b) kif il-kwantità kkalkulata tal-iffrankar il-ġdid tal-enerġija meħtieġ skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) jew tal-iffrankar tal-enerġija mistenni li jinkiseb se titqassam f'fażijiet tul il-perjodu ta' obbligu;
- (c) il-partijiet parteċipanti jew inkarigati, obbligati jew l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni;
- (d) is-setturi fil-mira;
- (e) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali, inkluż l-ammont totali mistenni tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv għal kull miżura;
- (f) informazzjoni dwar il-miżuri jew il-programmi ta' politika jew il-miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika implimentat bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;
- (g) is-sehem u l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li jridu jinkisbu fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;
- (h) meta applikabbli, informazzjoni dwar l-indikaturi applikati, is-sehem medju aritmetiku, u l-eżitu tal-miżuri ta' politika stabbiliti skont l-Artikolu 8(3);
- (i) meta applikabbli, informazzjoni dwar l-impatti u l-effetti negattivi tal-miżuri ta' politika implimentati skont l-Artikolu 8(3) fuq il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;
- (j) it-tul tal-perjodu ta' obbligu għall-iskema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika;
- (k) meta applikabbli, l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija jew il-miri ta' tnaqqis fil-kost li jridu jintlaħqu mill-partijiet obbligati fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;
- (l) l-azzjonijiet previsti mill-miżura ta' politika;
- (m) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità u liema metodoloġiji u parametri referenzjarji jintużaw għall-iffrankar meqjus u skalat, u, meta applikabbli, il-valuri kalorifiċi netti u l-fatturi ta' konverżjoni użati ;
- (n) it-tulijiet tal-ħajja tal-miżuri u kif dawn jiġu kkalkulati jew abbażi ta' xiex;
- (o) l-approċċ imħaddem biex jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet klimatiċi fl-Istat Membru;
- (p) is-sistemi tal-monitoraġġ u tal-verifika għall-miżuri skont l-Artikoli 9 u 10 u kif tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati, obbligati;
- (q) fil-każ tat-tassazzjoni:
 - (i) is-setturi u t-taqsimi fil-mira tal-kontribwenti;
 - (ii) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni;
 - (iii) l-iffrankar li mistenni jinkiseb;

- (iv) it-tul taż-żmien tal-miżura tat-tassazzjoni;
 - (v) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema elastiċitajiet tal-prezzijiet ikunu ntużaw u kif ikunu ġew stabbiliti; u
 - (vi) kif ikun ġie evitat it-trikkib mal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)], u kif ikun tneħħa r-riskju ta' għadd doppju.
-

ANNEX VI

KRITERJI MINIMI GĦALL-VERIFIKI TAL-ENERĠJA, INKLUŻ DAWK LI JSIRU BĦALA PARTI MIS-SISTEMI TAL-ĠESTJONI TAL-ENERĠJA

Il-verifiki tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 11 għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin:

- (a) ikunu bbażati fuq data operazzjonali aġġornata, imkejla u traċċabbli fuq il-konsum tal-enerġija u l-profilu tat-tagħbija (għall-elettriku);
- (b) jinkludu rieżami dettaljat tal-profil tal-konsum tal-enerġija ta' bini jew ta' gruppi ta' bini, operazzjonijiet industrijali, jew installazzjonijiet, inkluż it-trasport;
- (c) jidentifikaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jonqos il-konsum tal-enerġija;
- (d) jidentifikaw il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli;
- (e) jibbażaw, meta possibbli, fuq analiżi tal-kost taċ-ċiklu tal-ħajja (LCCA) minflok fuq Perjodi ta' Ripagament Sempliċi (SPP) biex jitqiesu l-iffrankar fit-tul, il-valuri residwali tal-investimenti fit-tul, u r-rati tal-iskont;
- (f) ikunu proporzjonati, u rappreżentattivi biżżejjed, biex tkun tista' titfassal stampa affidabbli tal-prestazzjoni ġenerali tal-enerġija u ssir identifikazzjoni affidabbli tal-aktar opportunitajiet sinifikanti għal titjib.

Il-verifiki tal-enerġija għandhom jippermettu kalkoli dettaljati u validati għall-miżuri proposti biex tingħata informazzjoni ċara fuq l-iffrankar potenzjali.

Id-data użata fil-verifiki tal-enerġija għandha tkun tista' tinħażen għall-analiżi storika u t-traċċar tal-prestazzjoni.

■

ANNEX VIa

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-MONITORAĠĠ U L-PUBBLIKAZZJONI TAR-RENDIMENT TAL-ENERĠIJA TAĊ-ĊENTRI TAD-DATA

L-informazzjoni minima li ġejja għandha tiġi mmonitorjata u ppubblikata fir-rigward tar-rendiment tal-enerġija taċ-ċentri tad-data msemmija fl-Artikolu 11a(1):

- (a) l-isem taċ-ċentru tad-data, l-isem tas-sid u l-operaturi taċ-ċentru tad-data, il-municipalit fejn huwa bbażat iċ-ċentru tad-data, ħliel għal ċentri tad-data relatati mad-difiża u s-sigurt nazżjonali;***
- (b) l-erja tal-art taċ-ċentru tad-data; il-potenza installata; it-temperatura imposta; it-traffiku tad-data incoming u outgoing annwali, jekk disponibbli għall-operatur taċ-ċentru tad-data, u filwaqt li jittqies il-mudell kummerċjali u t-tip ta' konsumatur; u l-ammont ta' data maħżuna u pproċessata fiċ-ċentru tad-data, meta dan jaffettwa l-konsum tal-enerġija tiegħu;***
- (c) ir-rendiment, matul l-aħħar sena kalendarja sħiħa, taċ-ċentru tad-data f'konformit mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tas-CEN/CENELEC EN 50600-4 "Teknoloġija tal-informazzjoni – Faċilitajiet u infrastrutturi ta' ċentri tad-data", b'kont meħud tal-pożizzjoni ġeografika taċ-ċentru tad-data, id-domanda għar-riutilizzazzjoni tas-sħana u l-infrastrutturi tas-sħana disponibbli, sad-dħul fis-seħħ tal-att delegat skont l-Artikolu 31 ta' din id-Direttiva:***
 - (i) l-effikaċja tal-użu tal-potenza (PUE) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-2***
 - (ii) il-fattur ta' enerġija rinnovabbli (REF) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-3***
 - (iii) il-fattur ta' riutilizzazzjoni tal-enerġija (ERF) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-6***
 - (iv) il-proporzjon tal-effikaċja tat-tkessiħ (CER) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-7***
 - (v) l-effikaċja tal-użu tal-karbonju (CUE) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-8***
 - (vi) l-effikaċja tal-użu tal-ilma (WUE) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-9***

ANNEX VII

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-KONTIJET U GĦALL-INFORMAZZJONI FIL-KONTIJET, ABBAŻI TAL-KONSUM REALI TA' GASS NATURALI

1. Rekwiżiti minimi għall-kontijiet

1.1. Kontijiet ibbażati fuq il-konsum reali

Biex il-klijenti finali jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum reali tal-inqas darba fis-sena, u l-informazzjoni fil-kontijiet għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-inqas kull tliet xhur, fuq talba jew meta l-konsumaturi jkunu għażlu li jirċievu kontijiet elettroniċi, jew inkella darbejn fis-sena. Il-gass li jintuża biss għal skopijiet ta' tisjir jista' jiġi eżentat minn dan ir-rekwiżit.

1.2. Informazzjoni minima li trid tkun fil-kont

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta xieraq, l-informazzjoni li ġejja tkun disponibbli għall-klijenti finali b'termini ċari u li jinftiehem fil-kontijiet, fil-kuntratti, fit-transazzjonijiet, u fl-irċevuti fl-istazzjonijiet tad-distribuzzjoni, jew inkella tiġi mehmuża magħhom:

- (a) il-prezzijiet reali attwali u l-konsum reali tal-enerġija;
- (b) paraguni tal-konsum attwali tal-enerġija tal-klijent finali mal-konsum fl-istess perjodu tas-sena preċedenti, preferibbilment b'format grafiku;
- (c) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti finali, l-aġenziji tal-enerġija jew korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti web, imnejn jistgħu jinkisbu informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għal titjib tal-effiċjenza enerġetika, profili komparattivi tal-utenti finali, u speċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għat-tagħmir li juża l-enerġija.

Barra minn dan, kull meta possibbli u utli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-paraguni, ma' klijent finali medju normalizzat jew skont parametri referenzjarji fl-istess kategorija tal-utenti, isiru disponibbli għall-klijenti finali b'termini ċari u li jinftiehem, fil-kontijiet, fil-kuntratti, fit-transazzjonijiet, u fl-irċevuti fl-istazzjonijiet tad-distribuzzjoni, jew inkella jiġu mehmużin magħhom jew indikati fihom.

1.3. Pariri dwar l-effiċjenza enerġetika mehmużin mal-kontijiet u tagħrif ieħor lill-klijenti finali

Meta jibagħtu l-kuntratti u l-bidliet fil-kuntratti, u fil-kontijiet li jirċievu l-klijenti jew fuq siti web maħsuba għal klijenti individwali, id-distributori tal-enerġija, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni u l-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija lill-konsumaturi, dawn għandhom jinformaw lill-klijenti tagħhom b'mod ċar u li jinftiehem dwar l-informazzjoni ta' kuntatt għal ċentri ta' pariri indipendenti għall-konsumatur, aġenziji tal-enerġija jew istituzzjonijiet simili, inkluż indirizzi ta' siti web, imnejn jistgħu jiksbu pariri dwar il-miżuri disponibbli tal-effiċjenza enerġetika, il-profilu tal-parametri referenzjarji għall-konsum tal-enerġija tagħhom, u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tagħmir li juża l-enerġija li jistgħu jgħinu biex jonqos il-konsum ta' dan it-tagħmir.

ANNEX VIII

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-KONTIJET U GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IL-KONSUM GĦAT-TISĦIN, IT-TKESSIĦ U L-ILMA SĦUN DOMESTIKU

1. Kontijiet abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin

Biex l-utenti finali jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin tal-inqas darba fis-sena.

2. Frekwenza minima għall-kontijiet u għall-informazzjoni dwar il-konsum

Sal-31 ta' Diċembru 2021, jekk ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-kost għat-tisħin, il-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-konsum abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin għandha tingħata lill-utenti finali tal-inqas kull tliet xhur fuq talba jew meta l-klijenti finali jkunu għażlu li jirċievu kontijiet elettroniċi, jew inkella darbtejn fis-sena.

Mill-1 ta' Jannar 2022, jekk ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-kost għat-tisħin, il-kontijiet jew l-informazzjoni dwar il-konsum abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin għandhom jingħataw lill-utenti finali mill-inqas kull xahar. Dawn jistgħu jsiru disponibbli wkoll fuq l-internet u b'aġġornamenti sikwit kif jippermettu l-apparati u s-sistemi tal-kejl użati. It-tisħin u t-tkessiġ jistgħu jiġu eżentati minn dak ir-rekwiżit barra l-istaġuni tat-tisħin jew tat-tkessiġ.

3. Informazzjoni minima li trid tkun fil-kont

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja ssir disponibbli għall-utenti finali b'termini ċari u li jinftehem fil-kontijiet tagħhom jew magħhom, meta dawn ikunu bbażati fuq il-konsum reali jew fuq il-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin:

- (a) il-prezzijiet reali attwali u l-konsum reali tal-enerġija jew il-kost totali tat-tisħin u l-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin;
- (b) l-informazzjoni dwar it-taħlita tal-fjuwils użati u l-emissjonijiet annwali tal-gassijiet serra relatati, inkluż għall-utenti finali furnuti bit-tisħin jew it-tkessiġ distrettwali, u deskrizzjoni tat-taxxi, tal-imposti u tat-tariffi differenti applikati. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit tal-għoti tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex ikun jinkludi biss il-fornimenti minn sistemi tat-tisħin distrettwali b'input termali klassifikat totali li jaqbeż l-20 MW;
- (c) paraguni tal-konsum attwali tal-enerġija tal-klijent finali mal-konsum fl-istess perjodu tas-sena preċedenti, b'format grafiku u b'korrezzjonijiet tal-klima għat-tisħin u għat-tkessiġ;
- (d) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti finali, l-aġenziji tal-enerġija jew korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti web, imnejn jistgħu jinkisbu informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għal titjib tal-effiċjenza enerġetika, profili komparattivi tal-utenti finali, u speċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għat-tagħmir li juża l-enerġija;
- (e) l-informazzjoni dwar il-proċeduri tal-ilmenti rilevanti, is-servizzi tal-Ombudsman jew mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, kif applikabli fl-Istati Membri;

- (f) paraguni ma' utent finali medju normalizzat jew skont parametri referenzjarji fl-istess kategorija tal-utenti. Fil-każ tal-kontijiet elettroniċi, dawn il-paraguni jistgħu minflok isiru disponibbli online u jiġu indikati fil-kontijiet.

Il-kontijiet li ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali jew fuq il-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara u li tinftiehem ta' kif ġie kkalkulat l-ammont stipulat fil-kont, u tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (d) u (e).

ANNEX IX

POTENZJAL GĦAL EFFIĊJENZA FIT-TIŠHIN U FIT-TKESSIĦ

Il-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjali nazzjonali tat-tiħin u tat-tkessiħ imsemmija fil-Artikolu 23(1) għandha tinkludi u tkun ibbażata fuq dan li ġej:

Parti I

ĦARSA KUMPLESSIVA LEJN IT-TIŠHIN U T-TKESSIĦ

1. id-domanda għat-tiħin u għat-tkessiħ f'termini ta' enerġija utli vvalutata⁷⁹ u ta' konsum tal-enerġija finali kkwantifikat f'GWh kull sena⁸⁰ skont is-setturi:
 - (a) is-settur residenzjali;
 - (b) is-servizzi;
 - (c) l-industrija;
 - (d) kwalunkwe settur ieħor li individwalment jikkonsma aktar minn 5 % tad-domanda nazzjonali totali għat-tiħin u t-tkessiħ utli;
2. l-identifikazzjoni, jew fil-każ tal-punt 2(a)(i), l-identifikazzjoni jew l-istima, tal-provvista attwali tat-tiħin u t-tkessiħ:
 - (a) skont it-teknoloġija, f'GWh kull sena⁸¹, fis-setturi msemmija fil-punt 1 meta possibbli, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli:
 - (i) ipprovduta fuq il-post f'siti residenzjali u ta' servizz permezz ta':
 - bojlers tas-sħana biss;
 - koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija ta' effiċjenza għolja;
 - il-pompi tas-sħana;
 - teknoloġiji u sorsi oħra fuq il-post;
 - (ii) ipprovduta fuq il-post f'siti mhux ta' servizz u mhux residenzjali permezz ta':
 - bojlers tas-sħana biss;
 - koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija ta' effiċjenza għolja;
 - il-pompi tas-sħana;
 - teknoloġiji u sorsi oħra fuq il-post;
 - (iii) ipprovduta mhux fuq il-post permezz ta':
 - koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija ta' effiċjenza għolja;
 - sħana residwa;

⁷⁹ L-ammont ta' enerġija termali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti finali għat-tiħin u t-tkessiħ.

⁸⁰ Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

⁸¹ Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

- teknoloġiji u sorsi oħra mhux fuq il-post;
- (b) l-identifikazzjoni ta' installazzjonijiet li jiġġeneraw sħana jew kesħa mormija u l-forniment potenzjali tagħhom ta' tisħin jew ta' tkessiĥ, f'GWh kull sena:
 - (i) l-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija termali li jistgħu jfornu jew li jistgħu jiġu modifikati retroattivament biex ifornu s-sħana mormija b'input termali totali li jaqbeż il-50 MW;
 - (ii) l-installazzjonijiet tal-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija li jużaw it-teknoloġiji msemmija fil-Parti II tal-Anness II b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW;
 - (iii) l-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart;
 - (iv) l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW, għajr l-installazzjonijiet speċifikati fil-punt 2(b)(i) u (ii) li jiġġeneraw it-tisħin jew it-tkessiĥ bl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;
 - (v) l-installazzjonijiet industrijali b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW u li jistgħu jipprovdu s-sħana mormija;
 - (c) is-sehem rapportat tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sħana jew kesħa mormija fil-konsum tal-enerġija finali tas-settur tat-tisħin u tat-tkessiĥ distrettwali⁸² fl-aħħar ħames snin, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001;
3. mappa li tkopri t-territorju nazzjonali kollu u li tidentifika (filwaqt li tippriserva l-informazzjoni kummerċjalment sensitiva):
 - (a) iż-żoni tad-domanda għat-tisħin u t-tkessiĥ wara l-analiżi tal-punt 1, filwaqt li tuża kriterji konsistenti li jagħmlu enfasi fuq daww iż-żoni tal-muniċipalitajiet u tal-konurbazzjonijiet li għandhom densità tal-enerġija;
 - (b) il-punti tal-provvista eżistenti tat-tisħin u tat-tkessiĥ identifikati skont il-punt 2(b) u l-installazzjonijiet eżistenti tat-trażmissjoni tat-tisħin distrettwali;
 - (c) il-punti tal-provvista pplanati tat-tisħin u tat-tkessiĥ tat-tip deskritt skont il-punt 2(b) u l-installazzjonijiet eżistenti tat-trażmissjoni tat-tisħin distrettwali;
 4. tbassir tax-xejriet fid-domanda għat-tisħin u t-tkessiĥ biex tinżamm perspettiva tat-tletin sena li ġejjin f'GWh u filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-projezzjonijiet għall-għaxar snin li ġejjin, il-bidla fid-domanda fil-bini u f'setturi differenti tal-industrija, u l-impatt tal-politiki u tal-istrateġiji relatati mal-ġestjoni tad-domanda, bħall-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva (UE) 2018/844;

Parti II

OBJETTIVI, STRATEĠIJI U MIŻURI TA' POLITIKA

5. il-kontribut ippjanat tal-Istat Membru fir-rigward tal-obiettivi, il-miri u l-kontributi nazzjonali tiegħu għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, kif stabbilit fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1999, miksub b'tisħin u tkessiĥ effiċjenti,

⁸² Wara li tiġi stabbilita l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiĥ u t-tkessiĥ distrettwali skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-identifikazzjoni ta' "tkessiĥ rinnovabbli" għandha ssir f'konformità ma' dik id-Direttiva. Sa dakinhar, din l-identifikazzjoni għandha ssir skont metodoloġija nazzjonali xierqa.

b'mod partikolari b'rabta mal-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 4(b) u mal-paragrafu (4)(b) tal-Artikolu 15, li jidentifika liema minn dawn l-elementi hu addizzjonali meta mqabbel mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima;

6. ħarsa kumplessiva ġenerali lejn il-politiki u l-miżuri eżistenti kif deskritt fl-aktar rapport riċenti ppreżentat f'konformità mal-Artikoli 3, 20, 21 u 27(a) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Parti III

ANALIŻI TAL-POTENZJAL EKONOMIKU TA' EFFIĊJENZA FIT-TISĦIN U FIT-TKESSIĦ

7. analiżi tal-potenzjal ekonomiku⁸³ ta' teknoloġiji differenti tat-tisħin u tat-tkessiĥ għandha ssir għat-territorju nazzjonali kollu billi tintuża l-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija fl-Artikolu 23(3) u għandha tidentifika xenarji alternattivi għal teknoloġiji aktar effiċjenti u rinnovabbli tat-tisħin u tat-tkessiĥ, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli, meta applikabbli.

Għandhom jiġu kkunsidrati t-teknoloġiji li ġejjin:

- (a) is-sħana u l-kesħa mormija industrijali;
- (b) l-inċinerazzjoni tal-iskart;
- (c) il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;
- (d) sorsi tal-enerġija rinnovabbli (pereżempju l-enerġija ġeotermali, l-enerġija termali solari u l-bijomassa) għajr dawk użati għall-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;
- (e) il-pompi tas-sħana;
- (f) it-tnaqqis fit-telf tas-sħana u tal-kesħa min-networks distrettwali eżistenti;

8. din l-analiżi tal-potenzjal ekonomiku għandha tinkludi l-passi u l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- (a) Kunsiderazzjonijiet:
 - (i) l-analiżi tal-kostbenefiċċji għall-finijiet tal-Artikolu 23(3) għandha tinkludi analiżi ekonomika li tikkunsidra l-fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali⁸⁴, u analiżi finanzjarja li tivvaluta l-proġetti mill-perspettiva tal-investituri. L-analiżi ekonomika u dik finanzjarja għandhom jużaw il-valur preżenti nett bħala kriterju għall-valutazzjoni;
 - (ii) ix-xenarju bażi għandu jservi ta' parametru referenzjarju u jqis il-politiki eżistenti waqt it-tnejn ta' din il-valutazzjoni komprensiva⁸⁵, u jintrabat mad-data miġbura skont il-Parti I u l-punt 6 tal-Parti II ta' dan l-Anness;
 - (iii) ix-xenarji alternattivi għax-xenarju bażi għandhom iqisu l-oġġettivi tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli tar-Regolament

⁸³ L-analiżi tal-potenzjal ekonomiku għandha tippreżenta l-volum ta' enerġija (f'GWh) li jista' jiġi ġġenerat kull sena minn kull teknoloġija analizzata. Għandhom jitqiesu wkoll il-limitazzjonijiet u l-interrelazzjonijiet fis-sistema tal-enerġija. L-analiżi tista' tuża mudelli bbażati fuq suppożizzjonijiet li jirrappreżentaw l-operazzjoni ta' tipi komuni ta' teknoloġiji jew sistemi.

⁸⁴ Inkluża l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 15, paragrafu 7 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

⁸⁵ Id-data limitu biex jitqiesu l-politiki għax-xenarju bażi hi tmim is-sena preċedenti tas-sena meta trid titlesta l-valutazzjoni komprensiva. Għaldaqstant, il-politiki promulgati sa sena qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-valutazzjoni komprensiva m'hemm x għalfejn jitqiesu.

(UE) 2018/1999. Kull xenarju għandu jippreżenta l-elementi li ġejjin imqabbla max-xenarju bażi:

- il-potenzjal ekonomiku tat-teknoloġiji, eżaminat billi l-valur preżenti nett jintuża bħala kriterju;
- it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
- l-iffrankar tal-enerġija primarja f'GWh kull sena;
- l-impatt fuq is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali.

Ix-xenarji li ma jkunux fattibbli minħabba raġunijiet tekniċi jew finanzjarji, jew minħabba regolamentazzjoni nazzjonali jistgħu jiġu esklużi fi stadju bikri tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jekk dan ikun ġustifikat abbażi ta' kunsiderazzjonijiet retti, espliċiti u dokumentati sew.

Il-valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet għandhom iqisu l-iffrankar tal-kostijiet u tal-enerġija miksub b'aktar flessibilità fil-provvista tal-enerġija u b'operazzjoni aktar ottimali tan-networks tal-elettriku, inkluż il-kostijiet evitati u l-iffrankar miksub bit-tnaqqis fl-investiment fl-infrastruttura, fix-xenarji analizzati.

(b) Kostijiet u benefiċċji

Il-kostijiet u l-benefiċċji msemmija fil-punt 8(a) għandhom jinkludu mill-inqas il-kostijiet u l-benefiċċji li ġejjin:

(i) Benefiċċji:

- il-valur tal-output għall-konsumatur (it-tisħin, it-tkessiħ u l-elettriku);
- benefiċċji esterni bħall-benefiċċji ambjentali, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u benefiċċji tas-saħħa u tas-sikurezza, kemm jista' jkun;
- l-effetti fuq is-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, kemm jista' jkun.

(ii) Kostijiet:

- il-kostijiet kapitali tal-impjanti u tat-tagħmir;
- il-kostijiet kapitali tan-networks tal-enerġija assoċjati;
- il-kostijiet operattivi varjabbli u fissi;
- il-kostijiet tal-enerġija;
- il-kostijiet ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza, kemm jista' jkun;
- il-kostijiet tas-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, kemm jista' jkun.

(c) Xenarji rilevanti għax-xenarju bażi:

Għandu jitqies kull xenarju rilevanti għax-xenarju bażi, inkluż ir-rwol ta' tisħin u tkessiħ individwali effiċjenti.

- (i) l-analiżijiet tal-kostbenefiċċji jistgħu ikopru valutazzjoni ta' proġett jew ta' grupp ta' proġetti għal valutazzjoni lokali, reġjonali jew nazzjonali usa', ħalli tinstab l-aktar soluzzjoni tat-tisħin u t-tkessiĥ kosteffettiva u ta' benefiċċju meta mqabbla max-xenarju bażi għal żona ġeografika partikolari għall-finijiet tal-ippjanar;
- (d) Konfini u approċċ integrat:
 - (i) il-konfini ġeografiku għandu jkopri żona ġeografika adegwata u definita sew;
 - (ii) l-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għandhom iqisu r-riżorsi ċentralizzati jew deċentralizzati rilevanti kollha ta' provvista, fis-sistema u fil-konfini ġeografiku, inkluż it-teknoloġiji kkunsidrati fil-punt 7 tal-Parti III ta' dan l-Anness, kif ukoll ix-xejriet u l-karatteristiċi kollha tat-tisħin u tat-tkessiĥ.
- (e) Suppożizzjonijiet:
 - (i) l-Istati Membri għandhom jipprovdu suppożizzjonijiet, għall-finijiet tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji, dwar il-prezzijiet ta' fatturi maġġuri ta' input u ta' output, u dwar ir-rata tal-iskont;
 - (ii) ir-rata tal-iskont użata fl-analiżi ekonomika biex jiġi kkalkulat il-valur preżenti nett għandha tingħażel skont linji gwida Ewropej jew nazzjonali;
 - (iii) l-Istati Membri għandhom jużaw projezzjonijiet nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali tal-iżvilupp tal-prezz tal-enerġija, jekk ikun xieraq, fil-kuntest nazzjonali u/jew reġjonali/lokali tagħhom;
 - (iv) il-prezzijiet użati fl-analiżi ekonomika għandhom jirriflettu l-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi. Il-kostijiet esterni, bħall-effetti ambjentali u tas-saħħa, għandhom jiġu inklużi kemm jista' jkun, jiġifieri meta jkun jeżisti prezz tas-suq jew meta dan ikun diġà inkluż fir-regolamentazzjoni Ewropea jew nazzjonali.
- (f) Analiżi tas-sensittività:
 - (i) għandha tiġi inkluża analiżi tas-sensittività biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji ta' proġett jew ta' grupp ta' proġetti abbażi ta' fatturi varjabbli li jħallu impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-kalkoli, bħal pereżempju prezzijiet differenti tal-enerġija, il-livelli tad-domanda, ir-rati tal-iskont u oħrajn.

Parti IV

STRATEĠJI U MIŻURI TA' POLITIKA ĠODDA POTENZJALI

9. ħarsa kumplessiva lejn il-miżuri ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġodda⁸⁶ biex jitwettaq il-potenzjal ekonomiku identifikat f'konformità mal-punti 7 u 8, flimkien mal-projezzjonijiet tagħhom ta':
- (a) it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
 - (b) l-iffrankar tal-enerġija primarja f'GWh kull sena;

⁸⁶ Din il-ħarsa kumplessiva għandha tinkludi l-miżuri u l-programmi ta' finanzjament li jistgħu jiġu adottati tul il-perjodu tal-valutazzjoni komprensiva, mingħajr ma tiġi ppreġudikata notifika separata tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku għal valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

- (c) l-impatt fuq is-sehem ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;
 - (d) l-impatt fuq is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali u fis-settur tat-tiżnin u tat-tekstili;
 - (e) ir-rabtiet mal-programmazzjoni finanzjarja nazzjonali u l-iffrankar tal-kostijiet għall-baġit pubbliku u għall-parteciċipanti tas-suq;
 - (f) il-miżuri stmati ta' appoġġ pubbliku, jekk ikun hemm, bil-baġit annwali tagħhom u l-identifikazzjoni tal-element ta' għajjnuna potenzjali.
-

ANNEX X

ANALIŻI TAL-KOSTBENEFIĊĊJI

Prinċipji għall-finijiet tal-Artikolu 244 u (6)

L-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għandhom jipprovdu informazzjoni għall-finijiet tal-miżuri fl-Artikolu 24(4) u (6):

Jekk tiġi ppjanata installazzjoni tal-elettriku biss jew installazzjoni mingħajr irkupru tas-sħana, għandu jsir paragun bejn l-installazzjonijiet ipplanati jew il-modernizzazzjoni ppjanata u installazzjoni ekwivalenti li tipproduċi l-istess ammont ta' elettriku jew sħana fil-proċessi, iżda li tirkupra s-sħana mormija u tforni s-sħana permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u/jew networks tat-tiġin u t-tkessiġ distrettwali.

F'konfini ġeografiċi partikolari, il-valutazzjoni għandha tqis l-installazzjoni ppjanata u kull punt eżistenti jew potenzjali xieraq ta' domanda għat-tiġin jew għat-tkessiġ li jistgħu jiġu fornuti minnha, bil-kunsiderazzjoni ta' possibbiltajiet razzjonali (pereżempju, l-fattibbiltà teknika u d-distanza).

Il-konfini tas-sistema għandu jinkludi l-installazzjoni ppjanata u t-tagħbijiet tat-tiġin u tat-tkessiġ, bħall-bini u l-proċess industrijali. F'dan il-konfini tas-sistema, il-kost totali tal-forniment tas-sħana u tal-enerġija għandu jiġi ddeterminata għaż-żewġ każijiet u jitqabbel.

It-tagħbijiet tat-tiġin jew tat-tkessiġ għandhom jinkludu t-tagħbijiet eżistenti tat-tiġin jew tat-tkessiġ bħal installazzjonijiet industrijali jew sistema eżistenti tat-tiġin jew tat-tkessiġ distrettwali, u anki, f'żoni urbani, it-tagħbijiet u l-kostijiet eżistenti tat-tiġin jew tat-tkessiġ li jkun hemm jekk grupp ta' bini jew parti minn belt jiġu fornuti bihom u/jew jiġu konnessi ma' network għdid tat-tiġin jew tat-tkessiġ distrettwali.

L-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha tkun ibbażata fuq deskrizzjoni tal-installazzjoni ppjanata u l-installazzjoni(jiet) paragunati, li tkopri l-kapaċità elettrika u termali, kif applikabbli, it-tip ta' fjuwil, l-użu ppjanat u l-għadd ta' sigħat ta' operazzjoni ppjanati kull sena, il-post u d-domanda elettrika u termali.

Il-valutazzjoni tal-użu tas-sħana mormija għandha tqis it-teknoloġiji attwali. Il-valutazzjoni għandha tqis l-użu dirett tas-sħana mormija jew l-aġġornament tagħha għal livelli ogħla ta' temperatura, jew it-tnejn li huma. Fil-każ tal-irkupru fuq il-post tas-sħana mormija, għandu jiġi vvalutat mill-inqas l-użu ta' skambjaturi tas-sħana, pompi tas-sħana, u teknoloġiji tas-sħana għall-enerġija. Fil-każ tal-irkupru mhux fuq il-post tas-sħana mormija, tal-inqas l-installazzjonijiet industrijali, is-siti agrikoli u n-networks tat-tiġin distrettwali għandhom jiġu vvalutati bħala punti ta' domanda potenzjali.

Għall-finijiet tal-paragun, għandhom jitqiesu d-domanda għall-enerġija termali u t-tipi ta' tiġin u tkessiġ użati mill-punti viċini tad-domanda għat-tiġin jew għat-tkessiġ. Il-paragun għandu jkopri l-kostijiet relatati mal-infrastruttura għall-installazzjoni ppjanata u paragunata.

L-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-finijiet tal-Artikolu 24(4) għandhom jinkludu analiżi ekonomika li tkopri analiżi finanzjarja li tirrifletti t-transazzjonijiet attwali tal-flussi tal-flus kontanti mill-investimenti f'installazzjonijiet individwali u mit-tħaddim tagħhom.

Il-proġetti b'eżitu pożittiv tal-kostbenefiċċji huma dawk li t-total tal-benefiċċji skontati fl-analiżi ekonomika u finanzjarja jaqbeż it-total tal-kostijiet skontati (eċċess tal-kostbenefiċċji).

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-prinċipji gwida għall-metodoloġija, is-

suppożizzjonijiet u l-medda taż-żmien għall-analiżi ekonomika.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-kumpaniji responsabbli mill-operazzjoni tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku termali, lill-kumpaniji industrijali, lin-networks tat-tisħin u tat-tkessiġ distrettwali, jew lil partijiet oħra influwenzati mill-konfini definit tas-sistema u mill-konfini ġeografiku, biex jipprovdu data biex tintuża għal valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' installazzjoni individwali.

ANNEX XI

GARANZIJA TAL-ORIĠINI GĦALL-ELETRIKU ĠĠENERAT B'KOĠENERAZZJONI TA' EFFIĊJENZA GĦOLJA

- (a) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li:
- (i) il-garanzija tal-oriġini tal-elettriku ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja:
 - tippermetti li l-produtturi juru li l-elettriku li jbigħu hu ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tinħareġ għal dan il-għan bħala rispons għal talba tal-produttur;
 - tkun preċiża, affidabbli u reżistenti għall-frodi;
 - tinħareġ, tiġi trasferita u titħassar b'mod elettroniku;
 - (ii) l-istess unità tal-enerġija mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja titqies darba biss.
- (b) Il-garanzija tal-oriġini msemmija fl-Artikolu 24(10) għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
- (i) l-identità, il-post, it-tip u l-kapaċità (termali u elettrika) tal-installazzjoni fejn tiġi ġġenerata l-enerġija;
 - (ii) id-dati u l-postijiet tal-produzzjoni;
 - (iii) il-valur kalorifiku aktar baxx tas-sors tal-fjuwil li minnu jiġi ġġenerat l-elettriku;
 - (iv) il-kwantità u l-użu tas-sħana ġġenerata flimkien mal-elettriku;
 - (v) il-kwantità tal-elettriku minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja skont l-Anness III li tirrappreżenta l-garanzija;
 - (vi) l-iffrankar tal-enerġija primarja kkalkolat skont l-Anness III abbażi tal-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza indikati fil-punt (f) tal-Anness III;
 - (vii) l-effiċjenza elettrika u termali nominali tal-impjant;
 - (viii) jekk u sa liema punt l-installazzjoni bbenefikat minn appoġġ għall-investment;
 - (ix) jekk u sa liema punt l-unità tal-enerġija bbenefikat mod ieħor minn xi skema ta' appoġġ nazzjonali, u t-tip tal-iskema ta' appoġġ;
 - (x) id-data ta' meta l-impjant ikun beda jopera; and
 - (xi) id-data u l-pajjiż tal-ħruġ, u numru ta' identifikazzjoni uniku.

Il-garanzija tal-oriġini għandu jkollha l-qies standard ta' 1 MWh. Għandha tkun relatata mal-output tal-elettriku nett imkejjel fil-konfini tal-istazzjoni u esportat lejn il-grilja.

ANNEX XII

KRITERJI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA GĦAL REGOLAMENTAZZJONI TAN-NETWORK TAL-ENERĠIJA U GĦAT-TARIFFI TAN-NETWORK TAL-ELETTRIKU

1. It-tariffi tan-network għandhom jirriflettu l-kost tal-iffrankar tal-kost fin-networks miksub min-naħa tad-domanda u l-miżuri ta' rispons għad-domanda u l-ġenerazzjoni distribwita, inkluż l-iffrankar miksub bit-tnaqqis fil-kost tat-twassil jew tal-investment fin-networks, u b'operazzjoni aktar ottimali tan-network.
2. Ir-regolamentazzjoni u t-tariffi tan-network ma għandhomx jipprevjenu lill-operaturi tan-network jew lill-bejjiegħa tal-enerġija milli jagħmlu disponibbli servizzi tas-sistema għal miżuri ta' rispons għad-domanda, ġestjoni tad-domanda u ġenerazzjoni distribwita fis-swieq organizzati tal-elettriku, b'mod partikolari:
 - (a) it-trasferiment tat-tagħbija mill-ħinijiet tal-akbar domanda għall-ħinijiet li mhumiex tal-akbar domanda, u l-klijenti finali jqisu d-disponibbiltà tal-enerġija rinnovabbli, l-enerġija mill-koġenerazzjoni u l-ġenerazzjoni distribwita;
 - (b) l-iffrankar tal-enerġija miksub b'rispons għad-domanda tal-konsumaturi distribwiti b'aggregaturi tal-enerġija;
 - (c) it-tnaqqis tad-domanda miksub b'miżuri tal-effiċjenza enerġetika mwettqa mill-fornituri tas-servizzi tal-enerġija, inkluż il-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija;
 - (d) il-konnessjoni u d-dispaċċ ta' sorsi ta' ġenerazzjoni b'livelli aktar baxxi ta' vultaġġ;
 - (e) il-konnessjoni ta' sorsi ta' ġenerazzjoni minn post eqreb lejn il-konsum; u
 - (f) il-ħżin tal-enerġija.

Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, it-terminu "swieq organizzati tal-elettriku" għandu jinkludi s-swieq tal-bejgħ dirett u l-iskambji tal-elettriku għall-kummerċ tal-enerġija, is-servizzi ta' bilanċjar u servizzi anċillari fil-perjodi kollha taż-żmien, inkluż is-swieq bil-quddiem, ta' ġurnata bil-quddiem, u ta' dakinhar stess.
3. It-tariffi tan-network jew tal-bejgħ bl-imnut jistgħu jappoġġaw l-ipprezzar dinamiku għal miżuri ta' rispons għad-domanda mill-klijenti finali, bħal:
 - (a) tariffi skont il-ħin tal-użu (time-of-use tariffs);
 - (b) ipprezzar għall-ħinijiet kritiċi tal-aktar użu (critical peak pricing);
 - (c) ipprezzar fil-ħin reali; and
 - (d) rifiżjonijiet tal-ħinijiet tal-aktar użu.

ANNEX XIII

REKWIŻITI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA GĦALL-OPERATURI TAS-SISTEMI TAT-TRAŻMISSJONI U GĦALL-OPERATURI TAS-SISTEMI TAD- DISTRIBUZZJONI

L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għandhom:

- (a) jistabilixxu u jagħmlu pubbliċi r-regoli standard tagħhom relatati mat-tiġrib u l-qsim tal-kostijiet tal-adattamenti tekniċi, bħall-konnessjonijiet mal-grilja, rinfurzar tal-grilja u l-introduzzjoni ta' grilji ġodda, operazzjoni mtejbja tal-grilja u regoli dwar l-implimentazzjoni nondiskriminatorja tal-kodiċijiet tal-grilja, li huma meħtieġa għal integrazzjoni tal-produtturi l-ġodda li jalimentaw l-elettriku ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja fil-grilja interkonnessa;
- (b) jipprovdu lil kull produttur ġdid tal-elettriku ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li jixtieq ikun konness mas-sistema bl-informazzjoni komprensiva u meħtieġa mitluba, inkluż:
 - (i) stima komprensiva u dettaljata tal-kostijiet assoċjati mal-konnessjoni;
 - (ii) skeda taż-żmien raġonevoli u preċiża għall-wasla u l-ipproċessar tat-talba għall-konnessjoni mal-grilja;
 - (iii) skeda taż-żmien indikattiva u raġonevoli għal kull konnessjoni proposta mal-grilja. Il-proċess ġenerali għal konnessjoni mal-grilja ma għandux ikun itwal minn 24 xahar, b'kunsiderazzjoni ta' dak li hu raġonevolment prattikabbli u nondiskriminatorju;
- (c) jipprovdu proċeduri standardizzati u simplifikati għall-konnessjoni ta' produtturi distribwiti ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja biex jiffaċilitaw il-konnessjoni tagħhom mal-grilja.

Ir-regoli standard imsemmija fil-punt (a) għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji b'kunsiderazzjoni partikolari tal-kostijiet u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-konnessjoni ta' dawk il-produtturi mal-grilja. Dawn jistgħu jipprevedu tipi differenti ta' konnessjoni.

ANNEX XIV

ELEMENTI MINIMI LI JRIDU JIĠU INKUŻI FIL-KUNTRATTI TAL-PRESTAZZJONI TAL-ENERĠIJA JEW FL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAS-SEJĦIET GĦALL-OFFERTI ASSOĊJATI

- Sejbiet/rakkomandazzjonijiet ta' analiżi/verifika mwettqa qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt li jkopri l-użu tal-enerġija tal-bini bil-ħsieb li jiġu implimentati miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika.
- Lista ċara u trasparenti tal-miżuri ta' effiċjenza li jridu jitwettqu jew ir-riżultati tal-effiċjenza li jridu jinkisbu.
- L-iffrankar iggarantit li jsir bl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-kuntratt.
- It-tul u t-tappi ewlenin tal-kuntratt, it-termini u l-perjodu ta' notifika.
- Lista ċara u trasparenti tal-obbligi ta' kull parti kontraenti.
- Id-data/i ta' referenza biex ikun stabbilit l-iffrankar miksub.
- Lista ċara u trasparenti tal-passi li jridu jsiru biex titwettaq miżura jew pakkett ta' miżuri u, meta rilevanti, il-kostijiet assoċjati.
- Obbligu li ta' implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri fil-kuntratt u dokumentazzjoni tal-bidliet kollha li jsiru tul il-proġett.
- Regolamenti li jispeċifikaw l-inklużjoni ta' rekwiżiti ekwivalenti f'kull subkuntrattar ma' partijiet terzi.
- Turija ċara u trasparenti tal-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proġett u distribuzzjoni tas-sehem taż-żewġ partijiet fl-iffrankar monetarju miksub (jiġifieri remunerazzjoni tal-fornitur tas-servizzi).
- Dispożizzjonijiet ċari u trasparenti dwar il-kejl u l-verifika tal-iffrankar iggarantit miksub, kontrolli tal-kwalità u garanziji.
- Dispożizzjonijiet li jiċċaraw il-proċedura biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet qafas li qed jinbidlu u li jaffettwaw il-kontenut u l-eżitu tal-kuntratt (jiġifieri l-prezzijiet tal-enerġija li qed jinbidlu, l-intensità tal-użu ta' installazzjoni).
- Informazzjoni dettaljata tal-obbligi ta' kull waħda mill-partijiet kontraenti u tal-penali għall-ksur tagħhom.

ANNEX XV

Parti A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista bl-emendi suċċessivi tagħha (imsemmija fl-Artikolu 36)

Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/12/UE
(ĠU L 141, 28.5.2013, p. 28)

Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75) l-Artikolu 2 biss

Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210)

Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1) l-Artikolu 54 biss

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/504 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 66) l-Artikolu 1 biss

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/826
(OJ L 137, 23.5.2019, p. 3)

Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125) l-Artikolu 70 biss

Parti B

Limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali (imsemmija fl-Artikolu 36)

Direttiva	Skadenzi għat-traspożizzjoni
2012/27/EU	il-5 ta' Ġunju 2014
(UE) 2018/844	1-10 ta' Marzu 2020
(UE) 2018/2002	il-25 ta' Ġunju 2020, għajr għall-punti 5 sa 10 tal-Artikolu 1 u l-punti 3 u 4 tal-Anness il-25 ta' Ottubru 2020 fir-rigward tal-punti 5 sa 10 tal-Artikolu 1 u l-punti 3 u 4 tal-Anness
(UE) 2019/944	il-31 ta' Diċembru 2019 fir-rigward tal-punt (5)(a) tal-Artikolu 70 il-25 ta' Ottubru 2020 fir-rigward tal-punt (4) tal-Artikolu 70 il-31 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-punti (1) sa (3), (5)(b) u (6) tal-Artikolu 70

ANNEX XVI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 2012/27/UE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, il-kliem introdutturju	Artikolu 2, il-kliem introdutturju
Artikolu 2, il-punt 1	Artikolu 2, il-punt 1
-	Artikolu 2, il-punti 2 u 3
Artikolu 2, il-punt 2	Artikolu 2, il-punt 4
Artikolu 2, il-punt 3	Artikolu 2, il-punt 5
Artikolu 2, il-punt 4	Artikolu 2, il-punt 6
Artikolu 2, il-punt 5	Artikolu 2, il-punt 7
Artikolu 2, il-punt 6	Artikolu 2, il-punt 8
Artikolu 2, il-punt 7	Artikolu 2, il-punt 9
Artikolu 2, il-punt 8	Artikolu 2, il-punt 10
Artikolu 2, il-punt 9	-
Artikolu 2, il-punt 10	Artikolu 2, il-punt 11
-	Artikolu 2, il-punti 12 u 13
Artikolu 2, il-punt 11	Artikolu 2, il-punt 14
Artikolu 2, il-punt 12	Artikolu 2, il-punt 15
Artikolu 2, il-punt 13	Artikolu 2, il-punt 16
Artikolu 2, il-punt 14	Artikolu 2, il-punt 17
Artikolu 2, il-punt 15	Artikolu 2, il-punt 18
Artikolu 2, il-punt 16	Artikolu 2, il-punt 19
Artikolu 2, il-punt 17	Artikolu 2, il-punt 20
Artikolu 2, il-punt 18	Artikolu 2, il-punt 21
Artikolu 2, il-punt 19	Artikolu 2, il-punt 22

Artikolu 2, il-punt 20
Artikolu 2, il-punt 21
Artikolu 2, il-punt 22
Artikolu 2, il-punt 23
Artikolu 2, il-punt 24
Artikolu 2, il-punt 25
Artikolu 2, il-punt 26
Artikolu 2, il-punt 27
Artikolu 2, il-punt 28
Artikolu 2, il-punt 29
Artikolu 2, il-punt 30
Artikolu 2, il-punt 31
Artikolu 2, il-punt 32
Artikolu 2, il-punt 33
Artikolu 2, il-punt 34
Artikolu 2, il-punt 35
Artikolu 2, il-punt 36
Artikolu 2, il-punt 37
Artikolu 2, il-punt 38
Artikolu 2, il-punt 39
Artikolu 2, il-punt 40
Artikolu 2, il-punt 41
Artikolu 2, il-punt 42
Artikolu 2, il-punt 43
-
Artikolu 2, il-punti 44 u 45

Artikolu 2, il-punt 23
Artikolu 2, il-punt 24
Artikolu 2, il-punt 25
Artikolu 2, il-punt 26
Artikolu 2, il-punt 27
Artikolu 2, il-punt 28
-
Artikolu 2, il-punt 29
Artikolu 2, il-punt 30
Artikolu 2, il-punt 31
Artikolu 2, il-punt 32
Artikolu 2, il-punt 33
Artikolu 2, il-punt 34
Artikolu 2, il-punt 35
Artikolu 2, il-punt 36
Artikolu 2, il-punt 37
Artikolu 2, il-punt 38
Artikolu 2, il-punt 39
Artikolu 2, il-punt 40
Artikolu 2, il-punt 41
-
Artikolu 2, il-punt 42
Artikolu 2, il-punt 43
Artikolu 2, il-punt 44
Artikolu 2, il-punt 45
Artikolu 2, il-punti 46 u 47

-	Artikolu 2, il-punti 48, 49 u 50
-	Artikolu 3
-	Artikolu 4(1)
Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-kliem introdutturju	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-kliem introdutturju
Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b)	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b)
Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (c)	-
Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d)	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (c)
Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-kliem introdutturju	-
-	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), il-kliem introdutturju
-	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (d)(i), (ii) u (iii)
Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (a)	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (d)(iv)
-	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e), il-kliem introdutturju
Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (b)	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e)(i)
Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (c)	Artikolu 4(2) it-tieni subparagrafu, il-punt (e)(ii)
Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (d)	Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e)(iii)
Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (e)	-
Artikolu 3(2) u (3)	-
Artikolu 3(4)	Artikolu 33(6)
Artikolu 3(5) u (6)	-

-	Artikolu 4(3)
-	Artikolu 4(4)
-	Artikolu 5
Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 5(1), ir-raba' u l-ħames subparagrafi	-
Artikolu 5(2) u (3)	-
Artikolu 5(4)	Artikolu 6(2)
Artikolu 5(5)	Artikolu 6(3)
Artikolu 5(6) u (7)	-
Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu	-
-	Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu	-
Artikolu 6(2), (3) u (4)	Artikolu 7(2), (3) u (4)
-	Artikolu 7(5) u (6)
-	Artikolu 7(7), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7(1), kliem introdutturju, il-punti (a) u (b)	Artikolu 8(1), kliem introdutturju, il-punti (a) u (b)
-	Artikolu 8(1), il-punt (c)
Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 8(5)
Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7(1), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 8(1), it-tielet subparagrafu
-	Artikolu 8(2), (3) u (4)
Artikolu 7(2)	Artikolu 8(6)

Artikolu 7(3)	Artikolu 8(7)
Artikolu 7(4)	Artikolu 8(8)
Artikolu 7(5)	Artikolu 8(9)
Artikolu 7(6)	Artikolu 8(10)
Artikolu 7(7)	-
Artikolu 7(8)	-
Artikolu 7(9)	-
Artikolu 7(10)	-
Artikolu 7(11)	-
	Artikolu 8(11), (12) u (13)
Artikolu 7(12)	Artikolu 8(14)
Artikolu 7a (1), (2) u (3)	Artikolu 9(1), (2) u (3)
-	Artikolu 9(4), (5) u (6)
Artikolu 7a (4) u (5)	Artikolu 9(7) u (8)
-	Artikolu 9(9)
Artikolu 7a (6) u (7)	Artikolu 9(10) u (11)
Artikolu 7b (1) u (2)	Artikolu 10(1) u (2)
-	Artikolu 10(3) u (4)
-	Artikolu 11(1) u (2)
Artikolu 8(1) u (2)	Artikolu 11(3) u (4)
Artikolu 8(3) u (4)	-
-	Artikolu 11(5)
Artikolu 8(5)	Artikolu 11(6)
-	Artikolu 11(7)
Artikolu 8(6)	Artikolu 11(8)
Artikolu 8(7)	Artikolu 11(9)

-	Artikolu 11(10)
Artikolu 9	Artikolu 12
Artikolu 9a	Artikolu 13
Artikolu 9b	Artikolu 14
Artikolu 9c	Artikolu 15
Artikolu 10	Artikolu 16
Artikolu 10a	Artikolu 17
Artikolu 11	Artikolu 18
Artikolu 11a	Artikolu 19
-	Artikolu 20
-	Artikolu 21(1)
Artikolu 12(1)	Artikolu 21(2)
Artikolu 12(2), il-kliem introdutturju u l-punti (a), is-subpunti (i) sa (v)	Artikolu 21(2), it-tieni subparagrafu, is-subpunti (i) sa (v)
Artikolu 12(2), il-punt (b)	Artikolu 21(2), it-tieni subparagrafu, is-subpunt (vi)
-	Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 12(2), il-punt (b), is-subpunti (i) u (ii)	Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (i)
-	Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu, il-punti (ii) u (iii)
-	Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (iv)
-	Artikolu 21(4)
-	Artikolu 21(5), it-tielet u r-raba' subparagrafi
-	Artikolu 22
Artikolu 13	Artikolu 30
Artikolu 14(1) u (2)	-

-	Artikolu 23(1) u (2)
Artikolu 14(3)	Artikolu 23(3), l-ewwel subparagrafu
-	Artikolu 23(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 14(4)	Artikolu 23(4)
-	Artikolu 23(5) u (6)
-	Artikolu 24(1), (2) u (3)
Artikolu 14(5), il-kliem introdutturju u l-punt (a)	Artikolu 24(4), il-kliem introdutturju u l-punt (a)
Artikolu 14(5), il-punti (b), (c) u (d)	-
-	Artikolu 24(4), il-punti (b), (c) u (d) u t-tieni subparagrafu
Artikolu 14(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi	Artikolu 24(4), it-tielet u r-raba' subparagrafi
Artikolu 14(6), il-punt (a)	Artikolu 24(5), il-punt (a)
Artikolu 14(6), il-punt (b)	-
Artikolu 14(6), il-punt (c)	Artikolu 24(5), il-punt (b)
-	Artikolu 24(5), il-punt (c)
Artikolu 14(6), it-tieni u t-tielet subparagrafi	Artikolu 24(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi
Artikolu 14(7), (8) u (9)	Artikolu 24(6), (7) u (8)
-	Artikolu 24(9)
Artikolu 14(10) u (11)	Artikolu 24(10) u (11)
Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 25(1)
Artikolu 15(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi	-
-	Artikolu 25(2), (3) u (4)
Artikolu 15(1), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 25(5)
Artikolu 15(2) u (2a)	-
Artikolu 15(3), (4) u (5), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 25(6), (7) u (8)

Artikolu 15(5), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 15(6), l-ewwel subparagrafu	-
Artikolu 15(6), it-tieni subparagrafu	Artikolu 25(9)
Artikolu 15(7)	Artikolu 25(10)
Artikolu 15(9), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 25(11)
Artikolu 15(9), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 16(1) u (2)	-
-	Artikolu 26(1) u (2)
Artikolu 16(3)	Artikolu 26(3)
-	Artikolu 26(4)
Artikolu 17(1), l-ewwel subparagrafu	-
Artikolu 17(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 28(3)
Artikolu 17(2)	Artikolu 21(3)
Artikolu 17(3)	-
Artikolu 17(4)	-
Artikolu 17(5)	Artikolu 21(6)
Artikolu 18(1), il-kliem introdutturju	Artikolu 27(1), il-kliem introdutturju
Artikolu 18(1), il-punt (a), is-subpunti (i) u (ii)	Artikolu 27(1), il-punti (a) u (b)
-	Artikolu 27(1), il-punti (c) u (d)
Artikolu 18(1), il-punt (b)	Artikolu 27(2)
Artikolu 18(1), il-punt (c)	Artikolu 27(3)
-	Artikolu 27(4)
Artikolu 18(1), il-punt (d), is-subpunti (i) u (ii)	Artikolu 27(5), il-punti (a) u (b)
-	Artikolu 27(5), il-punt (c)
Artikolu 18(2), il-punti (a) u (b)	Artikolu 27(6), il-punti (a) u (b)

Artikolu 18(2), il-punti (c) u (d)	-
-	Artikolu 27(6), il-punt (c)
-	Artikolu 27(7)
Artikolu 18(3)	Artikolu 27(8)
Artikolu 19(1), il-punt (a)	Artikolu 21(5), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 19(1), il-punt (b)	Artikolu 7(7), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 21(5), it-tieni subparagrafu
Artikolu 19(2)	-
Artikolu 20(1) u (2)	Artikolu 28(1) u (2)
-	Artikolu 28(3)
Artikolu 20(3), (3a), (3b) u (3c)	Artikolu 28(4), (5), (6) u (7)
Artikolu 20(3d)	Artikolu 28(8), l-ewwel subparagrafu
-	Artikolu 28(8), it-tieni subparagrafu
Artikolu 20(4), (5), (6) u (7)	Artikolu 28(9), (10), (11) u (12)
Artikolu 21	Artikolu 29(1)
-	Artikolu 29(2), (3), (4), (5), (6) u (7)
Artikolu 22(1) u (2)	Artikolu 31(1) u (2)
-	Artikolu 31(3)
Artikolu 23	Artikolu 32
Artikolu 24(4a), (5) u (6)	Artikolu 33(1), (2) u (3)
Artikolu 24(7), (8), (9), (10), (12)	-
Artikolu 24(13) u (14)	Artikolu 33(4) u (5)
Artikolu 24(15), il-kliem introdutturju	Artikolu 33(7), il-kliem introdutturju
Artikolu 24(15), il-punt (a)	-
Artikolu 24(15), il-punt (b)	Artikolu 33(7), il-punt (a)
	Artikolu 33(7), il-punti (b), (c), (d), (e) u (f)

Artikolu 24(15), it-tieni subparagrafu	Artikolu 33(7), it-tieni subparagrafu
Artikolu 25	-
Artikolu 26	Artikolu 34
Artikolu 27, l-ewwel subparagrafu	Artikolu 36, l-ewwel subparagrafu
Artikolu 27, it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 27, it-tielet subparagrafu	Artikolu 36, it-tieni subparagrafu
Artikolu 27(2) u (3)	-
Artikolu 28(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 35(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 28(1), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 28(1), it-tielet u r-raba' subparagrafi	Artikolu 35(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi
Artikolu 28(2)	Artikolu 35(2)
Artikolu 29	Artikolu 37
Artikolu 30	Artikolu 38
-	Anness I
Anness I	Anness II
Anness II	Anness III
Anness III	Anness IV
Anness IV	-
Anness V	Anness V
Anness VI	Anness VI
Anness VII	Anness VII
Anness VIIa	Anness VIII
Anness VIII	Anness IX
Anness IX	Anness X
Anness X	Anness XI
Anness XI	Anness XII

Anness XII

Anness XIII

Anness XV

-

-

Anness XIII

Anness XIV

-

Anness XV

Anness XVI

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Efficijenza Enerġetika hija komponent ewlieni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", sabiex jintlaħaq l-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. L-effiċjenza enerġetika hija l-"ewwel fjuwil", li mingħajru ma tistax tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni sħiħa tal-ekonomija tal-UE.

L-effiċjenza enerġetika hija għodda kosteffettiva bil-potenzjal li twassal għal aktar minn 40 % tat-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, sabiex jintlaħqu l-għanijiet internazzjonali dwar il-klima u l-enerġija matul l-20 sena li ġejjin. Għalhekk hija għodda indispensabbli biex jintlaħqu l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi. Iż-żieda fl-azzjoni u l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika se ġġib magħha diversi benefiċċji ambjentali, tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi.

Id-dipendenza għolja attwali fuq il-gass naturali tagħmel l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji Ewropej vulnerabbli għall-prezzijiet li qed jogħlew, u dan għandu diversi konsegwenzi b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku.

L-effiċjenza enerġetika tista' tgħin fil-ġlieda kontra ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija billi tnaqqas il-ħtieġa li tiġi installata kapacià ġdida ta' ġenerazzjoni jew trażmissjoni tal-enerġija għalja u billi tnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-enerġija. Tgħin ukoll lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji jsiru aktar reżistenti għal żidiet f'daqqa fil-futur qrib u jiffrankaw il-flus fuq il-kontijiet tal-enerġija tagħhom.

It-tiħiħ tar-rinnovazzjoni tal-bini se jirriżulta f'ambjenti ta' ġewwa aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija iżda wkoll aktar tajbin għas-saħħa b'temperaturi tal-arja tajbin għas-saħħa, livelli ta' umdità, livelli ta' storbju, u kwalità tal-arja mtejba.

Billi nnaqqsu d-domanda globali għall-enerġija, nistgħu nnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet taż-żejt, il-gass u l-faħam. Meta l-effiċjenza enerġetika tiżdied b'1 %, l-importazzjonijiet tal-gass jonqsu b'2,6 %. Għalhekk, l-effiċjenza enerġetika tgħin lill-Unjoni ttejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-enerġija tagħha u tilħaq l-oġettiv tagħha li ssir aktar indipendenti fl-enerġija.

It-titjib fl-effiċjenza jwassal għal benefiċċji ekonomiċi soċjali, billi jagħti spinta lill-attività ekonomika u jżid l-impjiegi. Il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bliet, il-bini u s-sistemi tat-trasport jirrikjedu ħafna ħaddiema. Sa 60 % tan-nefqa fil-modifiki retroattivi tal-effiċjenza enerġetika tad-djar jistgħu jiġu diretti lejn ix-xogħol, l-attivazzjoni tal-ktajjen tal-valur lokali u t-tiħiħ tal-ekonomija.

Fl-2018 ġiet emendata d-Direttiva dwar l-Efficijenza Enerġetika bħala parti mill-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha li tintroduċi mira tal-UE għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 ta' mill-inqas 32,5 % meta mqabbla mal-użu tal-enerġija previst fl-2030. It-total tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali kkomunikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) ma jilħaqx il-livell ta' din l-ambizzjoni. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal governanza aktar b'saħħitha u Direttiva dwar l-Efficijenza Enerġetika aktar effettiva.

Ir-rapporteur jilqa' r-riformulazzjoni proposta mill-Kummissjoni u jikkunsidraha bħala punt ta' tluq validu għall-proċess leġislattiv. Madankollu, bl-urġenza tal-kriżi klimatika u d-diversi

benefiċċji offruti mill-effiċjenza enerġetika, ir-rapporteur għandu l-għan li jkompli jsaħħaħ l-effett, il-governanza u l-effikaċja tagħha fuq il-klima.

Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika ambizzjuża u adatta għall-iskop tagħha

Ir-rapporteur jipproponi mira tal-UE għall-effiċjenza enerġetika li tippermetti li jiġi sfruttat il-potenzjal kosteffettiv sħiħ tagħha. Il-mira tal-effiċjenza enerġetika għandha tiżdied għal mill-inqas 43 % (xenarju bażi tal-2007) għall-konsum finali tal-enerġija sal-2030. Dan jikkorrelata ma' mira ta' 19 % fix-xenarju bażi tal-2020. Il-mira proposta titqies bħala kosteffettiva abbażi ta' analiżi bir-reqqa¹, filwaqt li jitqies ukoll il-potenzjal mistenni ta' żieda fl-ipprezzar tal-karbonju u l-benefiċċji soċjoekonomiċi.

L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija kien wieħed mill-aktar elementi li jħallu impatt tad-Direttiva. Għalhekk, iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-mira tal-UE teħtieġ żieda għal 2 % tal-iffrankar annwali tal-enerġija li għandu jinkiseb mill-Istati Membri mill-2024 sal-2030. Ir-rwol eżemplari tas-settur pubbliku huwa enfasizzat aktar billi l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija pubblika jiżdied għal 2 % wkoll.

Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu għall-isforzi biex l-ekonomija tiġi dekarbonizzata, li għandhom jiġu stimulati b'din id-Direttiva. Bl-introduzzjoni ta' fattur tal-karbonju fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali, trid titqies l-intensità tal-karbonju. Barra minn hekk, il-fjuwils fossili ma għandhomx jingħaddu mal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija kif propost mill-Kummissjoni.

Governanza msaħħa bi stadji importanti ċari

Ma nistgħux naffordjaw li ma nilħqux il-mira tal-2030. Għalhekk, il-mira trid tkun vinkolanti għall-Istati Membri u l-formula proposta mill-Kummissjoni għandha tiżgura kontribuzzjoni ċara u vinkolanti għal kull Stat Membru u ma toħloq l-ebda lakuna potenzjali fit-tweġiq.

Ir-rapporteur jipproponi żewġ stadji importanti (2025 u 2027) sabiex tinħoloq trajettorja lineari u jiġi evitat li l-Istati Membri jipposponu l-azzjoni meħtieġa biex tintlaħaq il-mira.

L-introduzzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" legalment vinkolanti hija pass importanti li jirrikonoxxi l-kontribut importanti li l-effiċjenza enerġetika tista' tagħti. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li jiżdied il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" biex ikopri d-deċiżjonijiet ta' investiment rilevanti kollha relatati mal-enerġija. Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi wkoll l-introduzzjoni ta' metodoloġija komuni tal-UE b'sett minimu ta' indikaturi li jqisu l-benefiċċji usa' tal-effiċjenza enerġetika.

Miżuri ta' effiċjenza enerġetika mmirati lejn unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku

Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika huma mod kruċjali biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija. Dawk li jbatu mill-faqar enerġetiku spiss jgħixu fi djar iżolati ħafna u għandhom sistemi ta' tisħin jew tkessiġ għaljin u ineffiċjenti.

Skont l-iskemi tagħhom ta' obbligi ta' ffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri huma obligati jimmiraw sehem mill-isforzi tagħhom lejn unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku. Ir-rapporteur jissuġġerixxi definizzjoni aktar robusta ta' faqar enerġetiku li taqbad il-faqar enerġetiku

¹ https://www.stefanscheuer.eu/wp-content/uploads/2021/10/SCHEUER_FraunhoferISI_Will-the-Fit-for-55-package-deliver-on-EE-targets.pdf

fregjuni, pajjiżi u tipi ta' unitajiet domestiċi differenti. Dawn il-parametri għandhom jitqiesu meta l-Istati Membri jiddefinixxu l-unitajiet domestiċi tagħhom f'faqar enerġetiku fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom dwar l-Enerġija u l-Klima.

Fil-livell lokali għandhom jittieħdu miżuri dedikati u mmirati dwar il-faqar enerġetiku. Ir-rapporteur isahha id-dispożizzjonijiet għall-partijiet obligati biex jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet lokali jew il-muniċipalitajiet, kif ukoll mas-servizzi soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex itaffu l-faqar enerġetiku.

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-profondità tar-rinnovazzjonijiet bi skemi ta' finanzjament aktar effettivi

L-istokk tal-bini għandu impatt kbir fuq l-għanijiet klimatiċi tal-UE peress li huwa wieħed mill-akbar konsumaturi tal-enerġija. Barra minn hekk, il-bini għandu rwol ewlieni fis-soċjetajiet tagħna u fil-ħajja ta' kuljum. Il-mira ta' rinnovazzjoni ta' 3 % għall-bini pubbliku hija għalhekk element essenzjali tad-Direttiva.

Ir-rapporteur jissuġġerixxi li l-obbligu ta' rinnovazzjoni jsir applikabbli b'mod espliċitu wkoll għall-akkomodazzjoni soċjali u l-bini terzjarju, jiġifieri bini użat għall-forniment ta' servizzi ta' interess ġenerali. Dan se jagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini u jgħin fil-ħolqien ta' ambjenti interni tajbin għas-saħħa għall-iskejjel, l-isptarijiet, id-djar tal-kura, il-faċilitajiet sportivi u kulturali.

Ir-rapporteur jissuġġerixxi li l-obbligu ta' rinnovazzjoni għall-bini pubbliku jwassal għal rinnovazzjonijiet profondi sabiex jinħasdu l-ogħla benefiċċji soċjali u ekonomiċi possibbli.

Is-sahra u r-rinnovazzjonijiet se jirkupraw l-ispejjeż tagħhom. Madankollu, dan normalment iġib miegħu spejjeż għoljin minn qabel għaċ-ċittadini. Dan huwa wkoll il-każ għal miżuri oħra ta' effiċjenza enerġetika. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-istrumenti u l-inċentivi ta' finanzjament xierqa jeżistu biex l-investituri u n-nies ikunu jistgħu jwettqu rinnovazzjonijiet. Jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ skemi finanzjarji robusti għall-effiċjenza enerġetika kemm għall-finanzjament pubbliku kif ukoll għal dak privat.

Ir-rapporteur jipproponi li jiġu stabbiliti Fondi Nazzjonali għall-Enerġija u li jiġi evalwat il-volum tal-effikaċja tal-iskemi ta' finanzjament attwali.

Ippjanar strateġiku għat-tisħin u t-tkessiġ distrettwali, l-użu tas-sħana mormija u ċentri tad-data effettivi

It-tisħin u t-tkessiġ distrettwali wrew li huma sistema kosteffiċjenti f'ħafna pajjiżi Ewropej. Biex jinħasad il-potenzjal ta' dawk is-sistemi, huwa meħtieġ ippjanar strateġiku għall-muniċipalitajiet b'popolazzjoni ta' aktar minn 20 000.

It-tisħin distrettwali b'temperatura baxxa għandu jitħeġġeġ sabiex tiżdied l-effiċjenza u tiżdied l-użu possibbli tas-sħana mormija. Barra minn hekk, ir-rapporteur jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' strateġiji għas-sostituzzjoni ta' tagħmir antik u ineffiċjenti għat-tisħin u t-tkessiġ f'bini li jkun proprjetà ta' korpi pubbliċi b'alternattivi effiċjenti ħafna jew okkupat minnhom.

Iċ-ċentri tad-data għandhom potenzjal enormi għas-sħana mormija bħala sors ta' tisħin

affordabbli għall-unitajiet domestiċi. Ir-rapporteur jipproponi li s-sħana mormija miċ-ċentri tad-data u mill-faċilitajiet industrijali tintuża kull fejn dan ikun prattikabbli u teknoloġikament fattibbli.

Barra minn hekk, il-konsum globali tal-enerġija taċ-ċentri tad-data huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti, hekk kif is-soċjetà ssir aktar diġitalizzata. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li jkomplu jissaħħu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva sabiex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa mhux biss li tistabbilixxi skema tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà, iżda wkoll li tistabbilixxi standards minimi ta' prestazzjoni u KPIs kif ukoll metodoloġija ta' kalkolu u skeda ta' żmien biex iċ-ċentri tad-data jissodisfaw dawk l-istandards. Dan għandu japplika għaċ-ċentri tad-data kollha b'domanda installata għall-potenza tal-IT ta' 100 kW jew aktar.

Ġestjoni effettiva tal-enerġija għall-intrapriżi u l-unitajiet domestiċi

Is-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jistgħu jkunu effettivi f'limitu aktar baxx minn dak issuġġerit mill-Kummissjoni. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li dan il-limitu jitnaqqas sabiex l-intrapriżi b'konsum annwali medju oġħla minn 18 TJ ta' enerġija jkunu obbligati jimplementaw sistema tal-ġestjoni tal-enerġija.

Barra minn hekk, l-intrapriżi b'konsum annwali medju oġħla minn 3.6 TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti li ma jimplementawx sistemi ta' ġestjoni enerġetika għandhom ikunu soġġetti għal awditu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għandha tkun obligatorja, bl-eċċezzjoni ta' dawk fejn il-perjodu tal-ħlas lura jkun itwal minn 4 snin.

Appoġġ immirat lejn il-potenzjal tekniku u l-opportunitajiet ta' finanzjament se jgħin lill-unitajiet domestiċi jibbenefikaw mill-iffrankar tal-enerġija u jilliberaw il-potenzjal sħiħ tal-effiċjenza enerġetika fost l-unitajiet domestiċi Ewropej. Ir-rapporteur jipproponi li jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar one-stop shops għall-utenti finali fl-unitajiet domestiċi privati sabiex jibbenefikaw minn pariri u appoġġ imfassla apposta b'attenzjoni speċjali għall-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku.

ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Asetek A/S
BAT-Kartellet
BusinessEurope
Cleantech for Europe
Climate Action Network Europe
Coalition of Energy Savings
COGEN Europe
Danfoss
Dansk Erhverv
DENEFF
DigitalEurope
eco - Association of the Internet Industry
Électricité de France
Eurelectric
Eurogas
Euroheat and Power
European Alliance to Save Energy
European Climate Foundation
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
European Federation of Intelligent Energy Efficiency Services
European Heating Industry
Fedarne, Upper Austria Regional Energy Agency
Friends of the Earth Europe
Grundfos
Housing Europe
Hydrogen Europe
Kommunernes Landsforening, id-Danimarka
Microsoft
Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-UE
Rappreżentanza Permanenti tal-Finlandja għall-UE
Rappreżentanza Permanenti tal-Lussemburgu għall-UE
Rappreżentanza Permanenti tan-Netherlands għall-UE
Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Ċeka għall-UE
Rappreżentanza Permanenti tal-Polonja għall-UE
Polska Grupa Energetyczna S.A
Positive Money Europe
Rådet for Grøn Omstilling
REScoop.eu

Right to Energy Coalition
Rockwool
Saint-Gobain
SmartEn
Stefan Scheuer Consulting
SYNERGI
Tekniq
Tesla
VELUX
Vodafone

5.5.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
(COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Eleonora Evi

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-effiċjenza enerġetika hija l-ewwel fjuwil tagħna. Kif indikat ukoll mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE)¹, iż-żieda fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika għandha tkun il-prijorità tagħna dan id-deċennju. Dan se jagħtina l-opportunità li nilħqu l-għan ta' Pariġi ta' 1,5 °C, u se jgħib miegħu benefiċċji ambjentali, tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi. Madankollu, s'issa, l-effiċjenza enerġetika kienet il-punt dgħajjef tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

B'mod koerenti mal-pożizzjoni ambizzjuża meħuda matul l-aħħar reviżjoni ta' din id-Direttiva, il-Parlament, u b'mod speċifiku l-kumitat tagħna, għandu jipproponi li l-mira tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 tiġi stabbilita f'livell li jippermetti lill-Ewropa tisfrutta l-potenzjal tekniku sħiħ tal-effiċjenza enerġetika tagħha, filwaqt li timmassimizza l-kontribut tagħha għall-kisba tal-mira ta' Pariġi ta' 1,5°C. Fl-abbozz ta' opinjoni tiegħi, qed nipproponi li tiġi stabbilita mira ta' effiċjenza enerġetika tal-Unjoni ta' mill-inqas 45 % meta mqabbla mal-projezzjonijiet mix-xenarju ta' referenza tal-2007. Peress li hemm differenzi sostanzjali bejn ix-xenarju ta' referenza tal-2007 u x-xenarju ta' referenza l-ġdid tal-2020, u peress li l-Valutazzjoni tal-Impatt ma tinkludix tabelli ta' korrelazzjoni, se nħalli l-kompitu tal-konverżjoni tal-mira ta' 45 % f'perċentwal ekwivalenti bl-użu tax-xenarju l-ġdid f'idejn il-Kumitat ITRE, li huwa l-kumitat ewlieni.

L-obbligi nazzjonali annwali tal-iffrankar tal-enerġija stabbiliti minn dak li qabel kien l-Artikolu 7, issa l-Artikolu 8, s'issa kienu wieħed mill-aktar elementi ta' suċċess tad-Direttiva. Sabiex tiġi riflessa ż-żieda fl-ambizzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni, nissuġġerixxi li l-obbligu annwali tal-iffrankar tal-enerġija jiżdied minn 1,5 % għal 2 %.

Objettivi oġġla waħedhom mhux se jiskattaw l-azzjoni meħtieġa. Biex tirnexxi, il-mira tal-UE trid tkun mirfuda minn governanza robusta, minn rekwiżiti ċari biex l-effiċjenza enerġetika tiġi integrata fis-setturi kollha ("l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"), u minn miżuri ta'

¹ AIE (Aġenzija Internazzjonali tal-Energija) (2021), Net Zero By 2050 A Roadmap for the Global Energy Sector (Newtralità klimatika sal-2050 – pjan direzzjonali għas-settur tal-enerġija globali), <https://www.iea.org/reports/net-zero-by-2050>

akkumpanjament ambizzjużi.

Biex jissaħħaħ il-qafas ta' governanza, nissuġġerixxi li jiġu stabbiliti kontributi nazzjonali vinkolanti bbażati biss fuq il-formula inkluża fl-Anness I. L-approċċ fejn l-Istati Membri jingħataw id-diskrezzjoni li jistabbilixxu l-kontributi tagħhom kien approċċ li ma rnexxiex, kif muri mid-diskrepanza kollettiva ta' 2,8/3,1 punti perċentwali meta mqabbla mal-mira attwali li tirriżulta mit-total tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs). L-2030 tinsab fuq l-għatba tagħna, għalhekk m'hemmx ħin x'nitilfu f'iterazzjonijiet biex nistabbilixxu s-sehem ġust ta' kull Stat Membru.

Nilqa' l-ewwel artikolu propost dwar l-effiċjenza enerġetika, iżda nissuġġerixxi li dan jissaħħaħ b'rekwiżiti aktar ċari ta' implimentazzjoni u rappurtar, biex jiġi żgurat li l-benefiċċji kollha assoċjati mal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fis-setturi rilevanti kollha u fl-Istati Membri kollha.

Is-suġġerimenti ewlenin li qed nagħmel favur it-tisħiħ tal-miżuri li jirfdu l-kisba tal-mira huma li:

- jissaħħaħ ir-rwol tas-settur pubbliku bħala mutur tad-domanda għal bini, iżda wkoll servizzi u prodotti, bl-aqwa prestazzjoni;
- jingħata rwol eżemplari wkoll lill-infrastruttura soċjali – f'konformità mal-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni – filwaqt li l-binjiet privati li jipprovdu servizzi soċjali jkunu meħtieġa jissodisfaw rekwiżit ta' rata annwali ta' rinnovazzjoni;
- tissaħħaħ il-konsiderazzjoni tar-rabta bejn il-konsum tar-riżorsi – b'mod partikolari l-ilma – u l-konsum tal-enerġija fl-awditi tal-enerġija, fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, fl-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u fir-regoli tal-akkwist pubbliku;
- jiġi meħtieġ l-isfruttament tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika fost grupp akbar ta' konsumaturi, billi l-verifiki u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jkunu obligatorji wkoll għal intrapriżi iżgħar kif ukoll għall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, jitjiebu l-kwalità u l-użu tal-awditi tal-enerġija, u tinħoloq il-bażi għad-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika għaċ-ċentri tad-data.

Suġġett ieħor li dwaru ssuġġerejt xi emendi huwa dak tat-tisħin u t-tkessiħ. Din id-Direttiva trid tappoġġa bidla aktar rapida lejn settur tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti u bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli. Jeżistu eżempji ta' bliet madwar l-Ewropa b'sistemi ta' tisħin u tkessiħ li jaħdmu b'enerġija kompletament rinnovabbli², u għalhekk is-sistemi ġodda u effiċjenti tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali illum għandhom jiġu definiti bħala sistemi li huma bbażati biss fuq enerġija rinnovabbli. Meta wieħed iqis il-ħajja twila tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, id-Direttiva ma għandhiex tippermetti li s-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali rinnovati jiġu definiti bħala effiċjenti jekk ma jkunux jiddependu kompletament fuq l-enerġija rinnovabbli wara l-2035, għax inkella l-Ewropa ma tilħaqx il-mira tan-newtralità klimatika tagħha sa mhux aktar tard mill-2050.

Fl-aħħar nett, biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' data robusta dwar it-titjib fl-effiċjenza enerġetika esperjenzat permezz tad-Direttiva attwali, nissuġġerixxi li jkunu meħtieġa awditi

² L-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tas-sħana u l-kesħa mormija fis-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, JRC, 2021.

ex post regolari u indipendenti tat-titjib iddikjarat fl-effiċjenza enerġetika.

ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entita u/jew persuna
Agora Energiewende
Austrian Federal Chamber of Labour
BEUC
BPIE
CEE Bankwatch Network
CISPE cloud
Climate Action Network (CAN) Europe
Climate Strategy & Partners
CNA
Confartigianato
DENEFF
DIGITALEUROPE
E3G
Ecolab
EEB
EurEau
Eurima
Eurofer
Eurofuel
European Alliance to Save Energy (EU-ASE)
European Building Automation and Controls Association (EU.BAC)
European Distribution System Operators (E.DSO)
European Federation of Intelligent Energy Efficiency Services (EFIEES)
European Heating Industry
European Telecommunications Network Operators' Association
FEDARENE
Friends of the Earth Europe
Glass for Europe
Hydrogen Europe
Iberdrola
Jacques Delors Institute
Legambiente
NATURGY ENERGY GROUP
ÖBB-Holding AG
Renovate Italy
Schneider Electric
The Coalition for Energy Savings
The Regulatory Assistance Project

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu

inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, il-valutazzjoni tal-impatt meħmuża mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jiżdied b'mod sinifikanti mil-livell attwali ta' ambizzjoni ta' 32,5 %.

Emenda

(7) Biex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, il-valutazzjoni tal-impatt meħmuża mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jiżdied b'mod sinifikanti mil-livell attwali ta' ambizzjoni ta' 32,5 %.

Madankollu, l-emerġenza klimatika, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fossili, il-ħtieġa ġeopolitika akuta li titnaqqas b'mod sinifikanti l-indipendenza enerġetika tal-Unjoni u li titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija jitolbu aktar ambizzjoni. Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, aktar minn 40 % tat-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra se jkollu jitwettaq permezz ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika. L-investimenti fl-effiċjenza enerġetika huma ta' benefiċċju għall-ekonomija u għal kull EUR 1 miljun investiti fir-rinnovazzjoni tal-bini, bħala medja jinħolqu 18-il impjieg fl-Unjoni. Il-miżuri għar-rinnovazzjoni tal-bini skont l-oġettivi tal-mewġa ta' rinnovazzjoni jistgħu jnaqqsu l-kontinuità tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi msaħħna bil-gass b'aktar minn EUR 400 fis-sena sal-2030^{1a}. Parti kruċjali mill-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika se tkun ir-rinnovazzjoni profonda tal-istokk tal-bini tal-Unjoni.

^{1a} *L-impatt tal-COVID-19 fuq it-*

tranżizzjoni tal-enerġija,

[HTTPS://WWW.DNV.COM/ENERGY-TRANSITION/IMPACT-OF-COVID19-ON-THE-ENERGY-TRANSITION.HTML](https://www.dnv.com/energy-transition/impact-of-covid19-on-the-energy-transition.html)

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-total tal-kontributi nazzjonali kkomunikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) ma jilħaqx il-livell ta' ambizzjoni tal-Unjoni ta' 32,5 %. F'daqqa, il-kontributi jwasslu għal tnaqqis ta' 29,4 % għall-konsum tal-enerġija finali (FEC) u ta' 29,7 % għall-konsum tal-enerġija primarja (PEC), meta mqabbla mal-projezzjonijiet mix-xenarju ta' referenza tal-2007 għall-2030. Dan jissarraf f'distakk ta' ambizzjoni kollettiva ta' 2,8 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija primarja u ta' 3,1 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija finali għall-EU27.

Emenda

(8) It-total tal-kontributi nazzjonali kkomunikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) ma jilħaqx il-livell ta' ambizzjoni tal-Unjoni ta' 32,5 %. F'daqqa, il-kontributi jwasslu għal tnaqqis ta' 29,4 % għall-konsum tal-enerġija finali (FEC) u ta' 29,7 % għall-konsum tal-enerġija primarja (PEC), meta mqabbla mal-projezzjonijiet mix-xenarju ta' referenza tal-2007 għall-2030. Dan jissarraf f'distakk ta' ambizzjoni kollettiva ta' 2,8 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija primarja u ta' 3,1 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija finali għall-EU27. ***Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni ta' diskrepanza fl-ambizzjoni, hija meħtieġa formula ċara għall-kalkolu tal-kontributi vinkolanti nazzjonali li kollettivament jilhq u mira vinkolanti tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Filwaqt li l-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija għadu qawwi fis-setturi kollha, hemm sfida partikolari relatata mat-trasport għax dan hu responsabbli għal aktar minn 30 % tal-konsum tal-enerġija finali, ***u relatata*** mal-bini għax 75 % tal-binjiet fl-Unjoni għandhom rendiment baxx fl-użu tal-enerġija. Settur li l-importanza tiegħu qed tiżdied maż-żmien hu s-settur tal-ICT (it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni), li hu responsabbli għal 5-9 % tal-użu totali tal-elettriku fid-dinja u

Emenda

(9) Filwaqt li l-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija għadu qawwi fis-setturi kollha, hemm sfida partikolari relatata mat-trasport għax dan hu responsabbli għal aktar minn 30 % tal-konsum tal-enerġija finali ***u l-iffrankar enerġetiku potenzjali fi ħdan dak is-settur fadallu biex ikun eżawst, kif ukoll dik*** relatata mal-bini għax 75 % tal-binjiet fl-Unjoni għandhom rendiment baxx fl-użu tal-enerġija, ***b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri.*** Settur li l-importanza tiegħu qed tiżdied maż-żmien

għal aktar minn 2 % tal-emissjonijiet kollha. Fl-2018, iċ-ċentri tad-data ammontaw għal 2,7 % tad-domanda tal-elettriku fl-EU28⁴⁸. F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni⁴⁹ diġà tisħaq fuq il-ħtieġa ta' ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, u ta' miżuri tat-trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni rigward l-impronta ambjentali tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li titqies ukoll iż-żieda possibbli fid-domanda għall-enerġija tal-industrija li tista' tirriżulta mid-dekarbonizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari għall-proċessi intensivi fl-enerġija.

⁴⁸ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rapport ta' Studju Finali, Teknoloġiji u Politiki ta' Cloud Computing Effiċjenti fl-użu tal-Enerġija għal Suq Cloud Favur l-Ambjent, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>.

⁴⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, (COM(2020) 67 final).

hu s-settur tal-ICT (it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni), li hu responsabbli għal 5-9 % tal-użu totali tal-elettriku fid-dinja u għal aktar minn 2 % tal-emissjonijiet kollha. Fl-2018, iċ-ċentri tad-data ammontaw għal 2,7 % tad-domanda tal-elettriku fl-EU28⁴⁸, ***u wieħed jista' raġonevolment jistenna li se jkomplu jikbru b'mod sostanzjali jekk ma jiġux adottati miżuri xierqa***. F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni⁴⁹ diġà tisħaq fuq il-ħtieġa ta' ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, u ta' miżuri tat-trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni rigward l-impronta ambjentali tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li titqies ukoll iż-żieda possibbli fid-domanda għall-enerġija tal-industrija li tista' tirriżulta mid-dekarbonizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari għall-proċessi intensivi fl-enerġija.

⁴⁸ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rapport ta' Studju Finali, Teknoloġiji u Politiki ta' Cloud Computing Effiċjenti fl-użu tal-Enerġija għal Suq Cloud Favur l-Ambjent, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>.

⁴⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, (COM(2020) 67 final).

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) L-importanza tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fis-setturi kollha, fejn rilevanti, komplet tiżdied fil-kuntest tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa u l-Belarussja kontra l-Ukrajna, li wriet il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija

tal-Unjoni u tiġi eliminata d-dipendenza tagħha fuq il-provvisti tal-enerġija minn pajjiżi li l-valuri u l-objettivi tagħhom huma f'kunflitt ma' dawk tal-Unjoni. Għal kull 1 % tal-iffrankar tal-enerġija miksub, l-Unjoni tista' tnaqqas l-importazzjonijiet tal-gass tagħha b'2,6 %^{1b}. L-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun l-element ewlieni ta' mudell Ewropew ġdid tal-enerġija, u l-pedament ta' sistema Ewropea tal-enerġija reżiljenti, indipendenti, demokratika u bbażata ħafna fuq l-enerġija rinnovabbli.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-livell oġhla ta' ambizzjoni jeħtieġ promozzjoni aktar soda tal-miżuri kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika fl-oqsma kollha tas-sistema tal-enerġija u fis-setturi rilevanti kollha, meta l-attività tkun taffettwa d-domanda għall-enerġija, bħas-setturi tat-trasport, tal-ilma u tal-agrikoltura. Bit-titjib fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-enerġija, inkluż il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, se jgawdi l-ambjent, jitjiebu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija, jonqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, ***jitwieżnu l-persuni fil-faqar*** enerġetiku, u tingħata spinta lill-kompetittività, lill-impjiegi u lill-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk titjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dan jikkonforma mal-impenji tal-Unjoni li saru fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-aġenda dinjija dwar il-klima stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015.

Emenda

(10) Il-livell oġhla ta' ambizzjoni jeħtieġ promozzjoni aktar soda tal-miżuri kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika fl-oqsma kollha tas-sistema tal-enerġija u fis-setturi rilevanti kollha, meta l-attività tkun taffettwa d-domanda għall-enerġija, bħas-setturi tat-trasport, tal-ilma u tal-agrikoltura. Bit-titjib fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-enerġija, inkluż il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, se jgawdi l-ambjent, jitjiebu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ***inklużi l-emissjonijiet tal-metan u l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali***, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija, jonqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, ***jitwieżen il-faqar*** enerġetiku ***eżistenti filwaqt li jiġi evitat li dan jinxtered aktar***, u tingħata spinta lill-kompetittività, lill-impjiegi u lill-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk titjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dan jikkonforma mal-impenji tal-Unjoni li saru fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-aġenda dinjija dwar il-klima stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-Unjoni timporta 58 % tal-enerġija tagħha, li jagħmilha l-akbar importatur tal-enerġija fid-dinja, bi spiża ta' EUR 400 biljun fis-sena. 83 % tal-gass tal-Unjoni u aktar minn 90 % taż-żejt huma importati, u r-Russja tforni aktar minn 40 % tal-gass u hija l-akbar fornitur taż-żejt u tal-faħam tal-Ewropa^{1a}. L-effiċjenza enerġetika hija l-miżura ċentrali biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa, peress li l-provvisti tal-enerġija l-aktar sikuri huma dawk li ma jintużawx. Għal kull 1 % tal-iffrankar tal-enerġija miksub, l-Unjoni tista' tnaqqas l-importazzjonijiet tal-gass tagħha b'2,6 %^{1b}. L-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun l-element ewlieni ta' mudell Ewropew ġdid tal-enerġija, u l-pedament ta' sistema Ewropea tal-enerġija reżiljenti, indipendenti, demokratika u bbażata kompletament fuq l-enerġija rinnovabbli.

^{1a} Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Eurostat u tal-Kummissjoni Ewropea li jakkumpanja l-Komunikazzjoni "Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa" (COM(2020)951 final)

^{1b} Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-Effiċjenza Enerġetika u l-kontribut tas-sigurtà tal-enerġija u l-Qafas 2030 għall-politika dwar il-klima u l-enerġija" (SWD(2014)255 final) u (SWD(2014)256 final).

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għal-loġika u għall-koerenza interna tat-test.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 10b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) *It-titjib tar-rendiment tal-enerġija tas-setturi tat-trasport u tal-akkomodazzjoni għandu wkoll il-potenzjal li jrawwem ir-riġenerazzjoni urbana, li hija strumentali għall-impjiegi, u ttejjeb il-bini u tbiddel ix-xejriet ta' mobilità u aċċessibbiltà, u b'hekk tippromwovi għażliet aktar effiċjenti u sostenibbli.*

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż fis-settur finanzjarju. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn jenħtieġ ma jxekklu l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu

Emenda

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż fis-settur finanzjarju. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika, ***dejjem jekk iwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' konsum finali tal-enerġija.*** Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn jenħtieġ ma jxekklu l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-

jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak jenħtieġ jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun prijorità wkoll biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

prinċipju. *Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet: Fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali u lokali. Fil-livell tal-Unjoni, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" reċentement ġie minqax fil-liġi dwar l-enerġija u l-klima, b'mod partikolari fir-Regolament (UE) 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^a, fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^b, fir-Regolament 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^c, u f'din id-Direttiva. Fil-qasam finanzjarju, il-prinċipju ġie introdott fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^d. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi ċarezza dwar kif se tipproponi li tapplika l-prinċipju għall-partijiet l-oħra tal-oqfsa ta' politika u ta' investiment tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija u l-klima, kif ukoll għall-politiki rilevanti l-oħra kollha tal-Unjoni, pereżempju fl-oqfsa tal-ambjent, it-trasport u l-finanzi. Sabiex il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jsir kompletament operattiv u prijorità strateġika, il-Kummissjoni jenħtieġ li tieħu miżuri adegwati biex tagħmel ir-regolamentazzjoni aktar effiċjenti u effettiva, filwaqt li tevita l-allokazzjoni ta' fondi li huma suxxettibbli li ma jiġux sfruttati minħabba ostakli burokratiċi u amministrattivi; il-Kummissjoni jenħtieġ li telimina l-istrumenti konfliġġenti u tagħti prijorità lit-tnaqqis tad-distakk bejn l-ambizzjoni tal-Unjoni u l-oġettivi nazzjonali li, kif ippreżentati fl-NECPs, ma kinux ambizzjużi biżżejjed. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak jenħtieġ jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-*

Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun prijorità wkoll biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

^{1a}*Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).*

^{1b}*Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).*

^{1c}*Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).*

^{1d}*Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).*

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Peress li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa fil-qalba ta' sistema ta' ekonomija aktar ċirkolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti aktar attenzjoni lis-settur tal-bini li jammonta għal aktar minn 40 % tal-konsum finali tal-enerġija fl-Unjoni, minbarra l-fatt li 75 % tal-bini tal-Unjoni għadu ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija. Bl-integrazzjoni aħjar ta' ċirkolarità fis-settur tal-bini, l-infrastrutturi u l-kapaċitajiet tekniċi tal-bini jiżguraw tul ta' ħajja itwal kif ukoll inqas konsum tal-enerġija, filwaqt li jstabbilixxu perkorsi konkreti ta' dekarbonizzazzjoni u ta' tneħħija tat-tniġġis għal dan is-settur.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ta' prijorità fid-deċiżjonijiet futuri tal-investment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat filwaqt li jitqiesu qabelxejn l-approċċ tal-effiċjenza tas-sistema u l-perspettiva soċjetali. Għaldaqstant, dan jenħtieġ li jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tas-setturi individwali tal-użu finali u tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. L-applikazzjoni tal-prinċipju jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-investimenti f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali elenkati fir-Regolament (UE)

Emenda

(12) L-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali **fid-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tal-Unjoni, biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-miri tal-2030 minquxa fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{49a}** u kunsiderazzjoni ta' prijorità fid-deċiżjonijiet futuri tal-investment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat filwaqt li jitqiesu qabelxejn l-approċċ tal-effiċjenza tas-sistema u l-perspettiva soċjetali **u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri**. Għaldaqstant, dan jenħtieġ li jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tas-setturi individwali tal-użu

2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill50.

finali u tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. L-applikazzjoni tal-prinċipju jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-investimenti f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali elenkati fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill50.

⁵⁰ ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43.

^{49a} *Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).*

⁵⁰ ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Il-prinċipju jikkomplementa l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari. It-tfassil tal-prodotti u tal-infrastrutturi għal ħajja itwal, jew l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materja prima, iwasslu biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u tal-infrastrutturi. L-applikazzjoni taċ-ċirkolarità għas-settur tal-bini, pereżempju, tista' twassal għal kobenefiċċji sinifikanti f'termini ta' effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, dekarbonizzazzjoni u tindif mit-tniġġis.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ġie definit fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament

Emenda

(13) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ġie definit fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ u jinsab fil-qalba tal-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija⁵². Filwaqt li l-prinċipju hu bbażat fuq il-kosteffettività, l-applikazzjoni tiegħu għandha implikazzjonijiet usa', li jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi. Il-Kummissjoni ħejjiet linji gwida apposta għall-operazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju, billi pproponiet għodod speċifiċi u eżempji ta' applikazzjoni f'diversi setturi. **Il-Kummissjoni ħarġet ukoll rakkomandazzjoni lill-Istati Membri li tibni fuq ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u titlob** azzjonijiet speċifiċi b'rabta mal-applikazzjoni tal-prinċipju.

⁵¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-

Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ u jinsab fil-qalba tal-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija⁵² **kif ukoll l-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni**^{52a}. Filwaqt li l-prinċipju hu bbażat fuq il-kosteffettività, l-applikazzjoni tiegħu għandha implikazzjonijiet usa', li jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi. Il-Kummissjoni ħejjiet linji gwida apposta **u rakkomandazzjoni** għall-operazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju, billi pproponiet għodod speċifiċi u eżempji ta' applikazzjoni f'diversi setturi **u appellat** lill-Istati Membri **biex jieħdu** azzjonijiet speċifiċi b'rabta mal-applikazzjoni tal-prinċipju. **Il-linji gwida jipprovdu lista tal-benefiċċji u impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi li dawk li jfasslu l-politika jenħtieġ li jqisu, bħal titjib fil-livell ta' saħħa, ta' benesseri u ta' kumdità, żieda fid-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi, tnaqqis fil-faqar enerġetiku, tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u tnaqqis fit-tniġġis tal-arja relatat mal-użu tal-enerġija, ġestjoni mtejba u tnaqqis fil-konsum ta' sorsi tal-enerġija, l-ilma u riżorsi oħra, tnaqqis fil-pessjoni fuq l-ekosistemi, tnaqqis fil-konsum tal-materjali, tnaqqis fil-konsum tal-fjuwils fossili u investimenti meħtieġa fl-enerġija rinnovabbli biex jinkisbu l-miri ta' politika stabbiliti, żieda fil-produttività industrijali, żieda fil-valur tas-suq tal-assi, bidliet fil-PDG u fl-impjiegi, bidliet fil-baġits pubbliċi (b'mod partikolari l-infiq fuq l-enerġija u l-assistenza soċjali), innovazzjoni u kompetittività mtejba, sigurtà tal-enerġija u dipendenza mtejba. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jibni fuq dawk il-linji gwida u r-rakkomandazzjoni, it-tnejn mhux vinkolanti, u jnaqqax l-elementi ewlenin tagħhom fil-leġiżlazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissupplimenta l-linji gwida u r-rakkomandazzjoni b'manwali speċifiċi għas-settur u studji tal-każijiet.**

⁵¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill PE/55/2018/REV/1, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1-77.

⁵² Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija, COM(2020) 299 final.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill PE/55/2018/REV/1, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1-77.

⁵² Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija, COM(2020) 299 final.

^{52a} *Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjegi, it-titjib tal-ħajja COM(2020)662 final.*

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Biex jitħalla impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti kollha **ta' politika**, tal-ippjanar u tal-investment **maġġuri – jiġifieri l-investimenti fuq skala kbira b'valur aktar minn EUR 50 miljun kull wieħed jew EUR 75 miljun għall-proġetti infrastrutturali tat-trasport** – li jaffettwaw il-konsum jew il-provvista tal-enerġija. Għal applikazzjoni tajba tal-prinċipju jeħtieġ tintuża l-metodoloġija korretta tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, u jsir monitoraġġ xieraq. Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tista' ġġib benefiċċji sinifikanti għall-konsumaturi u għas-soċjetà iġenerali, u tista' żżid l-effiċjenza

Emenda

(14) Biex jitħalla impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti kollha ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment li jaffettwaw, **direttament jew indirettament**, il-konsum jew il-provvista tal-enerġija. Għal applikazzjoni tajba tal-prinċipju jeħtieġ tintuża l-metodoloġija korretta tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, u jsir monitoraġġ xieraq. Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tista' ġġib benefiċċji sinifikanti għall-konsumaturi u għas-soċjetà iġenerali, u tista' żżid l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija, pereżempju billi tnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-sistema biex

tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija, pereżempju billi tnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-sistema biex jorħsu t-tariffi għall-konsumaturi kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u meta rilevanti jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija u soluzzjonijiet intelliġenti bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat dejjem b'mod proporzjonali, u r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jenħtieġ ma jkunux jinvolvu obbligi sovrapposti jew kunfliġġenti fuq l-Istati Membri, meta l-applikazzjoni tal-prinċipju tkun żgurata direttament b'leġiżlazzjoni oħra. Dan jaf ikun il-każ għall-proġetti ta' interess komuni inklużi fil-lista tal-Unjoni skont [l-Artikolu 3 tar-Regolament TEN-E rivedut], li jintroduċi r-rekwiżiti biex il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jitqies qabelxejn fl-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' dawk il-proġetti.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)

jorħsu t-tariffi għall-konsumaturi kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u meta rilevanti jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija u soluzzjonijiet intelliġenti bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

Emenda

(15) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat dejjem b'mod proporzjonali, u r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jenħtieġ ma jkunux jinvolvu obbligi sovrapposti jew kunfliġġenti fuq l-Istati Membri, meta l-applikazzjoni tal-prinċipju tkun żgurata direttament b'leġiżlazzjoni oħra. **Fost oħrajn**, dan jaf ikun il-każ għall-proġetti ta' interess komuni inklużi fil-lista tal-Unjoni skont [l-Artikolu 3 tar-Regolament TEN-E rivedut], li jintroduċi r-rekwiżiti biex il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jitqies qabelxejn fl-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' dawk il-proġetti. **Il-prinċipju jenħtieġ li jiġi applikat fil-livelli amministrattivi kollha fl-Istati Membri b'mod proporzjonali, korrispondenti mad-daq tal-Istati Membri.**

(16a) Minbarra l-miżuri proposti mill-Kummissjoni, u sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, huwa meħtieġ li tinħoloq definizzjoni ta' persuni/viċinati f'riskju ta' esklużjoni soċjali li tippermetti detezzjoni aktar preċiża ta' mikrożoni inqas żviluppati (rurali u urbani) li jinsabu f'żoni aktar żviluppati. B'dan il-mod, din tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u l-post tas-setturi soċjali l-aktar vulnerabbli u dawk li jbatu mill-faqar enerġetiku, u b'hekk tgħin fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi soċjali li jistgħu jinqalgħu mill-applikazzjoni tal-miżuri klimatiċi differenti.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi, **jew** biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Għal approċċ ħolistiku fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.

Emenda

(17) **B'mod partikolari**, l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, **l-abitanti ta' reġjuni strutturalment żvantaġġati**, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi **u** biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Għal approċċ ħolistiku fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(17a) Il-proposti leġislattivi jridu jqisu ċ-
ċirkostanzi li qed jevolvu, u b'mod
partikolari, il-kriżi ekonomika u tal-
enerġija li l-Unjoni qed tiffaċċja bħalissa,
li qed tpoġġi lil ħafna negozji fi żvantaġġ
kompetittiv u li qed iżżid l-unitajiet
domestiċi f'riskju ta' faqar enerġetiku.
Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari
lill-azzjonijiet spekulattivi li jistgħu
jaffettwaw dan u dawn jenħtieġ li jiġu
indirizzati minnufih.**

Ġustifikazzjoni

*Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-
Kummissjoni fil-proposta tagħha.*

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(18a) Fil-qafas tal-politiki tal-effiċjenza
enerġetika, b'mod partikolari fis-settur
tal-bini, jenħtieġ li jitqiesu l-proposti li
jirriżultaw mir-reviżjoni futura tad-
Direttiva 2010/31/UE dwar il-prestazzjoni
tal-enerġija tal-bini.**

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Biex tintlaħaq mira ambizzjuża
għall-effiċjenza enerġetika jeħtieġ
jitneħħew l-ostakli biex jiġi ffaċilitat l-

Emenda

(19) Biex tintlaħaq mira ambizzjuża
għall-effiċjenza enerġetika jeħtieġ ukoll li
jitneħħew l-ostakli **u li tiżdied iċ-ċertezza**

investiment fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Is-subprogramm għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa fil-kuntest ta' LIFE se jalloka finanzjament biex jappoġġa l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi Ewropej fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika b'mod li jindirizza l-ostakli komportamentali, tas-suq u regolatorji għall-effiċjenza enerġetika.

tas-suq biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Is-subprogramm għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa fil-kuntest ta' LIFE se jalloka finanzjament biex jappoġġa l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi Ewropej fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika b'mod li jindirizza l-ostakli komportamentali, tas-suq u regolatorji għall-effiċjenza enerġetika. ***Dan jiffaċilita wkoll it-tranżizzjoni soċjoekonomika lejn enerġija sostenibbli u l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, il-komunitajiet tal-enerġija, u l-konsumaturi.***

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Meta titqies il-volatilità li dejjem baqgħet tikber fil-prezzijiet tal-enerġija bejn l-2020 u l-2022, iġġenerata minn fatturi esterni imprevedibbli inkluża l-pandemija tal-COVID-19 u reċentement il-gwerra pprovokata mir-Russja fl-Ukrajna, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-vijabbiltà ta' mira ta' effiċjenza enerġetika minima ta' 45 % għall-istess perjodu ta' żmien li tippermetti lill-Ewropa tinvesti fil-potenzjal sħiħ tagħha tal-effiċjenza enerġetika; iż-żieda tal-mira għandha wkoll l-għan li tipproteġi kontra avvenimenti simili futuri fis-suq globali tal-enerġija u li tikkonsolida s-suq intern tal-enerġija proprju tal-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

Emenda 21

**Proposta għal direttiva
Premessa 20b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20b) Sabiex il-potenzjal tekniku tal-effiċjenza enerġetika jiġi adattat għal soluzzjoni ekonomika vijabbli sal-2030, iż-żieda fir-rapidità tal-investimenti f'dan is-settur u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Unjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, bħall-faħam, iż-żejt u l-gass, se jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali, jistimulaw l-attività ekonomika permezz tar-ripristinu tal-ekosistema, inaqqsu l-ispejjeż tal-utilitajiet tal-konsumaturi u jstabbilizzaw il-prezzijiet tal-enerġija u l-volatilità.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha. **Emenda 22**

**Proposta għal direttiva
Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Hu previst li l-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni ta' 32,5 % għall-2030 u l-istrumenti ta' politika l-oħra tal-qafas eżistenti jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' madwar 45 % sal-2030⁵⁹. Għal ambizzjoni klimatika ogħla ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika tal-2030 sħarrġet liema livell ta' sforzi jkun meħtieġ fl-oqsma ta' politika differenti. Din tikkonkludi li, fir-rigward tax-xenarju bażi, għal kisba kostottimali tal-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konsum tal-enerġija finali u primarja jrid jonqos b'mill-inqas 36-37 % u 39-41 % rispettivament.

Emenda

(21) Hu previst li l-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni ta' 32,5 % għall-2030 u l-istrumenti ta' politika l-oħra tal-qafas eżistenti jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' madwar 45 % sal-2030⁵⁹. Għal ambizzjoni klimatika ogħla ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika tal-2030 sħarrġet liema livell ta' sforzi jkun meħtieġ fl-oqsma ta' politika differenti. Din tikkonkludi li, fir-rigward tax-xenarju bażi, għal kisba kostottimali tal-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konsum tal-enerġija finali u primarja jrid jonqos b'mill-inqas 36-37 % u 39-41 % rispettivament. **Skont l-aħħar rapport dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet^{59a} tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għall-Ambjent, il-pjanijiet klimatiċi tal-pajjiżi attwali**

jwasslu għal tisħin globali ta' 2,4°C, filwaqt li l-Ftehim ta' Pariġi għandu l-għan li jżomm it-tisħin globali taħt il-1,5°C. Għalhekk, fis-26 Konferenza tal-Partijiet (COP) għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-31 ta' Ottubru sat-13 ta' Novembru 2021, ġie konkluż li l-pajjiżi jenħtieġ li jirrevedu l-pjanijiet tagħhom biex il-mira ta' 1,5°C tibqa' fattibbli. L-Ewropa għandha r-responsabbiltà li tal-anqas tiżgura li l-liġi settorjali tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" tippermetti li jinqabżu l-miri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 u l-2050 stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1119. Il-volatilità dejjem akbar fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2020–2022, iġġenerata minn fatturi esterni imprevedibbli, ikkontribwixxiet biex trendi ekonomikament vijabbli l-mira tal-effiċjenza enerġetika minimu ta' 45 %, u dan ippermetta lill-Ewropa tinvesti bissħiħ fil-potenzjal tagħha tal-effiċjenza enerġetika. Il-mira miżjuda se tgħin biex tistabilizza l-prezzijiet u l-volatilità tal-enerġija u tikkonsolida s-suq intern tal-enerġija tal-Unjoni stess; din se tiffaċilita t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Unjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, bħall-faħam, iż-żejt u l-gass, se ssostni l-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali, tistimula l-attività ekonomika permezz tar-restawr tal-ekosistema, u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija tal-konsumaturi.

⁵⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment – Pjaneta Nadifa għal Kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018) 773 final).

⁵⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment – Pjaneta Nadifa għal Kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018) 773 final).

^{59a} *Emissions Gap Report 2021 (Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet għall-2021), Programm tan-NU għall-Ambjent.* ^{59b} *Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u*

tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) *Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizzjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 bħala xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi.*

Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika b'mill-inqas 9 % fl-2030 meta mqabbla mal-livell tal-isforzi fix-Xenarju ta' Referenza tal-2020. Il-mod ġdid kif jiġi espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ u jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 36 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta' 39 % għall-konsum tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030.

Emenda 24

Emenda

(22) *Din id-Direttiva tistabbilixxi ż-żieda fl-ambizzjoni tal-Unjoni tal-effiċjenza enerġetika għal mill-inqas 45 % fl-2030 meta mqabbla max-Xenarju ta' Referenza tal-2007.*

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-ħtieġa li l-Unjoni żżid l-effiċjenza enerġetika tagħha jenħtieġ li tiġi espressa fil-konsum tal-enerġija primarja u finali, li jrid jinkiseb fl-2030, b'indikazzjoni tal-livell ta' sforzi addizzjonali meħtieġ meta mqabbel mal-miżuri fis-seħħ jew ippjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Ix-Xenarju ta' Referenza tal-2020 jipprojetta 864 Mtoe ta' konsum tal-enerġija finali u 1124 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja li jrid jintlaħaq fl-2030 (minbarra s-sħana ambjentali u inkluż l-avjazzjoni internazzjonali). Tnaqqis addizzjonali ta' 9 % jwassal għal 787 Mtoe u 1023 Mtoe fl-2030 rispettivament. **Meta mqabbel mal-livelli fl-2005, dan ifisser li l-konsum tal-enerġija finali fl-Unjoni jenħtieġ li jitnaqqas b'xi 23 % u l-konsum tal-enerġija primarja jenħtieġ li jitnaqqas b'madwar 32 %. Ma hemm l-ebda mira vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri fil-perspettiva tal-2020 u tal-2030, u l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-kontributi tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni filwaqt li jqisu l-formula prevista f'din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jistabbilixxu l-objettivi nazzjonali tagħhom abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew finali jew tal-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew abbażi tal-intensità tal-enerġija.** Din id-Direttiva temenda l-mod kif l-Istati Membri jenħtieġ li jesprimu l-kontributi nazzjonali tagħhom **għall-mira** tal-Unjoni. Il-kontributi tal-Istati Membri għall-mira tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu espressi fil-konsum tal-enerġija finali u primarja biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-monitoraġġ tal-progress. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija meħtieġ u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

(24) Il-ħtieġa li l-Unjoni żżid l-effiċjenza enerġetika tagħha jenħtieġ li tiġi espressa fil-konsum tal-enerġija primarja u finali, li jrid jinkiseb fl-2030, b'indikazzjoni tal-livell ta' sforzi addizzjonali meħtieġ meta mqabbel mal-miżuri fis-seħħ jew ippjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Ix-Xenarju ta' Referenza tal-2020 jipprojetta 864 Mtoe ta' konsum tal-enerġija finali u 1124 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja li jrid jintlaħaq fl-2030 (minbarra s-sħana ambjentali u inkluż l-avjazzjoni internazzjonali). Tnaqqis addizzjonali ta' 9 % jwassal għal 787 Mtoe u 1023 Mtoe fl-2030 rispettivament. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-kontributi **vinkolanti** tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni filwaqt **skont il-formula** prevista f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva temenda l-mod kif l-Istati Membri jenħtieġ li jesprimu l-kontributi tagħhom **għall-kisba tal-mira** tal-Unjoni. Il-kontributi tal-Istati Membri għall-mira tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu espressi fil-konsum tal-enerġija finali u primarja biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-monitoraġġ tal-progress. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija meħtieġ u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999. **Biex tilħaq l-objettiv ta' newtralità klimatika tagħha sal-2050, l-Unjoni se jkollha tkompli ttejjeb l-effiċjenza enerġetika lil hinn mill-2030; sabiex tipprovdi prevedibbiltà u fiduċja lill-gvernijiet u l-atturi ekonomiċi kollha, jenħtieġ li sal-2025 il-Kummissjoni tressaq proposti għal miri adegwati tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali u tal-Unjoni għal wara l-2030. Tali miri, bħall-miri l-ġodda ġenerali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun bbażati fuq ċikli ta' ħames snin, biex jirriflettu l-impenn internazzjonali meħud fis-COP26.**

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Biex imexxi bl-eżempju, is-settur pubbliku jenħtieġ li jistabbilixxi l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika tiegħu stess. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku jenħtieġ li jirrifletti l-isforzi meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. ***Biex tikkonforma mal-mira tal-konsum tal-enerġija finali, l-Unjoni jenħtieġ li tnaqqas il-konsum tal-enerġija finali tagħha b'19 % sal-2030 meta mqabbel mal-konsum tal-enerġija medju fis-snin 2017, 2018 u 2019.*** Obbligu li jinkiseb tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija fis-settur pubbliku b'mill-inqas 1,7 % jenħtieġ li jiżgura li s-settur pubbliku jaqdi r-rwol eżemplari tiegħu. L-Istati Membri jibqa' jkollhom flessibbiltà sħiħa rigward l-għażla tal-miżuri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika ħalli jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali. Ir-rekwiżit ta' tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija finali għandu piż amministrattiv iżgħar mill-istabiliment ta' metodi tal-kejl għall-iffrankar tal-enerġija.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miri għall-konsum tal-enerġija finali tas-servizzi pubbliċi u l-installazzjonijiet kollha tal-korpi pubbliċi. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-destinatarji, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-

Emenda

(27) Biex imexxi bl-eżempju, is-settur pubbliku jenħtieġ li jistabbilixxi l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika tiegħu stess. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku jenħtieġ li jirrifletti l-isforzi meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. Obbligu li jinkiseb tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija fis-settur pubbliku b'mill-inqas 2 % jenħtieġ li jiżgura li s-settur pubbliku jaqdi r-rwol eżemplari tiegħu. L-Istati Membri jibqa' jkollhom flessibbiltà sħiħa rigward l-għażla tal-miżuri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika ħalli jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali. Ir-rekwiżit ta' tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija finali għandu piż amministrattiv iżgħar mill-istabiliment ta' metodi tal-kejl għall-iffrankar tal-enerġija.

Emenda

(28) Biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miri għall-konsum tal-enerġija finali tas-servizzi pubbliċi u l-installazzjonijiet kollha tal-korpi pubbliċi. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-destinatarji, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-

definizzjoni ta' awtoritajiet kontraenti prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰. L-obbligu jista' jiġi ssodisfat bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali fi kwalunkwe qasam tas-settur pubbliku, inkluż it-trasport, il-bini pubbliku, il-kura tas-saħħa, l-ippjanar spazjali, l-immaniġġjar tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tiġin u t-tkessiħ distrettwali, id-distribuzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-ħżin, it-tidwil pubbliku, l-ippjanar tal-infrastruttura. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-korpi pubbliċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjattaformi diġitali jew għodod biex jiġbru d-data tal-konsum aggregat mingħand il-korpi pubbliċi, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, u jirrappurtaw id-data lill-Kummissjoni.

⁶⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94 28.3.2014, p. 65).

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) L-awtoritajiet pubbliċi **huma mħeġġa** jiksbu l-appoġġ ta' entitajiet bħal aġenziji tal-enerġija sostenibbli, meta applikabbli stabbiliti fil-livell reġjonali jew lokali. L-organizzazzjoni ta' dawk l-

definizzjoni ta' awtoritajiet kontraenti prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰. L-obbligu jista' jiġi ssodisfat bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali fi kwalunkwe qasam tas-settur pubbliku, inkluż it-trasport, il-bini pubbliku, il-kura tas-saħħa, l-ippjanar spazjali, l-immaniġġjar tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tiġin u t-tkessiħ distrettwali, id-distribuzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-ħżin, it-tidwil pubbliku, l-ippjanar tal-infrastruttura. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-korpi pubbliċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjattaformi diġitali jew għodod biex jiġbru d-data tal-konsum aggregat mingħand il-korpi pubbliċi, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, u jirrappurtaw id-data lill-Kummissjoni. ***Fl-issodisfar tal-obbligu tagħhom ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija meta jkunu qed jindirizzaw is-settur tat-trasport pubbliku, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw il-promozzjoni tal-użu ta' mobbiltà kollettiva u kondiviża, mobbiltà li tniġġes inqas u li tkun aktar effiċjenti, bidla modali, b'mod partikolari lejn modi ħfief ta' trasport, u ppjanar imtejjeb tal-mobbiltà urbana.***

⁶⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94 28.3.2014, p. 65).

Emenda

(30) ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet*** pubbliċi ***jfittxu li*** jiksbu l-appoġġ ta' entitajiet bħal aġenziji tal-enerġija sostenibbli, meta applikabbli stabbiliti fil-livell reġjonali jew lokali. L-organizzazzjoni ta' dawk l-

aġenziji normalment tkun tirrifletti l-
ħtiġijiet individwali tal-awtoritajiet
pubbliċi f'ċertu reġjun jew li joperaw
f'ċertu qasam tas-settur pubbliku. L-
aġenziji ċentralizzati jistgħu jaqdu l-
ħtiġijiet aħjar u jaħdmu b'mod aktar effettiv
f'aspetti oħra, bħal pereżempju, fi Stati
Membri iżgħar jew ċentralizzati jew fir-
rigward ta' aspetti kumplessi jew
transreġjonali bħat-tiżhin u t-tkessiħ
distrettwali. L-aġenziji tal-enerġija
sostenibbli jistgħu jservu bħala punti uniċi
ta' servizz skont l-Artikolu 21. Dawk l-
aġenziji spiss ikunu responsabbli għall-
iżvilupp ta' pjanijiet lokali jew reġjonali
tad-dekarbonizzazzjoni, li jistgħu jinkludu
wkoll miżuri oħra tad-dekarbonizzazzjoni,
bħall-iskambju ta' bojlers tal-fjuwils fossili,
u biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet pubbliċi
fl-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-
enerġija. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli
jew entitajiet oħra li jassistu lill-awtoritajiet
reġjonali u lokali jaf ikollhom kompetenzi,
objettivi u riżorsi ċari fil-qasam tal-enerġija
sostenibbli. L-aġenziji tal-enerġija
sostenibbli jistgħu jitħeġġu jikkunsidraw
inizjattivi meħuda fil-qafas tal-Patt tas-
Sindki, li jiġbor flimkien il-gvernijiet lokali
impenjati b'mod volontarju fl-
implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni
dwar il-klima u l-enerġija, u inizjattivi
eżistenti oħra għal dan il-għan. Il-pjanijiet
tad-dekarbonizzazzjoni jenħtieġ li jkunu
marbuta ma' pjanijiet tal-iżvilupp
territorjali u jqisu l-valutazzjoni
komprensiva li l-Istati Membri jenħtieġ li
jwettqu.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) L-Istati Membri jenħtieġ li
jappoġġjaw lill-korpi pubbliċi fl-ippjanar u
fl-adozzjoni **ta'** miżuri li jtejbu l-effiċjenza
enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u

aġenziji normalment tkun tirrifletti l-
ħtiġijiet individwali tal-awtoritajiet
pubbliċi f'ċertu reġjun jew li joperaw
f'ċertu qasam tas-settur pubbliku. L-
aġenziji ċentralizzati jistgħu jaqdu l-
ħtiġijiet aħjar u jaħdmu b'mod aktar effettiv
f'aspetti oħra, bħal pereżempju, fi Stati
Membri iżgħar jew ċentralizzati jew fir-
rigward ta' aspetti kumplessi jew
transreġjonali bħat-tiżhin u t-tkessiħ
distrettwali. L-aġenziji tal-enerġija
sostenibbli jistgħu jservu bħala punti uniċi
ta' servizz skont l-Artikolu 21. Dawk l-
aġenziji spiss ikunu responsabbli għall-
iżvilupp ta' pjanijiet lokali jew reġjonali
tad-dekarbonizzazzjoni, li jistgħu jinkludu
wkoll miżuri oħra tad-dekarbonizzazzjoni,
bħall-iskambju ta' bojlers tal-fjuwils fossili,
u biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet pubbliċi
fl-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-
enerġija. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli
jew entitajiet oħra li jassistu lill-awtoritajiet
reġjonali u lokali jaf ikollhom kompetenzi,
objettivi u riżorsi ċari fil-qasam tal-enerġija
sostenibbli. L-aġenziji tal-enerġija
sostenibbli jistgħu jitħeġġu jikkunsidraw
inizjattivi meħuda fil-qafas tal-Patt tas-
Sindki, li jiġbor flimkien il-gvernijiet lokali
impenjati b'mod volontarju fl-
implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni
dwar il-klima u l-enerġija, u inizjattivi
eżistenti oħra għal dan il-għan. Il-pjanijiet
tad-dekarbonizzazzjoni jenħtieġ li jkunu
marbuta ma' pjanijiet tal-iżvilupp
territorjali u jqisu l-valutazzjoni
komprensiva li l-Istati Membri jenħtieġ li
jwettqu.

Emenda

(31) L-Istati Membri jenħtieġ li
jappoġġjaw lill-korpi pubbliċi fl-ippjanar u
fl-adozzjoni **ta'** miżuri li jtejbu l-effiċjenza
enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u

lokali, billi jipprovdu linji gwida li jippromwovu l-bini tal-kompetenzi u l-opportunitajiet tat-taħriġ u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ċentri ta' kompetenza nazzjonali dwar kwistjonijiet kumplessi, bħall-konsulenza lill-aġenziji lokali jew reġjonali tal-enerġija dwar it-tiġn jew it-tkessiħ distrettwali.

lokali, billi jipprovdu *appoġġ finanzjarju u tekniku u jissottomettu pjanijiet li jindirizzaw in-nuqqas ta' forza tax-xogħol meħtieġa għall-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi persuni tas-sengħa kif ukoll esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta' ħiliet, riċerkaturi fix-xjenza applikata u innovaturi. L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-korpi pubbliċi biex iqisu l-benefiċċji usa' lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħall-kwalità tal-ambjent kif ukoll it-tiġn tal-kwalità tal-ħajja, speċjalment fl-iskejjel, id-djar tal-kura, l-isptarijiet u l-akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu* linji gwida li jippromwovu l-bini tal-kompetenzi u l-opportunitajiet tat-taħriġ u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ċentri ta' kompetenza nazzjonali dwar kwistjonijiet kumplessi, bħall-konsulenza lill-aġenziji lokali jew reġjonali tal-enerġija dwar it-tiġn jew it-tkessiħ distrettwali.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Il-bini u t-trasport huma, flimkien mal-industrija, l-utenti ewlenin tal-enerġija u s-sors ewlieni tal-emissjonijiet⁶¹. Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u għal 36 % tal-GHG tagħha mill-enerġija⁶². Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni"⁶³ tindirizza l-isfida doppja tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u l-affordabbiltà fis-settur tal-bini u għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni. Din tiffoka fuq il-bini bl-agħar rendiment fl-użu tal-enerġija, fuq il-faqar enerġetiku u fuq il-bini pubbliku. Barra minn hekk, il-bini huwa kruċjali biex jintlaħaq l-oġettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-

Emenda

(32) Il-bini u t-trasport huma, flimkien mal-industrija, l-utenti ewlenin tal-enerġija u s-sors ewlieni tal-emissjonijiet⁶¹. Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u għal 36 % tal-GHG tagħha mill-enerġija⁶². Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni"⁶³ tindirizza l-isfida doppja tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u l-affordabbiltà fis-settur tal-bini u għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni. Din tiffoka fuq il-bini bl-agħar rendiment fl-użu tal-enerġija, fuq il-faqar enerġetiku u fuq il-bini pubbliku **u l-infrastruttura soċjali**. Barra minn hekk, il-bini huwa kruċjali biex jintlaħaq l-oġettiv

newtralità klimatika sal-2050 . Il-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi **jammonta** għal sehem konsiderevoli mill-istokk tal-bini u **għandu** viżibbiltà kbira fil-ħajja pubblika. Għalhekk jixraq tiġi ffixsata rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi fit-territorju ta' Stat Membru biex jiġi **aġġornat il-prestazzjoni enerġetika tiegħu**. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rata oġhla ta' rinnovazzjoni, meta dik tkun kosteffettiva skont il-qafas tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom f'konformità mal-Istrateġiji tar-Rinnovazzjoni fit-tul tagħhom jew mal-programmi nazzjonali tar-rinnovazzjoni. Din ir-rata ta' rinnovazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁴. Waqt ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-progress li kisbu l-Istati Membri b'rabta mar-rinnovazzjoni tal-bini tal-korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tippreżenta proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tar-rata ta' rinnovazzjoni, filwaqt li tqis il-progress miksub mill-Istati Membri, żviluppi ekonomiċi jew tekniċi sostanzjali, jew meta meħtieġ, l-impenji tal-Unjoni b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis zero. L-obbligu f'din id-Direttiva li l-bini **tal-korpi** pubbliċi jiġi rinnovat **jikkumplimenta** dik id-Direttiva, li teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li meta l-bini eżistenti jiġi rinnovat **drastikament**, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu jiġi aġġornat biex dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-NZEBS.

tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 . Il-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi **jew li jkun okkupat minnhom u bini li jipprovdi servizzi soċjali, bħalma huma l-edukazzjoni (kindergartens, skejjel, universitajiet), is-saħħa (sptarijiet u faċilitajiet oħra tal-kura tas-saħħa) u l-assistenza soċjali (akkomodazzjoni soċjali, u ċentri tal-komunità li jaqdu liż-żgħażaġh, l-anzjani, jew il-persuni bi dħul baxx), jammontaw** għal sehem konsiderevoli mill-istokk tal-bini u **għandhom** viżibbiltà kbira fil-ħajja pubblika. Għalhekk jixraq tiġi ffixsata rata annwali ta' rinnovazzjoni estensiva tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi **u bini li jkun qed jaqdi funzjoni ta' servizz soċjali** fit-territorju ta' Stat Membru biex jiġi **trasformat f'bini b'użu ta' enerġija qrib zero jew bini b'emissjonijiet zero**. . **L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-entitajiet privati li huma proprjetarji ta' bini li jaqdi funzjoni ta' servizz soċjali jkollhom il-finanzjament meħtieġ biex jissodisfaw l-obbligu tar-rata annwali ta' rinnovazzjoni, biex jiġi evitat li l-kera u t-tariffi assoċjati mal-użu ta' dak il-bini jiżdiedu bħala konsegwenza tar-rinnovazzjonijiet**. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rata oġhla ta' rinnovazzjoni, meta dik tkun kosteffettiva skont il-qafas tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom f'konformità mal-Istrateġiji tar-Rinnovazzjoni fit-tul tagħhom jew mal-programmi nazzjonali tar-rinnovazzjoni. Din ir-rata ta' rinnovazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁴. Waqt ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-progress li kisbu l-Istati Membri b'rabta mar-rinnovazzjoni tal-bini tal-korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tippreżenta proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tar-rata

ta' rinnovazzjoni, filwaqt li tqis il-progress miksub mill-Istati Membri, żviluppi ekonomiċi jew tekniċi sostanzjali, jew meta meħtieġ, l-impenji tal-Unjoni b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis żero. L-obbligu, f'din id-Direttiva, li l-bini **li jkun proprjetà ta' korpi** pubbliċi **u l-bini li jkun proprjetà privata li jipprovdi infrastruttura soċjali**, jiġi rinnovat **b'mod estensiv, jikkomplementa** dik id-Direttiva, li teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li meta l-bini eżistenti jiġi rinnovat **sinifikament**, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu jiġi aġġornat biex dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-NZEBs.

⁶¹ COM/2020/562 final.

⁶² Ara r-Resource Efficiency and Climate Change tal-IRP, 2020, u l-Environment Emissions Gap Report tan-Nazzjonijiet Uniti, 2019. Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-użu u l-operazzjoni tal-bini, inkluż l-emissjonijiet indiretti fis-settur tal-enerġija u tas-sħana, u mhux għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu. Il-karbonju inkorporat fil-konstruzzjoni hu stmat li jammonta għal madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra annwali globali totali.

⁶³ COM/2020/662 final.

⁶⁴ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

⁶¹ COM/2020/562 final.

⁶² Ara r-Resource Efficiency and Climate Change tal-IRP, 2020, u l-Environment Emissions Gap Report tan-Nazzjonijiet Uniti, 2019. Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-użu u l-operazzjoni tal-bini, inkluż l-emissjonijiet indiretti fis-settur tal-enerġija u tas-sħana, u mhux għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu. Il-karbonju inkorporat fil-konstruzzjoni hu stmat li jammonta għal madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra annwali globali totali.

⁶³ COM/2020/662 final.

⁶⁴ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32a) Din ir-rinnovazzjoni fis-settur tal-bini, trid tkun riforma ħolistika tal-istruttura kollha tal-bini, li tinkludi: involukri tal-bini (saqaf u faċċata), dell, kontroll tal-ventilazzjoni, eċċ... Twassal għal domanda aktar baxxa għall-enerġija,

speċjalment f'bini mibni mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, biex b'hekk titqies b'mod aktar effiċjenti l-popolazzjoni f'riskju ta' esklużjoni, li tbat l-aktar mill-faqar enerġetiku fl-Unjoni u tevita t-tendenza tal-mobbiltà tal-unitajiet domestiċi bejn iż-żoni rurali, periurbani u urbani, biex b'hekk tiġi evitata impożizzjoni possibbli ta' prezzijiet tad-djar aktar għoljin u l-emissjoni konsegwenti ta' gassijiet serra billi jiżdied l-użu tat-trasport privat.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Fl-2020, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja kienet tgħix f'żoni urbani. Dik iċ-ċifra mistennija tilħaq it-68 % sal-2050⁶⁵. Barra minn hekk, nofs l-infrastrutturi urbani sal-2050 għad iridu jinbnew⁶⁶. Il-bliet u ż-żoni metropolitani huma ċentri ta' attività ekonomika, ta' ġenerazzjoni tal-għarfien, ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu jew jaħdmu fihom. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-muniċipalitajiet b'mod tekniku u finanzjarju. Għadd ta' muniċipalitajiet u korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri diġà stabbilew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija u għall-provvista tal-enerġija, pereżempju bi pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli, bħal dawk li tfasslu bl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi individwali fil-bini jew fil-mezzi tat-trasport.

Emenda

(34) Fl-2020, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja kienet tgħix f'żoni urbani. Dik iċ-ċifra mistennija tilħaq it-68 % sal-2050. Barra minn hekk, nofs l-infrastrutturi urbani sal-2050 għad iridu jinbnew⁶⁶. ***L-infrastrutturi hodur u blu jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u għal prestazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini. Il-bjut hodur jistgħu jnaqqsu l-enerġija meħtieġa għat-tiħin u t-tkessiħ u jikkontribwixxu għall-bijodiversità fiż-żoni urbani filwaqt li joħolqu sinerġiji importanti u jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali^{64a}.*** Il-bliet u ż-żoni metropolitani huma ċentri ta' attività ekonomika, ta' ġenerazzjoni tal-għarfien, ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu jew jaħdmu fihom. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-muniċipalitajiet b'mod tekniku u finanzjarju. Għadd ta' muniċipalitajiet u korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri diġà stabbilew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija u

għall-provvista tal-enerġija, pereżempju bi pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli, bħal dawk li tfaßlu bl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi individwali fil-bini jew fil-mezzi tat-trasport.

64a

https://ec.europa.eu/environment/nature/ecosystems/pdf/SWD_2019_193_F1_STAFF_WORKING_PAPER_EN_V4_P1_1024680.PDF *Cities*

⁶⁵ <https://www.unfpa.org/world-population-trends>

⁶⁶

https://www.un.org/en/ecosoc/integration/pdf/fact_sheet.pdf

⁶⁵ <https://www.unfpa.org/world-population-trends>

⁶⁶

https://www.un.org/en/ecosoc/integration/pdf/fact_sheet.pdf

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Hu importanti wkoll li l-Istati Membri jimmonitorjaw kif ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti fl-akkwist ta' prodotti, bini, xogħlijiet u servizzi, billi jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq l-effiċjenza enerġetika ta' dawk l-offerenti rebbieħa li jaqbz u l-limiti msemmija fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, tkun disponibbli għall-pubbliku. B'hekk, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw ir-rwol tas-settur pubbliku biex ikun żgurat li l-effiċjenza enerġetika tkun l-ewwel fl-akkwist pubbliku b'mod trasparenti.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 38

PE703.281v03-00

182/366

RR\1261116MT.docx

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikonoxxi r-rwol tal-ekonomija ċirkolari fil-kontribut għall-oġġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Is-settur pubbliku jista' jikkontribwixxi għal dawk l-oġġettivi billi juża l-kapaċità tal-akkwist tiegħu biex, *meta xieraq*, jagħżel prodotti, bini, servizzi u xogħlijiet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bl-għodod disponibbli għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, u b'hekk jagħti kontribut importanti biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-impatti ambjentali.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku u, *meta xieraq*, fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, billi jipprovdu linji gwida u metodoloġiji meħtieġa dwar it-tweqqiq tal-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, u l-impatti u l-kostijiet ambjentali. Għodod imfassla tajjeb, b'mod partikolari l-għodod diġitali, mistennija jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi speċjalment fi Stati Membri iżgħar li jaf ma jkollhomx kapaċità biżżejjed biex iħejju l-offerti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-għodod diġitali u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri għall-fini tal-iskambju tal-aqwa Prattiki.

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Premessa 41

Emenda

(38) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikonoxxi r-rwol tal-ekonomija ċirkolari fil-kontribut għall-oġġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Is-settur pubbliku jista' jikkontribwixxi għal dawk l-oġġettivi billi juża l-kapaċità tal-akkwist tiegħu biex jagħżel prodotti, bini, servizzi u xogħlijiet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bl-għodod disponibbli għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, u b'hekk jagħti kontribut importanti biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-impatti ambjentali.

Emenda

(39) Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku u fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, billi jipprovdu linji gwida u metodoloġiji meħtieġa dwar it-tweqqiq tal-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, u l-impatti u l-kostijiet ambjentali. Għodod imfassla tajjeb, b'mod partikolari l-għodod diġitali, mistennija jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi speċjalment fi Stati Membri iżgħar li jaf ma jkollhomx kapaċità biżżejjed biex iħejju l-offerti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-għodod diġitali u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri għall-fini tal-iskambju tal-aqwa Prattiki.

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Il-potenzjal tat-tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu jkejjel l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-bini fi stadji differenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Għalhekk, dan ikejjel il-kontribut kumplessiv tal-bini għall-emissjonijiet li jwasslu għat-tibdil fil-klima. Xi drabi, dan jissejjaħ ukoll valutazzjoni tal-impronta tal-karbonju jew kejl tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Dan jiġbor flimkien l-emissjonijiet tal-karbonju inkorporati fil-materjali tal-bini b'emissjonijiet tal-karbonju diretti u indiretti mill-istadju tal-użu. Il-bini hu bank materjali sinifikanti, u hu repożitorju għal riżorsi intensivi fil-karbonju għal ħafna deċennji, u għalhekk hu importanti li jiġu esplorati disinji li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ fil-futur fi tmiem il-ħajja operazzjonali.

Emenda 36

**Proposta għal direttiva
Premessa 45**

Test propost mill-Kummissjoni

(45) L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit minn din id-Direttiva jenħtieġ li jiżdied u jenħtieġ li japplika wkoll wara l-2030 . Din tiżgura l-istabbiltà għall-investituri u b'hekk tħeġġeġ investimenti fit-tul u miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-oġettiv fit-tul li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'NZEBs. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jaqdi rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir lokali, impjiegi, kompetittività u biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-oġettivi tal-enerġija u l-klima tagħha billi toħloq aktar opportunitajiet u tħoll ir-rabta il-konsum tal-enerġija u t-tkabbir. Il-kooperazzjoni

Emenda

(41) Il-potenzjal tat-tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu jkejjel l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-bini fi stadji differenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Għalhekk, dan ikejjel il-kontribut kumplessiv tal-bini għall-emissjonijiet li jwasslu għat-tibdil fil-klima. Xi drabi, dan jissejjaħ ukoll valutazzjoni tal-impronta tal-karbonju jew kejl tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Dan jiġbor flimkien l-emissjonijiet tal-karbonju inkorporati fil-materjali tal-bini b'emissjonijiet tal-karbonju diretti u indiretti mill-istadju tal-użu. Il-bini hu bank materjali sinifikanti, u hu repożitorju għal riżorsi intensivi fil-karbonju għal ħafna deċennji, u għalhekk hu importanti li jiġu esplorati disinji li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ fil-futur fi tmiem il-ħajja operazzjonali, ***filwaqt li jnaqqsu l-intensità ta' karbonju sinifikanti eżistenti tas-settur tal-bini.***

Emenda

(45) L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit minn din id-Direttiva jenħtieġ li jiżdied u jenħtieġ li japplika wkoll wara l-2030 . Din tiżgura l-istabbiltà għall-investituri u b'hekk tħeġġeġ investimenti fit-tul u miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-oġettiv fit-tul li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'NZEBs. ***Ir-rinnovazzjonijiet estensivi li jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija b'mill-inqas 60 % bħalissa jitwettqu kull sena biss f'0,2 % tal-istokk tal-bini, u f'wieħed minn kull ħamsa tal-każijiet, l-effiċjenza enerġetika titjeb b'mod sinifikanti.*** L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jaqdi rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir lokali, impjiegi,

mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jiġi sfruttat l-investment privat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' dħul għal innovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jħallu wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-arja, hekk kif aktar bini effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxi biex tonqos id-domanda għall-fjuwils tat-tisħin, inkluż il-fjuwils solidi tat-tisħin. Għalhekk, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu biex titjeb il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra u jgħinu, b'mod kosteffettiv, biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, kif stabbilit b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰.

⁷⁰ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti

kompetittività u biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-oġettivi tal-enerġija u l-klima tagħha billi toħloq aktar opportunitajiet u tħoll ir-rabta il-konsum tal-enerġija u t-tkabbir. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jiġi sfruttat l-investment privat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' dħul għal innovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda

(46) Il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jħallu wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-arja, hekk kif aktar bini effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxi biex tonqos id-domanda għall-fjuwils tat-tisħin, inkluż il-fjuwils solidi tat-tisħin. Għalhekk, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu biex titjeb il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra u jgħinu, b'mod kosteffettiv, biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, kif stabbilit b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰. ***Il-miżuri għat-titjeb tal-effiċjenza enerġetika skont din id-Direttiva jenħtieġ li jinkludu wkoll strateġija biex jitnaqqas l-użu ta' fjuwils solidi u jitnaqqas it-tniġġis ta' ġewwa u ta' barra. Il-miri għat-tnaqqis tal-esponiment jenħtieġ li jiġu implimentati fil-livell lokali u f'dak reġjonali fejn l-użu ta' fjuwils solidi għat-tisħin huwa parti mit-taħlita tal-enerġija lokali jew reġjonali.***

⁷⁰ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti

atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

Emenda 38

Proposta għal direttiva Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) L-Istati Membri jeħtieġ jilhqqu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali għall-perjodu kollu tal-obbligu sal-2030, ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0,8 % tal-konsum tal-enerġija finali sal-31 ta' Diċembru 2023 u ta' mill-anqas 1,5 % mill-1 ta' Jannar 2024. Dak ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat b'miżuri ġodda ta' politika li jiġu adottati fil-perjodu tal-obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 jew b'azzjonijiet individwali ġodda permezz ta' miżuri ta' politika adottati tul jew qabel il-perjodu preċedenti, diment li l-azzjonijiet individwali li jattivaw l-iffrankar tal-enerġija jiddaħħal tul il-perjodu ta' wara. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi jew it-tnejn li huma.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw partijiet obligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjieġha bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

Emenda

(47) L-Istati Membri jeħtieġ jilhqqu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali għall-perjodu kollu tal-obbligu sal-2030, ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0,8 % tal-konsum tal-enerġija finali sal-31 ta' Diċembru 2023 u ta' mill-anqas 2 % mill-1 ta' Jannar 2024. Dak ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat b'miżuri ġodda ta' politika li jiġu adottati fil-perjodu tal-obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 jew b'azzjonijiet individwali ġodda permezz ta' miżuri ta' politika adottati tul jew qabel il-perjodu preċedenti, diment li l-azzjonijiet individwali li jattivaw l-iffrankar tal-enerġija jiddaħħal tul il-perjodu ta' wara. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi jew it-tnejn li huma.

Emenda

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw partijiet obligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjieġha bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

Jenħtieġ li d-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma jinftehmux bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obligati. Biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obligati biex jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obligati jistgħu jilhqqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' insular u tisħin.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Premessa 50a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Jenħtieġ li d-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma jinftehmux bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obligati. Biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obligati biex jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obligati jistgħu jilhqqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' insular u tisħin ***u billi jappoġġaw inizzjattivi ta' ffrankar tal-enerġija minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini.***

Emenda

(50a) Il-Kwalità Ambjentali Interna (IEQ) jenħtieġ li titqies inkluż biex il-Kwalità tal-Arja Interna (IAQ) taffettwa b'mod pożittiv is-saħħa, il-kumdità u l-benesseri tal-okkupanti tal-bini fil-forom kollha ta' rinnovazzjonijiet u b'mod partikolari b'rinnovazzjonijiet profondi.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

(55) Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul se jibqgħu jwasslu għal iffrankar tal-enerġija wara l-2020 iżda, biex dawn jikkontribwixxu għall-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li daww il-miżuri jwasslu għal iffrankar ġdid wara l-2020. **Min-naħa l-oħra**, l-iffirankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 jenħtieġ ma jingħaddx mal-iffirankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali meħtieġ **għall-perjodu** mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Emenda

(55) Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul se jibqgħu jwasslu għal iffrankar tal-enerġija wara l-2020 iżda, biex dawn jikkontribwixxu għall-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li daww il-miżuri jwasslu għal iffrankar ġdid wara l-2020. **L-iffirankar il-ġdid kollu meqjus bħala sinifikanti u ġġenerat wara l-2020 jenħtieġ li jiġi rreġistrat u analizzat biex jiġu vvalutati l-benefiċċji totali u l-effetti anċillari jew l-innovazzjonijiet futuri possibbli bil-għan tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030. Fl-istess ħin**, l-iffirankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 jenħtieġ ma jingħaddx mal-iffirankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali meħtieġ mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Premessa 55a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(55a) **Tali miri għall-iffirankar tal-enerġija jenħtieġ li jkunu konformi mal-konklużjonijiet li ntlaħqu fis-COP26 għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima mill-31 ta' Ottubru sat-13 ta' Novembru 2021; barra minn hekk, daww il-miri tal-iffirankar tal-enerġija jenħtieġ li jkunu konformi wkoll mal-mekkaniżmi tal-Artikolu 6 tal-Ġabra tar-Regoli tal-Ftehim ta' Pariġi^{1a}, li tappoġġa aktar kooperazzjoni globali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.**

^{1a} **Adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi,**
<https://eur-lex.europa.eu/legal->

Emenda 43

Proposta għal direttiva Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni

(59) L-immaniġġjar effettiv tal-ilma jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija. Is-setturi tal-ilma u tal-ilma mormi jammontaw għal 3,5 % tal-użu tal-elettriku fl-Unjoni u dak is-sehem mistenni jikber. Fl-istess ħin, it-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni u s-setturi tal-enerġija hu l-akbar konsumatur tal-ilma, b'44 % tal-konsum. Il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija bl-użu ta' teknoloġiji u proċessi intelliġenti jenħtieġ li jiġi esplorat bis-sħiħ u applikat kull meta jkun kosteffettiv, filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. ***Min-naħa l-oħra, it-teknoloġiji avvanzati tat-tisqija jistgħu jnaqqsu sostanzjalment il-konsum tal-ilma fl-agrikoltura u l-enerġija użata għat-trattament u l-ġarr tiegħu.***

Emenda

(59) ***Il-kunsiderazzjoni tar-rabta bejn l-ilma u l-enerġija hija partikolarment importanti biex jiġi indirizzat l-użu interdependenti tal-enerġija u tal-ilma u l-pressjoni dejjem akbar fuq iż-żewġ riżorsi. L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija darba stmat li żieda ta' 35 % fid-domanda dinjija għall-enerġija sal-2035 tikkorrispondi għal żieda ta' 85 % fil-konsum tal-ilma. L-Istitut Dinji tar-Riżorsi^{1a} jipprojetta li sal-2030 se jkun hemm distakk ta' 56 % bejn id-domanda u l-provvista globali tal-ilma rinnovabbli, filwaqt li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent^{1b} tistma li l-istress idriku diġà jaffettwa 20 % tat-territorju Ewropew u 30 % tal-popolazzjoni Ewropea u tistma li ispiża tan-nixxijiet fl-Ewropa bejn EUR 2-9 biljun fis-sena.*** L-immaniġġjar effettiv tal-ilma jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija ***u joħloq benefiċċji klimatiċi, iżda wkoll ekonomiċi u soċjali.*** Is-setturi tal-ilma u tal-ilma mormi jammontaw għal 3,5 % tal-użu tal-elettriku fl-Unjoni u dak is-sehem mistenni jikber. Fl-istess ħin, it-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni u s-setturi tal-enerġija hu l-akbar konsumatur tal-ilma, b'44 % tal-konsum. Il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija bl-użu ta' teknoloġiji u proċessi intelliġenti ***bħat-tekniki tal-użu mill-ġdid tal-ilma, l-analitika tad-data tal-proċessi industrijali, it-teknoloġiji avvanzati tat-tisqija, it-teknoloġiji ekoloġiċi tas-soqfa, id-doċoċ intelliġenti, il-proċessi għat-tnaqqis tat-tnixxijiet tas-sistemi tal-ilma, eċċ. fis-settur tal-ilma, inkluż b'rabta mal-ġestjoni tal-provvista, is-sanità u l-ilma***

tal-maltemp, u fiċ-ċikli u l-applikazzjonijiet tal-ilma f'kuntest industrijali, residenzjali u kummerċjali kollha, jenħtieġ li jiġi esplorat bis-sħiħ u applikat kull meta jkun kosteffettiv, filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi kkunsidrat.

Ia Achieving Abundance: Understanding the Cost of a Sustainable Water Future, (Niksbu l-abbondanza: nifhmu l-kost ta' futur sostenibbli tal-ilma), Istitut Dinji tar-Riżorsi, 21 ta' Jannar 2020.

^{1b} Water resources across Europe – confronting water stress: an updated assessment (Ir-riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa – nindirizzaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata), 14 ta' Ottubru 2021.

Emenda 44

**Proposta għal direttiva
Premessa 59a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(59a) Minkejja l-miżuri ta' effiċjenza tal-prodotti – bħas-sostituzzjoni ta' bozoz tad-dawl qodma u ineffiċjenti b'bozoz LED – introdotti fis-settur pubbliku u privat tat-tidwil fuq barra, il-konsum tal-enerġija ta' dan is-settur huwa f'riskju li jiżdied minħabba l-paradoss Jevons. Fl-istess ħin, 99 % tal-popolazzjoni fl-Unjoni tgħix f'żoni fejn is-sema ta' billejl għandu livell ogħla mil-limitu stabbilit għall-istatus imniġġes u hemm biżżejjed evidenza dwar l-effetti negattivi tat-tniġġis tad-dawl fuq l-ambjent, il-bijodiversità, u s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. L-Istati Membri jenħtieġ li jevalwaw il-fattibbiltà tat-tnaqqis tal-livelli tal-fluss luminuż ta' billejl fuq barra għal kull abitant, il-fluss għal kull km kwadru ta' żoni urbani u l-prodott tal-fluss għal kull ħin tal-użu ta' dan il-fluss, u fl-istess ħin jiksbu tnaqqis ta' konsum ta' enerġija mit-tidwil fuq barra. L-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jkun

fihom data storika dwar il-konsum tal-enerġija permezz tat-tidwil, fejn possibbli, maqsuma f'tidwil pubbliku u privat, u dwar il-livelli tal-fluss tad-dawl, li jmorru lura mill-inqas għas-sena 2010. Miżuri biex jitnaqqsu l-livelli tal-fluss tad-dawl jistgħu jinkludu l-eliminazzjoni tat-tidwil tat-toroq barra r-residenzi u fit-toroq fejn ir-roti u l-persuni bil-mixi ma jitħallewx jgħaddu, it-tnaqqis tal-għadd ta' bozoz tad-dawl fit-toroq u tas-sigħat li matulhom id-dwal fit-toroq ikunu mixgħula billejl, kif ukoll is-soluzzjonijiet tad-dawl intelliġenti u tat-tbaxxija tad-dawl, bl-użu tad-dawl biss meta u fejn ikun hemm utenti, l-użu esklużiv ta' dawl dinamiku li juża d-dawl biss meta jkun hemm utenti u, konsegwentement, l-eliminazzjoni ta' tidwil kontinwu ta' żoni fuq barra. B'mod parallel, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa kif il-kriterji rilevanti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku jistgħu jissaħħu biex jappoġġaw l-isforzi tal-awtoritajiet pubbliċi f'dan ir-rigward.

Emenda 45

Proposta għal direttiva Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom **sħaħ** kif xieraq fl-2019⁷⁴. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ħadd ma jinqata' lura. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u **jaf** tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu kumplimentari għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex

Emenda

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom **sħan** kif xieraq fl-2019⁷⁴. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ħadd ma jinqata' lura. It-tranżizzjoni ekoloġika **u ġusta**, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u **taf** tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu kumplimentari għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex

ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprjetajiet u għall-inkwilini, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ jiġu trasformat f'NZEBs f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

⁷⁴ *Commission Recommendation of 14.10.2020 on energy poverty*, C(2020) 9600 final.

Emenda 46

Proposta għal direttiva Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni

(63) Biex jinħataf il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija, f'ċerti segmenti tas-suq li ġeneralment ma jiġux offruti awditjar tal-enerġija b'mod kummerċjali (bħall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)), l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw programmi li jħeġġu lill-SMEs biex iwettqu awditjar tal-enerġija. L-awditjar tal-enerġija jenħtieġ li jkun obbligatorju u regolari għall-intrapriżi kbar, għax l-iffrankar tal-enerġija jista' jkun sinifikanti. L-awditjar tal-enerġija jenħtieġ li jqisu l-

ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprjetajiet u għall-inkwilini, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ jiġu trasformat f'NZEBs f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

⁷⁴ *IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku* C(2020)9600 final.

Emenda

(63) Biex jinħataf il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija, f'ċerti segmenti tas-suq li ġeneralment ma jiġux offruti awditjar tal-enerġija b'mod kummerċjali (bħall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)), l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw programmi li jħeġġu lill-SMEs biex iwettqu awditjar tal-enerġija. L-awditjar tal-enerġija jenħtieġ li jkun obbligatorju u regolari għall-intrapriżi kbar, għax l-iffrankar tal-enerġija jista' jkun sinifikanti. **L-awditi** tal-enerġija jenħtieġ li **mhux biss**

Istandards Ewropej jew Internazzjonali, bħall-EN ISO 50001 (Sistemi tal-Ġestjoni tal-Enerġija), jew l-EN 16247-1 (Awditjar tal-enerġija) jew jekk ikunu jinkludu awditjar tal-enerġija, l-EN ISO 14000 (Sistemi tal-Ġestjoni Ambjentali) u għaldaqstant ikunu wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness VI ta' din id-Direttiva għax dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti ta' dawn l-istandards rilevanti. Bħalissa qed jiġi żviluppat standard Ewropew speċifiku dwar l-awditjar tal-enerġija. L-awditjar tal-enerġija ***jista' jsir b'mod awtonomu jew inkella jista' jkun*** parti minn sistema usa' ta' ġestjoni ambjentali jew kuntratt tar-rendiment tal-enerġija. F'dawn il-każijiet kollha, daww is-sistemi jenħtieġ li jkunu konformi mar-rekwiżiti minimi tal-Anness VI. Barra minn hekk, mekkaniżmi u skemi speċifiċi stabbiliti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-konsum tal-fjuwil minn ċerti operaturi tat-trasport, pereżempju l-ETS tal-UE skont il-liġi tal-UE, jistgħu jitqiesu kompatibbli mal-awditjar tal-enerġija, inkluż fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, jekk dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness VI.

janalizzaw l-użu tal-enerġija; iżda jenħtieġ li jivvalutaw ukoll l-użu tal-ilma, li għandu impatt fuq il-konsum tal-enerġija. L-awditi tal-enerġija ***jenħtieġ*** li jqisu l-Istandards Ewropej jew Internazzjonali ***rilevanti***, bħall-EN ISO 50001 (Sistemi tal-Ġestjoni tal-Enerġija), jew l-EN 16247-1 (Awditjar tal-enerġija) jew jekk ikunu jinkludu awditjar tal-enerġija, l-EN ISO 14000 (Sistemi tal-Ġestjoni Ambjentali) u ***l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali ("EMAS") tal-UE, u*** għaldaqstant ikunu wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness VI ta' din id-Direttiva għax dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti ta' dawn l-istandards rilevanti. Bħalissa qed jiġi żviluppat standard Ewropew speċifiku dwar l-awditjar tal-enerġija. ***Għall-intrapriżi l-kbar, l-awditi*** tal-enerġija ***jenħtieġ li jkunu*** parti minn sistema usa' ta' ġestjoni ambjentali jew kuntratt tar-rendiment tal-enerġija. F'dawn il-każijiet kollha, daww is-sistemi jenħtieġ li jkunu konformi mar-rekwiżiti minimi tal-Anness VI. Barra minn hekk, mekkaniżmi u skemi speċifiċi stabbiliti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-konsum tal-fjuwil minn ċerti operaturi tat-trasport, pereżempju l-ETS tal-UE skont il-liġi tal-UE, jistgħu jitqiesu kompatibbli mal-awditjar tal-enerġija, inkluż fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, jekk dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness VI.

Emenda 47

Proposta għal direttiva Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni
(65) Meta l-awditjar tal-enerġija jsir minn esperti interni, l-indipendenza meħtieġa titlob li dawn l-esperti ma jkunux involuti direttament fl-attività awditjata.

Emenda
(65) Meta l-awditjar tal-enerġija jsir minn esperti interni, l-indipendenza meħtieġa titlob li dawn l-esperti ma jkunux involuti direttament fl-attività awditjata.
Sabiex tiġi garantita t-trasparenza, kemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kif

ukoll il-miżuri implimentati b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar jenħtieġ li jkunu faċilment disponibbli fuq is-sit web tal-intrapriża.

Emenda 48

Proposta għal direttiva Premessa 65a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(65a) L-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi huma utenti ewlenin tal-enerġija u huma responsabbli għal madwar 0,8 % tal-użu totali tal-elettriku fl-Ewropa. Analiżi reċenti^{1a} turi li hemm potenzjal sostanzjali biex itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom, iżda minħabba n-natura tagħhom jista' jkun hemm pressjoni tas-suq limitata biex jagħmlu dan. L-inklużjoni tagħhom fl-ambitu tal-obbligu tal-awditjar se żżid mhux aktar minn 1 000 impjant iżda tkopri madwar 40 % tal-użu tal-enerġija tas-settur^{1b}.

^{1a} *Opportunities to improve energy use in urban wastewater treatment: a European-scale analysis (Opportunitajiet biex jittejjeb l-użu tal-enerġija fit-trattament tal-ilma urban mormi: analiżi fuq skala Ewropea), Ganora, D., Hospido, A., Husemann, J., Krampe, J., Loderer, C., Longo, S., Moragas Bouyat, L., Obermaier, N., Piraccini, E., Stanev, S., Váci, L., Pistocchi, A., Environmental Research. Ittri, 2019, Volum 14, nru 4.*

^{1b} *Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, rapport ta' valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) SWD/2021/623 final.*

Emenda 49

Proposta għal direttiva Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

(66) Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huwa settur importanti ieħor li jikseb attenzjoni dejjem akbar. Fl-2018, il-konsum tal-enerġija taċ-ċentri tad-data fl-Unjoni kien 76,8 TWh. Dan mistenni jiżdied bi 28% għal 98,5 TWh sal-2030. Din iż-żieda f'termini assoluti tidher ukoll f'termini relattivi: fl-UE, iċ-ċentri tad-data ammontaw għal 2,7 % tad-domanda għall-elettriku fl-2018 u jekk l-iżvilupp jibqa' għaddej kif inhu, sal-2030 ikunu jammontaw għal 3,21 %. L-Istrateġija Diġitali tal-Ewropa diġà enfasizzat il-ħtieġa għal ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-enerġija, u tappella għal miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fejn tidħol l-impronta ambjentali tagħhom. Biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fis-settur tal-ICT, b'mod partikolari taċ-ċentri tad-data, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jipubblikaw data rilevanti għar-rendiment tal-enerġija u għall-impronta tal-ilma taċ-ċentri tad-data. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jipubblikaw data biss dwar iċ-ċentri tad-data b'impronta sinifikanti, li għalihom interventi xierqa ta' disinn jew ta' effiċjenza, għal installazzjonijiet ġodda jew eżistenti rispettivament, jistgħu jwasslu għal tnaqqis konsiderevoli tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma jew fl-użu mill-ġdid tas-sħana mormija f'faċilitajiet u networks tas-sħana fil-qrib. Jista' jiġi stabbilit indikatur tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data abbażi ta' dik id-data miġbura.

Emenda

(66) Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huwa settur importanti ieħor li jikseb attenzjoni dejjem akbar. Fl-2018, il-konsum tal-enerġija taċ-ċentri tad-data fl-Unjoni kien 76,8 TWh. Dan mistenni jiżdied bi 28% għal 98,5 TWh sal-2030. Din iż-żieda f'termini assoluti tidher ukoll f'termini relattivi: fl-UE, iċ-ċentri tad-data ammontaw għal 2,7 % tad-domanda għall-elettriku fl-2018 u jekk l-iżvilupp jibqa' għaddej kif inhu, sal-2030 ikunu jammontaw għal 3,21 %. L-Istrateġija Diġitali tal-Ewropa diġà enfasizzat il-ħtieġa għal ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-enerġija, u tappella għal miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fejn tidħol l-impronta ambjentali tagħhom. Biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fis-settur tal-ICT, b'mod partikolari taċ-ċentri tad-data, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jipubblikaw data rilevanti għar-rendiment tal-enerġija u għall-impronta tal-ilma taċ-ċentri tad-data. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jipubblikaw, ***skont mudell Ewropew armonizzat***, data biss dwar iċ-ċentri tad-data b'impronta sinifikanti, li għalihom interventi xierqa ta' disinn jew ta' effiċjenza, għal installazzjonijiet ġodda jew eżistenti rispettivament, jistgħu jwasslu għal tnaqqis konsiderevoli tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma jew fl-użu mill-ġdid tas-sħana mormija f'faċilitajiet u networks tas-sħana fil-qrib. Jista' jiġi stabbilit indikatur tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data abbażi ta' dik id-data miġbura. ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvelar, il-Kummissjoni jenħtieġ li tħejji linji gwida u rakkomandazzjonijiet, manwali speċifiċi għas-settur u studji tal-każijiet dwar indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-enerġija u tal-ilma. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-industrija.***

⁷⁵ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>

Emenda 50

Proposta għal direttiva Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni

(70) Il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri kollha meħuda tal-effiċjenza enerġetika, inkluż il-perjodi ta' rkupru, jenħtieġ li jsiru trasparenti għalkollox għall-konsumaturi.

Emenda 51

Proposta għal direttiva Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni

(80) Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandhom potenzjal sinifikanti li jiffrankaw l-enerġija primarja fl-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti . Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ li jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u mal-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni . Soġġett għal analiżi tal-kostbenefiċċji li turi eċċess tal-kostbenefiċċji, l-installazzjonijiet ġodda tal-koġenerazzjoni tal-elettriku u l-installazzjonijiet eżistenti li jiġu rinnovati sostanzjalment jew li l-permess jew il-liċenzja tagħhom jiġu aġġornati, jenħtieġ li jiġu attrezzati b'unitajiet tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja biex tiġi rkuprata s-sħana mormija waqt il-produzzjoni tal-elettriku. Bl-istess mod, faċilitajiet oħra

⁷⁵ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>

Emenda

(70) Il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri kollha meħuda tal-effiċjenza enerġetika, inkluż il-perjodi ta' rkupru, jenħtieġ li jsiru trasparenti **u aġġornati** għalkollox, **pereżempju billi tittieħed kont tax-xejra prevista fil-prezzijiet tal-enerġija**, għall-konsumaturi.

Emenda

(80) Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandhom potenzjal sinifikanti li jiffrankaw l-enerġija primarja fl-Unjoni. ***Din id-Direttiva jenħtieġ li tiffaforixxi s-sostituzzjoni ta' tagħmir tat-tisħin qadim u ineffiċjenti, peress li s-sistemi moderni tat-tisħin inaqqsu l-użu tal-enerġija, l-emissjonijiet tas-CO2 mill-bini u jwasslu b'mod progressiv għal avvanz lejn strateġija nazzjonali tat-tisħin u t-kessih ibbażata fuq enerġija 100 % rinnovabbli.*** L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti . Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ li jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u mal-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni . ***Jenħtieġ li dawn mill-inqas jinkludu xenarju li jwassal għal-livelli ta' penetrazzjoni tal-enerġija***

b'input tal-enerġija medju annwali sostanzjali jenħtieġ li jiġu attrezzati b'soluzzjonijiet tekniċi ħalli tintuża s-sħana mormija mill-faċilità, meta l-analiżi tal-kostbenefiċċji turi eċċess tal-kostbenefiċċji. Din is-sħana mormija tista' tiġi ttrasportata skont il-ħtieġa minn netwerks tat-tiħin distrettwali. L-avvenimenti li jwasslu biex jiġi applikat rekwiżit għal kriterji ta' awtorizzazzjoni ġeneralment ikunu avvenimenti li jwasslu wkoll għal rekwiżiti għal permessi skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/944.

rinnovabbli fis-settur nazzjonali tat-tiħin u t-tkessiħ li jkunu kompatibbli mal-kisba tal-obiettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119. Meta jinnotifikaw il-politiki u l-miżuri adottati biex jisfruttaw il-potenzjal identifikat ta' tiħin u tkessiħ, jenħtieġ li l-Istati Membri jispjegaw jekk tali politiki u miżuri humiex allinjati ma' tali xenarju. Il-miżuri ta' politika nazzjonali għat-tiħin u t-tkessiħ jenħtieġ li jiġu allinjati ma' tali xenarju. Soġġett għal analiżi tal-kostbenefiċċji li turi eċċess tal-kostbenefiċċji, l-installazzjonijiet ġodda tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-installazzjonijiet eżistenti li jiġu rinnovati sostanzjalment jew li l-permess jew il-liċenzja tagħhom jiġu aġġornati, jenħtieġ li jiġu attrezzati b'unitajiet tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja biex tiġi rkuprata s-sħana mormija waqt il-produzzjoni tal-elettriku. Bl-istess mod, faċilitajiet oħra b'input tal-enerġija medju annwali sostanzjali jenħtieġ li jiġu attrezzati b'soluzzjonijiet tekniċi ħalli tintuża s-sħana mormija mill-faċilità, meta l-analiżi tal-kostbenefiċċji turi eċċess tal-kostbenefiċċji. Din is-sħana mormija tista' tiġi ttrasportata skont il-ħtieġa minn netwerks tat-tiħin distrettwali. L-avvenimenti li jwasslu biex jiġi applikat rekwiżit għal kriterji ta' awtorizzazzjoni ġeneralment ikunu avvenimenti li jwasslu wkoll għal rekwiżiti għal permessi skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁶ u għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/944.

⁷⁶ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁷⁶ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Premessa 80a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(89a) Meta jivvalutaw il-potenzjal għal tisħin u tkessiħ effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu aspetti ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza usa'. Minħabba r-rwol tal-pompi tas-sħana biex jiġu realizzati l-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-kessih, ir-riskji ta' impatti ambjentali negattivi minn refriġeranti li huma persistenti, bijoakkumulattivi jew tossiċi jenħtieġ li jiġu minimizzati.

Ġustifikazzjoni

Is-sustanzi użati bħala refriġeranti b'pompa tas-sħana jistgħu jkunu persistenti, bijoakkumulattivi,

tossiki (PBT), jew jkollhom potenzjal oġhla ta' tisħin globali meta jnixxi fl-ambjent. Dan ir-riskju għandu jiġi minimizzat.

Emenda 53

Proposta għal direttiva Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni

(83) Biex jiġu implimentati valutazzjonijiet komprensivi nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li **jħeġġu** l-valutazzjonijiet tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fil-livell reġjonali u lokali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu passi biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-użu tal-potenzjal kosteffiċjenti identifikat tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti.

Emenda

(83) Biex jiġu implimentati valutazzjonijiet komprensivi nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li **jirrikjedu** l-valutazzjonijiet tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fil-livell reġjonali u **dak** lokali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu passi biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-użu tal-potenzjal kosteffiċjenti identifikat tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni

(84) Ir-reqwiziti għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-għanijiet ta' politika klimatiċi fit-tul, u mal-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u jenħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/85. Is-sistemi kollha tat-tisħin u t-kessih distrettwali jenħtieġ li jimmiraw li jtejbu l-abbiltà ta' interazzjoni ma' partijiet oħra tas-sistema tal-enerġija biex jiġi ottimizzat l-użu tal-enerġija u jkun evitat l-iskart tal-enerġija billi jinħataf il-potenzjal kollu tal-bini li jaħżen is-sħana jew il-kesħa, inkluż is-sħana żejda minn faċilitajiet ta' servizz u minn ċentri tad-data fil-qrib. Għal dik ir-raġuni, sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti jenħtieġ li tiżgura ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika primarja u integrazzjoni progressiva tal-enerġija rinnovabbli u tas-sħana jew il-kesħa mormijin. Għaldaqstant, din id-Direttiva tintroduċi progressivament rekwiżiti aktar stretti b'rabta mal-provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ, li jenħtieġ li jkunu applikabbli tul perjodi taż-żmien speċifiċi stabbiliti, u jenħtieġ li jkunu applikabbli b'mod permanenti mill-1 ta' Jannar 2050 'il quddiem.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Premessa 92

Test propost mill-Kummissjoni

(92) Jenħtieġ li jiġi rikonossut il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija

Emenda

(84) Ir-reqwiziti għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-għanijiet ta' politika klimatiċi fit-tul, u mal-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u jenħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/85. Is-sistemi kollha tat-tisħin u t-kessih distrettwali jenħtieġ li jimmiraw li jtejbu l-abbiltà ta' interazzjoni ma' partijiet oħra tas-sistema tal-enerġija biex jiġi ottimizzat l-użu tal-enerġija u jkun evitat l-iskart tal-enerġija billi jinħataf il-potenzjal kollu tal-bini li jaħżen is-sħana jew il-kesħa, inkluż is-sħana żejda minn faċilitajiet ta' servizz u minn ċentri tad-data fil-qrib. Għal dik ir-raġuni, sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti jenħtieġ li tiżgura ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika primarja u integrazzjoni progressiva tal-enerġija rinnovabbli u tas-sħana jew il-kesħa mormijin. Għaldaqstant, din id-Direttiva tintroduċi progressivament rekwiżiti aktar stretti b'rabta mal-provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ, li jenħtieġ li jkunu applikabbli tul perjodi taż-żmien speċifiċi stabbiliti, u jenħtieġ li jkunu applikabbli b'mod permanenti mill-1 ta' Jannar 2050 'il quddiem, ***u din teħtieġ li proġetti ġodda ta' bini jew ta' renovazzjoni żviluppati qabel dik id-data li ma jissodisfawx ir-reqwiziti stabbiliti għal dik id-data biex ikunu parti ta' pjan li għandu l-għan li jissodisfa dawk ir-reqwiziti sa dik id-data.***

rinnovabbli, skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸⁰, u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 favur l-obbjettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li **jikkunsidraw** u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawk il-komunitajiet jistgħu jgħinu lill-Istati Membri **jiksbu l-obbjettivi ta' din id-Direttiva** billi javvanzaw l-effiċjenza enerġetika fil-livell lokali jew tal-unitajiet domestiċi. Dawn jistgħu jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu li ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi, inkluż fiż-żoni rurali u mbiegħda jipparteċipaw fi proġetti u interventi tal-effiċjenza enerġetika. Il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu fil-għieda kontra l-faqar enerġetiku billi jiffaċilitaw proġetti tal-effiċjenza enerġetika, b'inqas konsum tal-enerġija u b'tariffi aktar baxxi tal-provvista.

miċ-ċittadini, il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti lejn il-kisba tal-għanijiet ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸⁰, u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 favur l-obbjettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li **jirrikonoxxu** u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawk il-komunitajiet jistgħu jgħinu lill-Istati Membri **jimplimentaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-livell lokali** billi javvanzaw l-effiċjenza enerġetika fil-livell lokali jew tal-unitajiet domestiċi, **kif ukoll fil-bini pubbliki f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali.** Dawn jistgħu jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu li ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi, inkluż fiż-żoni rurali u mbiegħda jipparteċipaw fi proġetti u interventi tal-effiċjenza enerġetika, **b'investiment fl-enerġija rinovabbli. Il-komunitajiet tal-enerġija għandhom ukoll rwol b'saħħtu x'jaqdu fl-edukazzjoni f'kwistjonijiet tad-demokrazija enerġetika iżda anki fiż-żieda fl-għarfien taċ-ċittadini dwar il-miżuri li jistgħu jieħdu biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija. Jekk appoġġati kif xieraq minn Stati Membri,** il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu fil-għieda kontra l-faqar enerġetiku billi jiffaċilitaw proġetti tal-effiċjenza enerġetika, b'inqas konsum tal-enerġija u b'tariffi aktar baxxi tal-provvista **permezz tal-iżvilupp ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli u tat-tisħiħ tal-ispirtu ta' solidarjetà.**

⁸⁰ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

⁸⁰ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

Emenda 56

Proposta għal direttiva Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni

(95) Tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, proklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, jinkludi l-enerġija fost is-servizzi essenzjali li kulħadd għandu d-dritt jaċċessa. Għandu jkun hemm disponibbli appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għall-persuni fil-bżonn⁸¹.

⁸¹ Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali":
https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_mt

Emenda 57

Proposta għal direttiva Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni

(96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti

Emenda

(95) Tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, proklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, jinkludi l-enerġija fost is-servizzi essenzjali li kulħadd għandu d-dritt jaċċessa. Għandu jkun hemm disponibbli appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għall-persuni fil-bżonn⁸¹. ***It-tweġiq tal-prinċipji ta' tranżizzjoni ġusta jiddependi wkoll mill-azzjonijiet affermati mill-ġdid matul id-dikjarazzjoni ta' Porto tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Mejju 2021.***^{81a}

⁸¹ Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali":
https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_mt
^{81a}

<https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>

vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplementaw l-Istati Membri.

Emenda 58

Proposta għal direttiva Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu vantaġġ minn **kull** kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁸², u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplementaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

⁸² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021) 568 final.

Emenda 59

PE703.281v03-00

jekk b'mod konkret kemm jekk potenzjalment, kif ukoll il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplementaw l-Istati Membri.

Emenda

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu vantaġġ minn kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁸², u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplementaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

⁸² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021) 568 final.

202/366

RR\1261116MT.docx

Proposta għal direttiva
Premessa 108

Test propost mill-Kummissjoni

(108) L-Istati Membri u r-reġjuni jenħtieġ li jitħeġġu jużaw bis-sħiħ il-fondi Ewropej disponibbli fil-QFP u f'NextGenerationEU, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali **u** l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji u l-assistenza teknika disponibbli permezz ta' InvestEU, biex jixprunaw investimenti privati u pubbliċi f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. L-investment fl-effiċjenza enerġetika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi, għall-innovazzjoni u biex jonqos il-faqar enerġetiku tal-unitajiet domestiċi u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għal irkupru ekoloġiku. L-oqsma potenzjali għal finanzjament jinkludu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-akkomodazzjoni pubbliċi, **u li jingħataw il-ħiliet ġodda** biex ikunu promossi l-impjiegi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Il-Kummissjoni se tiżgura sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-fondi b'ġestjoni konġunta u b'ġestjoni diretta (bħall-programmi b'ġestjoni ċentrali: Orizzont Ewropa jew LIFE), kif ukoll bejn għotjiet, self u assistenza teknika biex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tagħhom fuq il-finanzjament privat u l-impatt tagħhom fuq il-kisba tal-oġettivi tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika.

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Emenda

(108) L-Istati Membri u r-reġjuni jenħtieġ li jitħeġġu jużaw bis-sħiħ il-fondi Ewropej disponibbli fil-QFP u f'NextGenerationEU, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta **u l-Fond Soċjali għall-Klima**, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji u l-assistenza teknika disponibbli permezz ta' InvestEU, biex jixprunaw investimenti privati u pubbliċi f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. L-investment fl-effiċjenza enerġetika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi, għall-innovazzjoni u biex jonqos il-faqar enerġetiku tal-unitajiet domestiċi u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għal irkupru ekoloġiku. L-oqsma potenzjali għal finanzjament jinkludu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-akkomodazzjoni pubbliċi, **u t-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, b'mod partikolari f'impjiegi relatati mar-rennovazzjoni tal-bini**, biex ikunu promossi l-impjiegi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Il-Kummissjoni se tiżgura sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-fondi b'ġestjoni konġunta u b'ġestjoni diretta (bħall-programmi b'ġestjoni ċentrali: Orizzont Ewropa jew LIFE), kif ukoll bejn għotjiet, self u assistenza teknika biex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tagħhom fuq il-finanzjament privat u l-impatt tagħhom fuq il-kisba tal-oġettivi tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika.

Premessa 122

Test propost mill-Kummissjoni

(122) F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, jenħtieġ li tingħata aktar prominenza ***lir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-verifika*** għall-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi, inkluż ir-rekwiżit ta' verifika ta' kampjun statistikament rappreżentattiv tal-miżuri. F'din id-Direttiva, jenħtieġ li proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jinftiehm li jeħtieġu l-istabbiliment ta' subsett ta' popolazzjoni statistika tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija inkwistjoni, b'tali mod li dan ikun jirrifletti b'mod preċiż il-popolazzjoni kollha tal-miżuri kollha tal-iffrankar tal-enerġija, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru konklużjonijiet raġonevolment affidabbli rigward il-fiduċja fit-totalità tal-miżuri.

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Premessa 124

Test propost mill-Kummissjoni

(124) Uħud mill-bidliet introdotti b'din id-Direttiva jistgħu jeħtieġu emenda sussegwenti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex tkun żgurata l-koerenza bejn iż-żewġ atti legali. Id-dispożizzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dawk relatati mal-istabbiliment tal-kontributi nazzjonali, il-mekkaniżmi li jxejnu d-distakki u l-obbligi tar-rappurtar, jenħtieġ li jiġu simplifikati u trasferiti f'dak ir-Regolament, ladarba jiġi emendat. Fid-dawl tal-bidliet proposti f'din id-Direttiva, jaf ikun hemm bżonn ukoll valutazzjoni mill-ġdid ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-rekwiżiti

Emenda

(122) F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, jenħtieġ li tingħata aktar prominenza ***lill-monitoraġġ, lill-verifika u l-armonizzazzjoni tar-regoli*** għall-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi, inkluż ir-rekwiżit ta' verifika ta' kampjun statistikament rappreżentattiv tal-miżuri. F'din id-Direttiva, jenħtieġ li proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jinftiehm li jeħtieġu l-istabbiliment ta' subsett ta' popolazzjoni statistika tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija inkwistjoni, b'tali mod li dan ikun jirrifletti b'mod preċiż il-popolazzjoni kollha tal-miżuri kollha tal-iffrankar tal-enerġija, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru konklużjonijiet raġonevolment affidabbli rigward il-fiduċja fit-totalità tal-miżuri.

Emenda

(124) Uħud mill-bidliet introdotti b'din id-Direttiva jistgħu jeħtieġu emenda sussegwenti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex tkun żgurata l-koerenza bejn iż-żewġ atti legali. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda, b'mod partikolari dawk relatati mal-istabbiliment tal-kontributi nazzjonali ***vinkolanti, it-trajettorji lineari u l-istadji importanti vinkolanti tagħhom***, il-mekkaniżmi li jikkumpensaw għad-diskrepanzi u l-obbligi tar-rappurtar, jenħtieġ li jiġu simplifikati u trasferiti f'dak ir-Regolament, ladarba jiġi emendat. Fid-dawl tal-bidliet proposti f'din id-Direttiva, jaf ikun hemm bżonn ukoll

addizzjonali ta' rappurtar u ta' monitoraġġ jenħtieġ ma jkunux joħolqu sistemi ġodda ta' rappurtar iżda jkunu soġġetti għall-qafas eżistenti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar skont ir-Regolament (EU) 2018/1999.

valutazzjoni mill-ġdid ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtar u ta' monitoraġġ jenħtieġ ma jkunux joħolqu sistemi ġodda ta' rappurtar iżda jkunu soġġetti għall-qafas eżistenti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar skont ir-Regolament (EU) 2018/1999.

Emenda 62

Proposta għal direttiva Premessa 131a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(131a) L-isforz biex jittejbu l-politiki orjentati lejn il-klima, inklużi ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis tal-gassijiet serra u ż-żieda tal-assorbiment tal-karbonju fuq skala globali huwa impenn globali, u bħala tali, l-UE jenħtieġ li tħeġġeġ lis-sħab internazzjonali f'fora internazzjonali, bħall-Konvenzjonijiet Qafas li jmiss tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima COP27 u COP28, biex jieħdu wkoll impenji addizzjonali biex itejbu dawn il-politiki dwar il-klima, inkluż it-titjib tal-effiċjenza enerġetika.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' partijiet oħra tat-test mibdula mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fl-Unjoni biex ikun żgurat li l-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni tintlaħaq u tkun tippermetti aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika.

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fl-Unjoni biex ikun żgurat li l-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni tintlaħaq u tkun tippermetti aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika, ***filwaqt li ssaħħaħ il-***

kontribut tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar il-klima stabbiliti permezz tar-Regolament (UE) 2021/1119, u ssaħħaħ l-indipendenza enerġetika tal-Unjoni.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli mfassla biex jimplimentaw l-effiċjenza enerġetika bħala prijorità fost is-setturi kollha, ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u jxerjnu l-fallimenti tas-suq li jxekklu l-effiċjenza fil-provvista u fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, din tipprevedi li jiġu stabbiliti kontributi nazzjonali *indikattivi* tal-effiċjenza enerġetika għall-2030.

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli mfassla biex jimplimentaw l-effiċjenza enerġetika bħala prijorità fost is-setturi kollha, ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u jxerjnu l-fallimenti tas-suq li jxekklu l-effiċjenza fil-provvista u fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, din tipprevedi li jiġu stabbiliti kontributi nazzjonali *vinkolanti* tal-effiċjenza enerġetika għall-2030.

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "sistema tal-enerġija" tfisser sistema ddisinjata primarjament biex tipprovdi servizzi tal-enerġija biex tissodisfa d-domanda tas-setturi tal-użu finali għall-enerġija fil-forma ta' sħana, fjuwils u elettriku.

Emenda

(3) "sistema tal-enerġija" tfisser sistema ddisinjata primarjament biex tipprovdi servizzi tal-enerġija biex tissodisfa d-domanda tas-setturi tal-użu finali għall-enerġija fil-forma ta' sħana, *kesħa*, fjuwils u elettriku.

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(6a) "*approċċ tas-sistema għall-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel*" tfisser *il-kunsiderazzjoni tat-tiġib fl-effiċjenza*

enerġetika fil-livell tas-sistema, il-valutazzjoni tal-għażliet ta' ottimizzazzjoni tas-sistema u l-għażliet għall-integrazzjoni effiċjenti tas-soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, u b'kont meħud tal-katina tal-enerġija kollha, mill-produzzjoni, sat-trasport, id-distribuzzjoni, il-konsum, u t-tmiem tal-ħajja;

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) "rinnovazzjoni profonda" tfisser rinnovazzjoni profonda kif definit fl-Artikolu 2, punt (19) tad-Direttiva (UE) 2022 .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija].

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) "sistema ta' ġestjoni tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi interrelatati jew interattivi ta' pjan li jstabbilixxi objettiv tal-effiċjenza enerġetika u strateġija biex jinkiseb dak l-objettiv, inkluż il-monitoraġġ tal-konsum reali tal-enerġija, l-azzjonijiet meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-kejl tal-progress;

(14) "sistema ta' ġestjoni tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi interrelatati jew interattivi ta' pjan li jstabbilixxi objettiv tal-effiċjenza enerġetika u strateġija biex jinkiseb dak l-objettiv, inkluż il-monitoraġġ tal-konsum reali tal-enerġija **u tal-ilma**, l-azzjonijiet meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika **u fl-użu tal-ilma** u l-kejl tal-progress;

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) 'intrapriża żgħira jew ta' daqs medju' jew 'SME' tfisser intrapriża żgħira

jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003^{1a};

^{1a} Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) "awditjar tal-enerġija" tfisser proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil tal-konsum tal-enerġija ta' binja jew ta' grupp ta' bini, ta' operazzjoni jew ta' installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' servizz privat jew pubbliku, li jiġu identifikati u kwantifikati opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettivi, jiġi identifikat il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, u jiġu rrapportati s-sejbiet;

Emenda

(28) "awditjar tal-enerġija" tfisser proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil tal-konsum tal-enerġija **u tal-ilma** ta' binja jew ta' grupp ta' bini, ta' operazzjoni jew ta' installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' servizz privat jew pubbliku, li jiġu identifikati u kwantifikati opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija **u tal-ilma** kosteffettivi, filwaqt li jiġi identifikat il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, u jiġu rrapportati s-sejbiet;

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) "ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija" tfisser arranġament kuntrattwali bejn il-benefiċjarju u l-provditur ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, ivverifikata u monitorjata tul it-terminu kollu tal-kuntratt, fejn ix-xogħol, il-provvista jew is-servizz f'dik il-miżura jiġihallu b'mod relattiv ma' livell ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika miftiehem kuntrattwalment jew ma' kriterju ieħor miftiehem tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, bħall-iffrankar finanzjarju;

Emenda

(29) "kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija" tfisser arranġament kuntrattwali bejn il-benefiċjarju u l-fornitur ta' miżura għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, ivverifikata u sorveljata matul it-terminu kollu tal-kuntratt, fejn **l-investimenti** (ix-xogħol, il-provvista jew is-servizz) f'dik il-miżura isir ħlas għalihom b'rabta ma' livell ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija **u fl-użu tal-ilma** miftiehem kuntrattwalment jew ma' kriterju ieħor miftiehem ta' prestazzjoni tal-enerġija, bħal iffrankar

finanzjarju;

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33a) "sħana u kasha mormija" tfisser sħana u kasha mormija kif definiti fid-Direttiva (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;

Emenda 73

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) "faqar enerġetiku" tfisser ***in-nuqqas ta' aċċess ta' unità domestika għal servizzi essenzjali tal-enerġija li jirfdu standard tal-għajxien u tas-saħħa diċenti, inkluż tisħin, tkessiġ, tidwil adegwati u enerġija għall-apparati domestiċi, fil-kuntest nazzjonali rilevanti, tal-politika soċjali eżistenti u ta' politiki rilevanti oħra.***

Emenda

(48) "faqar enerġetiku" tfisser ***faqar enerġetiku kif definit fir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima;***

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50a) "rabta bejn l-ilma u l-enerġija" tfisser il-korrelazzjoni bejn il-konsum tal-enerġija u tal-ilma fil-ħajja ekonomika. L-ilma huwa meħtieġ għal skopijiet ta' enerġija. L-enerġija hija meħtieġa għall-produzzjoni tal-ilma, l-astrazzjoni, l-ippumpjar, it-tisħin, it-tkessiġ, it-tindif, it-trattament u d-desalinazzjoni tal-ilma;

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 50b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50b) "bini b'emissjonijiet żero" tfisser bini b'rendiment għoli ħafna fl-użu tal-enerġija, kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija;

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 50c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50c) "bini b'użu ta' kważi żero enerġija" (NZEB) tfisser bini b'rendiment fl-użu tal-enerġija għoli ħafna kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2022 .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija;

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 50d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50d) "bini li jipprovdi infrastruttura soċjali" tfisser bini li fih jiġi pprovdut servizz soċjali; dan jista' jinkludi s-settur tas-saħħa (sptarijiet u faċilitajiet tal-kura tas-saħħa), is-settur tal-edukazzjoni (kindergartens, skejjel, universitajiet), u s-settur soċjali (akkomodazzjoni soċjali, u ċentri komunitarji li jaqdu liż-żgħażaġh, lill-anzjani, jew lil persuni bi dħul baxx).

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. F'konformità mal-prinċipju "l-Efficijenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-efficijenza enerġetika jitqiesu fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar, ta' politika u tal-investiment **maġġuri** relatati mas-setturi li ġejjin:

Emenda

1. F'konformità mal-prinċipju "l-Efficijenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet **kosteffiċjenti** tal-efficijenza enerġetika jitqiesu **kemm jista' jkun** bis-siġh fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar, ta' politika u tal-investiment **fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali**, relatati mas-setturi li ġejjin:

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni

(b) setturi mhux tal-enerġija, meta dawk is-setturi jkunu jħallu impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-efficijenza enerġetika.

Emenda

(b) setturi mhux tal-enerġija, meta dawk is-setturi jkunu jħallu impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-efficijenza enerġetika, **inklużi, iżda mhux biss: is-setturi tal-bini, it-trasport, l-ilma, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), l-agrikoltura, u dak finanzjarju.**

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jippromwovu u, meta jkun hemm bżonn isiru valutazzjonijiet tal-kostbenefiċċji, jiżguraw l-applikazzjoni ta' metodoloġiji tal-kostbenefiċċji li jippermettu **valutazzjoni** xierqa tal-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-efficijenza enerġetika mill-perspettiva tas-soċjetà;

Emenda

(a) jiżviluppaw, jippromwovu u, meta jkun hemm bżonn isiru valutazzjonijiet tal-kost-benefiċċji, jiżguraw l-applikazzjoni ta' metodoloġiji tal-kost-benefiċċji **trasparenti, pubblikament disponibbli u faċilment aċċessibbli** li jippermettu valutazzjoni xierqa, **inklużi l-kalkolu u l-monetizzazzjoni**, tal-benefiċċji **fuq perjodu qasir kif ukoll fit-tul** usa' tas-soluzzjonijiet tal-efficijenza enerġetika mill-perspettiva tas-soċjetà, **inklużi dawk ambjentali, soċjali, u ekonomiċi;**

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u l-impatti ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika;

Emenda

(b) jidentifikaw, **jgħarrfu pubblikament u jħarrġu u jinformaw kif xieraq** entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u l-impatti ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika;

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) **jipprovdu informazzjoni, gwida u assistenza lil entitajiet rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, dwar kif għandu jiġi applikat il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel";**

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) **jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika mmexxija mill-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" iwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal kull unità ta' konsum;**

Emenda 84

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 85

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt bd (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 86

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt be (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 87

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt bf (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 88

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

Emenda

(bc) jikkunsidraw bis-sħiħ l-impatti fuq id-dekontaminazzjoni, il-bijodiversità, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali;

Emenda

(bd) jikkunsidraw bis-sħiħ l-interdipendenzi bejn l-użu tal-enerġija u l-użu ta' riżorsi oħra, inkluża r-rabta bejn l-ilma u l-enerġija, u jiprijoritizzaw miżuri li jagħtu effiċjenza simultanja fl-enerġija u fir-riżorsi;

Emenda

(be) jieħdu approċċ ta' sistema u ċiklu tal-ħajja, u jikkunsidraw bis-sħiħ is-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq, u l-affordabbiltà tal-enerġija;

Emenda

(bf) ineħħu l-ostakli kollha għall-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-prattika f'kull settur;

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar kif il-prinċipju tqies fl-ippjanar nazzjonali u reġjonali, fil-politika u fid-deċiżjonijiet ta' investiment **ewlenin** relatati mas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali.

Emenda

(c) jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar kif il-prinċipju tqies **kemm jista' jkun** fl-ippjanar nazzjonali u reġjonali, fil-politika u fid-deċiżjonijiet ta' investiment relatati mas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali **u mas-setturi mhux tal-enerġija, meta dawk is-setturi jkollhom impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika.**

Emenda 89

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Fir-rapporti lill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3, punt c, l-Istati Membri għandhom tal-anqas jispjegaw:
(a) liema metodoloġiji tal-kost-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 3, punt a jkunu applikaw u ppromwovew;
(b) liema ostakli potenzjali għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jkunu identifikaw u liema soluzzjonijiet relatati jkunu implimentaw;
(c) kif ikunu integraw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fl-oqfsa politiċi, legali u finanzjarji tagħhom.

Emenda 90

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 32, biex jissupplimentaw din id-Direttiva sabiex ttiprovdi mudell għar-

Emenda 91

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas **9 %** fl-2030 meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-**2020** biex il-konsum tal-enerġija finali tal-Unjoni jammonta għal mhux aktar minn **787** Mtoe u l-konsum tal-enerġija primarja tal-Unjoni għall-2030 jammonta għal mhux aktar minn **1023** Mtoe fl-2030.⁹¹

⁹¹ *Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 bħala xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika b'mill-inqas 9 % fl-2030 meta mqabbla mal-livell tal-isforzi fix-Xenarju ta' Referenza tal-2020. Il-mod ġdid kif jiġi espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ.*

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas **45 %** fl-2030 meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-**2007** biex il-konsum tal-enerġija finali tal-Unjoni jammonta għal mhux aktar minn **XXX** Mtoe u l-konsum tal-enerġija primarja tal-Unjoni għall-2030 jammonta għal mhux aktar minn **XXX** Mtoe fl-2030.

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-kontributi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika għall-konsum tal-enerġija finali u primarja biex kollettivament l-Istati Membri jissodisfaw il-mira vinkolanti tal-Unjoni stabbilita fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-kontributi flimkien ma' trajettorja **indikattiva** għal dawk il-kontributi lill-Kummissjoni bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, stabbilita fl-Artikolu 3 u fl-Artikoli 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. **Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formola definita fl-Anness I ta' din id-Direttiva u jispjegaw kif, u abbażi ta' liema data, ġew ikkalkulati l-kontributi.**

Emenda

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kontributi nazzjonali **vinkolanti** tal-effiċjenza enerġetika għall-konsum tal-enerġija finali u primarja biex kollettivament l-Istati Membri jissodisfaw il-mira vinkolanti tal-Unjoni stabbilita fil-paragrafu 1. **Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formula definita fl-Anness I ta' din id-Direttiva u jużaw ir-riżultat tagħha.** L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-kontributi **nazzjonali vinkolanti** flimkien ma' trajettorja **lineari** vinkolanti **b'żewġ punti ta' referenza fl-2025 u fl-2027** għal dawk il-kontributi lill-Kummissjoni bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, stabbilita fl-Artikolu 3 u fl-Artikoli 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. **Sal-2027, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-anqas 65 % tat-tnaqqis totali fil-konsum ta' enerġija bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030.**

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll is-sehem tal-konsum tal-enerġija tas-setturi tal-użu finali tal-enerġija, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija, inkluż tal-

Emenda

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll is-sehem tal-konsum tal-enerġija **u tal-ilma** tas-setturi tal-użu finali tal-enerġija, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-

industrija, residenzjali, tas-servizzi u tat-trasport, fil-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Anki l-projezzjonijiet għall-konsum tal-enerġija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għandhom jiġu indikati.

enerġija, inklużi s-setturi tal-industrija, residenzjali, tas-servizzi, ***tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u s-sanità*** u tat-trasport, fil-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Anki l-projezzjonijiet għall-konsum tal-enerġija ***u tal-ilma*** fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għandhom jiġu indikati.

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ma jridx ikun aktar minn **787** Mtoe ta' enerġija finali jew mhux aktar minn **1023** Mtoe ta' konsum ta' enerġija primarja;

Emenda

(a) li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ma jridx ikun aktar minn **XXX** Mtoe ta' enerġija finali jew mhux aktar minn **XXX** Mtoe ta' konsum ta' enerġija primarja;

Emenda 95

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ***ċirkostanzi nazzjonali oħra li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija, b'mod partikolari:***
(i) ***l-evoluzzjoni u l-previżjoni tal-PDG;***
(ii) ***bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija, żviluppi fit-taħlita tal-enerġija, l-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli ġodda;***
(iii) ***l-iżvilupp tas-sorsi kollha tal-enerġiji rinnovabbli, l-enerġija nukleari, il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;***
(iv) ***id-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensive fl-enerġija.***

Emenda

imħassar

Emenda 96

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, li ma sarx biżżejjed progress biex jintlaħqu l-kontributi tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri li jaqbżu t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li jiġu implimentati miżuri addizzjonali fi żmien sena mid-data tal-wasla tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex ikun żgurat li jissokta l-perkors it-tajjeb biex jiksbu l-kontributi tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Għalkemm ma għandhomx ikunu limitati għalihom, dawk il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu l-miżuri li ġejjin:

Emenda

Meta l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, li ma sarx biżżejjed progress biex jintlaħqu l-kontributi **vinkolanti** tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri li jaqbżu t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li jiġu implimentati miżuri addizzjonali fi żmien sena mid-data tal-wasla tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex ikun żgurat li jissokta l-perkors it-tajjeb biex jiksbu l-kontributi tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Għalkemm ma għandhomx ikunu limitati għalihom, dawk il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu l-miżuri li ġejjin:

Emenda 97

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

da. li jmorru 'l hinn mir-rekwiżiti minimi għall-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti fl-[Artikolu 9] tad-Direttiva (UE) /... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi tiġi stabbilita data aktar bikrija ta' konformità għal ċerti tipoloġiji ta' bini biex jinkisbu klassijiet ta' rendiment ogħla.

Emenda 98

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-

miżuri nazzjonali msemija f'dan il-paragrafu humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura, b'mod partikolari, li tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030.

Emenda 99

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsum totali finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi kollha flimkien jitnaqqas b'mill-inqas **1,7 %** kull sena, meta mqabbel mas-sena X-2 (X hija is-sena meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ).

Emenda 100

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu, ***bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju.***

miżuri nazzjonali msemija f'dan il-paragrafu humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni ***u l-kontributi vinkolanti tal-Istati Membri.*** Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni ***flimkien ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet*** biex tiżgura, b'mod partikolari, li tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsum totali finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi kollha flimkien jitnaqqas b'mill-inqas **2 %** kull sena, meta mqabbel mas-sena X-2 (X hija is-sena meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ).

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu. ***Ittfassil tal-politika u l-istrateġiji ta' sensibilizzazzjoni u ta' involviment għall-gruppi vulnerabbli esposti għal riskju ogħla ta' faqar enerġetiku għandhom iqisu l-ħtiġijiet tagħhom.***

Emenda 101

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi jipprovdu linji gwida, jippromwovu l-bini ta' kompetenzi u opportunitajiet tat-taħriġ, u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji.

Emenda

4. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi jipprovdu ***appoġġ finanzjarju u tekniku u jissottomettu pjanijiet li jindirizzaw in-nuqqas ta' forza tax-xogħol meħtieġa għall-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-ħaddiema tas-sengħa kif ukoll l-esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta' ħiliet, ix-xjenzati applikati u l-innovaturi billi jippromwovu programmi ta' edukazzjoni u taħriġ biex jappoġġaw u jiksbu ħaddiema b'sengħa u għarfien espert fil-kamp tal-effiċjenza enerġetika u x-xogħol ta' kostruzzjoni inkluż s-sensibilizzazzjoni dwar metodi ta' xogħol sostenibbli u aspetti dwar is-saħħa bħall-asbestos.***

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi pubbliċi biex iqisu l-benefiċċji usa' lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħall-kwalità tal-ambjent kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, speċjalment għall-iskejjel, id-djar tal-kura, l-isptarijiet u l-akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jipprovdu linji gwida, jippromwovu l-bini tal-kompetenzi u l-opportunitajiet tat-taħriġ u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, u l-kollaborazzjoni f'inizjattivi mmexxija mill-komunità, inklużi l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-enerġija taċ-ċittadin.

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 5 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. *Sabiex jitnaqqsu kemm il-konsum tal-enerġija kif ukoll it-tniġġis tad-dawl mid-dawl ta' barra, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-fattibbiltà li jitnaqqsu l-livelli tal-fluss luminuż ta' billejl fuq barra għal kull abitant, il-fluss għal kull km kwadru ta' żoni urbani u l-prodott tal-fluss għal kull ħin tal-użu ta' dan il-fluss. Meta r-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet b'objettivi u miżuri għat-tnaqqis tal-fluss luminuż.*

Emenda 103

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi pubbliċi jimplimentaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika, bħall-Ikkuntrattar għall-Prestazzjoni tal-Enerġija, li jiżguraw l-iffrankar tal-enerġija u jżommu r-riżultati miksuba maż-żmien permezz ta' monitoraġġ kontinwu, tħaddim effettiv u manutenzjoni.*

Emenda 104

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni
Ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi

Emenda

Ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi
u bini li jipprovdi infrastruttura soċjali

Emenda 105

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹², kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero (NZEBs) **f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE.**

⁹² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Emenda 106

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-korpi pubbliċi jokkupaw binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom jeżerċitaw id-drittijiet kuntrattwali tagħhom sa fejn ikun possibbli u jħeġġu lil sid il-binja biex jirrinovaha f'Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero (NZEB) **f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE.** Meta l-korpi pubbliċi jikkonkludu kuntratt ġdid għall-okkupanza ta' binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom jimmiraw li dik il-binja tikseb fl-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika fuq iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Emenda 107

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹², kull Stat Membru għandu jiżgura li, kull sena, mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li jkun proprjetà ta' korpi pubbliċi **u, separatament, mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li jkun proprjetà privata li jipprovdi infrastruttura soċjali tkun soġġetta għal rinnovazzjonijiet profondi** biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero (NZEBs) **jew bini b'emissjonijiet żero.**

⁹² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Emenda

Meta l-korpi pubbliċi jokkupaw binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom jeżerċitaw id-drittijiet kuntrattwali tagħhom sa fejn ikun possibbli u jħeġġu lil sid il-binja biex jirrinovaha f'Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero (NZEB) **jew bini b'emissjonijiet żero.** Meta l-korpi pubbliċi jikkonkludu kuntratt ġdid għall-okkupanza ta' binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom jimmiraw li dik il-binja tikseb fl-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika fuq iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Biex jissodisfaw ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jadottaw approċċi integrati distrettwali jew tal-viċinat, filwaqt li jiżguraw li kull bini rinnovat jiġi ttrasformat f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero jew f'bini b'emissjonijiet żero.

Emenda 108

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu sa 0.3 % tal-kisbiet eċċessivi u insuffiċjenti tar-rata ta' rinnovazzjoni annwali tagħhom għas-snin ta' wara, dment li r-rata medja ta' rinnovazzjoni tagħhom fuq perjodu ta' tliet snin tkun ta' mill-inqas 3 %.

Emenda 109

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rata ta' mill-anqas 3 % għandha tiġi kkalkulata fuq l-erja totali tal-art tal-bini li jkollu erja totali tal-art utli ta' aktar minn 250 m² li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat u li, fl-1 ta' Jannar 2024, ma tkunx Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEB).

Emenda

Ir-rata ta' mill-anqas 3 % għandha tiġi kkalkulata fuq l-erja totali tal-art tal-bini li jkollu erja totali tal-art utli ta' aktar minn 250 m² li tkun okkupata jew tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat **u ta' bini li jkun proprjetà privata li jipprovdi infrastruttura soċjali** u li, fl-1 ta' Jannar 2024, ma tkunx Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEB) **jew bini b'emissjonijiet żero.**

Emenda 110

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jgħoddu mar-rata tar-rinnovazzjoni annwali tal-bini il-binjiet ġodda li jkunu l-proprjetà bħala sostitut għal bini speċifiku ta' korpi pubbliċi li jkun twaqla' f'waħda mis-sentejn preċedenti. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom japplikaw biss meta jkunu aktar kosteffettivi u sostenibbli f'termini ta' enerġija u tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ tul iċ-ċiklu tal-ħajja miksubin meta mqabbla mar-rinnovazzjonijiet ta' dan il-bini. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u/jew il-proċeduri biex jiġu identifikati dawn il-każijiet eċċezzjonali għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u ppublikati minn kull Stat Membru.*

Emenda

imħassar

Emenda 111

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku inventarju ta' bini *tal-korpi* pubbliċi msaħħan u mkessaħ b'erja totali tal-art utli ta' aktar minn 250 m². Dan l-inventarju għandu jiġi aġġornat mill-anqas darba fis-sena. L-inventarju għandu jkun fih mill-anqas id-data li ġejja:

Emenda

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku inventarju ta' bini *li huwa l-propjetà ta' awtoritajiet* pubbliċi *u bini li huwa proprjetà privata li jipprovdni infrastruttura soċjali* msaħħan u mkessaħ b'erja totali tal-art utli ta' aktar minn 250 m². Dan l-inventarju għandu jiġi aġġornat mill-anqas darba fis-sena *u l-informazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija mkejjet li jirriżulta mir-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku għandha tiġi inkluża wkoll u ssir disponibbli għall-pubbliku fl-inventarju, li għandu jkun marbut mal-bażijiet tad-data taċ-ċertifikat nazzjonali tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC)*. L-inventarju għandu jkun fih mill-anqas id-data li ġejja:

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-intensità enerġetika
f'kW/m²/sena abbażi ta' data reali;

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) id-data fil-mira mistennija tar-rinnovazzjoni (f'każ li ma tiġix ittrasformata f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero jew f'bini b'emissjonijiet żero.

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta jipplanaw il-miżuri ta' implimentazzjoni taħt dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw in-nuqqas ta' forza tax-xogħol meħtieġa għall-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-ħaddiema tas-sengħa kif ukoll esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta' ħiliet, xjenzjati u innovaturi applikati. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi pubbliċi biex iqisu l-benefiċċji usa' lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħal rinnovazzjonijiet li jwasslu għal kwalità aħjar tal-ambjent ta' ġewwa kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, speċjalment għall-iskejjel, id-djar tal-kura, l-isptarijiet u l-akkomodazzjoni soċjali. Huma għandhom jiżguraw li r-rinnovazzjonijiet jindirizzaw it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi, fejn rilevanti.

Emenda 115

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-miżuri tagħhom biex ineħħu ostakli possibbli, inklużi ostakli regolatorji, u dwar il-miżuri tagħhom relatati mal-finanzjament ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali, għall-fini tal-issodisfar tar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1.

Emenda 116

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. Informazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija mkejje li jirriżulta mir-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku għandha tiġi inkluża wkoll u ssir disponibbli għall-pubbliku fl-inventarju, li għandu jkun marbut mal-bażijiet tad-data taċ-ċertifikat nazzjonali tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC).

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Minkejja l-paragrafu 4 tal-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ***jivvalutaw il-fattibbiltà li jiġu konklużi*** kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-tul li jipprovdu ffrankar tal-enerġija fit-tul meta jiffirmaw kuntratti ta' servizzi b'kontenut sinifikanti ta' enerġija.

Emenda

3. Minkejja l-paragrafu 4 tal-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ***jikkonkludu*** kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-tul li jipprovdu ffrankar tal-enerġija fit-tul meta jiffirmaw kuntratti ta' servizzi b'kontenut sinifikanti ta' enerġija, ***sakemm dan ma jkunx teknikament u ekonomikament***

fattibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parametri użati għall-valutazzjoni tal-fattibbiltà jkunu definiti b'mod ċar u ġġustifikati fil-livell tal-gvern ċentrali. Meta l-użu tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jiġi vvalutat bħala mhux fattibbli, ir-raġunament għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **jistgħu** jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, **meta xieraq**, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. **Meta xieraq u** f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti **jqisu** l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Emenda

L-Istati Membri **għandhom** jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. **L-Istati Membri għandhom jħeġġu lill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jakkwistaw biss bini ġdid u rinnovazzjonijiet ta' bini bi standards għolja ta' ċirkolarità u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, ibbażati fuq tekniki li jippermettu żarmar faċli u livelli għoljin ta' rkupru u riċiklaġġ ta' materjali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri li għandhom l-għan li jżidu r-rata attwali tal-użu ta' materjali sekondarji għal bini pubbliku ġdid u rinnovat sal-2030 għal kull klassi ta' materjal, li jippermettu l-valorizzazzjoni ta' materjali miksuba lokalment.** F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti **japplikaw** il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Emenda 119

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Biex tkun żgurata t-trasparenza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fil-proċess tal-akkwist, l-Istati Membri għandhom jagħmlu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar l-impatt tal-effiċjenza enerġetika ta' kuntratti b'valur daqs jew aktar mil-limiti msemmija fil-paragrafu 1. L-awtoritajiet kontraenti ***jistgħu jiddeċiedu li*** jeħtieġu li l-offerenti jiżvelaw informazzjoni dwar il-potenzjal ta' tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini ġdid u ***jistgħu*** jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-kuntratti, b'mod partikolari għal bini ġdid b'erja tal-art akbar minn 2000 metru kwadru.

Emenda 120

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, billi jipprovdu regoli u linji gwida ċari, inkluż metodoloġiji, dwar il-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-impatti u l-kostijiet ambjentali, jistabbilixxu ċentri ta' appoġġ għall-kompetenzi, iħeġġu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri, u jużaw l-akkwist aggregat u l-akkwist diġitali meta possibbli.

Emenda 121

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 - paragrafu 5a (ġdid)

Emenda

Biex tkun żgurata t-trasparenza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fil-proċess tal-akkwist, l-Istati Membri għandhom jagħmlu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar l-impatt tal-effiċjenza enerġetika ta' kuntratti b'valur daqs jew aktar mil-limiti msemmija fil-paragrafu 1. L-awtoritajiet kontraenti ***għandhom*** jeħtieġu li l-offerenti jiżvelaw informazzjoni dwar il-potenzjal ta' tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini ġdid, ***inkluża ċ-ċirkolarità tal-materjali użati, u ta' bini li għandu jiġi rinnovat u għandhom*** jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-kuntratti, b'mod partikolari għal bini ġdid b'erja tal-art akbar minn 2 000 metru kwadru.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livell reġjonali u dak lokali, billi jipprovdu regoli u linji gwida ċari, inklużi metodoloġiji, dwar il-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-impatti u l-kostijiet ambjentali, ***billi jipprovdu appoġġ għall-implimentazzjoni tal-metodoloġiji tal-Unjoni malli jkunu disponibbli,*** jistabbilixxu ċentri ta' appoġġ għall-kompetenzi, iħeġġu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri, u jużaw l-akkwist aggregat u l-akkwist diġitali meta possibbli.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. *L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jakkwistaw rinnovazzjonijiet tal-bini biex jakkwistaw rinnovazzjonijiet profondi f'fażi waħda biss.*

Emenda 122

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 - paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. *L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali bħala entitajiet kontraenti u inizjattivi lokali mmexxija miċ-ċittadini u mill-komunità, inkluż permezz ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Biex tappoġġa dawn l-isforzi, il-Kummissjoni għandha, fi żmien ... [sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tiżviluppa kriterji tal-Unjoni għall-akkwist pubbliku ekoloġiku biex tappoġġa l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-inizjattivi mmexxija miċ-ċittadini dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika.*

Emenda 123

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030 ta' **1,5 %** tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2020.

Emenda

(c) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030 ta' **2 %** tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2020.

Emenda 124

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawk il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) biex jitneħħew l-effetti negattivi u tkun żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u inklużiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv ***fit-tul jew fuq żmien qasir*** fuq dawk il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) biex jitneħħew l-effetti negattivi u tkun żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u inklużiva.

Emenda 125

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fit-tfassil ta' ***dawn il-miżuri*** ta' politika, l-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fil-kontribut għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' politika.***

Emenda

Fit-tfassil ta' miżuri ta' politika ***alternattivi u skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika***, l-Istati Membri għandhom jippromwovu ***u jiffaċilitaw, inter alia, fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima (NECPs) u fir-rapporti ta' progress f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999,*** ir-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fil-kontribut għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' politika.

Emenda 126

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiksbu sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan is-sehem għandu tal-anqas ikun daqs il-proporzjon tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħhom stabbilit skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament 2018/1999 dwar il-Governanza. Jekk Stat Membru ma jkunx innotifika s-sehem ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tiegħu, is-sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, għandu tal-anqas ikun daqs is-sehem medju aritmetiku tal-indikaturi li ġejjin għas-sena 2019 jew, jekk mhux disponibbli għall-2019, għall-estrapolazzjoni lineari tal-valuri tagħhom għall-aħħar tliet snin disponibbli:

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiksbu sehem minimu tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***L-unitajiet domestiċi bi dħul baxx***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan is-sehem għandu tal-anqas ikun daqs il-proporzjon tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħhom stabbilit skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament 2018/1999 dwar il-Governanza. ***L-Istati Membri, fil-valutazzjoni tagħhom tas-sehem tal-faqar enerġetiku fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-indikaturi fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu. Jekk valutazzjoni tal-NECP tal-Istati Membri tirriżulta f'sehem aktar baxx ta' ffrankar kumulattiv tal-enerġija fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, unitajiet domestiċi bi dħul baxx, klijenti vulnerabbli u, fejn applikabbli, persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, il-Kummissjoni għandha teżamina l-valutazzjoni fir-rigward tal-indikaturi msemmija f'dan l-Artikolu.*** Jekk Stat Membru ma jkunx innotifika s-sehem ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tiegħu, is-sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, għandu tal-anqas ikun daqs is-sehem medju aritmetiku tal-indikaturi li ġejjin għas-sena 2019 jew, jekk mhux disponibbli għall-2019, għall-

estrapolazzjoni lineari tal-valuri tagħhom
għall-aħħar tliet snin disponibbli:

Emenda 127

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni
c) **Struttura tan-nefqa tal-konsum skont il-kwintili tal-introjtu u l-iskop tal-konsum COICOP (Eurostat, HBS, [hbs_str_t223], data dwar [CP045] Elettriku, gass u fjuwils oħra).**

imħassar

Emenda

Emenda 128

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda
(ca) **Il-popolazzjoni totali ta' nies li jgħixu f'abitazzjoni b'saqaf iqattar, ħitan, art jew pedamenti umdi jew tmermir fl-oqfsa tat-twieqi jew fl-art (Eurostat, SILC [ilc_mdho01]);**

Emenda 129

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda
(cb) **Ir-rata tar-riskju ta' faqar (stħarriġ ta' Eurostat, SILC u ECHP ilc_li02) (punt limitu: 60 % tal-introjtu medjan ekwalizzat wara t-trasferimenti soċjali).**

Emenda 130

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-indikaturi applikati, is-sehem medju aritmetiku u l-eżitu tal-miżuri ta' politika stabbiliti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u fir-rapporti ta' progress rispettivi f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

Emenda 131

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 11**

Test propost mill-Kummissjoni

11. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, deskrezzjoni tal-miżuri ta' politika li jridu jiġu implimentati biex jinkiseb l-ammont totali meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, u l-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom skont l-Anness V ta' din id-Direttiva, bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell tar-rappurtar mogħti lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-indikaturi applikati, ***b'mod diżaggregat dwar il-ġeneru***, is-sehem medju aritmetiku u l-eżitu tal-miżuri ta' politika stabbiliti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u fir-rapporti ta' progress rispettivi f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

Emenda

11. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, deskrezzjoni tal-miżuri ta' politika li jridu jiġu implimentati biex jinkiseb l-ammont totali meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, u l-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom skont l-Anness V ta' din id-Direttiva, bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. ***Il-kalkoli tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali minn miżuri ta' politika għandhom ikunu trasparenti u appoġġati permezz ta' riżultati minn evalwazzjonijiet ex post***

skont l-Anness V, paragrafu 5a ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell tar-rappurtar mogħti lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 8 - paragrafu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14a. Billi ssaħħaħ ir-regoli dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-iffrankar tal-enerġija, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-proċessi nazzjonali proposti jkunu kkomplementati b'valutazzjoni perjodika tal-programmi nazzjonali u l-iffrankar minn entità indipendenti; f'dak ir-rigward, l-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex post trasparenti tal-iffrankar tal-enerġija mill-miżuri ta' politika kollha skont dan l-Artikolu mill-inqas darba kull ħames snin. Kampjun rappreżentattiv u statistikament sinifikanti ta' azzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika minn kull miżura ta' politika għandu jiġi evalwat bl-użu ta' data dwar il-konsum tal-enerġija ex post skont l-Anness V, punt 5a. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom isiru pubbliċi biex jippermettu l-iskrutinju tal-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tipproduċi gwida dwar it-tfassil ta' dawn l-evalwazzjonijiet indipendenti sal-1 ta' Jannar 2023.

Emenda 133

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiksbu l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) permezz ta' skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, dawn għandhom

Emenda

Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jwettqu l-obbligi tagħhom biex jiksbu l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) permezz ta' skema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija, huma għandhom jiżguraw li l-

jiżguraw li l-partijiet obbligati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jissodisfaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(8) u (9), ir-rekwiżit tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali stabbilit fl-Artikolu 8(1).

partijiet obbligati kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jissodisfaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(8) u (9), ir-rekwiżit tagħhom ta' ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija stabbilit fl-Artikolu 7(1).

Emenda 134

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum annwali medju oġġla minn 100TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti u filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, jimplimentaw sistema tal-ġestjoni tal-enerġija. Is-sistema tal-ġestjoni tal-enerġija għandha tiġi ċċertifikata minn korp indipendenti skont l-Istandards Ewropej jew Internazzjonali rilevanti.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum annwali medju oġġla minn 100TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti u filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, jimplimentaw sistema tal-ġestjoni tal-enerġija. ***L-Istati Membri jistgħu jibnu fuq sistemi eżistenti biex jevitaw burokrazija u spejjeż addizzjonali bla bżonn.*** Is-sistema tal-ġestjoni tal-enerġija għandha tiġi ċċertifikata minn korp indipendenti skont l-Istandards Ewropej jew Internazzjonali rilevanti.

Emenda 135

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum annwali medju ta' aktar minn 10TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti, u filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija. L-awditjar tal-enerġija għandu jsir b'mod indipendenti u kosteffettiv minn esperti kwalifikati jew akkreditati skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26 ***jew*** implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-awditjar tal-

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum annwali medju ta' aktar minn 10TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti, u filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija. ***Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KE^{1a}, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jkunuw koll soġġetti għal awditjar. Wara l-implimentazzjoni tar-***

enerġija għandu jsir mill-inqas kull erba' snin mid-data tal-awditjar tal-enerġija preċedenti.

rakkomandazzjonijiet mill-awditu tal-enerġija, għandha ssir dijanjożi ta' wara x-xogħol mhux qabel sena u mhux aktar tard minn sentejn wara li jitlesta x-xogħol. L-awditjar tal-enerġija għandu jsir b'mod indipendenti u kosteffettiv minn esperti kwalifikati jew akkreditati skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26 u implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. **L-akkreditazzjoni tal-awdituri tal-enerġija għandha tkun speċifika għas-settur, inkluż għall-bini, il-proċessi industrijali u t-trasport.** L-awditjar tal-enerġija għandu jsir mill-inqas kull erba' snin mid-data tal-awditjar tal-enerġija preċedenti.

^{1a} Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

Emenda 136

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni
Ir-riżultati tal-awditu tal-enerġija, **inkluż** ir-rakkomandazzjonijiet minn dawn l-awditu, għandhom jiġu trażmessi lill-maniġment tal-intrapriża. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet implimentati jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tal-intrapriża, meta applikabbli.

Emenda
Ir-riżultati tal-awditjar tal-enerġija, **inklużi il-prestazzjoni tal-ilma u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditjar**, iridu jiġu trażmessi lill-maniġment tal-intrapriża. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet implimentati jiġu ppubblikati **fis-sit web tal-intrapriża, kif ukoll** fir-rapport annwali tal-intrapriża, meta applikabbli. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet mill-awditjar jiġu implimentati mill-intrapriżi sal-awditu li jmiss f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness VI.**

Emenda 137

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awditjar tal-enerġija msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir minn esperti interni jew awdituri tal-enerġija diment li l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa skema li tiżgura u tivverifika l-kwalità tagħhom inkluż, meta xieraq, għażla aleatorja annwali ta' mill-inqas persentaġġ statistikament sinifikanti tal-awditjar kollu tal-enerġija li jagħmlu.

Emenda

L-awditjar tal-enerġija msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir minn esperti interni jew awdituri tal-enerġija diment li l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa skema li tiżgura u tivverifika ***l-imparzjalità, l-għarfien expert u*** l-kwalità tagħhom inkluż, meta xieraq, għażla aleatorja annwali ta' mill-inqas persentaġġ statistikament sinifikanti tal-awditjar kollu tal-enerġija li jagħmlu.

Emenda 138

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 9, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu, sal-15 ta' Marzu 2024 u kull sena sussegwenti, li s-sidien u l-operaturi ta' kull ċentru tad-data fit-territorju tagħhom ***b'konsum sinifikanti ta' enerġija*** jagħmlu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VI (***"Rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni tal-prestazzjoni enerġetika taċ-ċentri tad-data"***) disponibbli għall-pubbliku, u sussegwentement l-Istati Membri għandhom jirrapportaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

Emenda

10. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 9, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu, sal-15 ta' Marzu 2024 u kull sena sussegwenti, li s-sidien u l-operaturi ta' kull ċentru tad-data fit-territorju tagħhom ***b'domanda motorizzata tal-IT ta' 100 kW jew aktar ta' konsum*** jagħmlu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VI, ***punt 2, disponibbli għall-pubbliku f'format predefinit u armonizzat***, u sussegwentement l-Istati Membri għandhom jirrapportaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

Emenda 139

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom ***jieħdu miżuri*** xierqa ***biex*** jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

L-Istati Membri għandhom ***jiżviluppaw strateġija soda fit-tul li toffri assistenza teknika u finanzjarja*** xierqa ***lill-konsumaturi, inklużi soluzzjonijiet bħal sistemi ta' tisħin u tkessiġ b'inqas emissjonijiet, u jimmonitorjaw,***

jinfurmaw, jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku, **biex jittaffa l-faqar enerġetiku**.

Emenda 140

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni

b) jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż meta applikabbli, mill-kontribuzzjoni finanzjarja li l-Istat Membru jkun irċieva mill-Fond Soċjali għall-Klima skont [l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima, **COM 2021 568 final**], u mid-dħul minn irkanti bl-iskambju tal-kwoti skont l-ETS tal-UE [**COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)**], għal investimenti f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika bħala azzjonijiet ta' prijorità;

Emenda

b) jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż meta applikabbli, mill-kontribuzzjoni finanzjarja li l-Istat Membru jkun irċieva mill-Fond Soċjali għall-Klima skont [l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima], u mid-dħul minn irkanti bl-iskambju tal-kwoti skont l-ETS tal-UE, għal investimenti f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika bħala azzjonijiet ta' prijorità, **inkluż għal proġetti ta' rinnovazzjoni profonda għal unitajiet domestiċi fqar fl-enerġija**;

Emenda 141

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

e) irawmu assistenza teknika għall-atturi soċjali biex jippromwovu l-involviment attiv tal-klijenti vulnerabbli fis-suq tal-enerġija, u bidliet pożittivi fl-imġiba tagħhom tal-konsum tal-enerġija;

Emenda

e) irawmu assistenza teknika għall-atturi soċjali biex jippromwovu l-involviment attiv tal-klijenti vulnerabbli fis-suq tal-enerġija, u bidliet pożittivi fl-imġiba tal-konsum tal-enerġija tagħhom, **pereżempju permezz tal-parteċipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, klijenti vulnerabbli, unitajiet domestiċi bi dħul baxx u persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali**;

Emenda 142

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) jistabbilixxi definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali;

Emenda

(a) jistabbilixxi definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli ***kif stabbilit fl-Artikolu 8(3)***, inkluż l-utenti finali;

Emenda 143

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) jiżviluppa jew itejjeb indikaturi u settijiet tad-data rilevanti, pertinenti għall-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, li jenħtieġ li jintużaw u jsiru rapporti dwarhom;

Emenda

(b) jiżviluppa jew itejjeb indikaturi u settijiet tad-data rilevanti, ***bl-użu ta' data diżaggregata skont il-ġeneru***, pertinenti għall-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, li għandhom jintużaw u jsiru rapporti dwarhom;

Emenda 144

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti vulnerabbli jkollhom aċċess għal "ċentru ta' servizz tal-effiċjenza enerġetika" jew għal kwalunkwe entità eżistenti oħra li twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) **tiffaċilita l-appoġġ u l-gwida mill-ħaddiema soċjali fil-forma ta' "punt uniku ta' servizz" għall-possibiltajiet soċjali, amministrattivi u finanzjarji billi tikkordina organizzazzjonijiet bħal ċentri soċjali u tal-impjiegi, ċentri ta' konsulenza dwar id-dejn jew NGOs u network nazzjonali ta' esperti;**

(b) **tippovdi appoġġ tekniku u pariri**

dwar l-effiċjenza enerġetika minn esperti tal-effiċjenza enerġetika f'konformità mal- "punt uniku ta' servizz" nazzjonali msemmi fl-Artikolu 21(2);

(c) tippermetti u tistabbilixxi b'mod ġust, raġonevoli u adegwat appoġġ finanzjarju għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika miċ-ċentru għall-effiċjenza enerġetika jew entità oħra; L-Istati Membri jistgħu jużaw jew jikkombinaw, fl-istabbiliment ta' tali finanzjament, għodod eżistenti jew ġodda, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} mingħajr preġudizzju għad-Direttiva eżistenti;

(d) tipprovdi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti effettivi u indipendenti u proċedura effettiva għat-trattament tal-ilmenti għall-konsumaturi kif imsemmi fl-Artikolu 21(4).

^{1a} *Ir-Regolament (UE) Nru 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).*

Emenda 145

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, il-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u r-rapporti ta' progress rispettivi notifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiġ. Dik il-valutazzjoni komprensiva għandu jkun fiha ***l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX u għandha tkun meħmuża mal-valutazzjoni***

Emenda

1. Bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, il-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u r-rapporti ta' progress rispettivi notifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiġ. Id-dokumenti tal-akkwist għandhom jinkludu tal-inqas l-informazzjoni stipulata fl-Anness IX. ***L-Istati Membri għandhom jiġbru***

li ssir skont l-Artikolu 15(7) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

informazzjoni dwar impjanti u unitajiet ta' koġenerazzjoni f'networks eżistenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali u jwettqu valutazzjoni tal-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija. Dik l-informazzjoni għandu jkun fiha mill-inqas id-data dwar l-effiċjenza tas-sistema, it-telf tas-sistema, id-densità tal-konnessjoni, it-telf tan-network u l-firxa tat-temperatura, l-enerġija primarja u l-konsum finali tal-enerġija, il-fatturi ta' emissjoni u l-ktajjen upstream tas-sorsi tal-enerġija. Dik id-data għandha tiġi ppubblikata. Dik il-valutazzjoni komprensiva għandu jkun fiha l-valutazzjoni li ssir skont l-Artikolu 15(7) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas wieħed mix-xenarji alternattivi għal-linja bażi jiġi prodott bħala parti mill-valutazzjoni komprensiva skont il-punt 8 tal-Anness IX, iwassal għal livelli ta' penetrazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fis-settur nazzjonali tat-tisħin u t-tkessiħ li huma kompatibbli sabiex jinkiseb l-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 stabbilit mir-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda 146

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku **jingħata** l-opportunità **jipparteċipa** fit-tħejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku **u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jingħataw** l-opportunità **jipparteċipaw** fit-tħejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Emenda 147

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jipprovdu l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet dettaljati skont l-Anness X u jistabbilixxu u jipubblikaw il-proċeduri għall-analiżi ekonomika.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jipprovdu l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet dettaljati skont l-Anness X u jistabbilixxu u jipubblikaw il-proċeduri għall-analiżi ekonomika. ***Bil-għan li tiżgura l-komparabbiltà u l-konsistenza tal-analiżi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti maħtura sabiex tipprovdi l-aħjar previżjonijiet Ewropej dwar l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-enerġija u tas-CO₂ u rati tal-iskont Ewropej.***

Emenda 148

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw potenzjal għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u/jew għal tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti li l-benefiċċji tagħhom jisbqu l-kostijiet, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex tiġi żviluppata infrastruttura għal tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti u/jew biex jiġu akkomodati l-iżvilupp ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u l-użu tat-tisħin u tat-tkessiġ mis-sħana mormija u minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija f'konformità mal-paragrafu 1 u l-Artikolu 24(4) u (6).

Emenda

Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw potenzjal għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u/jew għal tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti li l-benefiċċji tagħhom jisbqu l-kostijiet, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex tiġi żviluppata infrastruttura għal tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti u/jew biex jiġu akkomodati l-iżvilupp ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u l-użu tat-tisħin u tat-tkessiġ mis-sħana mormija u minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija f'konformità ***mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva(UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi***

rinnovabbli u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652.mal-paragrafu 1 u l-Artikolu 24(4) u (6).

Emenda 149

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jadottaw politiki u miżuri, li jiżguraw li jiġi realizzat il-potenzjal identifikat fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1. Dawn il-politiki u l-miżuri għandhom jinkludu mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness IX. Kull Stat Membru għandu jinnotifika dawn il-politiki u l-miżuri bħala parti mill-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, tal-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u tar-rapporti ta' progress rispettivi notifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jadottaw politiki u miżuri, li jiżguraw li jiġi realizzat il-potenzjal identifikat fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1. Dawn il-politiki u l-miżuri għandhom jinkludu mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness IX. Kull Stat Membru għandu jinnotifika dawn il-politiki u l-miżuri bħala parti mill-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, tal-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u tar-rapporti ta' progress rispettivi notifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999. ***L-Istati Membri għandhom jispjegaw jekk il-politiki u l-miżuri humiex allinjati max-xenarju li jwassal għal livelli ta' penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li huma kompatibbli mal-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 stabbilit mir-Regolament (UE) 2018/1999 kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

Emenda 150

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom ***iħeġġu*** lill-awtoritajiet reġjonali u lokali ***biex*** iħejju pjanijiet lokali tat-tisħin u t-tkessiħ tal-anqas ***fil-muniċipalitajiet*** li għandhom popolazzjoni totali ta' aktar minn ***50.000***. Dawk il-pjanijiet jenħtieġ mill-inqas:

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw*** li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jħejju pjanijiet lokali tat-tisħin u t-tkessiħ tal-anqas ***fil-komunitajiet u l-muniċipalitajiet*** li għandhom popolazzjoni totali ta' aktar minn ***25 000***. Dawk il-

pjanijiet għandhom mill-inqas:

Emenda 151

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikunu bbażati fuq l-informazzjoni u d-data pprovduti fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1 **u** jipprovdu stima u mmappjar tal-potenzjal għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, inkluż bl-irkupru tas-sħana mormija, u l-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ f'dik iż-żona partikolari;

Emenda

(a) ikunu bbażati fuq l-informazzjoni u d-data pprovduti fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1, jipprovdu stima u mmappjar tal-potenzjal għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, inkluż bl-irkupru tas-sħana mormija, u l-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ f'dik iż-żona partikolari, ***u jiżviluppaw strateġija biex jissostitwixxu apparat tat-tisħin u t-tkessiħ ibbażat fuq il-fjuwils fossili b'alternattivi effiċjenti ħafna bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli, abbażi tax-xenarju tal-valutazzjonijiet imwettqa skont il-paragrafu 1 li jwasslu għal livelli ta' penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li huma kompatibbli mal-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050;***

Emenda 152

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ***jivvalutaw kif il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u inizjattivi oħra mmexxija miċ-ċittadini jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-implimentazzjoni ta' proġetti lokali ta' tisħin u tkessiħ;***

Emenda 153

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) jinkludu strateġija li se tinkludi sett ta' għodod ta' politiki u miżuri li se jagħtu s-setgħa lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli affettwati mill-faqar enerġetiku biex jirrikorru għal bidla lejn tisħin u tkessiħ tal-enerġija rinnovabbli skont l-Artikolu 22;

Emenda 154

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) jivvalutaw kif jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri identifikati u jipprevedu mekkaniżmi finanzjarji li jippermettu lill-konsumaturi jaqilbu għal tisħin u tkessiħ rinnovabbli;

Emenda 155

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) jinvestigaw sinerġiji potenzjali mal-pjanijiet tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali biex jiffavorixxu investimenti konġunti, ekonomija ta' skala u kosteffiċjenza;

Emenda 156

Proposta għal direttiva

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) jinkludu miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja għall-kontroll tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra.

Emenda 157

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku **jingħata** l-opportunità **jipparteċipa** fit-tnejn tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku, **u partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluża l-industrija, jingħataw** l-opportunità **jipparteċipaw** fit-tnejn tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri. **Huma għandhom jiżguraw li l-mapep tas-sħana online jkunu disponibbli għall-pubbliku, u li l-pubbliku jkun konxju mill-possibbiltajiet tal-komunità tal-enerġija rinnovabbli, biex l-azzjoni lokali tiġi diretta lejn titjib fl-effiċjenza enerġetika fil-konsum lokali tat-tisħin u t-tkessiħ.**

Emenda 158

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, din tkun tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 applikabbli f'dak iż-żmien meta **tibda jew** tkompli topera wara r-rinnovazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali **tinbena jew** tiġi rinnovata sostanzjalment, ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili **għajr il-gass naturali** fis-sorsi tas-sħana eżistenti meta mqabbel mal-medja tal-konsum annwali, b'medja tal-aktar tliet snin kalendarji riċenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, **u** li kull sors ġdid tas-sħana f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili **għajr il-gass naturali**.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, din tkun tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 applikabbli f'dak iż-żmien meta tkompli topera wara r-rinnovazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tiġi rinnovata b'mod sostanzjali, ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu ta' fjuwils fossili f'sorsi ta' sħana eżistenti meta mqabbla mal-konsum annwali fuq medja tat-tliet snin kalendarji preċedenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, li kwalunkwe sors ġdid ta' sħana f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili, **u li, jekk il-proġett ta' bini ġdid jew rinnovazzjoni jirriżulta f'sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali li ma tissodisfax il-kriterju stabbilit fil-paragrafu 1, punt (e), il-proġett ikun parti minn pjan usa' mmirat biex jissodisfa dak**

il-kriterju. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rotot ġeografiċi tas-sistemi eżistenti ta' tisħin u tkessiġ distrettwali jiġu mmappjati u ppubblikati.

Emenda 159

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2025 u kull ħames snin sussegwenti, l-operaturi tas-sistemi kollha eżistenti tat-tisħin u tat-tkessiġ distrettwali b'output totali tal-enerġija li jaqbeż il-5 MW u li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) sa (e), iħejju pjan biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika primarja u l-enerġija rinnovabbli. Il-pjan għandu jinkludi miżuri biex jintlaħqu ***l-kriterji stabbiliti*** fil-paragrafu ***1(b) sa (e)*** u għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2025 u kull ħames snin sussegwenti, l-operaturi tas-sistemi kollha eżistenti tat-tisħin u tat-tkessiġ distrettwali b'output totali tal-enerġija li jaqbeż il-5 MW u li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) sa (e), iħejju pjan biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika primarja u l-enerġija rinnovabbli ***u biex jitnaqqas it-telf mid-distribuzzjoni***. Il-pjan għandu jinkludi miżuri biex jilħqu ***l-kriterju stabbilit*** fil-paragrafu ***1(e)*** u għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

Emenda 160

Proposta għal direttiva Artikolu 24 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Għall-fini ta' konformità ma' dan l-Artikolu, għandha tiġi kkunsidrata biss enerġija rinnovabbli li tikkonforma mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (EU) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija u li tħassar id-

Emenda 161

Proposta għal direttiva

Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ċentru tad-data b'input tal-enerġija kklassifikat totali li jaqbeż il-livell ta' **1 MW**, biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji tal-użu tas-sħana mormija biex tiġi ssodisfata d-domanda ekonomikament ġustifikata, u tal-konnessjoni ta' dik l-installazzjoni ma' network tat-tiġhin distrettwali jew ma' sistema ta' tkessiġ distrettwali effiċjenti/ibbażata fuq l-RES. L-analiżi għandha tikkunsidra soluzzjonijiet tas-sistema tat-tkessiġ li jippermettu t-tneħħija jew il-ġbir tas-sħana mormija flivell ta' temperatura utli b'inputs tal-enerġija anċillari minimi.

Emenda

(d) ċentru tad-data b'input tal-enerġija kklassifikat totali li jaqbeż il-livell ta' **100 kW**, biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji tal-użu tas-sħana mormija biex tiġi ssodisfata d-domanda ekonomikament ġustifikata, u tal-konnessjoni ta' dik l-installazzjoni ma' network tat-tiġhin distrettwali jew ma' sistema ta' tkessiġ distrettwali effiċjenti/ibbażata fuq l-RES. L-analiżi għandha tikkunsidra soluzzjonijiet tas-sistema tat-tkessiġ li jippermettu t-tneħħija jew il-ġbir tas-sħana mormija flivell ta' temperatura utli b'inputs tal-enerġija anċillari minimi.

Emenda 162

Proposta għal direttiva

Artikolu 24 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ċentri tad-data li s-sħana mormija tagħhom tintuża jew tkun se tintuża f'network tat-tiġhin distrettwali jew direttament għat-tiġhin tal-post, għall-preparazzjoni tal-misħun domestiku jew għal użi oħra fil-bini jew fil-grupp ta' binjiet fejn tkun tinsab.

Emenda

(c) ċentri tad-data li s-sħana mormija tagħhom tintuża jew tkun se tintuża f'network tat-tiġhin distrettwali jew direttament għat-tiġhin tal-post, għall-preparazzjoni tal-misħun domestiku jew għal użi oħra fil-bini jew fil-grupp ta' binjiet fejn tkun tinsab **jew użi oħra fil-lokalità madwar iċ-ċentru tad-data.**

Emenda 163

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Fond Nazzjonali għall-

Emenda

9. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Fond Nazzjonali għall-

Effiċjenza Enerġetika. Dan il-fond għandu l-għan li jimplementa miżuri tal-effiċjenza enerġetika, **inkluż miżuri** skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 22 **bħala prijorità** fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, **u li jimplementa miżuri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika u t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4(2)**. Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jiġi ffinanzjat bi dħul mill-irkanti tal-kwoti skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet fis-settur tal-bini u tat-trasport.

Effiċjenza Enerġetika. L-għan ta' dan il-fond għandu jkun li jimplementa miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija **b'appoġġ għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2)**. **L-Istati Membri għandhom iqisu l-valur meħtieġ biex jitwettqu l-miżuri ppjanati għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija biex jittaffa l-faqar**. Skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 22, **il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri** fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jiġi ffinanzjat bi dħul mill-irkanti tal-kwoti skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet fis-settur tal-bini u tat-trasport.

Emenda 164

Proposta għal direttiva Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, **skema komuni tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà** taċ-ċentri tad-data li jinsabu fit-territorju tagħha. **L-iskema għandha tistabbilixxi d-definizzjoni ta' indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data u, skont il-paragrafu 10 tal-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva, tiddefinixxi l-limiti minimi għall-konsum sinifikanti tal-enerġija** u tistabbilixxi l-indikaturi ewlenin u l-metodoloġija biex dawn **jitkejlu**.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati **sal-31 ta' Diċembru 2023** f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi, wara li tkun ikkonsultat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, **standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija** għaċ-ċentri tad-data li jinsabu fit-territorju tagħha u tistabbilixxi l-indikaturi ewlenin u l-metodoloġija biex dawn **jilhqumom**.

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għal-loġika u għall-koerenza interna tat-test.

Emenda 165

Proposta għal direttiva

Anness III – punt a – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

— l-emissjonijiet **diretti tad-diossidu tal-karbonju** mill-produzzjoni tal-koġenerazzjoni **alimentata bil-fjuwils fossili, huma inqas minn 270 g CO₂ għal kull 1 kWh ta' output ta' enerġija** mill-ġenerazzjoni kkombinata (inkluż tisħin/tkessiĥ, potenza u enerġija mekkanika).

Emenda

— l-emissjonijiet **ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja** mill-produzzjoni tal-koġenerazzjoni mill-ġenerazzjoni kkombinata (inkluż it-tisħin/it-tkessiĥ, l-enerġija u l-enerġija mekkanika) **jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fir-regolament dwar it-tassonomija (ir-Regolament (UE) 2020/852).**

Emenda 166

Proposta għal direttiva

Anness III – punt a – paragrafu 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

— Meta unità tal-koġenerazzjoni tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili **għajr il-gass naturali** f'sorsi tas-sħana eżistenti mqabbla mal-konsum annwali medjat għat-tliet snin kalendarji preċedenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, u li kull sors tas-sħana ġdid f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili **għajr il-gass naturali.**

Emenda

— Meta unità tal-koġenerazzjoni tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili f'sorsi tas-sħana eżistenti mqabbla mal-konsum annwali medjat għat-tliet snin kalendarji preċedenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, u li kull sors tas-sħana ġdid f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili **u għandhom jiżguraw kriterji ta' sostenibbiltà stretti għall-enerġija rinnovabbli fis-sorsi tas-sħana eżistenti f'konformità mal-Artikoli 29(2) sa (7) tad-Direttiva 2018/2001/UE.**

Emenda 167

Proposta għal direttiva

Anness IV – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) meta prodott jew servizz ikun kopert mill-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni, b'rilevanza għall-

Emenda

(c) meta prodott jew servizz ikun kopert mill-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni, b'rilevanza għall-

effiċjenza enerġetika tal-prodott jew tas-servizz, dawn għandhom **jagħmlu l-aqwa sforzi biex** jixtru biss prodotti u servizzi li jirrispettaw **mill-inqas l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-livell "ċentrali" fil-kriterji** tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni rilevanti **inkluż fost l-oħrajn għaċ-ċentri tad-data, il-kmamar tas-servers u s-servizzi tal-cloud, il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni għat-tidwil tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku, il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni għall-kompjuters, il-monitors, it-tablets u l-smartphones**;

Emenda 168

Proposta għal direttiva

Anness IV – paragrafu 1 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(f) **għandhom jixtru, jew jagħmlu** ftehimiet ġodda għall-kiri ta', bini biss **li jikkonforma mill-inqas mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/31/UE** diment li l-finijiet tax-xiri jkun:

Emenda

(f) jagħmlu ftehimiet ġodda għall-kiri ta', bini biss li **jaqa' fl-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija**; jixtru biss bini li huwa bini **b'użu ta' enerġija qrib iż-żero jew bini b'emissjonijiet żero** diment li l-finijiet tax-xiri jkun:

Emenda 169

Proposta għal direttiva

Anness IV – paragrafu 1 – punt f – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) biex isiru rinnovazzjoni kompleta jew twaqqiġh;

Emenda

(i) biex isiru rinnovazzjoni kompleta **biex il-bini jiġi ttrasformat f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero jew f'bini b'emissjonijiet żero** jew demolizzjoni;

Emenda 170

Proposta għal direttiva

Anness V – punt 5 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità **u** liema metodoloġiji u parametri referenzjarji jintużaw għall-iffrankar meqjus u skalat u, meta applikabbli, il-valuri kalorifiċi netti u l-fatturi ta' konverżjoni użati;

Emenda 171

**Proposta għal direttiva
Anness V – punt 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(m) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità, liema metodoloġiji u parametri referenzjarji jintużaw għall-iffrankar meqjus u skalat, **kif ir-riżultati mill-evalwazzjonijiet ex post tal-iffrankar tal-enerġija ġew ikkunsidrati**, u, meta applikabbli, il-valuri kalorifiċi netti u l-fatturi ta' konverżjoni użati;

Emenda

5a. Evalwazzjoni ex post tal-iffrankar tal-enerġija
L-Istati Membri għandhom jaħtru entità indipendenti biex twettaq evalwazzjonijiet ex post trasparenti tal-iffrankar tal-enerġija li jirriżultaw minn miżuri ta' politika biex din l-entità tivvaluta jekk l-iffrankar smat tal-enerġija jkunx immaterjalizza u biex tinforma l-kalkoli tal-iffrankar tal-enerġija ex ante futuri. L-evalwazzjonijiet ex post għandhom jitwettqu sal-31 ta' Diċembru 2025, u kull ħames snin sussegwenti.
L-evalwazzjonijiet ex post għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Kull evalwazzjoni ex post għandha tinkludi:
(a) l-istima tal-iffrankar tal-enerġija bl-użu ta' data dwar il-konsum tal-enerġija minn kampjun rappreżentattiv u statistikament sinifikanti ta' azzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika. Id-data dwar il-konsum tal-enerġija mill-kampjun għandha titqabbel mal-istimi tal-konsum kontrofattwali tal-enerġija, jiġifieri x'kien ikun il-konsum tal-enerġija mingħajr il-miżura ta' politika. L-istimi tal-konsum kontrofattwali tal-enerġija għandhom ikunu bbażati fuq il-konsum storiku tal-enerġija u kwalunkwe element varjabbli

rilevanti ieħor li jkollu impatt sinifikanti fuq il-konsum tal-enerġija, bħat-temperatura tal-arja ta' barra;
(b) tqabbil bejn l-istimi tal-iffrankar tal-enerġija mill-evalwazzjoni u l-iffrankar tal-enerġija li kien mistenni mill-miżura ta' politika;
(c) lista ta' rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb il-kalkolu ex ante tal-iffrankar mistenni meta l-evalwazzjoni tikkonkludi li hemm diskrepanza bejn id-data dwar l-iffrankar mistenni u d-data dwar il-konsum tal-enerġija ex post.
L-iffrankar tal-enerġija kkalkulat bl-użu tal-metodu tal-iffrankar imkejjel bl-arloġġ għandu jkun eżentat minn dan ir-rekwiżit.

Emenda 172

Proposta għal direttiva Anness VI – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikunu bbażati fuq data operazzjonali aġġornata, imkejla u traċċabbli fuq il-konsum tal-enerġija u l-profilu tat-tagħbija (għall-elettriku);

Emenda

(a) ikunu bbażati fuq data operazzjonali aġġornata, imkejla u traċċabbli fuq il-konsum tal-enerġija u l-profilu tat-tagħbija (għall-elettriku) **u l-konsum tal-ilma;**

Emenda 173

Proposta għal direttiva Anness VI – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jinkludu rieżami dettaljat tal-profil **tal-konsum tal-enerġija** ta' bini jew ta' gruppi ta' bini, operazzjonijiet industrijali, jew installazzjonijiet, inkluż it-trasport;

Emenda

(b) jinkludu rieżami dettaljat tal-profil ta' bini jew ta' gruppi ta' bini, operazzjonijiet industrijali, jew installazzjonijiet, inkluż it-trasport, **f'termini ta' konsum tal-enerġija u tal-ilma;**

Emenda 174

Proposta għal direttiva Anness VI – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni
(c) jidentifikaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jonqos il-konsum tal-enerġija;

Emenda 175

Proposta għal direttiva
Anness VI – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda
(c) jidentifikaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jonqos il-konsum tal-enerġija **u tal-ilma**;

Emenda 176

Proposta għal direttiva
Anness VI – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni
(e) jibbażaw, **meta possibbli**, fuq analiżi tal-kost taċ-ċiklu tal-ħajja (LCCA) minflok fuq Perjodi ta' Ripagament Sempliċi (SPP) biex jitqiesu l-iffrankar fit-tul, il-valuri residwali tal-investimenti fit-tul, u r-rati tal-iskont;

Emenda
(ca) jidentifikaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jonqos il-konsum tal-enerġija;

Emenda 177

Proposta għal direttiva
Anness VI - sottotitolu 2

Test propost mill-Kummissjoni
Rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija taċ-ċentri tad-data

Emenda
(e) jibbażaw fuq analiżi tal-kost taċ-ċiklu tal-ħajja (LCCA) minflok fuq Perjodi ta' Ripagament Sempliċi (SPP) biex jitqiesu l-iffrankar fit-tul, il-valuri residwali tal-investimenti fit-tul, u r-rati tal-iskont;

Emenda
Rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija **u l-ilma** taċ-ċentri tad-data

Emenda 178

Proposta għal direttiva
Anness VI – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-informazzjoni minima li ġejja għandha tiġi monitorjata u ppubblikata rigward il-prestazzjoni tal-enerġija taċ-ċentri tad-data msemmija fl-Artikolu 11(10):

Emenda

L-informazzjoni minima li ġejja għandha tiġi monitorjata u ppubblikata rigward il-prestazzjoni tal-enerġija **u l-ilma** taċ-ċentri tad-data msemmija fl-Artikolu 11(10):

Emenda 179

Proposta għal direttiva

Anness IX – Parti I - punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. id-domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ f'termini ta' enerġija utli vvalutata¹¹⁰ u ta' konsum tal-enerġija finali kkwantifikat f'GWh kull sena¹¹¹ skont is-setturi:

Emenda

1. id-domanda **annwali** għat-tisħin u għat-tkessiħ f'termini ta' enerġija utli vvalutata¹¹⁰ u ta' konsum tal-enerġija finali kkwantifikat f'GWh kull sena¹¹¹, **u d-domanda massima għat-tisħin u għat-tkessiħ f'termini ta' enerġija utli u konsum tal-elettriku f'GWh kuljum** skont is-setturi:

¹¹⁰ L-ammont ta' enerġija termali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti finali għat-tisħin u t-tkessiħ.

¹¹¹ Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

¹¹⁰ L-ammont ta' enerġija termali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti finali għat-tisħin u t-tkessiħ.

¹¹¹ Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

Emenda 180

Proposta għal direttiva

Anness IX – Parti I - punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. l-identifikazzjoni, jew fil-każ tal-punt 2(a)(i), l-identifikazzjoni jew l-istima, tal-provvista attwali tat-tisħin u t-tkessiħ:

Emenda

2. l-identifikazzjoni, jew fil-każ tal-punt 2(a) (i), l-identifikazzjoni jew l-istima, tal-provvista attwali tat-tisħin u t-tkessiħ **u l-emissjonijiet assoċjati ta' gassijiet serra:**

Emenda 181

Proposta għal direttiva

Anness IX – Parti I – punt 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(a) skont it-teknoloġija, f'GWh kull

Emenda

(a) skont it-teknoloġija, f'GWh kull

sena¹¹², fis-setturi msemija fil-punt 1 meta possibbli, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli:

¹¹² Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

Emenda 182

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti I – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 183

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti I – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. tbassir tax-xejriet fid-domanda għat-tisħin u t-tkessiġ biex tinżamm perspettiva tat-tletin sena li ġejjin **f'GWh** u filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-projezzjonijiet għall-għaxar snin li ġejjin, il-bidla fid-domanda fil-bini u f'setturi differenti tal-industrija, u l-impatt tal-politiki u tal-istrateġiji relatati mal-ġestjoni tad-domanda, bħall-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva (UE) 2018/844;

Emenda 184

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti III – punt 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) sorsi tal-enerġija rinnovabbli (pereżempju l-enerġija ġeotermali, l-enerġija termali solari u l-bijomassa) għajr

sena¹¹², **u f'GWh kuljum matul perjodi ta' domanda massima għat-tisħin u għat-tkessiġ**, fis-setturi msemija fil-punt 1 meta possibbli, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli:

¹¹² Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

*Emenda
(ca) riżervi ġeotermali.*

Emenda

4. tbassir tax-xejriet fid-domanda għat-tisħin u t-tkessiġ biex tinżamm perspettiva tat-tletin sena li ġejjin **f'GWh/sena u f'GWh/jum** u filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-projezzjonijiet għall-għaxar snin li ġejjin, il-bidla fid-domanda fil-bini u f'setturi differenti tal-industrija, u l-impatt tal-politiki u tal-istrateġiji relatati mal-ġestjoni tad-domanda, bħall-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva (UE) 2018/844;

Emenda

(d) sorsi tal-enerġija rinnovabbli **għat-tisħin u/jew għat-tkessiġ** (pereżempju l-enerġija ġeotermali, l-enerġija termali

dawk użati għall-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

solari u l-bijomassa sostenibbli) għajr dawk użati għall-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ***u elettriku b'konverżjoni sussegwenti fi sħana u/jew f'kesħa (elettriku solari jew mir-riħ), ħżin tal-enerġija termali supplimentari;***

Emenda 185

Proposta għal direttiva

Annex IX – Parti III – punt 8 – punt b – paragrafu 1 – punt ii – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni
— il-kostijiet ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza, kemm jista' jkun;

Emenda
— il-kostijiet ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza, ***inkluż il-kontenut ta' sustanzi tossiċi persistenti, bijoakkumulattivi,*** kemm jista' jkun;

Emenda 186

Proposta għal direttiva

Annex IX – Parti III – punt 8 – punt e – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni
(iii) l-Istati Membri għandhom jużaw projezzjonijiet nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali tal-iżvilupp tal-prezz tal-enerġija, jekk ikun xieraq, fil-kuntest nazzjonali u/jew reġjonali/lokali tagħhom;

Emenda
(iii) l-Istati Membri għandhom jużaw projezzjonijiet nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali tal-iżvilupp tal-prezz tal-enerġija ***u tas-CO₂***, jekk ikun xieraq, fil-kuntest nazzjonali u/jew reġjonali/lokali tagħhom;

Emenda 187

Proposta għal direttiva

Annex X – paragrafu 1 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni
Il-valutazzjoni tal-użu tas-sħana mormija għandha tqis it-teknoloġiji attwali. Il-valutazzjoni għandha tqis l-użu dirett tas-sħana mormija ***jew*** l-aġġornament tagħha għal livelli oġhla ta' temperatura, jew it-tnejn li huma. Fil-każ tal-irkupru fuq il-post tas-sħana mormija, għandu jiġi vvalutat mill-inqas l-użu ta' skambjaturi

Emenda
Il-valutazzjoni tal-użu tas-sħana mormija għandha tqis it-teknoloġiji attwali. ***Primarjament,*** il-valutazzjoni għandha tqis l-użu dirett tas-sħana mormija ***f'livelli ta' temperaturi utli.*** L-aġġornament tagħha għal livelli oġhla ta' temperatura, jew it-tnejn li huma ***għandhom jitqiesu biss meta l-użu dirett tas-sħana mormija la jkun***

tas-sħana, pompi tas-sħana, u teknoloġiji tas-sħana għall-enerġija. Fil-każ tal-irkupru mhux fuq il-post tas-sħana mormija, tal-inqas l-installazzjonijiet industrijali, is-siti agrikoli u n-networks tat-tiħin distrettwali għandhom jiġu vvalutati bħala punti ta' domanda potenzjali.

prattikabbli u lanqas teknoloġikament fattibbli. Fil-każ tal-irkupru fuq il-post tas-sħana mormija, għandu jiġi vvalutat mill-inqas l-użu ta' skambjaturi tas-sħana, pompi tas-sħana, u teknoloġiji tas-sħana għall-enerġija. Fil-każ tal-irkupru mhux fuq il-post tas-sħana mormija, tal-inqas l-installazzjonijiet industrijali, is-siti agrikoli u n-networks tat-tiħin distrettwali għandhom jiġu vvalutati bħala punti ta' domanda potenzjali.

Emenda 188

Proposta għal direttiva Anness XIV – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

— Sejbiet/rakkomandazzjonijiet ta' analiżi/verifika mwettqa qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt li jkopri l-użu tal-enerġija tal-bini bil-ħsieb li jiġu implimentati miżuri li jtejjbu l-effiċjenza enerġetika.

Emenda

— Sejbiet/rakkomandazzjonijiet ta' analiżi/verifika mwettqa qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt li jkopri l-użu tal-enerġija ***u tal-ilma*** tal-bini bil-ħsieb li jiġu implimentati miżuri li jtejjbu l-effiċjenza enerġetika.

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għal-loġika u għall-koerenza interna tat-test.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Eleonora Evi 21.9.2021
Eżami fil-kumitat	3.3.2022
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Monika Beňová, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Cyrus Engerer, Cornelia Ernst, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Malte Gallée, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Nicola Procaccini, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Maria Spyraiki, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Chabaud, Nicolás González Casares, Dace Melbārde, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Eleonora Evi 21.9.2021
Eżami fil-kumitat	3.3.2022
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Monika Beňová, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Cyrus Engerer, Cornelia Ernst, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Malte Gallée, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Nicola Procaccini, Luisa Regimento, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Sogaard-Lidell, Maria Spyraiki, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Chabaud, Nicolás González Casares, Dace Melbārde, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

47	+
NI	Athanasios Konstantinou, Ivan Vilibor Sinčić
PPE	Stanislav Polčák
Renew	Pascal Canfin, Catherine Chabaud, Martin Hojsík, Jan Huitema, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Linea Sogaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Cyrus Engerer, Nicolás González Casares, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Cornelia Ernst, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen, Mick Wallace
Vertq/ALE	Margrete Auken, Eleonora Evi, Malte Gallée, Pär Holmgren, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Michèle Rivasi

30	-
ECR	Rob Rooker
ID	Mathilde Androuët, Simona Baldassarre, Aurélie Beigneux, Marco Dreosto, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Sylvia Limmer, Joëlle Mélin, Silvia Sardone
NI	Edina Tóth
PPE	Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Christian Doleschal, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolores Montserrat, Ljudmila Novak, Jessica Polfjård, Luisa Regimenti, Christine Schneider, Maria Spyrali, Pernille Weiss

9	0
ECR	Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Dace Melbārde, Nicola Procaccini, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
PPE	Nathalie Colin-Oesterlé, Agnès Evren

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

31.3.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
(COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Tom Berendsen

EMENDI

Il-Kumitat għat-Transport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Biex jimplimenta **dawn** l-oġġettivi, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021⁴⁶ ħabbar Pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030, u tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050. Dan il-pakkett ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, fosthom l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-użu tal-art, il-bidla **fl-art** u l-forestrija, it-tassazzjoni fuq l-enerġija, il-kondiviżjoni tal-isforzi u l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet.

⁴⁶ KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-

Emenda

(4) Biex jimplimenta **dawk** l-oġġettivi, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021⁴⁶ ħabbar Pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030, u tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050. Dan il-pakkett ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, fosthom l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, **it-trasport**, l-użu tal-art, il-bidla **fl-użu tal-art** u l-forestrija, it-tassazzjoni fuq l-enerġija, il-kondiviżjoni tal-isforzi u l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet.

⁴⁶ KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI, Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021 Unjoni ta' vitalità f'dinja ta' fraġilità COM/2020/690 final.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI, Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021 Unjoni ta' vitalità f'dinja ta' fraġilità COM/2020/690 final.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Sabiex jiġi żgurat li s-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż is-settur tat-trasport li konsegwentement jenħtieġ li jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu b'90 % sal-2050, jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, l-Unjoni jenħtieġ li telimina gradwalment il-fjuwils fossili u tissostitwihom b'alternattivi sostenibbli. L-iffrankar tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkun sostenibbli u jimxi id f'id mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni.

Emenda

(4b) Il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jenħtieġ li jissalvagwardja u joħloq l-impjiegi Ewropej u jippermetti tkabbir ekonomiku sostenibbli, inkluż fis-settur tat-trasport, billi jistabbilixxi l-inċentivi t-tajbin, joħloq innovazzjoni intraprenditorjali, speċjalment għan-negozji ġodda u l-SMEs, kif ukoll mudelli ta' negozju ġodda. Il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jenħtieġ li jkun faċilitatur biex l-UE, fil-livell dinji, tkun minn ta' quddiem nett fl-iżvilupp u fl-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa fit-tranżizzjoni enerġetika globali, b'enfasi partikolari fuq soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) Il-leġiżlazzjoni kollha li tiffirma parti mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn valutazzjonijiet tal-impatt makroekonomiku li jivvalutaw l-impatt ikkombinat u l-interazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni differenti fuq l-unitajiet domestiċi Ewropej u s-setturi ekonomiċi, filwaqt li jivvalutaw l-implikazzjonijiet fuq aspetti li jinkludu t-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, il-ħolqien tax-xogħol u l-impjiegi, il-kost tat-trasport u l-mobbiltà, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u kwalunkwe rilokazzjoni possibbli tal-emissjonijiet tal-karbonju jew vantaġġi kompetittivi maħluqa għall-kumpaniji Ewropej b'konsegwenza ta' dan il-pakkett.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jiżdied b'mod sinifikanti mil-livell attwali ta' ambizzjoni ta' 32,5 %.

Emenda

(7) Biex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jiżdied b'mod sinifikanti mil-livell attwali ta' ambizzjoni ta' 32,5 %. **Iż-żieda fl-ambizzjoni tal-mira għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 fid-dawl tal-objettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika tirrikjedi u jenħtieġ li tkun kompatibbli maż-żieda u l-adozzjoni meħtieġa tal-elettrifikazzjoni, l-idroġenu, l-e-Fjuwils u teknoloġiji nodfa oħra meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-settur tat-trasport, u**

għaldaqstant l-iffissar ta' limitu massimu fuq l-użu tal-enerġija essenzjali mhux dejjem jista' jkun għodda flessibbli.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Is-settur tat-trasport huwa wieħed mill-ftit setturi li ra żieda fil-konsum tal-enerġija tiegħu tul l-aħħar deċennju, u sehem żgħir biss tal-iffrankar tal-enerġija (5 %) irrapportat mill-Istati Membri fl-ambitu tal-EED jirriżulta minn dan is-settur, li jindika potenzjal sinifikanti għal sforzi akbar għall-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jipprevedi għadd ta' miżuri speċifiċi relatati mal-klima għat-trasport, li jenħtieġ li jkunu ċċentrati fuq il-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika;

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-elettrifikazzjoni u l-bidla għal fjuwils alternattivi sostenibbli tat-trasport iġibu magħhom potenzjal sinifikanti biex jinkisbu ffrankar tal-enerġija u tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għaldaqstant se jkunu ċċentrali fit-tranżizzjoni tas-settur tat-trasport lejn sostenibbiltà akbar. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li tiġi introdotta infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment li tkun suffiċjenti, kemm f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll f'postijiet privati, biex iż-żieda tal-użu fis-suq tal-vetturi elettriċi u tal-fjuwils alternattivi tingħata spinta u tiġi appoġġata sabiex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard

mill-2050. Barra minn hekk, l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod responsabbli u bl-allokazzjoni ta' riżorsi u żmien lill-manifatturi u lill-produtturi tat-teknoloġiji u tal-fjuwils alternattivi sostenibbli.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Il-faqar enerġetiku u tat-trasport huma problemi serji li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum ta' miljuni ta' unitajiet domestiċi Ewropej. Hija meħtieġa azzjoni konkreta u rapida biex jitnaqqsu l-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-miżuri tal-Unjoni biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jkunu allinjati mal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u mal-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż ***fis-settur finanzjarju***. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-

Emenda

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika ***trid*** tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż ***fis-setturi finanzjarji u tat-trasport u jenħtieġ li jiġi inkluż konsistentement fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni***. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta'

provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn jenħtieġ ma jxekklux l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak jenħtieġ jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun prijorità wkoll biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Biex jiġi jitħalla impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti kollha ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment maġġuri – jiġifieri l-investimenti fuq skala kbira b'valur aktar minn EUR 50 miljun kull wieħed jew EUR 75 miljun għall-proġetti infrastrutturali tat-trasport – li jaffettwaw il-konsum jew il-provvista tal-enerġija. Għal applikazzjoni tajba tal-prinċipju **jeħtieġ** tintuża l-metodoloġija korretta tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, u jsir monitoraġġ xieraq. Il-flessibbiltà min-naħa

politika, tal-ippjanar u tal-investment, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn jenħtieġ **ukoll li** ma jxekklux l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak jenħtieġ **li** jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun prijorità wkoll biex jittaffa l-faqar enerġetiku **u l-faqar tat-trasport, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.**

Emenda

(14) Biex jiġi jitħalla impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, **filwaqt li jqisu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2021^{1a}, fid-deċiżjonijiet** rilevanti kollha ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment maġġuri – jiġifieri l-investimenti fuq skala kbira b'valur **ta'** aktar minn EUR 50 miljun kull wieħed jew **ta'** EUR 75 miljun għall-proġetti infrastrutturali tat-trasport – li jaffettwaw il-konsum jew il-provvista tal-enerġija. Għal applikazzjoni tajba tal-prinċipju **jenħtieġ li** tintuża l-metodoloġija korretta tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jiġu stabbiliti

tad-domanda tista' għib benefiċċji sinifikanti għall-konsumaturi u għas-soċjetà inġenerali, u tista' żżid l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija, pereżempju billi tnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-sistema biex jorħsu t-tariffi għall-konsumaturi kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u meta rilevanti jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija u soluzzjonijiet intelliġenti bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, u jsir monitoraġġ xieraq. Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tista' għib benefiċċji sinifikanti għall-konsumaturi u għas-soċjetà inġenerali, u tista' żżid l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija **u tat-trasport**, pereżempju billi tnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-sistema biex jorħsu t-tariffi għall-konsumaturi kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u meta rilevanti jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija u soluzzjonijiet intelliġenti (**bħall-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali**) bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

1a

https://ec.europa.eu/energy/sites/default/files/eef_recommendation_ref_tbc.pdf

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 16a (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Il-faqar tat-trasport sa issa ma ngħatax attenzjoni biżżejjed u ma hemm l-ebda definizzjoni ċara disponibbli fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali. Madankollu, qed isir aktar urġenti li l-problema tiġi indirizzata fid-dawl tal-prezzijiet għoljin tal-fjuwils, tal-biljetti u ta' nfiq ieħor relatat mal-mobbiltà u minħabba d-dipendenzi kbar mid-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tat-trasport biex wieħed imur għax-xogħol jew għall-bżonnijiet tal-mobbiltà ta' kuljum, b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'żoni rurali, insulari, muntanjużi, imbiegħda, ultraperiferali, jew inqas aċċessibbli jew għal reġjuni jew territorji inqas żviluppati,

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi, jew biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Għal approċċ **ħolistiku** fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Din id-Direttiva hi parti minn qafas ta' politika usa' tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jindirizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika f'oqasma ta' politika speċifiċi, fosthom il-bini (id-Direttiva 2010/31/KE⁵⁶), il-prodotti (id-Direttiva 2009/125/KE, ir-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE)

Emenda

(17) **Il-konsumaturi kollha, speċjalment** l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti **tat-trasport vulnerabbli u utenti finali oħra**, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku **u tal-faqar tat-trasport** jew fil-faqar enerġetiku **u fil-faqar tat-trasport**, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi **u tas-soċjetà kollha kemm hi** jew biex jittaffa l-faqar enerġetiku **u l-faqar tat-trasport iżda li ma jwasslux għal żieda fil-kostijiet għall-mobbiltà jew għal esklużjoni soċjali akbar**. Għal approċċ **olistiku** fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.

Emenda

(18) Din id-Direttiva hi parti minn qafas ta' politika usa' tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jindirizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika f'oqasma ta' politika speċifiċi, fosthom il-bini (id-Direttiva 2010/31/KE⁵⁶), il-prodotti (id-Direttiva 2009/125/KE, ir-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament

2020/740⁵⁷) u l-mekkaniżmu ta' governanza (ir-Regolament (UE) 2018/1999). Dawn il-politiki jaqdu rwol importanti ħafna fil-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meta l-prodotti jiġu sostitwiti jew meta l-bini jinbena jew jiġi rinnovat⁵⁸.

⁵⁶ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

⁵⁷ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija; Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija; u r-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra rispettivament.

⁵⁸ Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-rieżamijiet tal-prodotti skont il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2020-2024 u l-Pjan ta' Azzjoni "Rinnovazzjoni", flimkien mar-rieżami tal-EPBD, se jagħtu kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tal-iffrankar tal-enerġija għall-2030.

(UE) 2020/740⁵⁷) u l-mekkaniżmu ta' governanza (ir-Regolament (UE) 2018/1999). Dawn il-politiki jaqdu rwol importanti ħafna fil-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meta l-prodotti jiġu sostitwiti jew meta l-bini jinbena jew jiġi rinnovat⁵⁸. ***In-nuqqas ta' għarfien dwar il-potenzjal għal titjib fl-effiċjenza enerġetika, u l-benefiċċji ekonomiċi li jistgħu jirriżultaw minn tali miżuri, huwa ostaklu importanti għall-użu usa' ta' oġġetti u servizzi effiċjenti fl-enerġija. Dan in-nuqqas ta' għarfien irid jiġi indirizzat aħjar bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u bl-implimentazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex in-negozji u l-utenti finali jingħataw informazzjoni aħjar, ibbażata fuq approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, dwar ir-rendiment fl-effiċjenza enerġetika u l-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija ta' prodotti u servizzi tat-trasport differenti.***

⁵⁶ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

⁵⁷ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija; Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u r-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra rispettivament.

⁵⁸ Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-rieżamijiet tal-prodotti skont il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2020-2024 u l-Pjan ta' Azzjoni "***Mewġa ta'*** Rinnovazzjoni", flimkien mar-rieżami tal-EPBD, se jagħtu kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tal-iffrankar tal-enerġija għall-2030.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Il-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014 appoġġa l-mira ta' 27 % tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 fil-livell tal-Unjoni, li **riedet** tiġi riveduta sal-2020 b'kunsiderazzjoni tal-mira ta' 30 % fil-livell tal-Unjoni. Fir-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija", il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta, addizzjonalment, il-vijabbiltà ta' mira ta' 40 % għall-effiċjenza enerġetika għall-istess perjodu taż-żmien.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizzjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 b'halo xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika b'mill-inqas 9 % fl-2030 meta mqabbla mal-livell tal-isforzi fix-Xenarju ta' Referenza tal-2020. Il-mod ġdid kif jiġi

Emenda

(20) Il-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014 appoġġa l-mira ta' 27 % tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 fil-livell tal-Unjoni, li **kien jenħtieġ li** tiġi riveduta sal-2020 b'kunsiderazzjoni tal-mira ta' 30 % fil-livell tal-Unjoni. Fir-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija", il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta, addizzjonalment, il-vijabbiltà ta' mira ta' 40 % għall-effiċjenza enerġetika għall-istess perjodu taż-żmien.

Emenda

(22) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizzjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 b'halo xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika b'mill-inqas 9 % fl-2030 meta mqabbla mal-livell tal-isforzi fix-Xenarju ta' Referenza tal-2020. Il-mod ġdid kif jiġi

espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ u jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 36 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta' 39 % għall-konsum tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030.

espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ u jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 36 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta' 39 % għall-konsum tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030. ***Ambizzjoni akbar tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 jenħtieġ li tkun kompatibbli maż-żieda u l-adozzjoni meħtieġa tal-elettrifikazzjoni, tal-idroġenu rinnovabbli, tal-e-Fjuwils u ta' teknoloġiji nodfa oħra bbażati fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-settur tat-trasport, sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-2050.***

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-ħtieġa li l-Unjoni żżid l-effiċjenza enerġetika tagħha jenħtieġ li tiġi espressa fil-konsum tal-enerġija primarja u finali, li jrid jinkiseb fl-2030, b'indikazzjoni tal-livell ta' sforzi addizzjonali meħtieġ meta mqabbel mal-miżuri fis-seħħ jew ippjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Ix-Xenarju ta' Referenza tal-2020 jipprojetta 864 Mtoe ta' konsum tal-enerġija finali u 1124 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja li jrid jintlaħaq fl-2030 (minbarra s-sħana ambjentali u inkluż l-avjazzjoni internazzjonali). Tnaqqis addizzjonali ta' 9 % jwassal għal 787 Mtoe u 1023 Mtoe fl-2030 rispettivament. Meta mqabbel mal-livelli fl-2005, dan ifisser li l-konsum tal-enerġija finali fl-Unjoni jenħtieġ li jitnaqqas b'xi 23 % u l-konsum tal-enerġija primarja jenħtieġ li jitnaqqas b'madwar 32 %. Ma hemm l-ebda mira vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri fil-perspettiva ***tal-2020 u*** tal-2030, u l-Istati Membri jenħtieġ

Emenda

(24) Il-ħtieġa li l-Unjoni żżid l-effiċjenza enerġetika tagħha jenħtieġ li tiġi espressa fil-konsum tal-enerġija primarja u finali, li jrid jinkiseb fl-2030, b'indikazzjoni tal-livell ta' sforzi addizzjonali meħtieġ meta mqabbel mal-miżuri fis-seħħ jew ippjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Ix-Xenarju ta' Referenza tal-2020 jipprojetta 864 Mtoe ta' konsum tal-enerġija finali u 1124 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja li jrid jintlaħaq fl-2030 (minbarra s-sħana ambjentali u inkluż l-avjazzjoni internazzjonali). Tnaqqis addizzjonali ta' 9 % jwassal għal 787 Mtoe u 1023 Mtoe fl-2030 rispettivament. Meta mqabbel mal-livelli fl-2005, dan ifisser li l-konsum tal-enerġija finali fl-Unjoni jenħtieġ li jitnaqqas b'xi 23 % u l-konsum tal-enerġija primarja jenħtieġ li jitnaqqas b'madwar 32 %. Ma hemm l-ebda mira vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri fil-perspettiva tal-2030, u l-Istati Membri jenħtieġ li

li jistabbilixxu l-kontributi tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni filwaqt li jqisu l-formula prevista f'din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jistabbilixxu l-objettivi nazzjonali tagħhom abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew finali jew tal-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew abbażi tal-intensità tal-enerġija. Din id-Direttiva temenda l-mod kif l-Istati Membri jenħtieġ li jesprimu l-kontributi nazzjonali tagħhom għall-mira tal-Unjoni. Il-kontributi tal-Istati Membri għall-mira tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu espressi fil-konsum tal-enerġija finali u primarja biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-monitoraġġ tal-progress. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija *meħtieġ* u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999.

jistabbilixxu l-kontributi tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni filwaqt li jqisu l-formula prevista f'din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jistabbilixxu l-objettivi nazzjonali tagħhom abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew finali jew tal-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew abbażi tal-intensità tal-enerġija. Din id-Direttiva temenda l-mod kif l-Istati Membri jenħtieġ li jesprimu l-kontributi nazzjonali tagħhom għall-mira tal-Unjoni. Il-kontributi tal-Istati Membri għall-mira tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu espressi fil-konsum tal-enerġija finali u primarja biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-monitoraġġ tal-progress. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija *meħtieġa* u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999. ***Sabiex tilħaq l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, l-Unjoni se jkollha tkompli ttejjeb l-effiċjenza enerġetika wara l-2030 u dan se jirrikjedi l-istabbiliment ta' miri ġodda għall-perjodu wara din id-data sabiex tibqa' ssegwi l-impenji klimatiċi internazzjonali.***

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Ikun aħjar jekk il-mira tal-effiċjenza enerġetika tintlaħaq bħala riżultat ta' implimentazzjoni kumulattiva ta' miżuri nazzjonali u Ewropej speċifiċi li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika f'oqsma differenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jistabbilixxu politiki u miżuri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika. Dawn il-politiki u l-miżuri u l-isforzi individwali ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jiġu evalwati mill-Kummissjoni, flimkien ma' data dwar il-progress li jkun sar, biex tkun ivvalutata l-probabbiltà li tintlaħaq il-

Emenda

(25) Ikun aħjar jekk il-mira tal-effiċjenza enerġetika tintlaħaq bħala riżultat ta' implimentazzjoni kumulattiva ta' miżuri nazzjonali u Ewropej speċifiċi li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika f'oqsma differenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jistabbilixxu politiki u miżuri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika. Dawn il-politiki u l-miżuri u l-isforzi individwali ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jiġu evalwati mill-Kummissjoni, flimkien ma' data dwar il-progress li jkun sar, biex tkun ivvalutata l-probabbiltà li tintlaħaq il-

mira kumplessiva tal-Unjoni u sa fejn l-isforzi individwali huma biżżejjed biex tintlaħaq il-mira komuni.

mira kumplessiva tal-Unjoni u sa fejn l-isforzi individwali huma biżżejjed biex tintlaħaq il-mira komuni. ***jenfasizza, barra minn hekk, li l-miri tal-effiċjenza enerġetika se jagħtu spinta pożittiva lill-iżvilupp ekonomiku u jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjegi, iżda li l-għodod ta' implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi individwali tal-Istati Membri. It-titjib tar-rendiment tal-enerġija tas-setturi tat-trasport u tal-akkomodazzjoni wkoll għandu l-potenzjal li jrawwem riġenerazzjoni urbana, li hija strumentali għall-ħolqien tal-impjegi, għat-titjib tal-bini u għat-tibdil fil-mudelli ta' mobbiltà u aċċessibbiltà, għall-promozzjoni ta' għażliet aktar effiċjenti u sostenibbli.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miri għall-konsum tal-enerġija finali tas-servizzi pubbliċi u l-installazzjonijiet kollha tal-korpi pubbliċi. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-destinatarji, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-definizzjoni ta' awtoritajiet kontraenti prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰. L-obbligu jista' jiġi ssodisfat bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali fi kwalunkwe qasam tas-settur pubbliku, inkluż it-trasport, il-bini pubbliku, il-kura tas-saħħa, l-ippjanar spazjali, l-immaniġġjar tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, id-distribuzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-ħżin, it-tidwil pubbliku, l-ippjanar tal-infrastruttura. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-korpi pubbliċi, l-Istati

Emenda

(28) Biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miri għall-konsum tal-enerġija finali tas-servizzi pubbliċi u l-installazzjonijiet kollha tal-korpi pubbliċi, ***inklużi s-servizzi tat-trasport.*** Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-destinatarji, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-definizzjoni ta' awtoritajiet kontraenti prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰. L-obbligu jista' jiġi ssodisfat bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali fi kwalunkwe qasam tas-settur pubbliku, inkluż it-trasport, il-bini pubbliku, il-kura tas-saħħa, l-ippjanar spazjali, l-immaniġġjar tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, id-distribuzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-ħżin, it-tidwil pubbliku, l-ippjanar tal-infrastruttura. Biex jitnaqqas il-piż

Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjattaformi diġitali jew għodod biex jiġbru d-data tal-konsum aggregat mingħand il-korpi pubbliċi, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, u jirrapportaw id-data lill-Kummissjoni.

⁶⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94 28.3.2014, p. 65).

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Il-bini u t-trasport huma, flimkien mal-industrija, l-utenti ewlenin tal-enerġija u s-sors ewlieni tal-emissjonijiet.⁶¹ Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u għal 36 % tal-GHG tagħha mill-enerġija.⁶² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni"⁶³ tindirizza l-isfida doppja tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u l-affordabbiltà fis-settur tal-bini u għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni. Din tiffoka fuq il-bini bl-aġġar rendiment fl-użu tal-enerġija, fuq il-

amministrattiv għall-korpi pubbliċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjattaformi diġitali jew għodod biex jiġbru d-data tal-konsum aggregat mingħand il-korpi pubbliċi, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, u jirrapportaw id-data lill-Kummissjoni.

⁶⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94 28.3.2014, p. 65).

Emenda

(28a) Fis-settur tat-trasport, l-obbligu għall-korpi pubbliċi li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija jenħtieġ li jstimula titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-modi tat-trasport, iżda jenħtieġ li ma jwassalx għal tnaqqis fil-livell jew fil-kwalità tal-konnettività pprovduta mit-trasport pubbliku.

Emenda

(32) Il-bini u t-trasport huma, flimkien mal-industrija, l-utenti ewlenin tal-enerġija u s-sors ewlieni tal-emissjonijiet.⁶¹ Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u għal 36 % tal-GHG tagħha mill-enerġija.⁶² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni"⁶³ tindirizza l-isfida doppja tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u l-affordabbiltà fis-settur tal-bini u għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni. Din tiffoka fuq il-bini bl-aġġar rendiment fl-użu tal-enerġija, fuq il-

faqar enerġetiku u fuq il-bini pubbliku. Barra minn hekk, il-bini huwa kruċjali biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jammonta għal sehem konsiderevoli mill-istokk tal-bini u għandu viżibbiltà kbira fil-ħajja pubblika. Għalhekk jixraq tiġi ffixsata rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi fit-territorju ta' Stat Membru biex jiġi aġġornat **il-prestazzjoni enerġetika** tiegħu. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rata oġhla ta' rinnovazzjoni, meta dik tkun kosteffettiva skont il-qafas tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom f'konformità mal-Istrateġiji tar-Rinnovazzjoni fit-tul tagħhom jew mal-programmi nazzjonali tar-rinnovazzjoni. Dik ir-rata ta' rinnovazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁶⁴ Waqt ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-progress li kisbu l-Istati Membri b'rabta mar-rinnovazzjoni tal-bini tal-korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tippreżenta proposta leġislattiva għal reviżjoni tar-rata ta' rinnovazzjoni, filwaqt li tqis il-progress miksub mill-Istati Membri, żviluppi ekonomiċi jew tekniċi sostanzjali, jew meta meħtieġ, l-impenji tal-Unjoni b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis żero. L-obbligu f'din id-Direttiva li l-bini tal-korpi pubbliċi jiġi rinnovat jikkumplimenta dik id-Direttiva, li teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li meta l-bini eżistenti jiġi rinnovat drastikament, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu jiġi aġġornat biex dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-NZEBS.

faqar enerġetiku u fuq il-bini pubbliku. Barra minn hekk, il-bini huwa kruċjali biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jammonta għal sehem konsiderevoli mill-istokk tal-bini u għandu viżibbiltà kbira fil-ħajja pubblika. Għalhekk jixraq tiġi ffixsata rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi fit-territorju ta' Stat Membru biex jiġi aġġornat **ir-rendiment fl-użu tal-enerġija** tiegħu. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rata oġhla ta' rinnovazzjoni, meta dik tkun kosteffettiva skont il-qafas tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom f'konformità mal-Istrateġiji tar-Rinnovazzjoni fit-tul tagħhom jew mal-programmi nazzjonali tar-rinnovazzjoni. Dik ir-rata ta' rinnovazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁴. Waqt ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-progress li kisbu l-Istati Membri b'rabta mar-rinnovazzjoni tal-bini tal-korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tippreżenta proposta leġislattiva għal reviżjoni tar-rata ta' rinnovazzjoni, filwaqt li tqis il-progress miksub mill-Istati Membri, żviluppi ekonomiċi jew tekniċi sostanzjali, jew meta meħtieġ, l-impenji tal-Unjoni b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis żero. L-obbligu f'din id-Direttiva li l-bini tal-korpi pubbliċi jiġi rinnovat jikkumplimenta dik id-Direttiva, li teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li meta l-bini eżistenti jiġi rinnovat drastikament, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu jiġi aġġornat biex dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-NZEBS.

Bħala parti mill-isforzi ta' rinnovazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jmxexxu bl-eżempju u jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jinstallaw għadd ta' punti tal-irriċarġjar li jaqbeż ir-rekwiżiti minimi

tal-[EPBD], jekk dan ikun teknikament fattibbli u kosteffiċjenti.

⁶¹ COM/2020/562 final.

⁶² Ara r-Resource Efficiency and Climate Change tal-IRP, 2020, u l-Environment Emissions Gap Report tan-Nazzjonijiet Uniti, 2019. Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-użu u l-operazzjoni tal-bini, inkluż l-emissjonijiet indiretti fis-settur tal-enerġija u tas-sħana, u mhux għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu. Il-karbonju inkorporat fil-kostruzzjoni hu smat li jammonta għal madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra annwali globali totali.

⁶³ COM/2020/662 final.

⁶⁴ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

⁶¹ COM/2020/562 final.

⁶² Ara r-Resource Efficiency and Climate Change tal-IRP, 2020, u l-Environment Emissions Gap Report tan-Nazzjonijiet Uniti, 2019. Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-użu u l-operazzjoni tal-bini, inkluż l-emissjonijiet indiretti fis-settur tal-enerġija u tas-sħana, u mhux għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu. Il-karbonju inkorporat fil-kostruzzjoni hu smat li jammonta għal madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra annwali globali totali.

⁶³ COM/2020/662 final.

⁶⁴ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Fl-2020, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja kienet tgħix f'żoni urbani. Dik iċ-ċifra mistennija tilħaq it-68 % sal-2050⁶⁵. Barra minn hekk, nofs l-infrastrutturi urbani sal-2050 għad iridu jinbnew⁶⁶. Il-bliet u ż-żoni metropolitani huma ċentri ta' attività ekonomika, ta' ġenerazzjoni tal-għarfien, ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu jew jaħdmu fihom. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-muniċipalitajiet b'mod tekniku u finanzjarju. Għadd ta' muniċipalitajiet u korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri diġà stabbilew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija **u** għall-provvista tal-enerġija, pereżempju bi pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli, bħal dawk li *tfasslu* bl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi

Emenda

(34) Fl-2020, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja kienet tgħix f'żoni urbani. Dik iċ-ċifra mistennija tilħaq it-68 % sal-2050⁶⁵. Barra minn hekk, nofs l-infrastrutturi urbani sal-2050 għad iridu jinbnew⁶⁶. Il-bliet u ż-żoni metropolitani huma ċentri ta' attività ekonomika, ta' ġenerazzjoni tal-għarfien, ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu jew jaħdmu fihom. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-muniċipalitajiet b'mod tekniku u finanzjarju. Għadd ta' muniċipalitajiet u korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri diġà stabbilew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija, għall-provvista tal-enerġija **u għall-mobbiltà sostenibbli**, pereżempju bi pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli **u Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli**,

urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi individwali fil-bini jew fil-mezzi tat-trasport.

bħal dawk li *ġew żviluppati* bl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi individwali fil-bini jew fil-mezzi tat-trasport. *Huma meħtieġa aktar sforzi fil-qasam tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-mobbiltà urbana, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija, peress li din tuża madwar 40 % tal-enerġija kollha tat-trasport bit-triq. Ir-[Regolament TEN-T] jenħtieġ li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari billi tiġi indirizzata l-effiċjenza enerġetika tat-trasport urban b'approċċ koerenti, integrat u multimodali permezz tar-rekwiżiti li jiġu adottati Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) kif iddefinit f'dak l-istess regolament.*

⁶⁵ <https://www.unfpa.org/world-population-trends>

⁶⁶ https://www.un.org/en/ecosoc/integration/pdf/fact_sheet.pdf

⁶⁵ <https://www.unfpa.org/world-population-trends>

⁶⁶ https://www.un.org/en/ecosoc/integration/pdf/fact_sheet.pdf

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) L-entitajiet pubbliċi kollha li jinvestu riżorsi pubbliċi permezz tal-akkwist jenħtieġ li jmexxu bl-eżempju meta jagħtu kuntratti u konċessjonijiet billi jagħżlu prodotti, servizzi, xogħlijiet u bini bl-aqwa rendiment fl-effiċjenza enerġetika, anke fir-rigward ta' dawk l-akkwisti li mhumieħ soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi skont id-Direttiva 2009/30/KE. F'dak il-kuntest, il-proċeduri kollha tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet b'valur li jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷, fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-

Emenda

(36) L-entitajiet pubbliċi kollha li jinvestu riżorsi pubbliċi permezz tal-akkwist jenħtieġ li jmexxu bl-eżempju meta jagħtu kuntratti u konċessjonijiet billi jagħżlu prodotti, servizzi, xogħlijiet u bini bl-aqwa rendiment fl-effiċjenza enerġetika, anke fir-rigward ta' dawk l-akkwisti li mhumieħ soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi skont id-Direttiva 2009/30/KE. F'dak il-kuntest, il-proċeduri kollha tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet b'valur li jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷, fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸, u fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jeħtieġ iquisu r-rendiment fl-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tas-servizzi stabbilit mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, billi bħala prijorità jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom,

⁶⁷ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁶⁸ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸, u fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jeħtieġ iquisu r-rendiment fl-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tas-servizzi stabbilit mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, billi bħala prijorità jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom, ***inkluż għas-settur tat-trasport.***

⁶⁷ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁶⁸ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Hu importanti wkoll li l-Istati Membri jimmonitorjaw kif ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti fl-akkwist ta' prodotti, bini, xogħlijiet u servizzi, billi jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq l-effiċjenza enerġetika ta' dawk l-offerenti rebbieħa li jaqbżu l-limiti msemmija ***fid-Direttivi*** dwar l-akkwist pubbliku, tkun disponibbli għall-pubbliku. B'hekk, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw ir-rwol tas-settur pubbliku biex ikun żgurat li l-effiċjenza enerġetika tkun l-ewwel fl-akkwist pubbliku b'mod trasparenti.

Emenda 24

Emenda

(37) Hu importanti wkoll li l-Istati Membri jimmonitorjaw kif ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti fl-akkwist ta' prodotti, bini, xogħlijiet u servizzi, ***inklużi dawk fis-settur tat-trasport,*** billi jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq l-effiċjenza enerġetika ta' dawk l-offerenti rebbieħa li jaqbżu l-limiti msemmija ***fid-direttivi*** dwar l-akkwist pubbliku, tkun disponibbli għall-pubbliku. B'hekk, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw ir-rwol tas-settur pubbliku biex ikun żgurat li l-effiċjenza enerġetika tkun l-ewwel fl-akkwist pubbliku b'mod trasparenti.

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Huwa importanti li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku u, meta xieraq, fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, billi jipprovdu linji gwida u metodoloġiji meħtieġa dwar it-twettiq tal-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, u l-impatti ***u l-kostijiet*** ambjentali. Għodod imfassla tajjeb, b'mod partikolari l-ġhodod diġitali, mistennija jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi speċjalment fi Stati Membri iżgħar li jaf ma jkollhomx kapaċità biżżejjed biex iħejju l-offerti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-ġhodod diġitali u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri għall-fini tal-iskambju tal-aqwa prattiki.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Emenda

(39) Huwa importanti li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku u, meta xieraq, fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, billi jipprovdu linji gwida u metodoloġiji meħtieġa dwar it-twettiq tal-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-impatti ambjentali ***taċ-ċiklu tal-ħajja***. Għodod imfassla tajjeb, b'mod partikolari l-ġhodod diġitali, mistennija jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi speċjalment fi Stati Membri iżgħar li jaf ma jkollhomx kapaċità biżżejjed biex iħejju l-offerti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-ġhodod diġitali u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri għall-fini tal-iskambju tal-aqwa prattiki.

Emenda

Peress li s-sistemi tat-trasport, inkluż l-operat tagħhom, huma responsabbli għal emissjonijiet tal-gassijiet serra waqt il-produzzjoni kif ukoll matul u wara l-ħajja operattiva tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw il-miżuri ta' politika tat-trasport u tal-mobbiltà u l-investimenti li għandhom l-għan li jżidu l-effiċjenza enerġetika fuq analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Test propost mill-Kummissjoni

(45) L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit minn din id-Direttiva jenħtieġ li jiżdied u jenħtieġ li japplika wkoll wara l-2030. Din tiżgura l-istabbiltà għall-investituri u b'hekk tħeġġeġ investimenti fit-tul u miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-objettiv fit-tul li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'NZEBs. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jaqdi rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir lokali, impjegi, kompetittività u biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi tal-enerġija u l-klima tagħha billi toħloq aktar opportunitajiet u tħoll ir-rabta il-konsum tal-enerġija u t-tkabbir. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jiġi sfruttat l-investment privat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' dħul **għal innovazzjoni** fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda 27

**Proposta għal direttiva
Premessa 49**

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw partijiet obligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Jenħtieġ li d-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma jinftehmux bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

Emenda

(45) L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit minn din id-Direttiva jenħtieġ li jiżdied u jenħtieġ li japplika wkoll wara l-2030. Din tiżgura l-istabbiltà għall-investituri u b'hekk tħeġġeġ investimenti fit-tul u miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-objettiv fit-tul li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'NZEBs. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jaqdi rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir lokali, impjegi, kompetittività u biex jittaffa l-faqar enerġetiku **u l-faqar tat-trasport**. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi tal-enerġija u l-klima tagħha billi toħloq aktar opportunitajiet u tħoll ir-rabta **bejn** il-konsum tal-enerġija u t-tkabbir. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jiġi sfruttat l-investment privat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' dħul **għall-innovazzjoni** fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw partijiet obligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Jenħtieġ li d-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma jinftehmux bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obligati. Biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obligati biex jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obligati jistgħu jilħqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' *insular* u tisħin.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni

(50) Huma u jfasslu miżuri ta' politika biex jissodisfaw l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852⁷¹. L-Istati Membri jenħtieġ ma jippromwovux attivitajiet li mhumiex ambjentalment sostenibbli bħall-użu ta' fjuwils fossili solidi. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi jippromwovi inċentivi lill-Istati Membri biex jimplimentaw taħlita

Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obligati. Biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u *mill-faqar tat-trasport u* lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obligati biex jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku *u mill-faqar tat-trasport* u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obligati jistgħu jilħqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' *iżolazzjoni* u tisħin.

Emenda

(50) Huma u jfasslu miżuri ta' politika biex jissodisfaw l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852⁷¹. L-Istati Membri jenħtieġ *li* ma jippromwovux attivitajiet li mhumiex ambjentalment sostenibbli bħall-użu ta' fjuwils fossili solidi. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi jippromwovi inċentivi lill-Istati Membri biex jimplimentaw taħlita

ta' politiki sostenibbli u nodfa li tkun reżiljenti u timmitiga t-tibdil fil-klima. Għalhekk, l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika dwar l-użu ta' teknoloġiji diretti tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili **mhux** se jkun iffirankar tal-enerġija eliġibbli skont l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija **bit-traspożizzjoni** ta' din id-Direttiva. B'hekk, l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija jkun jista' jiġi allinjat mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika, tal-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, u jirrifletti l-ħtieġa għal azzjoni kif identifikat l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) fir-rapport tagħha ta' zero netti⁷². Ir-restrizzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Istati Membri jonfqu l-fondi pubbliċi fuq teknoloġiji sostenibbli u validi għall-futur biss. Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu qafas ta' politika ċar u ċertezza tal-investment lill-atturi tas-suq. L-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu skont l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija jenħtieġ li tippermetti lill-atturi kollha tas-suq jadattaw it-teknoloġiji tagħhom fi żmien raġonevoli. Meta l-Istati Membri jappoġġaw l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti tal-fjuwils fossili jew is-sostituzzjoni bikrija ta' tali teknoloġiji, pereżempju bi skemi ta' sussidju jew bi skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, l-iffirankar tal-enerġija jaf **ma jibqax** eliġibbli skont l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija. **Filwaqt** li **l-iffirankar** tal-enerġija **miksub, pereżempju, mill-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq il-gass naturali mhuwiex** eliġibbli, ir-restrizzjoni ma **tapplikax** għall-użu indirett tal-fjuwils fossili, pereżempju meta l-produzzjoni tal-elettriku tinkludi l-ġenerazzjoni tal-fjuwils fossili. Il-miżuri ta' politika mmirati lejn bidliet komportamentali biex jonqos il-konsum tal-fjuwils fossili, pereżempju b'kampanji informattivi, bl-ekosewqan, jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli. L-iffirankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika mmirati lejn ir-rinnovazzjonijiet tal-bini jista' jkun jinkludu miżuri bħal pereżempju s-

ta' politiki sostenibbli u nodfa, li tkun reżiljenti, u timmitiga t-tibdil fil-klima **u trid tgħin lill-Istati Membri jallinjaw mal-Patt Klimatiku ta' Glasgow f'Novembru 2021**. Għalhekk, l-iffirankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika dwar l-użu ta' teknoloġiji diretti tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili se jkun iffirankar tal-enerġija eliġibbli skont l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija **biss mit-traspożizzjoni** ta' din id-Direttiva **diment li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni korrispondenti l-aktar aġġornata dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet u jekk ikun infassal biex jipprevjeni lock-ins teknoloġiċi billi jiżgura l-kompatibbiltà ma' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji newtrali għall-klima. Fil-każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu kombinazzjonijiet ta' teknoloġiji, l-iffirankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jintlaħqu kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima**. B'hekk, l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija jkun jista' jiġi allinjat mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika, tal-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, u jirrifletti l-ħtieġa għal azzjoni kif identifikat l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) fir-rapport tagħha ta' **emissjonijiet zero netti**⁷². Ir-restrizzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Istati Membri jonfqu l-fondi pubbliċi fuq teknoloġiji sostenibbli u validi għall-futur biss. Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu qafas ta' politika ċar u ċertezza tal-investment lill-atturi tas-suq. L-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu skont l-obbligu tal-iffirankar tal-enerġija jenħtieġ li tippermetti lill-atturi kollha tas-suq jadattaw it-teknoloġiji tagħhom fi żmien raġonevoli. Meta l-Istati Membri jappoġġaw l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti tal-fjuwils fossili jew is-sostituzzjoni bikrija ta' tali teknoloġiji, pereżempju bi skemi ta' sussidju jew bi

sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin tal-fjuwils fossili u titjib fit-tessut tal-bini, li jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk it-teknoloġiji li jippermettu l-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-kodiċijiet nazżjonali tal-bini stabbiliti fi Stat Membru partikolari. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-titjib tas-sistemi tat-tisħin bħala parti minn rinnovazzjonijiet profondi bi qbil mal-objettiv fit-tul tan-newtralità tal-karbonju, jiġifieri biex tonqos id-domanda għat-tisħin filwaqt li l-bqija tad-domanda għat-tisħin tinqeda b'sors tal-enerġija mingħajr karbonju.

skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija jaf *ikun* eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija *diment* li *jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni korrispondenti l-aktar aġġornata dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet u jekk ikun imfassal biex jipprevjeni lock-ins teknoloġiċi billi jiżgura l-kompatibbiltà ma' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji newtrali għall-klima. Fil-każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu kombinazzjonijiet ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jintlaħqu kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima. Ir-restrizzjoni lanqas ma tkun applika għall-użu indirett tal-fjuwils fossili, pereżempju meta l-produzzjoni tal-elettriku tinkludi l-ġenerazzjoni tal-fjuwils fossili. Il-miżuri ta' politika mmirati lejn bidliet komportamentali biex jonqos il-konsum tal-fjuwils fossili, pereżempju b'kampanji informattivi, bl-ekosewqan, jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli. L-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika mmirati lejn ir-rinnovazzjonijiet tal-bini jista' jkunu jinkludu miżuri bħal pereżempju s-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin tal-fjuwils fossili u titjib fit-tessut tal-bini, li jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk it-teknoloġiji li jippermettu l-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-kodiċijiet nazżjonali tal-bini stabbiliti fi Stat Membru partikolari. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-titjib tas-sistemi tat-tisħin bħala parti minn rinnovazzjonijiet profondi bi qbil mal-objettiv fit-tul tan-newtralità tal-karbonju, jiġifieri biex tonqos id-domanda għat-tisħin filwaqt li l-bqija tad-domanda għat-tisħin tinqeda b'sors tal-enerġija mingħajr karbonju.*

⁷¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

⁷¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43).

⁷² L-Aġenzija Internazzjonali tal-Energija (*IAE*) (2021), Net Zero by 2050 A Roadmap for the Global Energy Sector, <https://www.iea.org/reports/net-zero-by-2050>.

18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43).

⁷² L-Aġenzija Internazzjonali tal-Energija (*AIE*) (2021), "Net Zero by 2050 - A Roadmap for the Global Energy Sector", <https://www.iea.org/reports/net-zero-by-2050>.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni

(51) Il-miżuri tal-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika fit-trasport huma eliġibbli biex jitqiesu għall-kisba tal-obbligu tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali. Dawn il-miżuri jinkludu **politika** li **tkun**, fost l-oħrajn, maħsuba biex **tippromwovi** vetturi aktar effiċjenti, bidla modali lejn **ir-roti**, il-mixi **u** t-trasport **kollettiv**, jew **pjanijiet** ta' mobbiltà u **żvilupp** urban li jnaqqsu d-domanda għat-trasport. Barra minn hekk, anki l-iskemi li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi ġodda u aktar effiċjenti jew ta' politiki li jrawmu bidla lejn fjuwils b'livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet, **għajr il-miżuri ta' politika** dwar **l-użu ta' teknoloġiji diretti tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili**, li jnaqqsu l-użu tal-enerġija għal kull kilometru, jistgħu jkunu eliġibbli, soġġetti għall-konformità mar-regoli dwar il-materjalità u l-addizzjonalità stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Direttiva. Il-miżuri ta' politika li jippromwovu l-użu ta' vetturi ġodda tal-fjuwils fossili jenħtieġ li **ma jkunux** jikkwalifikaw bħala miżuri eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija.

Emenda

(51) Il-miżuri tal-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika fit-trasport huma eliġibbli biex jitqiesu għall-kisba tal-obbligu tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali. Dawn il-miżuri jinkludu **politiki** li **jkunu**, fost l-oħrajn, maħsuba biex **jippromwovu** vetturi aktar effiċjenti, **inklużi dawk li jkunu proprjetà ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali**, bidla modali lejn **l-użu tal-ferroviji, tal-passaġġi fuq l-ilma intern, tar-roti**, il-mixi, **il-mobbiltà kondiviża, it-trasport kollettiv, inklużi t-trasport pubbliku, loġistika urbana sostenibbli**, jew **ippjanar** ta' mobbiltà u urban li jnaqqsu d-domanda għat-trasport, **filwaqt li jintlaħaq l-istess livell ta' ħtiġijiet tal-utenti, u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inklużi l-istazzjonijiet għall-irriċarġjar**. Barra minn hekk, anki l-iskemi li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi ġodda u aktar effiċjenti jew ta' politiki li jrawmu bidla lejn fjuwils b'livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet **b'rendiment aħjar, diment li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni korrispondenti l-aktar aġġornata** dwar **ir-rendiment tal-emissjonijiet u jekk ikunu mfassla biex jipprevjenu lock-ins teknoloġiċi billi jiżguraw il-kompatibbiltà ma' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji newtrali għall-**

klima, li jnaqqsu l-użu tal-enerġija għal kull kilometru jistgħu jkunu eliġibbli, soġġetti għall-konformità mar-regoli dwar il-materjalità u l-addizzjonalità stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Direttiva. Il-miżuri ta' politika li jipromwovu l-użu ta' vetturi ġodda tal-fjuwils fossili jenħtieġ li jikkwalifikaw bħala miżuri eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija **biss diment li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni korrispondenti l-aktar aġġornata dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet u jekk ikunu mfassla biex jipprevjenu lock-ins teknoloġiċi billi jiżguraw il-kompatibbiltà ma' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji newtrali għall-klima. Il-miżuri ta' politika li jappoġġaw it-tnaqqis tal-użu tal-enerġija għal kull kilometru jew għal kull xogħol tat-trasport fil-modi kollha tat-trasport jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll, u jenħtieġ li jiġu stimulati permezz ta' inċentivi finanzjarji u skemi ta' sensibilizzazzjoni. Għaż-żewġ kategoriji ta' miżuri, fil-każ ta' miżuri ta' politika li jipromwovu kombinazzjonijiet ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jintlaħqu kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima.**

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

(53) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li l-partijiet obbligati jiksbu l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi tal-obbligi tagħhom, li jippermettu jew jeżiġu li l-partijiet obbligati jikkontribwixxu għal

Emenda

(53) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li l-partijiet obbligati jiksbu l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi tal-obbligi tagħhom, li jippermettu jew jeżiġu li l-partijiet obbligati jikkontribwixxu għal

Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li jkun jista' jintuża għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

(54) L-Istati Membri u l-partijiet obbligati jenħtieġ li jużaw il-mezzi u t-teknoloġiji disponibbli kollha, **għajr** dawk dwar l-użu ta' teknoloġiji bbażati fuq il-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali, inkluż billi jippromwovu teknoloġiji sostenibbli f'sistemi effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali, infrastruttura effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ u awditjar tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni ekwivalenti, diment li l-iffrankar tal-enerġija ddikjarat ikun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 u l-Anness V ta' din id-Direttiva. **L-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw għal grad għoli ta' flessibilità fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika alternattivi. L-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu azzjonijiet li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija tul il-ċikli twal tal-ħajja.**

Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li jkun jista' jintuża għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u **mill-faqar tat-trasport u** l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

(54) L-Istati Membri u l-partijiet obbligati jenħtieġ li jużaw il-mezzi u t-teknoloġiji disponibbli kollha, **inklużi** dawk dwar l-użu ta' teknoloġiji bbażati fuq il-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili **diment li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni korrispondenti l-aktar aġġornata dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet u jekk ikunu mfasla biex jipprevjenu lock-ins teknoloġiċi billi jżguraw il-kompatibilità ma' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji newtrali għall-klima**, biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali, inkluż billi jippromwovu teknoloġiji sostenibbli f'sistemi effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali, infrastruttura effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ u awditjar tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni ekwivalenti, diment li l-iffrankar tal-enerġija ddikjarat ikun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 u l-Anness V ta' din id-Direttiva. **Fil-każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu kombinazzjonijiet ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jintlaħqu kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima.**

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

(60) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu inklużivi u għalhekk dawn jenħtieġ li jiżguraw aċċess ekwu għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-konsumaturi kollha affettwati mill-faqar enerġetiku. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li, jiġi implimentat bħala prijorità fost il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta xieraq, fost l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali u **mbiegħda**. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lil ċerti gruppi partikolari li jinsabu f'riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni **ta'** sfond razzjali jew etniku **minoritarju**. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-partijiet obligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà diġà ġiet estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u għall-Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Dik jenħtieġ li tissarraf f'obbligu li jiġu protetti u tingħata s-setgħa lill-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli u biex jittaffa l-faqar enerġetiku, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mat-tip ta' miżura ta' politika, u, mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħha. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija ma tkunx tippermetti miżuri marbuta ma' konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-faqar enerġetiku permezz **biss** ta' miżuri ta' politika alternattivi. Fi ħdan it-taħlita ta'

Emenda

(60) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu inklużivi u għalhekk dawn jenħtieġ li jiżguraw aċċess ekwu għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-konsumaturi kollha affettwati mill-faqar enerġetiku **u mill-faqar tat-trasport**. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li, jiġi implimentat bħala prijorità fost il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u **mill-faqar tat-trasport, u**, meta xieraq, fost l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali, **imbiegħda u ta' gżejjer**. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lil ċerti gruppi partikolari li jinsabu f'riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku **u mill-faqar tat-trasport** jew suxxettibbli aktar għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku **u tal-faqar tat-trasport**, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni **li għejjin minn minoranza, jew bi** sfond razzjali jew etniku. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-partijiet obligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà diġà ġiet estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u għall-Fondi Nazzjonali **Ewropej** għall-Effiċjenza Enerġetika. Dik jenħtieġ li tissarraf f'obbligu li jiġu protetti u tingħata s-setgħa lill-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli u biex jittaffa l-faqar enerġetiku **u l-faqar tat-trasport**, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mat-tip ta' miżura ta' politika, u, mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħha. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija ma tkunx tippermetti miżuri marbuta ma'

politiki, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri l-oħra ta' politika ma **jkollhom** effett negattiv fuq il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-investimenti ta' finanzjament pubbliku għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż finanzjament u faċilitajiet finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-faqar enerġetiku permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi **biss**. Fi ħdan **din** it-taħlita ta' politiki, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri l-oħra ta' politika ma **jkollhomx** effett negattiv fuq il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **u mill-faqar tat-transport** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-investimenti ta' finanzjament pubbliku għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż finanzjament u faċilitajiet finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Din id-Direttiva tirreferi għall-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li l-Istati Membri jridu jistabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/944. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, il-kunċett ta' "utenti finali" flimkien mal-kunċett ta' "klijent finali" jiċċaraw li d-drittijiet għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum japplikaw ukoll għall-konsumaturi mingħajr kuntratti individwali jew diretti mal-fornitur tal-enerġija użata għas-sistemi tal-produzzjoni kollettivi tat-tiġn, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku f'binjiet b'ħafna okkupanti. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli mhux bilfors jiżgura li jimmira wkoll għall-utenti finali. Għaldaqstant, biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jilhqg lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi kollha f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu mhux biss lill-klijenti, fis-sens strett tagħha, iżda anki lill-utenti finali,

Emenda

(61) Din id-Direttiva tirreferi għall-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li l-Istati Membri jridu jistabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/944. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, il-kunċett ta' "utenti finali" flimkien mal-kunċett ta' "klijent finali" jiċċaraw li d-drittijiet għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum japplikaw ukoll għall-konsumaturi mingħajr kuntratti individwali jew diretti mal-fornitur tal-enerġija użata għas-sistemi tal-produzzjoni kollettivi tat-tiġn, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku f'binjiet b'ħafna okkupanti. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli mhux bilfors jiżgura li jimmira wkoll għall-utenti finali. Għaldaqstant, biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jilhqg lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi kollha f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu mhux biss lill-klijenti, fis-sens strett tagħha, iżda anki lill-utenti finali,

meta jiġu biex jistabbilixxu d-definizzjoni tagħhom ta' klijenti vulnerabbli.

Emenda 34

Proposta għal direttiva Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom sħan kif xieraq fl-2019⁷⁴. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ħadd ma jinqata' lura. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u jaf tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu kumplimentari għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprjetajiet u għall-inkwilini, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ jiġu trasformat f'NZEBs f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-

inklużi utenti tat-trasport vulnerabbli, meta jiġu biex jistabbilixxu d-definizzjoni tagħhom ta' klijenti vulnerabbli.

Emenda

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom sħan kif xieraq fl-2019⁷⁴. ***Barra minn hekk, il-prezzijiet għat-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport personali u għas-servizzi tat-trasport għall-konsumatur żdiedu b'ritmu aktar mgħaġġel bejn l-2005 u l-2018 mill-inflazzjoni ġenerali fil-prezzijiet għall-konsumatur***^{74a}. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ħadd ma jinqata' lura. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u jaf tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu kumplimentari għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprjetajiet u għall-inkwilini, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***. Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ jiġu trasformat f'NZEBs f'konformità mal-oġġettivi tal-

iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

⁷⁴ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-14.10.2020 dwar il-faqar enerġetiku, C(2020) 9600 final.

⁷⁴ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-14.10.2020 dwar il-faqar enerġetiku, C(2020) 9600 final.

^{74a} ***Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tad-9.12.2020 li jakkumpanja l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti.***

Amendment 35

Proposal for a directive Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

(68) Jenħtieġ li jinkiseb aktar tnaqqis fl-infiq tal-konsumaturi fuq l-enerġija billi jingħataw għajnuna biex inaqqsu l-użu tal-enerġija tagħhom billi jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini u jtejbu l-effiċjenza tal-apparati domestiċi, u dan jenħtieġ li jiġi kkombinat ***mad-disponibbiltà*** ta' modi tat-trasport li jużaw inqas enerġija integrati ***mat-trasport*** pubbliku ***u*** l-użu tar-rota. L-Istati Membri jenħtieġ li ***jikkunsidraw ukoll li*** jtejbu l-konnettività fiż-żoni rurali u mbiegħda.

Emenda

(68) Jenħtieġ li jinkiseb aktar tnaqqis fl-infiq tal-konsumaturi fuq l-enerġija u l-fjuwils tat-trasport billi jingħataw għajnuna biex inaqqsu l-użu tal-enerġija tagħhom billi jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini u jtejbu l-effiċjenza tal-apparati domestiċi ***u tat-trasport***, u dan jenħtieġ li jiġi kkombinat ***ma' disponibbiltà akbar*** ta' modi tat-trasport li jużaw inqas enerġija ***u fjuwils*** integrati ***ma' soluzzjonijiet ta' trasport*** pubbliku ***msaħħaħ kif ukoll mobilità kondiviża u attiva, fosthom*** l-użu tar-rota ***u l-mixi. Barra minn hekk***, l-Istati Membri jenħtieġ li jtejbu l-konnettività fiż-żoni rurali u mbiegħda.

Amendment 36

Proposal for a directive
Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni

(96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplimentaw l-Istati Membri.

Amendment 37

Proposal for a directive
Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu vantaġġ minn kull kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁸², ***u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet***. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplimentaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

Emenda

(96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplimentaw l-Istati Membri.

Emenda

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu vantaġġ minn kull kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁸². Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplimentaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

⁸² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021) 568 final.

⁸² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021) 568 final.

Amendment 38

Proposal for a directive Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni

(98) L-iskemi ta' finanzjament nazzjonali jenħtieġ li jiġu kkumplimentati bi skemi adegwati ta' informazzjoni aħjar, assistenza teknika u amministrattiva, aċċess aktar faċli għall-finanzjament li jippermetti l-aħjar użu tal-fondi disponibbli speċjalment minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, minn klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, minn persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

(98) L-iskemi ta' finanzjament nazzjonali jenħtieġ li jiġu kkumplimentati bi skemi adegwati ta' informazzjoni aħjar, assistenza teknika u amministrattiva, aċċess aktar faċli għall-finanzjament li jippermetti l-aħjar użu tal-fondi disponibbli speċjalment minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**, minn klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, minn persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Amendment 39

Proposal for a directive Premessa 99

Test propost mill-Kummissjoni

(99) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni kollha b'mod ugwali, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, ir-razza jew l-orijini etnika, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, u jiżguraw li l-aktar persuni affettwati jew li għandhom riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku, jew li huma l-aktar esposti għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, ikunu protetti kif xieraq. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika ma jaggravawx l-inugwaljanzi eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-faqar enerġetiku.

Emenda

(99) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni kollha b'mod ugwali, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, ir-razza jew l-orijini etnika, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, u jiżguraw li l-aktar persuni affettwati jew li għandhom riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku **jew il-faqar fit-trasport**, jew li huma l-aktar esposti għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku **jew il-faqar fit-trasport**, ikunu protetti kif xieraq. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika ma jaggravawx l-inugwaljanzi

eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-faqar enerġetiku *u l-faqar fit-trasport*.

Amendment 40

Proposal for a directive Premessa 108

Test propost mill-Kummissjoni

(108) L-Istati Membri u r-reġjuni jenħtieġ li jitħeġġu jużaw bis-sħiħ il-fondi Ewropej disponibbli fil-QFP u f'NextGenerationEU, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji u l-assistenza teknika disponibbli permezz ta' InvestEU, biex jixprunaw investimenti privati u pubbliċi f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. L-investment fl-effiċjenza enerġetika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-*tkabbir ekonomiku*, għall-impjiegi, għall-innovazzjoni u biex jonqos il-faqar enerġetiku tal-unitajiet domestiċi u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għal irkupru ekoloġiku. L-oqsma potenzjali għal finanzjament jinkludu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-akkomodazzjoni pubbliċi, u li jingħataw il-ħiliet ġodda biex ikunu promossi l-impjiegi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Il-Kummissjoni se tiżgura sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-fondi b'ġestjoni konġunta u b'ġestjoni diretta (bħall-programmi b'ġestjoni ċentrali: Orizzont Ewropa jew LIFE), kif ukoll bejn għotjiet, self u assistenza teknika biex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tagħhom fuq il-finanzjament privat u l-impatt tagħhom fuq il-kisba tal-objettivi tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika.

Emenda

(108) L-Istati Membri u r-reġjuni jenħtieġ li jitħeġġu jużaw bis-sħiħ il-fondi Ewropej disponibbli fil-QFP u f'NextGenerationEU, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji u l-assistenza teknika disponibbli permezz ta' InvestEU, biex jixprunaw investimenti privati u pubbliċi f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. L-investment fl-effiċjenza enerġetika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-*tkabbir ekonomiku*, għall-impjiegi, għall-innovazzjoni u biex jonqos il-faqar enerġetiku *u l-faqar fit-trasport* tal-unitajiet domestiċi u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għal irkupru ekoloġiku. L-oqsma potenzjali għal finanzjament jinkludu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-akkomodazzjoni pubbliċi, *it-turiżmu, it-trasport u l-mobilità*, u li jingħataw il-ħiliet ġodda biex ikunu promossi l-impjiegi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Il-Kummissjoni se tiżgura sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-fondi b'ġestjoni konġunta u b'ġestjoni diretta (bħall-programmi b'ġestjoni ċentrali: Orizzont Ewropa jew LIFE), kif ukoll bejn għotjiet, self u assistenza teknika biex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tagħhom fuq il-finanzjament privat u l-impatt tagħhom fuq il-kisba tal-objettivi tal-politika dwar l-

Amendment 41

Proposal for a directive Premessa 123

Test propost mill-Kummissjoni

(123) L-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini minn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tnaqqas l-ammont ta' enerġija fornut mill-fjuwils fossili. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini huma miżuri importanti biex jonqsu d-dipendenza enerġetika u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, b'mod speċjali fid-dawl tal-oġġettivi ambizzjużi marbutin mal-klima u l-enerġija stabbiliti għall-2030 kif ukoll tal-impenn dinji li sar fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. Għall-finijiet tal-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika li jippromwovu t-teknoloġiji rinnovabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija f'konformità mal-metodoloġija tal-kalkolu prevista f'din id-Direttiva. L-iffrankar tal-enerġija b'miżuri ta' politika dwar l-użu ta' teknoloġiji diretti tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili ***jenħtieġ ma jingħaddx.***

Emenda

(123) L-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini minn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tnaqqas l-ammont ta' enerġija fornut mill-fjuwils fossili. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini huma miżuri importanti biex jonqsu d-dipendenza enerġetika u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, b'mod speċjali fid-dawl tal-oġġettivi ambizzjużi marbutin mal-klima u l-enerġija stabbiliti għall-2030 kif ukoll tal-impenn dinji li sar fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. Għall-finijiet tal-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika li jippromwovu t-teknoloġiji rinnovabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija f'konformità mal-metodoloġija tal-kalkolu prevista f'din id-Direttiva. L-iffrankar tal-enerġija b'miżuri ta' politika dwar l-użu ta' teknoloġiji diretti tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili ***jista' jingħadd biss dment li jkun konformi mal-aktar leġiżlazzjoni dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet aġġornata korrispondenti tal-Unjoni u jekk ikun maħsub biex jimpedixxi intrappolamenti teknoloġiċi billi jiżgura l-kompatibbiltà ma' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji b'impatt newtrali fuq il-klima. F'każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu taħlita ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jinkisbu gwadanji sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-***

teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima.

Amendment 42

Proposal for a directive Premessa 124a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(124a) Peress li din id-Direttiva mistennija tiġġenera spejjeż addizzjonali ta' konformità għas-setturi milquta, jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet kompensatorji sabiex tiġi evitata żieda fil-livell totali ta' piżijiet regolatorji. Għalhekk, qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq proposti li jikkumpensaw għall-piżijiet regolatorji introdotti minn din id-Direttiva, permezz tar-reviżjoni jew l-abolizzjoni ta' dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li jiġġeneraw spejjeż ta' konformità bla bżonn fis-setturi milquta.

Amendment 43

Proposal for a directive Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma rekwiżiti minimi u ma għandhom ixekklu lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew idaħħal miżuri aktar stretti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Meta l-leġislazzjoni nazzjonali tipprevedi miżuri aktar stretti, l-Istat Membru għandu jinnotifika din il-leġislazzjoni lill-Kummissjoni.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma rekwiżiti minimi u ma għandhom ixekklu lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew idaħħal miżuri aktar stretti ***u jistabbilixxi miri addizzjonali speċifiċi għas-settur.*** Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Meta l-leġislazzjoni nazzjonali tipprevedi miżuri aktar stretti, l-Istat Membru għandu jinnotifika din il-leġislazzjoni lill-Kummissjoni.

Amendment 44

Proposal for a directive Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) "punt tal-irriċarġjar" tfisser punt tal-irriċarġjar kif definit fl-Artikolu 2(41) tal-[AFIR];

Amendment 45

Proposal for a directive Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 48a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(48a) "faqar fit-trasport" tfisser in-nuqqas ta' aċċess ta' unità domestika għal servizzi tat-trasport u tal-mobilità essenzjali, affordabbli, effiċjenti, sikuri, inklużivi u nodfa meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi essenzjali u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà, ikkawżat, fost l-oħrajn, minn spejjeż għoljin ta' fjuwil, biljetti tat-trasport jew spejjeż oħra relatati mal-mobilità apparagun tal-introjt disponibbli tal-unità domestika, jew minn nuqqas strutturali ta' soluzzjonijiet tat-trasport vijabbli fil-viċinanzi – fil-kuntest nazzjonali rilevanti – jew mill-politika soċjali eżistenti u minn politiki rilevanti oħra.

Amendment 46

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-

(b) jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-

Ewwel" **u l-impatti** ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika;

Ewwel", **li jinkludi l-analiżi tal-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji u l-evalwazzjoni tal-impatti** ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika;

Amendment 47

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) iquis t-tneħħija tal-ostakli għall-investiment, bħad-dewmien fl-ippjanar u l-permessi tal-infrastruttura, li jfixxlu l-integrazzjoni effiċjenti tas-sistema tal-enerġija;

Amendment 48

Proposal for a directive Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija, żviluppi fit-taħlita tal-enerġija, l-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli **ġodda**;

(ii) bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija, żviluppi fit-taħlita tal-enerġija, l-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli;

Amendment 49

Proposal for a directive Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsum totali finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi kollha flimkien jitnaqqas b'mill-inqas 1,7 % kull sena, meta mqabbel mas-sena X-2 (X hija is-sena meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ).

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsum totali finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi kollha, **inklużi l-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali** flimkien, jitnaqqas b'mill-inqas 1,7 % kull sena meta mqabbel mas-sena X-2 (X hija

is-sena meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ).

Amendment 50

Proposal for a directive Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport*** jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju.

Amendment 51

Proposal for a directive Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-korpi pubbliċi biex jikkunsidraw l-emissjonijiet tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-attivitajiet ta' investiment u ta' politika tal-korpi pubbliċi tagħhom.

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-korpi pubbliċi biex jikkunsidraw l-emissjonijiet tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-attivitajiet ta' investiment u ta' politika tal-korpi pubbliċi tagħhom, ***inkluż fil-qasam tat-trasport***.

Amendment 52

Proposal for a directive Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-politiki tat-trasport u l-

investimenti mmirati lejn l-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu bbażati fuq analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jinkorporaw, fejn xieraq, l-impatti tal-proġett fuq il-flussi tat-traffiku u l-bidliet modali kif ukoll alternattivi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għandhom jipromwovu wkoll l-użu ta' mezzi ta' mobilità aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija billi jiddekarbonizzaw il-flotot u jinkoraġġixxu bidla modali.

Amendment 53

Proposal for a directive

Artikolu 5 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5b. *L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-korpi pubbliċi rilevanti jinċentivaw u jappoġġaw l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' loġistika effiċjenti fl-enerġija għal kunsinni u servizzi loġistiċi.*

Amendment 54

Proposal for a directive

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹², kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE.

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹², kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBS) f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE. ***Fejn ikun teknikament fattibbli u kosteffettiv, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jinstallaw għadd ta' punti tal-irriċarġjar li***

jaqbżu r-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-Artikolu 12 tal-[EPBD].

⁹² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

⁹² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Amendment 55

Proposal for a directive

Artikolu 7 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, meta xieraq, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. Meta xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Emenda

5. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, meta xieraq, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist, ***inkluż għas-settur tat-trasport***, biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. Meta xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Amendment 56

Proposal for a directive

Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jimplementaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jimplementaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni

affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq daww il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) biex jitneħħew l-effetti negattivi u tkun żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u inklużiva.

affettwati mill-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq daww il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) biex jitneħħew l-effetti negattivi u tkun żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u inklużiva.

Amendment 57

Proposal for a directive

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiksbu sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan is-sehem għandu tal-anqas ikun daqs il-proporzjon tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħhom stabbilit skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament 2018/1999 dwar il-Governanza. Jekk Stat Membru ma jkunx innotifika s-sehem ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tiegħu, is-sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, għandu tal-anqas ikun daqs is-sehem medju aritmetiku tal-indikaturi li ġejjin għas-sena 2019 jew, jekk mhux disponibbli għall-2019, għall-estrapolazzjoni lineari

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiksbu sehem **sinifikanti** tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiva fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan is-sehem għandu **jaqbeż jew** tal-anqas ikun daqs il-proporzjon tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħhom stabbilit skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament 2018/1999 dwar il-Governanza. Jekk Stat Membru ma jkunx innotifika s-sehem ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tiegħu, is-sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, għandu tal-anqas ikun daqs is-sehem medju aritmetiku tal-indikaturi li ġejjin għas-sena 2019 jew, jekk mhux disponibbli

tal-valuri tagħhom għall-aħħar tliet snin disponibbli:

għall-2019, għall-estrapolazzjoni lineari tal-valuri tagħhom għall-aħħar tliet snin disponibbli:

Amendment 58

Proposal for a directive Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obbligati jiksbu sehem tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu wkoll li l-partijiet obbligati jilħqu miri ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu ffrankar tal-enerġija billi jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri ta' appoġġ finanzjarju li jtaffu l-effetti tal-prezz tal-karbonju fuq l-SMEs u l-mikroSMEs.

Emenda

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obbligati jiksbu sehem tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu wkoll li l-partijiet obbligati jilħqu miri ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu ffrankar tal-enerġija billi jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri ta' appoġġ finanzjarju li jtaffu l-effetti tal-prezz tal-karbonju fuq l-SMEs u l-mikroSMEs.

Amendment 59

Proposal for a directive Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet lokali jew mal-muniċipalitajiet biex jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku,

Emenda

5. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet lokali jew mal-muniċipalitajiet biex jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-

lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija.

faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditi tal-enerġija.

Amendment 60

Proposal for a directive Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-partijiet obbligati jirrapportaw annwalment dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet obbligati bl-azzjonijiet promossi fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u għandhom jeżiġu informazzjoni statistika aggregata dwar il-klijenti finali tagħhom (li tidentifika l-bidliet fl-iffrankar tal-enerġija f'informazzjoni sottomessa qabel) u dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju mogħti.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-partijiet obbligati jirrapportaw annwalment dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet obbligati bl-azzjonijiet promossi fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u għandhom jeżiġu informazzjoni statistika aggregata dwar il-klijenti finali tagħhom (li tidentifika l-bidliet fl-iffrankar tal-enerġija f'informazzjoni sottomessa qabel) u dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju mogħti.

Amendment 61

Proposal for a directive Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li permezz tagħhom issir verifika dokumentata ta' mill-inqas proporzjon u

Emenda

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li permezz tagħhom issir verifika dokumentata ta' mill-inqas proporzjon u

kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika implimentati mill-partijiet obbligati. Il-kejl, il-kontroll u l-verifika għandhom isiru indipendentement mill-partijiet obbligati. Meta entità tkun parti obbligata skont skema nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9 *u skont l-Iskema tal-UE għan-Negożjar tal-Emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)]⁹⁶*, is-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju mġhoddi waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum *[f'konformità mal-Artikolu 1(21) ta' COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)]* għandu jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija tal-entità.

⁹⁶ Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negożjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757, (Test b'relevanza għaż-ŻEE){SEC(2021) 551 final} - {SWD(2021) 557 final} - {SWD(2021) 601 final} - {SWD(2021) 602 final}.

Amendment 62

Proposal for a directive Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Nagħtu s-setgħa u l-protezzjoni lill-klijenti

kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika implimentati mill-partijiet obbligati. Il-kejl, il-kontroll u l-verifika għandhom isiru indipendentement mill-partijiet obbligati. Meta entità tkun parti obbligata skont skema nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9, is-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju mġhoddi waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum għandu jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija tal-entità.

⁹⁶ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negożjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757, (Test b'relevanza għaż-ŻEE){SEC(2021) 551 final} - {SWD(2021) 557 final} - {SWD(2021) 601 final} - {SWD(2021) 602 final}.

Emenda

Nagħtu s-setgħa u l-protezzjoni lill-klijenti vulnerabbli u ntaffu l-faqar enerġetiku *u l-*

Amendment 63

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Amendment 64

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fid-definizzjoni tal-kunċett ta' klijenti vulnerabbli skont l-Artikoli 28(1) u 29 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom iqisu lill-utenti finali.

Emenda

Fid-definizzjoni tal-kunċett ta' klijenti vulnerabbli skont l-Artikoli 28(1) u 29 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom iqisu lill-utenti finali, ***inklużi l-utenti tat-trasport vulnerabbli***.

Amendment 65

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jimplementaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari daww stabbiliti fl-Artikolu 21 fl-Artikolu 8(3), bħala prijorità fost il-persuni affettwati

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jimplementaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari daww stabbiliti fl-Artikolu 21 u fl-Artikolu 8(3), bħala prijorità fost il-persuni affettwati

mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku.

mill-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**.

Amendment 66

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) jimplimentaw miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika biex itaffu l-effetti distribuzzjonali minn politiki u miżuri oħra, bħall-miżuri tat-tassazzjoni implimentati skont l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva, **jew l-applikazzjoni tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u t-trasport f'konformità mad-Direttiva tal-ETS [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)]**;

Emenda

a) jimplimentaw miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika biex itaffu l-effetti distribuzzjonali minn politiki u miżuri oħra, bħall-miżuri tat-tassazzjoni implimentati skont l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva;

Amendment 67

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ta' esperti minn diversi setturi bħas-settur tas-saħħa, is-settur tal-bini u s-setturi soċjali biex jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u nazzjonali biex jimplimentaw miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-faqar enerġetiku, miżuri li jiġġeneraw soluzzjonijiet sodi fit-tul biex itaffu l-faqar enerġetiku u jiżviluppaw assistenza teknika u għodod finanzjarji xierqa. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw network ta' kompożizzjoni tal-esperti li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ta' esperti minn diversi setturi bħas-settur tas-saħħa, is-settur tal-bini, **is-settur tat-trasport**, u s-setturi soċjali biex jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u nazzjonali biex jimplimentaw miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**, miżuri li jiġġeneraw soluzzjonijiet sodi fit-tul biex itaffu l-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport** u jiżviluppaw assistenza teknika u għodod finanzjarji xierqa. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw

jirrifletti l-perspettivi tan-nies fid-diversità kollha tagħhom.

network ta' kompożizzjoni tal-esperti li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u jirrifletti l-perspettivi tan-nies fid-diversità kollha tagħhom.

Amendment 68

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) jistabilixxi definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, **inkluż** l-utenti finali;

Emenda

a) jistabilixxi definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, **tal-faqar fit-trasport**, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, **inklużi** l-utenti finali, **fosthom l-utenti tat-trasport vulnerabbli**;

Amendment 69

Proposal for a directive

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) jistabilixxu metodi u miżuri li jiżguraw l-affordabbiltà, il-promozzjoni tan-newtralità tal-kost tal-akkomodazzjoni, jew modi li jiżguraw li l-fondi pubbliċi investiti f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jkunu ta' benefiċċju għas-sidien u għall-inkwilini tal-bini **u** tal-unitajiet tal-bini, b'mod partikolari b'rabta mal-klijenti vulnerabbli, mal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u, meta applikabbli, mal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

c) jistabilixxu metodi u miżuri li jiżguraw l-affordabbiltà, il-promozzjoni tan-newtralità tal-kost tal-akkomodazzjoni, jew modi li jiżguraw li l-fondi pubbliċi investiti f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jkunu ta' benefiċċju għas-sidien u għall-inkwilini tal-bini, tal-unitajiet tal-bini, **kif ukoll ta' soluzzjonijiet tat-trasport**, b'mod partikolari b'rabta mal-klijenti vulnerabbli, **inklużi l-utenti tat-trasport vulnerabbli**, mal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport**, u, meta applikabbli, mal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Amendment 70

Proposal for a directive
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, direttament jew permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament u faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'setturi differenti, filwaqt li jiproteġu u jagħtu setgħa lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, inkluż b'integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza biex ħadd ma jinqata' lura.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, direttament jew permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament u faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'setturi differenti, filwaqt li jiproteġu u jagħtu setgħa lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u ***l-faqar fit-trasport u***, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, inkluż b'integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza biex ħadd ma jinqata' lura.

Amendment 71

Proposal for a directive
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li l-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, bħal ipoteki ekoloġiċi u self ekoloġiku, garantiti u mhux garantiti, jiġu offruti b'mod wiesa' u nondiskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u, ikunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont u fuq it-taxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jieħdu sehem fil-finanzjament ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, inkluż il-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi/privati.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li l-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, bħal ipoteki ekoloġiċi u self ekoloġiku, ***kif ukoll appoġġ finanzjarju biex jinkiseb jew jiġi pprovdut aċċess għal vetturi, fjuwils u soluzzjonijiet oħra tat-trasport nodfa u effiċjenti, inkluż it-trasport pubbliku***, garantiti u mhux garantiti, jiġu offruti b'mod wiesa' u nondiskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u, ikunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont u fuq it-taxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jieħdu sehem fil-finanzjament ta'

miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż il-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi/privati.

Amendment 72

Proposal for a directive Artikolu 28 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Dan il-fond għandu l-għan li jimplimenta miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 22 bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u li jimplimenta miżuri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika u t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4(2). ***Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jiġi ffinanzjat bi dħul mill-irkanti tal-kwoti skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet fis-settur tal-bini u tat-trasport.***

Amendment 73

Proposal for a directive Artikolu 33 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Dan il-fond għandu l-għan li jimplimenta miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 22 bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u li jimplimenta miżuri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika u t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4(2).

(-a) valutazzjoni komprensiva tal-impatt makroekonomiku aggregat ta' din id-Direttiva, b'enfasi fuq l-effetti li għandhom fuq it-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, il-kompetittività, il-ħolqien tax-xogħol u l-impjiegi, l-ispejjeż tat-trasport

u l-mobilità, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u kwalunkwe vantaġġ kompetittiv jew f'termini ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ġġenerat għall-kumpaniji Ewropej bħala konsegwenza ta' din id-Direttiva.

Amendment 74

Proposal for a directive

Artikolu 33 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu sehem ta' ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 għall-perjodi ta' għaxar snin wara l-2030;

Emenda

(e) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu sehem ta' ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **u l-faqar fit-trasport** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 għall-perjodi ta' għaxar snin wara l-2030;

Amendment 75

Proposal for a directive

Artikolu 33 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Ma' dak ir-rapport **għandhom jinhemżu**, jekk ikun xieraq, proposti għal aktar miżuri.

Emenda

Dak ir-rapport **għandu jkun akkumpanjat minn valutazzjoni komprensiva tar-reviżjonijiet potenzjali ta' din id-Direttiva fir-rigward tas-simplifikazzjoni regolatorja u**, jekk ikun xieraq, proposti għal aktar miżuri. **Il-Kummissjoni għandha tadatta kontinwament għall-aħjar Prattiki fil-proċeduri amministrattivi u tiegħu l-miżuri kollha biex tissimplifika l-infurzar ta' din id-Direttiva, filwaqt li żżomm il-piżijiet amministrattivi baxxi kemm jista' jkun.**

Amendment 76

Proposal for a directive
Annex V – punt 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-Istati Membri ma jistgħux jgħoddu l-użu mnaqqas tal-enerġija fis-setturi, inkluż fis-settur tat-trasport u tal-bini, li kien isir fi kwalunkwe każ minħabba l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8(1). ***Jekk entità tkun parti obbligata skont skema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva u skont l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE għall-bini u t-trasport bit-triq [COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)], is-sistema ta' monitoraġġ u verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju li jingħadda waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum [skont l-Artikolu 1(21) ta' COM(2021) 551 final, 2021/0211 (COD)] jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tagħha tal-iffrankar tal-enerġija;***

Amendment 77

Proposal for a directive
Annex V – punt 2 – punt f – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni b'rabta mal-emissjonijiet għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ***L-Istati*** Membri jridu jipprovdu evidenza, is-suppożizzjonijiet tagħhom u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom biex juru l-addizzjonalità għar-rekwiżiti tas-CO₂ tal-vetturi l-ġodda tal-

Emenda

(e) l-Istati Membri ma jistgħux jgħoddu l-użu mnaqqas tal-enerġija fis-setturi li kien isir fi kwalunkwe każ minħabba l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8(1).

Emenda

(i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni b'rabta mal-emissjonijiet għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ***L-Istati*** Membri jridu jipprovdu evidenza, is-suppożizzjonijiet tagħhom u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom biex juru l-addizzjonalità għar-rekwiżiti tas-CO₂ tal-vetturi l-ġodda tal-Unjoni; ***L-Istati Membri għandhom jibbażaw il-metodoloġija tal-***

Unjoni;

kalkolu tagħhom fuq analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja għall-vetturi rispettivi, filwaqt li jqisu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati fil-produzzjoni u matul u wara l-ħajja operattiva tagħhom, kif ukoll l-intensità tal-gassijiet serra tat-taħlita effettiva tal-enerġija għall-ġenerazzjoni tal-elettriku f'dak l-istess Stat Membru;

¹⁰⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

¹⁰⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

Amendment 78

Proposal for a directive Annex V – punt 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) il-politiki bl-iskop li jħeġġu livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika ta' prodotti, tagħmir, sistemi tat-trasport, vetturi u fjuwils, bini u elementi tal-bini, proċessi jew swieq għandhom ikunu permessi, **għajr** dawk il-miżuri ta' politika rigward l-użu ta' teknoloġiji ta' kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, **li jiġu implimentati mill-1 ta' Jannar 2024**;

Emenda

(g) il-politiki bl-iskop li jħeġġu livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika ta' prodotti, tagħmir, sistemi tat-trasport, vetturi, **inklużi vetturi fil-pussess ta' korpi pubbliċi**, u fjuwils, bini u elementi tal-bini, proċessi jew swieq għandhom ikunu permessi, **inklużi** dawk il-miżuri ta' politika rigward l-użu ta' teknoloġiji ta' kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, **dment li jkunu konformi mal-aktar leġiżlazzjoni dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet aġġornata korrispondenti tal-Unjoni u jekk ikunu maħsuba biex jimpedixxu intrappolamenti teknoloġiċi billi jiżguraw il-kompatibbiltà futura ma' fjuwils alternattivi u teknoloġiji b'impatt newtrali fuq il-klima; F'każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu taħlita ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jinkisbu gwadanji sinifikanti fl-**

effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima.

Amendment 79

Proposal for a directive Annex V – punt 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) L-iffrankar tal-enerġija miksub b'miżuri ta' politika rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili fil-prodotti, fit-tagħmir, fis-sistemi tat-trasport, fil-vetturi, fil-bini jew fix-xogħlijiet ma għandux jgħodd biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija *mill-1 ta' Jannar 2024.*

Emenda

(h) L-iffrankar tal-enerġija miksub b'miżuri ta' politika rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili fil-prodotti, fit-tagħmir, fis-sistemi tat-trasport, fil-vetturi, fil-bini jew fix-xogħlijiet għandu jgħodd biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija ***dment li jkun konformi mal-aktar leġiżlazzjoni dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet aġġornata korrispondenti tal-Unjoni u jekk ikun maħsub biex jimpedixxi intrappolamenti teknoloġiċi billi jiżgura l-kompatibbiltà futura ma' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u teknoloġiji b'impatt newtrali fuq il-klima. F'każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu taħlita ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jinkisbu gwadanji sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-klima;***

Amendment 80

Proposal for a directive Annex VI – punt 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) ***Il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija***

bbażati fuq sorsi rinnovabbli f'bastimenti marittimi, inklużi teknoloġiji bbażati fuq ir-riħ u x-xemx, għandhom ikunu eliġibbli biex jitqiesu ħalli jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija mitlub skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva, dment li dawn iwasslu għal iffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi vverifikat u mkejjeż jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

Amendment 81

Proposal for a directive Annex V – punt 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' prodotti u vetturi aktar effiċjenti, **għajr** dawk rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, tista' ssir dikjarazzjoni għal kreditu sħiħ, diment li jintwera li din l-adozzjoni ssir qabel jgħaddi t-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u diment li l-iffrankar jiġi ddikjarat biss għall-perjodu sa tmiem it-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti;

Emenda

(k) għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' prodotti u vetturi aktar effiċjenti, **inklużi** dawk rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, **dment li jkun konformi mal-aktar leġiżlazzjoni dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet aġġornata korrispondenti tal-Unjoni u jekk ikunu maħsuba biex jimpedixxu intrappolamenti teknoloġiċi billi jiżguraw il-kompatibbiltà futura ma' fjuwils alternattivi u teknoloġiji b'impatt newtrali fuq il-klima**, tista' ssir dikjarazzjoni għal kreditu sħiħ, diment li jintwera li din l-adozzjoni ssir qabel jgħaddi t-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u diment li l-iffrankar jiġi ddikjarat biss għall-perjodu sa tmiem it-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti; **F'każ ta' miżuri ta' politika li jippromwovu taħlita ta' teknoloġiji, l-iffrankar kumplessiv tal-enerġija relatat jenħtieġ li jkun eliġibbli biss jekk jinkisbu gwadanji sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika kemm fit-teknoloġija tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili kif ukoll fit-teknoloġija alternattiva newtrali għall-**

klima;

Amendment 82

Proposal for a directive Annex V – punt 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(l) fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom, meta rilevanti, jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti meta ma jkunux jeżistu;

Emenda

(l) fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom, meta rilevanti, jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' **tikkettar u** ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi, **għas-sistemi tat-trasport differenti** u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti meta ma jkunux jeżistu;

Amendment 83

Proposal for a directive Annex V – punt 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni ma għandhom l-ebda effett negattiv fuq il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

(i) l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni ma għandhom l-ebda effett negattiv fuq il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u **l-faqar fit-trasport u**, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Amendment 84

Proposal for a directive Annex V – punt 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) kif jiġu kkalkulati l-bidliet fil-konsum tal-enerġija fejn l-użu tal-fjuwils fossili jkun sostitwit mill-elettrifikazzjoni

Amendment 85

Proposal for a directive

Annex V – punt 5 – paragrafu 1 – punt f

Test proposit mill-Kummissjoni

(f) informazzjoni dwar il-miżuri jew il-programmi ta' politika jew il-miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika implimentat bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Emenda

(f) informazzjoni dwar il-miżuri jew il-programmi ta' politika jew il-miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika implimentat bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Amendment 86

Proposal for a directive

Annex V – punt 5 – paragrafu 1 – punt g

Test proposit mill-Kummissjoni

(g) is-sehem u l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li jridu jinkisbu fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Emenda

(g) is-sehem u l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li jridu jinkisbu fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Amendment 87

Proposal for a directive

Annex V – punt 5 – paragrafu 1 – punt i

Test proposit mill-Kummissjoni

(i) meta applikabbli, informazzjoni dwar l-impatti u l-effetti negattivi tal-miżuri ta' politika implimentati skont l-Artikolu 8(3) fuq il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu

Emenda

(i) meta applikabbli, informazzjoni dwar l-impatti u l-effetti negattivi tal-miżuri ta' politika implimentati skont l-Artikolu 8(3) fuq il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-

f'akkomodazzjoni soċjali;

persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Amendment 88

Proposal for a directive

Anness V – punt 5 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) meta applikabbli, l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija jew il-miri ta' tnaqqis fil-kost li jridu jintlaħqu mill-partijiet obbligati fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Emenda

(k) meta applikabbli, l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija jew il-miri ta' tnaqqis fil-kost li jridu jintlaħqu mill-partijiet obbligati fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku ***u l-faqar fit-trasport***, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.11.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Tom Berendsen 9.11.2021
Eżami fil-kumitat	7.2.2022
Data tal-adozzjoni	31.3.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Carlo Fidanza, Mario Furore, Søren Gade, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, João Pimenta Lopes, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Leila Chaibi, Ignazio Corrao, Maria Grapini, Roman Haider, Jutta Paulus, Patrizia Toia

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

47	+
ECR	Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
ID	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Roman Haider, Julie Lechanteux, Philippe Olivier
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Vera Tax, Patrizia Toia, István Ujhelyi, Petar Vitanov
The Left	Elena Kountoura
Verts/ALE	Ignazio Corrao, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Jutta Paulus

2	-
The Left	Leila Chaibi, João Pimenta Lopes

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

12.5.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
(COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Alice Kuhnke

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-UE u l-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li jillimitaw it-tisħin globali u jilħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-Komunikazzjoni "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2020-2025", il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ intersezzjonali fl-inizjattivi kollha dwar il-klima inkluż il-Patt Ekoloġiku Ġdid Ewropew u inizjattivi relatati sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' dawn il-politiki. Għalhekk, meta tfassal azzjonijiet u miżuri biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u jittaffew l-impatti distruttivi tiegħu, l-Unjoni għandha tirrikonoxxi kif il-persuni f'sitwazzjonijiet marġinalizzati u dawk li jesperjenzaw diversi forom f'daqqa ta' diskriminazzjoni huma partikolarment vulnerabbli u affettwati b'mod sproporzjonat. Dan jinkludi n-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni akbar fl-età, il-persuni LGBTIQ+, il-migranti, u il-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi diversi. Ma nistgħux nirriskjaw li l-azzjonijiet u l-politika mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni jesaġeraw jew jirriproduċu l-poter eżistenti u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, kemm direttament kif ukoll indirettament. Tranżizzjoni ġusta u inklużiva lejn Unjoni newtrali għall-klima hija possibbli biss jekk jitqiesu l-effetti mhux ugwali u speċifiċi għall-ġeneru tat-tibdil fil-klima u l-politiki relatati mal-klima.

L-ambizzjonijiet klimatiċi akbar tal-Unjoni, li saru fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi fil-qafas tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", inkluża l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-riformulazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika, huma elementi ewlenin fil-kisba ta' tranżizzjoni ekoloġika. Huwa tal-akbar importanza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-perspettiva soċjali jiġu introdotti fit-tfassil ta' miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, biex tingħata s-setgħa u jiġu protetti l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku. In-nisa fid-diversità kollha tagħhom, b'mod partikolari l-ġenituri waħedhom, dawk li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali u dawk 'il fuq mill-età tal-irtirar, huwa aktar probabbli mill-irġiel li jgħixu f'faqar enerġetiku f'xi stadju f'ħajjithom, u b'hekk l-aċċess tagħhom għas-servizzi tal-enerġija rinnovabbli jiġi limitat u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija tiġi ostakolata.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitfasslu miżuri speċifiċi u li jkunu disponibbli fondi mmirati biex jappoġġaw lin-nisa fid-diversità kollha tagħhom, jiġġieldu l-femminizzazzjoni tal-faqar enerġetiku u jinkludu lil kulħadd fit-tranżizzjoni ekoloġika.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) F'Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew approva mira vinkolanti tal-Unjoni ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990⁴⁵. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-ambizzjoni klimatika jeħtieġ tiżdied b'mod li jixpruna tkabbir ekonomiku sostenibbli, joħloq l-impjiegi, jipprovdi benefiċċji tas-saħħa u tal-ambjent għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u jikkontribwixxi għall-kompetittività dinjija fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni billi jippromwovi l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi.

45

<https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf>

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 10

Emenda

(3) F'Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew approva mira vinkolanti tal-Unjoni ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990⁴⁵. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li ***l-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dan l-isforz, b'kont meħud ta' konsiderazzjonijiet ta' ekwità u solidarjetà, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, u li l-ambizzjoni klimatika jeħtieġ li tiżdied b'mod li jixpruna tkabbir ekonomiku sostenibbli, joħloq l-impjiegi, jipprovdi benefiċċji tas-saħħa u tal-ambjent għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u jikkontribwixxi għall-kompetittività dinjija fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni billi jippromwovi l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda wkoll li hemm il-ħtieġa li jiġu esplorati modi biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.***

45

<https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf>

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-livell oġhla ta' ambizzjoni jeħtieġ promozzjoni aktar soda tal-miżuri kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika fl-oqsma kollha tas-sistema tal-enerġija u fis-setturi rilevanti kollha, meta l-attività tkun taffettwa d-domanda għall-enerġija, bħas-setturi tat-trasport, tal-ilma u tal-agrikoltura. Bit-titjib fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-enerġija, inkluż il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, se jgawdi l-ambjent, jitjiebu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija, jonqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, ***jitwieżnu l-persuni fil-faqar*** enerġetiku, u tingħata spinta lill-kompetittività, lill-impjiegi u lill-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk titjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dan jikkonforma mal-impenji tal-Unjoni li saru fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u ***l-aġenda*** dinjija dwar il-klima stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015.

Emenda

(10) Il-livell oġhla ta' ambizzjoni jeħtieġ promozzjoni aktar soda tal-miżuri kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika fl-oqsma kollha tas-sistema tal-enerġija u fis-setturi rilevanti kollha, meta l-attività tkun taffettwa d-domanda għall-enerġija, bħas-setturi tat-trasport, tal-ilma u tal-agrikoltura. ***Kif meħtieġ mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, id-Direttiva 2012/27/UE u l-inizjattivi fil-qafas tal-Pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", il-faqar enerġetiku jrid jiġi indirizzat biex jingħelbu l-impatti negattivi potenzjali tal-miżuri tal-ipprezzar fit-tranżizzjoni ekoloġika.*** Bit-titjib fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-enerġija, inkluż il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, se jgawdi l-ambjent, jitjiebu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija, jonqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, ***tingħata għajjnuna biex jittaffew il-faqar*** enerġetiku ***u l-inugwaljanzi assoċjati miegħu***, u tingħata spinta lill-kompetittività, lill-impjiegi u lill-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk titjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. ***B'mod partikolari, għandu jiġi enfasizzat li n-nisa għandhom rwol strateġiku x'jaqdu fl-iżvilupp ta' xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli u ekoloġikament sodi u li l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa hija tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, meta jitqies il-potenzjal mhux sfruttat ta' riżorsi tan-nisa biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea. Din id-Direttiva jenħtieġ li tgħin biex tnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fis-settur tal-enerġija, tintegra lin-nisa fis-suq tal-impjiegi tat-teknoloġiji emerġenti, tippromwovi l-intraprenditorija tan-nisa, iżżid il-possibiltajiet li jiġu ġġenerati dawk il-ħiliet u l-kompetenzi li huma mitluba mit-tranżizzjoni ekoloġika u***

diġitali u ddaħħal aktar nisa u bniet fil-karrieri STEAM, u b'mod partikolari fil-qasam tal-inġinerija. Dan jikkonforma mal-impenji tal-Unjoni li saru fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u mal-aġenda dinjija dwar il-klima stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015. Jenħtieġ li l-azzjoni kollha tal-Unjoni tqis l-importanza tal-kunċett tal-ġustizzja klimatika u l-impenn tal-partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi li jirrispettaw, jippromwovu u jikkunsidraw l-obbligi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jikkontribwixxu wkoll għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli rilevanti kollha, b'attenzjoni partikolari għall-SDG 5, l-SDG 7 u l-SDG 13.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur bażiku tal-Unjoni, dritt fundamentali u prinċipju ewlieni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija komputu għall-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, kif meħtieġ mit-Trattati. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Marzu 2020 "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025", il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tintegra perspettiva tal-ġeneru fl-inizjattivi ewlenin kollha tal-Kummissjoni, inklużi l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-politiki relatati. Mit-tfassil tad-deċiżjonijiet dwar l-effiċjenza enerġetika sal-implimentazzjoni tagħhom, huwa essenzjali li jitqies l-impenn għal tranżizzjoni klimatika u enerġetika inklużiva fir-rigward tal-ġeneru, ekwa u ġusta. Il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-bniet, bil-ħiliet, l-

għarfien u l-perspettiva uniċi tagħhom bħala atturi b'saħħithom tal-bidla, jenħtieġ li dejjem tiġi promossa u mħeġġa. Fis-settur tal-enerġija, in-nisa huma affettwati minn differenzi bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-enerġija, inkluż riskju ogħla li jsofru faqar enerġetiku, fis-suq tax-xogħol tal-enerġija, fl-edukazzjoni relatata mal-enerġija u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Hemm ukoll data diżaggregata dwar is-sess u l-ġeneru insuffiċjenti u limitata, li tagħmilha diffiċli biex jiġi mmonitorjat u evalwat l-impatt tal-ġeneru. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li japplikaw il-prinċipji tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki, il-miżuri u l-programmi ta' nfiq kollha li huma implimentati skont din id-Direttiva. Minħabba l-importanza li jinżamm rekord tal-progress ikkawżat mill-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju, l-Istati Membri huma mħeġġa jimmonitorjaw l-applikazzjoni tiegħu.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż fis-settur finanzjarju. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza

Emenda

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż fis-settur finanzjarju. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investment, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza

Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn jenħtieġ ma jxekklu l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak jenħtieġ jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negożji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun prijorità wkoll biex *jittaffa l-faqar* enerġetiku.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ta' prijorità fid-deċiżjonijiet futuri tal-investment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Il-prinċipju l-"Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat filwaqt li jitqiesu qabelxejn l-approċċ tal-effiċjenza tas-sistema u *l-perspettiva soċjetali*. Għaldaqstant, *dan* jenħtieġ li jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tas-setturi individwali tal-użu finali u tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. L-applikazzjoni tal-prinċipju jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-investimenti f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali elenkati fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn jenħtieġ *li* ma jxekklu l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak jenħtieġ *li* jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negożji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tkun prijorità wkoll biex *jittaffew il-faqar* enerġetiku *u l-konsegwenzi tiegħu fir-rigward tal-ġeneru*.

Emenda

(12) L-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ta' prijorità fid-deċiżjonijiet futuri tal-investment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Il-prinċipju l-"Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jiġi applikat filwaqt li jitqiesu qabelxejn l-approċċ tal-effiċjenza tas-sistema; *jenħtieġ li jiġu introdotti perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u perspettiva soċjali, filwaqt li jiġi żgurat li l-inugwaljanzi jiġu indirizzati. Il-prinċipji tat-trattament ugwali u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jenħtieġ li jiġu riflessi fid-deċiżjonijiet dwar il-politika, l-ippjanar u l-investment. Jenħtieġ li l-miżuri jkollhom l-għan li jtaffu l-faqar*

enerġetiku, inaqqsu l-kontinġent tal-enerġija u jkollhom impatti pożittivi speċifiċi għall-unitajiet domestiċi bi dħul baxx.

Għaldaqstant, *il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"* jenħtieġ li jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tas-setturi individwali tal-użu finali u tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. L-applikazzjoni tal-prinċipju jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-investimenti f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali elenkati fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁵⁰ ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43.

⁵⁰ ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) **L-unitajiet** domestiċi bi dħul baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi, jew biex jittaffa l-faqar enerġetiku. **Għal approċċ ħolistiku** fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri **jenħtieġ li** jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.

Emenda

(17) **Il-persuni f'sitwazzjonijiet marġinalizzati u dawk li jesperjenzaw diversi forom f'daqqa ta' diskriminazzjoni (bħan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni akbar fl-età, il-persuni LGBTIQ+, il-migranti, u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi diversi) huma partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u jesperjenzaw l-effetti tiegħu b'mod sproporzjonat minħabba r-rwoli soċjali tagħhom, l-aċċess inugwali għar-riżorsi, l-edukazzjoni, l-opportunitajiet ta' xogħol u l-parteċipazzjoni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Tranżizzjoni ġusta u inklużiva lejn Unjoni newtrali għall-klima hija possibbli biss jekk jitqiesu l-effetti mhux ugwali u speċifiċi għall-ġeneru tat-tibdil fil-klima u l-politiki relatati mal-klima. L-unitajiet** domestiċi bi dħul baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-applikazzjoni

tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi, jew biex jittaffa l-faqar enerġetiku. ***Approċċ olistiku u inklużiv tal-ġeneri*** fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri ***jirrikjedi li*** l-Istati Membri jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv ***dirett jew indirett*** fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi ***u ma jesaġerawx jew jirriproduċu l-inugwaljanzi eżistenti fis-setgħa u bejn il-ġeneri. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-miżuri kollha ppjanati mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jgħaddu minn valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw partijiet obbligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Jenħtieġ li d-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma jinftehmux bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obbligati. Biex jagħtu s-setgħa u jiproteġu lill-klijenti vulnerabbli, ***lill-persuni*** affettwati mill-faqar enerġetiku u ***lill-persuni*** li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex

Emenda

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw partijiet obbligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Jenħtieġ li d-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma jinftehmux bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala partijiet obbligati. Biex jagħtu s-setgħa u jiproteġu lill-klijenti vulnerabbli, ***unitajiet domestiċi bi dħul baxx, il-persuni*** affettwati mill-faqar enerġetiku, ***bħan-nisa fid-diversità kollha***

jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu **jitolbu lill-partijiet obbligati biex** jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obbligati jistgħu jilhqqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' insular u tisħin.

tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, it-tfal, il-migranti, u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi diversi, u l-persuni LGBTQ+ li jappartjenu wkoll lil xi wieħed mill-gruppi msemmija hawn fuq, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu **jirrikjedu li l-partijiet obbligati** jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obbligati jistgħu jilhqqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' insular u tisħin **jew strumenti ekonomiċi li jżommu l-kostijiet għall-ħtiġijiet bażiċi tal-enerġija baxxi, filwaqt li jiddiżinċentivaw konsum tal-enerġija għoli b'mod sproporzjonat.**

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 50a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50a) Il-programmi, l-istrumenti u l-miżuri dwar l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jintegraw l-esperjenzi, l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u l-preferenzi tan-nisa, u wieħed għandu jagħmel l-almu tiegħu fit-tfassil tagħhom biex jiġi evitat ir-rinforz tad-differenza bejn il-ġeneri fir-rigward tan-nisa u l-irġiel f'kuntasti ta' aċċess għall-enerġija. Huwa kruċjali li l-Istati Membri jintegraw il-kwistjonijiet u s-soluzzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqfsa nazzjonali tas-settur tal-enerġija. Għal dan il-għan, l-awditi tal-ġeneru jistgħu

jkunu strument effettiv fl-identifikazzjoni tad-differenzi bejn il-ġeneri fix-xenarju tal-enerġija u fl-istabbiliment ta' linja bażi għal sforzi futuri għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-livell tal-politika u fil-livell istituzzjonali. Jeħtieġ li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata mill-bidu nett fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika, peress li n-nisa mhumiex biss utenti finali primarji u benefiċjarji ta' dawk il-politiki, iżda wkoll atturi fit-twassil ta' soluzzjonijiet tal-enerġija.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

(53) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li l-partijiet obbligati jiksbu l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi tal-obbligi tagħhom, li jippermettu jew jeżiġu li l-partijiet obbligati jikkontribwixxu għal Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li jkun jista' jintuża għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

(53) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li l-partijiet obbligati jiksbu l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi tal-obbligi tagħhom, li jippermettu jew jeżiġu li l-partijiet obbligati jikkontribwixxu għal Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li jkun jista' jintuża għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. ***Il-miżuri li jużaw il-Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jenħtieġ li jiġu mfassla abbażi tal-prinċipji ta' inklużività u aċċessibbiltà għal kulħadd, inklużi n-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-persuni LGBTIQ+, il-migranti, u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi diversi.***

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

(60) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu inklużivi u għalhekk dawn jenħtieġ li jiżguraw aċċess ekwu għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-konsumaturi kollha affettwati mill-faqar enerġetiku. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li, jiġi implimentat bħala prijorità fost il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni, affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta xieraq, fost l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali u mbiegħda. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lil ċerti gruppi partikolari li jinsabu friskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni *ta' sfond* razzjali jew *etniku minoritarju*. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-partijiet obligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà diġà ġiet estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u għall-Fondi Nazzjonali Ewropej għall-Effiċjenza Enerġetika. Dak jenħtieġ li jissarraff f'obbligu li jiġu protetti u tingħata s-setgħa lill-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli u biex jittaffa l-faqar enerġetiku, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mat-tip ta' miżura ta' politika, mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħha. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija ma tkunx tippermetti miżuri marbuta ma' konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-faqar enerġetiku permezz biss ta' miżuri ta' politika

Emenda

(60) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu inklużivi u għalhekk dawn jenħtieġ li jiżguraw aċċess ekwu għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-konsumaturi kollha affettwati mill-faqar enerġetiku. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiġi implimentat bħala prijorità fost il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli *u bi dħul baxx*, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta xieraq, fost l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali u mbiegħda. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lil ċerti gruppi partikolari li jinsabu friskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa *fid-diversità kollha tagħhom*, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, *il-persuni LGBTIQ+*, it-tfal, *il-migranti* u l-persuni *minn sfondi* razzjali jew *etniċi diversi*. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-partijiet obligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà diġà ġiet estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u għall-Fondi Nazzjonali Ewropej għall-Effiċjenza Enerġetika. Dak jenħtieġ li jissarraff f'obbligu li jiġu protetti u tingħata s-setgħa lill-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli u biex jittaffa l-faqar enerġetiku, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mat-tip ta' miżura ta' politika, mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħha. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija ma tkunx tippermetti miżuri marbuta ma' konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-

alternattivi. Fi h'dan it-taħlita ta' politiki, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri l-oħra ta' politika ma ***jkollhom*** effett negattiv fuq il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-investimenti ta' finanzjament pubbliku għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż finanzjament u faċilitajiet finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Din id-Direttiva tirreferi għall-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li l-Istati Membri jridu jstabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/944. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, il-kunċett ta' "utenti finali" flimkien mal-kunċett ta' "klijent finali" jiċċaraw li d-drittijiet għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum japplikaw ukoll għall-konsumaturi mingħajr kuntratti individwali jew diretti mal-fornitur tal-enerġija użata għas-sistemi tal-produzzjoni kollettivi tat-tiħin, tat-tkessiħ jew tal-miħun domestiku f'binjiet b'ħafna okkupanti. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli mhux bilfors jiżgura li jimmira wkoll għall-utenti finali. Għaldaqstant, biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jilħqu lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi kollha f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu mhux biss lill-klijenti, fis-sens strett tagħha, iżda anki lill-utenti finali, meta jiġu biex jstabbilixxu d-definizzjoni tagħhom ta' klijenti vulnerabbli.

faqar enerġetiku permezz biss ta' miżuri ta' politika alternattivi. Fi h'dan it-taħlita ta' politiki, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri l-oħra ta' politika ma ***jkollhomx*** effett negattiv fuq il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-investimenti ta' finanzjament pubbliku għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż finanzjament u faċilitajiet finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

Emenda

(61) Din id-Direttiva tirreferi għall-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li l-Istati Membri jridu jstabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/944. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, il-kunċett ta' "utenti finali" flimkien mal-kunċett ta' "klijent finali" jiċċaraw li d-drittijiet għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum japplikaw ukoll għall-konsumaturi mingħajr kuntratti individwali jew diretti mal-fornitur tal-enerġija użata għas-sistemi tal-produzzjoni kollettivi tat-tiħin, tat-tkessiħ jew tal-miħun domestiku f'binjiet b'ħafna okkupanti. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli mhux bilfors jiżgura li jimmira wkoll għall-utenti finali. Għaldaqstant, biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jilħqu lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi kollha f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu mhux biss lill-klijenti, fis-sens strett tagħha, iżda anki lill-utenti finali, meta jiġu biex jstabbilixxu d-definizzjoni tagħhom ta' klijenti vulnerabbli. ***Fid-definizzjoni tagħhom, l-Istati Membri***

jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lin-nisa, lill-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-konsumaturi anzjani, peress li daww il-gruppi fil-mira jafu jkunu aktar suxxettibbli minn oħrajn għal riskji intersezzjonali.

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom sħaħ kif xieraq fl-2019. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ***ħadd ma jinqata' lura***. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u jaf tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu ***kumplimentari*** għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprietajiet u għall-inkwilini, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jenħtieġ ***jiġu*** trasformat f'NZEBS f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat

Emenda

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom sħaħ kif xieraq fl-2019. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ***"ħadd ma jitħalla jibqa' lura"***. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, ***b'mod partikolari minħabba d-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet***, u jaf tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. ***In-nisa, fid-diversità kollha tagħhom, b'mod partikolari l-ġenituri waħedhom, daww li jesperjenzaw forom ta' diskriminazzjoni intersezzjonali u daww 'il fuq mill-età tal-irtirar, huma aktar probabbli mill-irġiel li jgħixu f'faqar enerġetiku f'xi stadju f'ħajjithom, u b'hekk l-aċċess tagħhom għas-servizzi tal-enerġija rinnovabbli jiġi limitat u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija tiġi ostakolata. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jitfasslu miżuri speċifiċi u li jkunu disponibbli fondi mmirati biex jappoġġaw lin-nisa fid-diversità kollha tagħhom, jiġġieldu l-femminizzazzjoni tal-faqar enerġetiku u jinkludu lil kulħadd fit-tranżizzjoni ekoloġika.*** Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jkunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku

minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu **komplementari** għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprietajiet u għall-inkwilini, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ **li jiġi** trasformat f'NZEBs f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

⁷⁴ **COMMISSION RECOMMENDATION of 14.10.2020 on energy poverty**, C(2020) 9600 final.

⁷⁴ **Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku** C(2020) 9600 final.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 78a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(78a) Hemm limitazzjoni ġenerali u mifruxa fil-ġbir tad-data dwar l-enerġija li hija kkawżata mill-iskarsezza ta' data diżaggregata skont is-sessi u statistika dwar is-sessi b'relazżjoni mal-użu tal-enerġija u l-impjiegi fis-settur tal-enerġija u l-impjiegi fis-settur tal-enerġija rinnovabbli. Dan jirrappreżenta żvantaġġ kbir fl-isforz biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi u biex

jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri, peress li mingħajr data m'hemm l-ebda viżibbiltà, u għalhekk huwa diffiċli li jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiġu stabbiliti prijoritajiet ta' politika. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri u ma' firxa wiesgħa ta' atturi, inklużi entitajiet akkademiċi u mhux akkademiċi, gruppi ta' promozzjoni, assoċjazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, istituti ta' politika u gruppi ta' riflessjoni, sabiex tinbena bażi ta' evidenza diżaggregata skont is-sessi sabiex tiġi ġġenerata statistika dwar il-ġeneri li tkun kapaċi tappoġġa sitwazzjonijiet intersezzjonali.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 92

Test propost mill-Kummissjoni

(92) Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸⁰, u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 favur l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawk il-komunitajiet jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jiksbu l-oġettivi ta' din id-Direttiva billi javvanzaw l-effiċjenza enerġetika fil-livell lokali jew tal-unitajiet domestiċi. Dawn jistgħu jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu li ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi, inkluż fiż-żoni rurali u mbiegħda jipparteċipaw fi proġetti u interventi tal-effiċjenza enerġetika. Il-

Emenda

(92) Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸⁰, u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 favur l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawk il-komunitajiet jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jiksbu l-oġettivi ta' din id-Direttiva billi javvanzaw l-effiċjenza enerġetika fil-livell lokali jew tal-unitajiet domestiċi. Dawn jistgħu jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu li ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi, inkluż fiż-żoni rurali u mbiegħda jipparteċipaw fi proġetti u interventi tal-effiċjenza enerġetika. **Għal**

komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu fil-
ġlieda kontra l-faqar enerġetiku billi
jiffaċilitaw proġetti tal-effiċjenza
enerġetika, b'inqas konsum tal-enerġija u
b'tariffi aktar baxxi tal-provvista.

*dan il-għan, huwa partikolarment
rilevanti u xieraq li n-nisa jiġu involuti
fid-diversità kollha tagħhom u fir-rwoli
tagħhom ta' konsumaturi, produttori,
persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet u
intraprendituri, minħabba l-potenzjal
tagħhom li jaġixxu bħala aġenti soċjali
tal-bidla.* Il-komunitajiet tal-enerġija
jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar
enerġetiku billi jiffaċilitaw proġetti tal-
effiċjenza enerġetika, b'inqas konsum tal-
enerġija u b'tariffi aktar baxxi tal-provvista.

⁸⁰ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-
11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni
tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli
(ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁸⁰ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-
11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni
tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli
(ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni

(93) Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut il-
kontribut ta' punti uniċi ta' servizz jew ta'
strutturi simili bħala mekkaniżmi li jistgħu
jippermettu li diversi gruppi fil-mira,
inkluż iċ-ċittadini, l-SMEs u l-awtoritajiet
pubbliċi, ifasslu u jimplementaw proġetti u
miżuri relatati mat-tranżizzjoni lejn
enerġija nadifa. Dak il-kontribut jista'
jinkludi l-ġhoti ta' konsulenza u assistenza
tekniki, amministrattivi u finanzjarji, l-
iffaċilitar tal-proċeduri amministrattivi
meħtieġa jew tal-aċċess għas-swieq
finanzjarji, jew gwida mal-qafas legali
nazzjonali u Ewropew, inkluż regoli u
kriterji tal-akkwist pubbliku, u t-
Tassonomija tal-UE.

Emenda

(93) Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut il-
kontribut ta' punti uniċi ta' servizz jew ta'
strutturi simili bħala mekkaniżmi li jistgħu
jippermettu li diversi gruppi fil-mira,
inkluż iċ-ċittadini, l-SMEs u l-awtoritajiet
pubbliċi, ifasslu u jimplementaw proġetti u
miżuri relatati mat-tranżizzjoni lejn
enerġija nadifa. ***Il-kontribut ta' punti uniċi
ta' servizz jista' jkun importanti ħafna
għall-klijenti l-aktar vulnerabbli, inklużi
n-nisa fid-diversità kollha tagħhom u l-
ġenituri waħedhom, peress li dawn jistgħu
jirrappreżentaw sors ta' informazzjoni
aktar faċli, affidabbli u aċċessibbli dwar
it-titjib fl-effiċjenza enerġetika.*** Dak il-
kontribut jista' jinkludi l-ġhoti ta'
konsulenza u assistenza tekniki,
amministrattivi u finanzjarji, l-iffaċilitar
tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa jew
tal-aċċess għas-swieq finanzjarji, jew
gwida mal-qafas legali nazzjonali u

Ewropew, inkluż regoli u kriterji tal-akkwist pubbliku, u t-Tassonomija tal-UE.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni

(94) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-impatt tal-miżuri tagħha **li jappoġġaw** l-iżvilupp ta' pjattaformi **li jinvolvu**, fost l-oħrajn, lill-korpi tad-djalogu soċjali Ewropew fit-tfassil ta' programmi ta' taħriġ għall-effiċjenza enerġetika, u **għandha** tressaq aktar miżuri **jekk ikun** xieraq. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ ukoll lis-sħab soċjali Ewropej fid-diskussjonijiet tagħhom dwar l-effiċjenza enerġetika, speċjalment b'rabta mal-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, inkluż dawk fil-faqar enerġetiku.

Emenda

(94) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-impatt tal-miżuri tagħha **biex tappoġġa** l-iżvilupp ta' pjattaformi **jew fora, billi tinvolvi**, fost l-oħrajn, lill-korpi tad-djalogu soċjali Ewropew fit-tfassil ta' programmi ta' taħriġ għall-effiċjenza enerġetika, u **jenħtieġ li** tressaq aktar miżuri, **bħal pereżempju, miżuri biex iżżid il-parteċipazzjoni u l-kollaborazzjoni tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, fejn** xieraq. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ ukoll lis-sħab soċjali Ewropej fid-diskussjonijiet tagħhom dwar l-effiċjenza enerġetika, speċjalment b'rabta mal-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, inkluż dawk fil-faqar enerġetiku.

Ġustifikazzjoni

In-nisa huma sottorappreżentati f'dan il-qasam u għalhekk għandhom ikunu fil-mira b'mod speċifiku sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni

(96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, **meta** applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta'

Emenda

(96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli, **b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, in-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, it-tfal, il-migranti u l-persuni LGBTIQ+ li jappartjenu wkoll lill-gruppi msemmija**

informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplementaw l-Istati Membri.

hawn fuq, u, fejn applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b'mod attiv f'interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f'miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplementaw l-Istati Membri. ***Il-prinċipji ta' inklużività u aċċessibilità jenħtieġ li jiġu inkorporati fit-tfassil ta' tali miżuri.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu vantaġġ minn kull kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁸², u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplementaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

⁸² Proposta għal Regolament tal-Parlament

Emenda

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi investit b'mod strateġiku f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu vantaġġ minn kull kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima⁸², u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplementaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu ***lin-nisa, lill-persuni b'diżabbiltà, lill-persuni akbar fl-età, lill-persuni LGBTQ+, lill-migranti, lill-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniku diversi, u*** lill-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

⁸² Proposta għal Regolament tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021)568 final.

Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021)568 final.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni

(98) L-iskemi ta' finanzjament nazzjonali jenħtieġ li jiġu **kkumplimentati** bi skemi adegwati ta' informazzjoni aħjar, assistenza teknika u amministrattiva, aċċess aktar faċli għall-finanzjament **li** jippermetti l-aħjar użu tal-fondi disponibbli speċjalment minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, minn klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, minn persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

(98) L-iskemi ta' finanzjament nazzjonali jenħtieġ li jiġu **kkomplementati** bi skemi adegwati ta' informazzjoni aħjar, assistenza teknika u amministrattiva, **u** aċċess aktar faċli għall-finanzjament **imfassla bi prinċipji ta' inklużività u aċċessibilità, u dan** jippermetti l-aħjar użu tal-fondi disponibbli, speċjalment minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, **b'mod partikolari n-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-persuni LGBTIQ+, il-migranti, u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniku diversi**, minn klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, minn persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 99

Test propost mill-Kummissjoni

(99) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu s-setgħa u jiproteġu lill-persuni kollha b'mod ugwali, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, ir-razza jew l-orijġini etnika, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twelmin tagħhom, u jiżguraw li l-aktar persuni affettwati jew li għandhom riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku, jew li huma l-aktar esposti għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, ikunu protetti kif xieraq. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-

Emenda

(99) *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)*

miżuri tal-effiċjenza enerġetika ma jaggravawx l-inugwaljanzi eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-faqar enerġetiku.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 100

Test propost mill-Kummissjoni

(100) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija jħaddmu approċċ integrat li jinkludi l-iffrankar potenzjali fil-provvista tal-enerġija u s-setturi tal-użu finali. Mingħajr preġudizzju għas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq u l-investimenti antiċipatorji fi grilji offshore għall-użu tal-enerġija rinnovabbli offshore, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija jenħtieġ li jiżguraw li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jiġi applikat fil-proċessi tal-ippjanar u tat-teħid tad-deċiżjonijiet **u li t-tariffi tan-network u r-regolamentazzjoni jinċentivaw titjib fl-effiċjenza enerġetika**. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Dan jgħin lill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu soluzzjonijiet aħjar tal-effiċjenza enerġetika u kostijiet inkriminali mġarrba għall-akkwist ta' riżorsi min-naħa tad-domanda, kif ukoll l-impatti ambjentali u soċjoekonomiċi ta' investimenti u pjanijiet operazzjonali differenti tan-network. Approċċ bħal dan jeħtieġ bidla minn perspettiva dejqa tal-effiċjenza ekonomika għal benesseri soċjali massimizzati. Il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jenħtieġ b'mod partikolari jiġi applikat fil-kuntest tat-tiswir ta' xenarji għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-enerġija meta s-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda jistgħu jitqiesu bħala alternattivi vijabbli u

Emenda

(100) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija jħaddmu approċċ integrat li jinkludi l-iffrankar potenzjali fil-provvista tal-enerġija u s-setturi tal-użu finali. Mingħajr preġudizzju għas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq u l-investimenti antiċipatorji fi grilji offshore għall-użu tal-enerġija rinnovabbli offshore, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija jenħtieġ li jiżguraw li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jiġi applikat fil-proċessi tal-ippjanar u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, **li jenħtieġ li dejjem jinkludu kunsiderazzjonijiet tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-inklużività**. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll **li t-tariffi tan-network u r-regolamentazzjoni jinċentivaw titjib fl-effiċjenza enerġetika u** li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Dan jgħin lill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu soluzzjonijiet aħjar tal-effiċjenza enerġetika u kostijiet inkriminali mġarrba għall-akkwist ta' riżorsi min-naħa tad-domanda, kif ukoll l-impatti ambjentali u soċjoekonomiċi ta' investimenti u pjanijiet operazzjonali differenti tan-network. Approċċ bħal dan jeħtieġ bidla minn perspettiva dejqa tal-effiċjenza ekonomika għal benesseri soċjali massimizzati. Il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jenħtieġ **li** b'mod partikolari jiġi applikat fil-kuntest tat-tiswir ta' xenarji għall-espansjoni tal-

jeħtieġ jiġu vvalutati kif xieraq, u jenħtieġ li jsir parti intrinsika mill-valutazzjoni tal-proġetti tal-ippjanar tan-network. L-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi skrutinizzata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

infrastruttura tal-enerġija meta s-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda jistgħu jitqiesu bħala alternattivi vijabbli u jeħtieġ jiġu vvalutati kif xieraq, u jenħtieġ li jsir parti intrinsika mill-valutazzjoni tal-proġetti tal-ippjanar tan-network. L-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi skrutinizzata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 101

Test propost mill-Kummissjoni

(101) Jenħtieġ li jkun disponibbli għadd biżżejjed ta' professjonisti affidabbli u kompetenti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u fil-ħin ta' din id-Direttiva, pereżempju rigward il-konformità mar-rekwiżiti tal-awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu skemi ta' ċertifikazzjoni u/jew kwalifika ekwivalenti u ***t-taħriġ*** xieraq għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija, awditjar tal-enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza enerġetika b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, il-fornituri tat-taħriġ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. L-iskemi jenħtieġ li jiġu vvalutati kull erba' snin minn Diċembru 2024 u jekk ikun meħtieġ jiġu aġġornati biex ikun żgurat il-livell meħtieġ ta' kompetenzi għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija, l-awdituri tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija u l-installaturi ta' elementi tal-bini.

Emenda

(101) Jenħtieġ li jkun disponibbli għadd biżżejjed ta' professjonisti affidabbli u kompetenti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u fil-ħin ta' din id-Direttiva, pereżempju rigward il-konformità mar-rekwiżiti tal-awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu skemi ta' ċertifikazzjoni u/jew kwalifika ekwivalenti u ***ta' taħriġ*** xieraq ***u jiżguraw li dawn ikunu mmirati għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom***, għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija, awditjar tal-enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza enerġetika b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, il-fornituri tat-taħriġ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. L-iskemi jenħtieġ li jiġu vvalutati kull erba' snin minn Diċembru 2024 u jekk ikun meħtieġ jiġu aġġornati biex ikun żgurat il-livell meħtieġ ta' kompetenzi għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija, l-awdituri tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija u l-installaturi ta' elementi tal-bini.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat li r-rappreżentanza tal-professjonisti f'dan il-qasam tkun ibbilanċjata bejn il-ġeneri.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 103

Test propost mill-Kummissjoni

(103) Minħabba l-oġġettivi ambizzjużi tar-rinnovazzjoni tul id-deċennju li ġej fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa **tar-Rinnovazzjoni**", jeħtieġ jiżdied ir-rwol tal-intermedjarji indipendenti tas-suq inkluż tal-punt uniku ta' servizz jew ta' mekkaniżmi ta' appoġġ simili biex jiġi stimulat l-iżvilupp tas-suq fuq in-naħat tad-domanda u tal-provvista u jiġi promoss ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjoni tal-bini privat u pubbliku. L-aġenziji tal-enerġija lokali jistgħu jaqdu rwol ewlieni f'dan ir-rigward, u **biex** jidentifikaw u jappoġġaw l-istabbiliment ta' faċilitaturi potenzjali jew punti uniċi ta' servizz.

Emenda

(103) Minħabba l-oġġettivi ambizzjużi tar-rinnovazzjoni tul id-deċennju li ġej fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa **ta' Rinnovazzjoni**", jeħtieġ jiżdied ir-rwol tal-intermedjarji indipendenti tas-suq inkluż tal-punt uniku ta' servizz jew ta' mekkaniżmi ta' appoġġ simili biex jiġi stimulat l-iżvilupp tas-suq fuq in-naħat tad-domanda u tal-provvista u jiġi promoss ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjoni tal-bini privat u pubbliku. **Għal dan il-għan, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li għadu diffiċli għaċ-ċittadini biex jidentifikaw mingħajr appoġġ l-aħjar għażliet possibbli għaċ-ċirkostanzi tagħhom. Din id-Direttiva jenħtieġ li tgħin fit-titjib tad-disponibbiltà ta' prodotti, servizzi u pariri fis-swieq Ewropej u f'dawk lokali, anki billi tippromwovi l-potenzjal għall-imprediture nisa li jimlew il-lakuni fis-suq u jipprovdu modi innovattivi biex tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika.** L-aġenziji tal-enerġija lokali jistgħu jaqdu rwol ewlieni f'dan ir-rigward, u jidentifikaw u jappoġġaw l-istabbiliment ta' faċilitaturi potenzjali jew punti uniċi ta' servizz.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 106

Test propost mill-Kummissjoni

(106) L-Istati Membri ħadu miżuri biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji. Madankollu,

Emenda

(106) L-Istati Membri ħadu miżuri biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji. Madankollu,

hemm bżonn jiżdiedu l-isforzi biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-użu ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u ta' arranġamenti ta' finanzjament ma' partijiet terzi li jgħinu biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija. Dawn l-ostakli jinkludu regoli u prattika tal-kontabbiltà li jxekklu l-investimenti kapitali u l-iffrankar finanzjarju annwali li jinkiseb minn miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika milli jiġu riflessi kif xieraq fil-kontabbiltà għall-perjodu taż-żmien kollu tal-investment.

hemm bżonn jiżdiedu l-isforzi biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-użu ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u ta' arranġamenti ta' finanzjament ma' partijiet terzi li jgħinu biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija. Dawn l-ostakli jinkludu regoli u prattika tal-kontabbiltà li jxekklu l-investimenti kapitali u l-iffrankar finanzjarju annwali li jinkiseb minn miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika milli jiġu riflessi kif xieraq fil-kontabbiltà għall-perjodu taż-żmien kollu tal-investment. ***Ostaklu ieħor li din id-Direttiva jenħtieġ li tgħin biex jingħeleb huwa n-nuqqas tal-ħiliet u tal-kompetenzi meħtieġa tan-nies, minn dawk bażiċi għal dawk l-aktar speċjalizzati, b'mod partikolari fir-rigward tal-inġinerija, tal-effiċjenza enerġetika, tal-integrazzjoni tas-sistemi, tal-flessibbiltà u tad-diġitalizzazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miżuri biex iżidu l-opportunitajiet għall-avvanz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żamma tal-ħiliet u tal-kapaċitajiet, b'enfasi speċjali fuq in-nisa u l-bniet.***

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jippromwovu u, meta jkun hemm bżonn isiru valutazzjonijiet tal-kostbenefiċċji, jiżguraw l-applikazzjoni ta' metodoloġiji tal-kostbenefiċċji li jippermettu valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ***mill-perspettiva tas-soċjetà***;

Emenda

(a) jippromwovu u, meta jkun hemm bżonn isiru valutazzjonijiet tal-kostbenefiċċji, jiżguraw l-applikazzjoni ta' metodoloġiji tal-kostbenefiċċji li jippermettu valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ***minn perspettiva soċjali, ta' drittijiet u ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri***;

Emenda 26

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u l-impatti ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija **u** l-effiċjenza enerġetika;

Emenda

(b) jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u l-impatti ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, ***il-faqar enerġetiku u l-aċċess ugwali għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika;***

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Il-prinċipju ta' Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri

- 1. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandha ttipprova gwida lill-Istati Membri biex jimplimentaw politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jqisu l-perspettivi tal-ġeneru.*
- 2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi biex jintegraw perspettiva tal-ġeneri fit-tħejjija, fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni ta' politiki, miżuri regolatorji u programmi ta' nfiq relatati mal-effiċjenza enerġetika, bil-għan li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u jikkumbattu d-diskriminazzjoni.*
- 3. L-Istati Membri għandu jkollhom politiki attivi mmirati lejn l-integrazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha tal-katina tal-valur tal-enerġija, sabiex iwasslu għal inizjattivi tal-enerġija aktar effettivi u effiċjenti u jisfruttaw redditu akbar fuq l-*

investimenti. Għal dan il-għan, huma għandhom jinkorporaw il-ġeneru fil-mekkaniżmi ta' finanzjament biex jiżguraw aċċess ekwu għar-riżorsi u għall-inċentivi.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tiġi vverifikata mill-entitajiet rilevanti meta d-deċiżjonijiet ta' politika, ta' ppjanar u ta' investment ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' approvazzjoni u ta' monitoraġġ.

5. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

6. Fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima previsti bl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jindikaw jekk il-prinċipju ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ġiex ikkunsidrat fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, ***l-anzjani***, it-tfal, u l-persuni ***ta' sfond*** razzjali jew ***etniku minoritarju***.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni ***mal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza, mal-esperti***, mal-partijiet ikkonċernati ***rilevanti*** u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, ***il-persuni akbar fl-età***, it-tfal, ***il-migranti*** u l-persuni ***minn sfondi soċjali***, razzjali jew ***etniċi differenti***,

u l-persuni LGBTIQ+ li jappartjenu wkoll għal kwalunkwe grupp minn dawn li għadhom kemm issem mew. Meta jfasslu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt ex ante dwar il-ġeneri u d-diversità. L-Istati Membri għandhom jevitaw effetti negattivi diretti jew indiretti, tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika implimentati fuq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, nisa u gruppi oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, jew jirrimedjaw għalihom.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jappoġġaw lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi jipprovdu linji gwida, jippromwovu l-bini ta' kompetenzi u opportunitajiet tat-taħriġ, u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji.

Emenda

4. L-Istati Membri ***għandhom*** jappoġġaw lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi jipprovdu linji gwida, jippromwovu l-bini ta' kompetenzi u opportunitajiet tat-taħriġ, u jħeġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiżviluppaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, tingħata prijorità lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali bi standards ta' akkomodazzjoni l-aktar baxxi u bl-ogħla kostijiet tal-enerġija, u lil infrastruttura pubblika ewlenija bħat-trasport pubbliku, l-isptarijiet, l-iskejjel, l-assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-akkomodazzjoni soċjali bil-ħsieb li jitnaqqsu l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u dawk soċjali.***

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹², kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (*NZEBs*) f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE.

⁹² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹², kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f'bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE.

Filwaqt li jiżguraw li tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipju ewlieni tal-affordabbiltà, billi jagħmlu disponibbli bini b'rendiment tajjeb fl-użu tal-enerġija u bini sostenibbli b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u persuni li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali bħan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-persuni LGBTIQ+, it-tfal, il-migranti, u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi differenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri u l-azzjonijiet ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda impatt negattiv dirett jew indirett għal dawk innies, pereżempju ż-żieda sproporzjonata fil-kirjiet u kostijiet oħra relatati mal-akkomodazzjoni b'konsegwenza tar-rata tar-rinnovazzjoni.

⁹² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, meta xieraq, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. Meta xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jimplementaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq daww il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) **biex** jitneħħew l-effetti negattivi u **tkun** żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u **inklużiva**.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, meta xieraq, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, **ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, ta' diversità, ta' drittijiet intersezzjonali**, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. Meta xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jimplementaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli, **b'mod partikolari persuni li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali bħan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, it-tfal, il-migranti, u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi differenti, u l-persuni LGBTIQ+ li jappartjenu wkoll għal kwalunkwe grupp minn dawn li għadhom kemm issemew** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv **dirett jew indirett** fuq daww il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom

jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) **bl-għan li** jitneħħew l-effetti negattivi, **jiġi indirizzat l-impatt fuq il-ġeneri** u **tiġi** żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u **ugwali bejn il-ġeneri**.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni
Fit-tfassil ta' dawn il-miżuri ta' politika, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fil-kontribut għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' politika.

Emenda
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida speċifiċi dwar kif jiġi żgurat li l-Istati Membri japplikaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-analiżi tal-perspettiva tal-ġeneri meta jfasslu miżuri u azzjonijiet biex itaffu l-faqar enerġetiku u għandhom jippromwovu l-effiċjenza enerġetika bil-ħsieb li jsir progress lejn tranżizzjoni tal-enerġija ugwali bejn il-ġeneri. Fit-tfassil ta' dawn il-miżuri ta' politika, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fil-kontribut għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' politika **u għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-promozzjoni tal-involviment attiv tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom u fir-rwoli differenti tagħhom ta' konsumaturi, produttori u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.**

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni
4. L-Istati Membri jistgħu **jitolbu lill-partijiet** obbligati jiksbu sehem tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom fost il-

Emenda
4. L-Istati Membri jistgħu **jirrikjedu li l-partijiet** obbligati jiksbu sehem tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom

persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jistgħu **jirrikjedu** wkoll li l-partijiet obbligati jilhqg miri ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu ffrankar tal-enerġija billi jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri ta' appoġġ finanzjarju li jtaffu l-effetti tal-prezz tal-karbonju fuq l-SMEs u **l-mikroSMEs**.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri jistgħu **jitolbu lill-partijiet** obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet lokali jew mal-muniċipalitajiet biex jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija.

fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **jew f'riskju ta' faqar enerġetiku**, il-klijenti vulnerabbli, **l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u b'mod partikolari dawk li jiffaċċjaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni**, u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jistgħu **jirrikjedu** wkoll li l-partijiet obbligati jilhqg miri ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu ffrankar tal-enerġija billi jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri ta' appoġġ finanzjarju li jtaffu l-effetti tal-prezz tal-karbonju fuq l-SMEs u **l-SMEs mikro**.

Emenda

5. L-Istati Membri jistgħu **jirrikjedu li l-partijiet** obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet lokali jew mal-muniċipalitajiet biex jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **jew f'riskju ta' faqar enerġetiku**, il-klijenti vulnerabbli, **l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u persuni li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni**, u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari **li jesperjenzaw il-faqar enerġetiku jew fir-riskju tal-faqar enerġetiku, klijenti vulnerabbli bħal nisa jew gruppi suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu, kif ukoll l-indirizzar tal-isfidi biex jintlaħqu dawn il-gruppi**. Biex jiproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli, **lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u b'mod partikolari dawk li jiffaċċjaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni** u, meta applikabbli, lill-

persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-partijiet obbligati jirrapportaw annwalment dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet obbligati bl-azzjonijiet promossi fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u għandhom jeżiġu informazzjoni statistika aggregata dwar il-klijenti finali tagħhom (li tidentifika l-bidliet fl-iffrankar tal-enerġija f'informazzjoni sottomessa qabel) u dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju mogħti.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-partijiet obbligati jirrapportaw annwalment dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet obbligati bl-azzjonijiet promossi fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **jew f'riskju ta' faqar enerġetiku**, il-klijenti vulnerabbli u **dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u**, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, **inklużi dawk l-azzjonijiet diretti speċifikament lejn in-nisa u l-persuni li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni**, u għandhom jeżiġu informazzjoni statistika aggregata dwar il-klijenti finali tagħhom (li tidentifika l-bidliet fl-iffrankar tal-enerġija f'informazzjoni sottomessa qabel), **b'diżaggregazzjoni tal-konsumaturi skont il-ġeneru fejn possibbli**, u dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju mogħti.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda
L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu programmi ta' taħriġ għall-kwalifika ta' awdituri tal-enerġija, b'attenzjoni speċjali

għall-bilanċ bejn il-ġeneri, sabiex jiffaċilitaw disponibbiltà suffiċjenti ta' esperti, filwaqt li jappoġġaw il-proċessi tat-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet u tat-titjib tal-ħiliet. L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll il-bilanċ bejn il-ġeneri fost l-esperti akkreditati bil-ħsieb li jippromwovu grad ogħla ta' nisa li jipparteċipaw fis-settur tal-enerġija, u jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi ta' taħriġ.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-fini ta' dan l-Artikolu, dawn il-miżuri għandhom ikunu immirati wkoll lejn partijiet ikkonċernati speċifiċi, bħan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, inklużi dawk li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, peress li jistgħu jwasslu għal bidla fl-unitajiet domestiċi, fin-negozji, fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u fit-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet, u ssir pressjoni għall-implimentazzjoni tagħha.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-atturi tas-suq biex jipprovdu informazzjoni adegwata u mmirata u konsulenza lill-konsumaturi finali **consumers**, inkluż il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali dwar l-effiċjenza enerġetika.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-atturi tas-suq biex jipprovdu informazzjoni adegwata u mmirata u konsulenza lill-konsumaturi finali, inkluż il-klijenti vulnerabbli **u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli**, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku **b'attenzjoni speċjali għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom**, u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali dwar l-effiċjenza

enerġetika.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali, l-utenti finali, il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, **jkollhom** aċċess għal mekkaniżmi barra l-qorti sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim rigward id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, permezz ta' mekkaniżmu indipendenti bħal Ombudsman tal-enerġija jew korp tal-konsumaturi, jew permezz ta' awtorità regolatorja. Meta klijent finali jkun konsumatur kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁰, dawn il-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fiha.

¹⁰⁰ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali, l-utenti finali, il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, **b'mod partikolari persuni li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali bħan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-migranti u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi differenti, u l-persuni LGBTIQ+ li jappartjenu wkoll għal kwalunkwe grupp minn dawn li għadhom kemm issemmev** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, **ikollhom** aċċess għal mekkaniżmi barra l-qorti sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim rigward id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, permezz ta' mekkaniżmu indipendenti bħal Ombudsman tal-enerġija jew korp tal-konsumaturi, jew permezz ta' awtorità regolatorja. Meta klijent finali jkun konsumatur kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁰, dawn il-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fiha.

¹⁰⁰ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom **jieħdu** miżuri xierqa biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom **jiżviluppaw** miżuri xierqa **mmirati** biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli, **b'mod partikolari persuni li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni bħan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-migranti u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi differenti, u l-persuni LGBTIQ+ li jappartjenu wkoll għal kwalunkwe grupp minn dawn li għadhom kemm issemmeu** u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jimplementaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 21 fl-Artikolu 8(3), bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jimplementaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u miżuri relatati ta' informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 21 u fl-Artikolu 8(3), bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli, **unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli**, u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku. **L-Istati Membri għandhom jintroduċu strumenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiżguraw li l-persuni f'riskju ta' faqar enerġetiku jkun appoġġati b'miżuri tal-effiċjenza enerġetika.**

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

e) irawmu assistenza teknika għall-atturi soċjali biex jippromwovu l-involviment attiv tal-klijenti vulnerabbli fis-suq tal-enerġija, u bidliet pożittivi fl-imġiba tagħhom tal-konsum tal-enerġija;

Emenda

e) irawmu assistenza teknika għall-atturi soċjali biex jippromwovu l-involviment attiv tal-klijenti vulnerabbli fis-suq tal-enerġija u bidliet pożittivi fl-imġiba tagħhom tal-konsum tal-enerġija; ***għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-involviment tan-nisa, meta jitqies ir-rwol tagħhom bħala aġenti soċjetali tal-bidla, filwaqt li jiġu kkunsidrati x-xejriet tal-ġeneri fil-konsum tal-enerġija;***

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ta' esperti minn diversi setturi bħas-settur tas-saħħa, is-settur tal-bini u s-setturi soċjali biex jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u nazzjonali biex jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-faqar enerġetiku, miżuri li jiġġeneraw soluzzjonijiet sodi fit-tul biex itaffu l-faqar enerġetiku u jiżviluppaw assistenza teknika u għodod finanzjarji xierqa. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw network ta' kompożizzjoni tal-esperti li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u jirrifletti l-perspettivi tan-nies fid-diversità kollha tagħhom.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ta' esperti minn diversi setturi bħas-settur tas-saħħa, is-settur tal-bini u s-setturi soċjali biex jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u nazzjonali biex jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-faqar enerġetiku, miżuri li jiġġeneraw soluzzjonijiet sodi fit-tul ***ugwali għall-ġeneri*** biex itaffu l-faqar enerġetiku u jiżviluppaw assistenza teknika u għodod finanzjarji xierqa. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw network ta' kompożizzjoni tal-esperti li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri, ***jinkludi esperti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri,*** u jirrifletti l-perspettivi tan-nies fid-diversità kollha tagħhom. ***Dan in-network għandu jkollu wkoll l-għan li jindirizza l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, jippromwovi l-iżvilupp ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet sensitivi għall-età, jinċentiva ppjanar tal-enerġija inklużiv fir-rigward tal-ġeneri u jqis l-***

impatti differenti tat-tranżizzjoni tal-enerġija fuq in-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-familji, il-ġenituri waħedhom u l-anzjani.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) jistabbilixxi definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali;

Emenda

a) jistabbilixxi definizzjonijiet nazzjonali, ***f'konformità mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2***, indikaturi u kriterji tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, ***li għandhom jinkludu l-integrazzjoni tal-perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġeneri u intersezzjonali***;

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) jiżviluppa jew itejjeb indikaturi u settijiet tad-data rilevanti, pertinenti għall-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, ***li jenħtieġ li*** jintużaw u jsiru rapporti dwarhom;

Emenda

b) jiżviluppa jew itejjeb indikaturi u settijiet tad-data ***kwalitattivi u kwantitattivi*** rilevanti, ***inkluża data diżaggregata skont il-ġeneri aktar affidabbli u kompluta li tkopri wkoll id-diskriminazzjoni intersezzjonali***, pertinenti għall-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, ***li għandhom*** jintużaw u jsiru rapporti dwarhom. ***Dawk l-indikaturi u d-data għandhom iservu biex jitressqu linji gwida ċari dwar il-ġlieda kontra l-femminizzazzjoni tal-faqar enerġetiku u dwar l-integrazzjoni tal-ġeneri fit-tranżizzjoni tal-enerġija***;

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) jistabbilixxu metodi u miżuri li jiżguraw l-affordabbiltà, il-promozzjoni tan-newtralità tal-kost tal-akkomodazzjoni, jew modi li jiżguraw li l-fondi pubbliċi investiti f'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika jkunu ta' benefiċċju għas-sidien u għall-inkwilini tal-binjiet u tal-unitajiet tal-bini, b'mod partikolari b'rabta mal-klijenti vulnerabbli, mal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u, meta applikabbli, mal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Emenda

c) jistabbilixxu metodi u miżuri li jiżguraw l-affordabbiltà, il-promozzjoni tan-newtralità tal-kost tal-akkomodazzjoni, jew modi li jiżguraw li l-fondi pubbliċi investiti f'miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika ***jinkludu perspettiva tal-ugwaljanza tal-ġeneri u*** jkunu ta' benefiċċju għas-sidien u għall-inkwilini tal-binjiet u tal-unitajiet tal-bini, b'mod partikolari b'rabta ***man-nisa fid-diversità kollha tagħhom u*** mal-klijenti vulnerabbli, mal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u, meta applikabbli, mal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

Emenda 48

**Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jingħata*** l-opportunità ***jipparteċipa*** fit-tnejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiġ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku, ***inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dawk il-gruppi li huma aktar affettwati jew aktar friskju li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, u dawk li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni bħan-nisa, il-persuni akbar fl-età, il-migranti u l-persuni minn sfondi soċjali, razzjali jew etniċi differenti, u l-persuni LGBTIQ+ li jappartjenu wkoll għal kwalunkwe grupp minn dawn li għadhom kemm issem mew jingħataw*** l-opportunità ***li jipparteċipaw*** fit-tnejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiġ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Emenda 49

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-livell xieraq ta' kompetenzi għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li **jikkorrispondu** għall-ħtiġijiet tas-suq. L-Istati Membri b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u/jew skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi xierqa ta' taħriġ, ikunu disponibbli għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika inkluż il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, il-fornituri tal-awditjar tal-enerġija, il-manigġers tal-enerġija, l-esperti indipendenti u l-installaturi tal-elementi tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE, u li dawn ikunu affidabbli u jikkontribwixxu għall-oġġettivi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika u għall-oġġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-livell xieraq **u d-disponibbiltà** ta' kompetenzi għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li **jikkorrispondu** għall-ħtiġijiet tas-suq, **anki permezz tal-użu ta' fondi u programmi nazzjonali u tal-Unjoni biex jappoġġaw b'mod effettiv l-apprendiment tul il-ħajja u t-taħriġ fl-oqsma STEAM, b'mod partikolari fil-qasam tal-inġinerija u speċjalment għan-nisa u l-bniet.** L-Istati Membri b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u/jew skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi xierqa ta' taħriġ **u żvilupp tal-ħiliet, speċjalment għan-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom,** ikunu disponibbli għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika inkluż il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, il-fornituri tal-awditjar tal-enerġija, il-manigġers tal-enerġija, l-esperti indipendenti u l-installaturi tal-elementi tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE, u li dawn ikunu affidabbli u jikkontribwixxu għall-oġġettivi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika u għall-oġġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE **u jkunu bbilanċjati f'termini ta' rappreżentanza tan-nisa u tal-irġiel f'dan is-settur.** L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw aċċess ugwali għan-nisa għal taħriġ dwar l-effiċjenza enerġetika u għal opportunitajiet tax-xogħol emerġenti fis-settur tal-enerġija. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kampanji jew premijiet għan-negozji li jieħdu miżuri eżemplari biex itejbu l-preżenza tan-nisa fl-ekonomija ekoloġika u diġitali u joħlqu inċentivi addizzjonali biex iżidu l-viżibbiltà tan-nisa bħala mudelli eżemplari u jippromwovu l-aċċess tagħhom għal dawn is-setturi fl-universitajiet u fl-impjiegi.

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) opportunitajiet tas-suq u tan-negozju biex jittejjeb l-iffrankar tal-enerġija, bil-għan li tiġi promossa l-intraprenditorija lokali fis-settur tas-servizzi tal-enerġija, b'attenzjoni speċjali għall-intraprendituri nisa;

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 27 – paragrafu 6 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-promozzjoni tar-rwol tal-intraprendituri nisa fil-forniment ta' prodotti, servizzi u pariri.

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, direttament jew permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament u faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'setturi differenti, *filwaqt* li *jipproteġu* u *jagħtu setgħa* lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, inkluż *b'integrazzjoni* ta' perspettiva tal-ugwaljanza biex ħadd ma *jinqata'* lura.

2. Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, direttament jew permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament u faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'setturi differenti, *tistabilixxi finanzjament speċifiku u mmirat* li *jipproteġi* u *jagħti s-setgħa lin-nisa fid-diversità kollha tagħhom*, lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku *jew friskju ta' faqar enerġetiku* u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, inkluż *bl-integrazzjoni* ta' perspettiva tal-ugwaljanza *u tad-diversità tal-ġeneri li*

tinkludi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Emenda 53

Proposta għal direttiva Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li l-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, bħal ipoteki ekoloġiċi u self ekoloġiku, garantiti u mhux garantiti, jiġu offruti b'mod wiesa' u nondiskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u, ikunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont u fuq it-taxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jieħdu sehem fil-finanzjament ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, inkluż il-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi/privati.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li l-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, bħal ipoteki ekoloġiċi u self ekoloġiku, garantiti u mhux garantiti, jiġu offruti b'mod wiesa' u nondiskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u, ikunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi, ***b'mod partikolari għal dawk f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà b'kunsiderazzjoni speċjali għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, meta jitqies r-rwol potenzjali tagħhom bħala aġenti tal-bidla fis-soċjetà.*** L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont u fuq it-taxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jieħdu sehem fil-finanzjament ta' miżuri li jtejbju l-effiċjenza enerġetika, inkluż il-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi/privati.

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 33 – paragrafu 7 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneri ta' din id-Direttiva, li tinkludi d-diskriminazzjoni intersezzjonali;

Emenda 55

Proposta għal direttiva Anness VI – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikunu bbażati fuq data operazzjonali aġġornata, imkejla u traċċabbli fuq il-konsum tal-enerġija u l-profilu tat-tagħbija (għall-elettriku);

Emenda

(a) ikunu bbażati fuq data operazzjonali aġġornata, imkejla u traċċabbli **u, fejn possibbli, diżaggregata skont is-sessi** fuq il-konsum tal-enerġija u l-profilu tat-tagħbija (għall-elettriku);

Emenda 56

**Proposta għal direttiva
Anness VII – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom kontinwament itejbu l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, anki permezz ta' mezzi diġitali, u għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-kontijiet b'mod ċar, konċiż, sinifikanti u aċċessibbli. Għal dan il-għan, huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejbju l-mod kif tinġabar id-data, b'mod partikolari permezz ta' aktar granularità u diżaggregazzjoni b'mod li jifhmu aħjar id-dinamika tas-sistema tal-enerġija, jgħinu biex jitneħħew l-ostakli, anki f'termini ta' ġeneru, u jpoġġu fil-prattika politiki, miżuri u soluzzjonijiet aktar immirati.

Emenda 57

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – punt 1 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Biex l-utenti finali jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin tal-inqas darba fis-sena.

Biex l-utenti finali jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin tal-inqas darba fis-sena.

L-Istati Membri għandhom kontinwament itejbu l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, anki permezz ta' mezzi

diġitali, u għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-kontinuità b'mod ċar, konċiż, sinifikanti u aċċessibbli. Għal dan il-għan, huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejjbu l-mod kif tingābar id-data, b'mod partikolari permezz ta' aktar granularità u diżaggregazzjoni b'mod li jifhemu aħjar id-dinamika tas-sistema tal-enerġija, jgħinu biex jidher l-ostakli, anki f'termini ta' ġeneru, u jpoġġu fil-prattika politiki, miżuri u soluzzjonijiet aktar immirati.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 21.10.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Alice Kuhnke 7.12.2021
Eżami fil-kumitat	10.2.2022
Data tal-adozzjoni	10.5.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Christine Anderson, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Rosa Estaràs Ferragut, Frances Fitzgerald, Helène Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Livia Járóka, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Radka Maxová, Karen Melchior, Maria Noichl, Sandra Pereira, Pina Picierno, Sirpa Pietikäinen, Samira Rafaela, Evelyn Regner, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Christine Schneider, Sylwia Spurek, Jessica Stegrud, Hilde Vautmans, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Chrysoula Zacharopoulou, Marco Zullo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

29	+
PPE	Isabella Adinolfi, Maria da Graça Carvalho, Rosa Estaràs Ferragut, Frances Fitzgerald, Arba Kokalari, Sirpa Pietikäinen, Christine Schneider, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Renew	Karen Melchior, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans, Chrysoula Zacharopoulou, Marco Zullo
S&D	Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Radka Maxová, Maria Noichl, Pina Picierno, Evelyn Regner
The Left	Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Alice Kuhnke, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek

4	-
ECR	Jessica Stegrud, Margarita de la Pisa Carrión
ID	Christine Anderson, Annika Bruna

1	0
NI	Livia Járóka

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)		
Referenzi	COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	15.7.2021		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021		
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021	TRAN 11.11.2021	FEMM 21.10.2021
Rapporteurs Data tal-ħatra	Niels Fuglsang 28.9.2021		
Eżami fil-kumitat	3.3.2022	20.4.2022	
Data tal-adozzjoni	13.7.2022		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	50 7 13	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Jerzy Buzek, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Jens Geier, Nicolás González Casares, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Eva Kaili, Seán Kelly, Łukasz Kohut, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Marisa Matias, Iskra Mihaylova, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaeß, Ville Niinistö, Mauri Pekkarinen, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Markus Pieper, Sira Rego, Robert Roos, Sara Skytvedal, Maria Spyraiki, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Carlos Zorrinho		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Pascal Arimont, Tiziana Beghin, Franc Bogovič, Andreas Glück, Klemen Grošelj, Adriana Maldonado López, Sandra Pereira, Bronis Ropé, Ernő Schaller-Baross, Jordi Solé, Marion Walsmann		
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Biljana Borzan, Rosanna Conte, Erik Marquardt, Liudas Mažylis, Matjaž Nemec, Antonio Maria Rinaldi, Christel Schaldemose, Alexandr Vondra		
Data tat-tressiq	26.7.2022		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

50	+
NI	Tiziana Beghin
PPE	Pascal Arimont, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Franc Bogovič, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Liudas Mažylis, Sara Skyttedal, Maria Spyrali, Riho Terras, Henna Virkkunen, Marion Walsmann
RENEW	Andrus Ansip, Nicola Danti, Claudia Gamon, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Morten Petersen
S&D	Biljana Borzan, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Ivo Hristov, Romana Jerković, Eva Kaili, Łukasz Kohut, Adriana Maldonado López, Matjaž Nemeč, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Christel Schaldemose, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
THE LEFT	Marisa Matias
VERTS/ALE	Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Henrike Hahn, Erik Marquardt, Niklas Nienaa, Ville Niinistö, Bronis Ropé, Jordi Solé, Marie Toussaint

7	-
ECR	Zdzisław Krasnodębski, Robert Roos, Grzegorz Tobiszowski, Alexandr Vondra
ID	Markus Buchheit
NI	Ernő Schaller-Baross
RENEW	Mauri Pekkarinen

13	0
ID	Matteo Adinolfi, Paolo Borchia, Rosanna Conte, Antonio Maria Rinaldi, Isabella Tovaglieri
PPE	Jerzy Buzek, Angelika Niebler, Markus Pieper
RENEW	Nicola Beer, Andreas Glück
THE LEFT	Marc Botenga, Sandra Pereira, Sira Rego

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni